

Brussell, 23 ta' Novembru 2023  
(OR. en)

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2023/0431(NLE)**

---

---

15753/23  
ADD 1

ECOFIN 1241  
FIN 1203  
UEM 396

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Novembru 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 748 final
Suġġett:	ANNES tal-proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (15447/22 INIT; ST 15447/22 ADD 1) tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-reżiljenza għall-Ungerija

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 748 final.

Mehmuż: COM(2023) 748 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 23.11.2023  
COM(2023) 748 final

ANNEX

ANNEX

*tal-*

**proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) (15447/22 INIT; ST 15447/22 ADD 1)  
tal-15 ta' Diċembru 2022 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru r-  
reżiljenza għall-Ungerija**

{SWD(2023) 384 final}

## L-ANNESS

### **SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA**

#### **1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti**

##### **A. IL-KOMPONENT 1: ID-DEMOGRAFIJA U L-EDUKAZZJONI PUBBLIKA**

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija jindirizza l-isfidi relatati mal-aċċess inklużiv għall-edukazzjoni skolastika ta' kwalità, l-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, u l-iżviluppi demografiċi usa' li qed jiffaċċjaw l-ekonomija, il-finanzi pubbliċi u s-soċjetà Ungeriża.

L-għanijiet ewlenin tal-komponent huma li:

- jittejjeb l-aċċess għall-edukazzjoni skolastika ta' kwalità billi t-fal tal-iskola u l-għalliema jingħataw l-apparat meħtieġ biex jipparteċipaw fl-edukazzjoni diġitali moderna, u billi jiġu żviluppanti l-ħiliet diġitali tagħhom;
- tiżdied il-parteċipazzjoni ta' tfal tal-iskola żvantaġġati u studenti bi ħtiġijiet edukattivi speċjali fl-edukazzjoni ġenerali ta' kwalità;
- jitnaqqas ir-riskju ta' segregazzjoni fl-iskejjel;
- tiżdied l-attrattività tal-professjoni tat-tagħlim u jissaħħaħ is-sett ta' ħiliet tal-għalliema u tal-manigiers tal-iskejjel;
- jitjeb l-aċċess għall-edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal biex jonqsu l-inugwaljanzi soċjali u tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol; u għal
- tiġi promossa s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju u twil u l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet.

Il-komponent jinkludi miżuri li jirriflettu prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u t-tagħlim tul il-ħajja, dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u dwar l-indukrar tat-tfal u l-appoġġ għalihom. Il-komponent jappoġġa wkoll it-tranżizzjoni diġitali billi jżid il-kapaċitajiet diġitali fl-edukazzjoni pubblika u billi jtejjeb il-ħiliet diġitali tal-istudenti u tal-għalliema. L-enfasi fuq it-tnaqqis tas-segregazzjoni fl-iskejjel tikkontribwixxi għall-koeżjoni soċjali. Il-komponent jikkontribwixxi wkoll għat-tranżizzjoni ekoloġika, billi l-iżviluppi tal-infrastruttura ppjanati għandhom japplikaw standards għolja ta' effiċjenza fl-enerġija.

Il-komponent huwa konformi mal-istrateġija tal-edukazzjoni pubblika tal-Ungerija mħejjija għall-perjodu 2021–2030, mal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Ungerija, mal-Istrateġija Nazzjonali għall-Enerġija 2030 u mal-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp Nadif.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-ħtieġa li titkompla l-integrazzjoni tal-aktar gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-titjib tal-eżiti tal-edukazzjoni u ż-żieda fil-parteċipazzjoni ta' gruppi żvantaġġati, b'mod partikolari r-Rom fl-edukazzjoni formali ta' kwalità (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2019 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2022), biex il-politika ekonomika relatata mal-investment tiffoka fuq l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019), biex jiġi żgurat aċċess għal servizzi essenzjali u edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020), u biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u l-infrastruttura diġitali għall-iskejjel (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019). Jikkontribwixxi wkoll biex

tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż biex tittejjeb is-sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet, filwaqt li tiġi ppreservata l-adegwatezza b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-introjtu (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **C1.R1: L-iżvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu<sup>tat-teknoloġija</sup> tas-seklu 21**

L-oġettiv tar-riforma huwa li tiġi appoġġata t-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni pubblika billi tiżdied id-disponibbiltà u l-użu ta' apparat u għodod diġitali mill-għalliema u t-tfal tal-iskola, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni sistematika tal-metodi ta' taġħlim u apprendiment diġitali fil-proċess edukattiv. Ir-riforma għandu jkollha wkoll l-għan li tikkontribwixxi għat-titjib tar-riżultati tal-edukazzjoni b'mod inklużiv, tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u, b'mod aktar wiesa', tiżgura d-disponibbiltà ta' forza tax-xogħol kompetittiva fil-futur.

Skont din il-miżura, l-apparat diġitali modern għandu jkun disponibbli għall-għalliema, għat-tfal tal-iskola u għall-iskejjel. Għandhom jinxtrow notebooks diġitali (standard u tat-tip 2-l-1) u jiġu kkonsenjati lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika, biex jintużaw mill-istudenti fil-Livelli Ħamsa u Disgħa u biex jintużaw mill-għalliema u biex l-iskejjel jiżviluppaw il-klassijiet tal-IT tagħhom, matul is-snin akkademiċi 2021/2022, 2022/2023, 2023/2024 u 2024/2025. B'kollox, sa tmiem il-programm ta' erba' snin, mill-inqas 579 000 notebook diġitali għandhom jinxtrow u jiġu kkonsenjati taħt din il-miżura, u mill-inqas 55 000 minnhom għandhom jiġu pprovdoti għall-għalliema u mill-inqas 10 000 lill-iskejjel biex jiżviluppaw il-klassijiet tal-IT tagħhom. It-tfal tal-iskola għandhom ikunu jistgħu jżommu n-notebooks sakemm itemmu l-edukazzjoni skolastika tagħhom u wara jgħadduhom lill-koorti l-ġodda.

Għad-distribuzzjoni tan-notebooks diġitali, għandha tingħata prijorità lit-tfal tal-iskola żvantaġġati u lill-għalliema fl-iskejjel b'sehem ta' tfal tal-iskola żvantaġġati ogħla mill-medja. Għandha tiġi żviluppata u ppubblikata strateġija ta' ttestjar tal-mezzi għall-allokazzjoni tan-notebooks diġitali lit-tfal tal-iskola. L-istrateġija għandha tispeċifika, fost l-oħrajn, li t-tfal tal-iskola bi sfond żvantaġġat u mingħajr notebook diġitali għandu jkollhom l-ogħla prijorità biex jirċievu tali apparat. It-tfal tal-iskola żvantaġġati żvantaġġati huma definiti fil-paragrafu (1), it-Taqsima 67/A tal-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal (XXXI/1997).

Barra minn hekk, mill-inqas 3 100 skola għandhom jingħataw għodod u apparat interattiv ta' wiri biex jiżviluppaw il-kreattività u l-kapaċità tat-tfal tal-iskola li jsolvu l-problemi u l-kompetenzi algoritmiċi u ta' programmazzjoni tagħhom, bħal robots, droni u kompjuters speċjali. L-iskejjel li joperaw f'reġjuni żvantaġġati u skejjel b'sehem għoli ta' ta' tfal tal-iskola bi sfond żvantaġġat għandhom jingħataw prijorità fit-tixrid ta' dawk li jappoġġjaw it-tagħmir tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT). L-għalliema għandhom jirċievu taħriġ immirat dwar kif jużaw l-apparat diġitali u għandu jkollhom aċċess għal helpdesk tal-IT.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha twassal għal mill-inqas 45 % tal-għalliema li jużaw Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni f'mill-inqas 40 % tal-klassijiet tagħhom (meta mqabbel ma' 33 % tal-għalliema fl-2019).

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C1.I1: Titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell**

L-objettiv tal-miżura huwa li ttejjeb l-aċċess tal-istudenti għal edukazzjoni ta' kwalità fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell u tindirizza l-isfidi relatati man-nuqqas ta' għalliema f'insedjamenti żgħar.

Il-miżura għandha tiġi implimentata f'approċċ gradwali. Bħala l-ewwel pass, għandu jitwettaq immappjar mal-pajjiż kollu tan-network tal-iskejjel bl-għan li jiġu identifikati u jintgħażlu l-iskejjel għall-implimentazzjoni tal-integrazzjoni ta' klassijiet sekondarji bi prestazzjoni baxxa fi skejjel akbar fl-insedjamenti ġirien. L-immappjar għandu jkun ibbażat fuq evidenza u dijanjożi tal-ħtiġijiet u għandu jitwettaq b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (b'mod partikolari l-istudenti u l-ġenituri tagħhom, l-għalliema, il-persunal tal-iskola, il-komunitajiet u l-gvernijiet lokali). Dan għandu jwassal għall-għażla ta' mill-inqas 5–10 skejjel sekondarji tal-ewwel livell tal-Istat biex jiġu integrati fi skejjel ospitanti akbar, bħala parti minn fażi pilota. L-immappjar għandu jivvaluta l-impatt tal-integrazzjoni tal-iskejjel fuq il-kompożizzjoni tal-istudenti, ir-riskju ta' segregazzjoni, l-għadd ta' għalliema u persunal, il-prestazzjoni skolastika, l-eżiti tat-tagħlim, ir-rati ta' tlestija, is-sehem ta' studenti b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola, il-post tal-iskejjel, il-profilu tal-iskejjel u l-ħtiġijiet futuri mistennija fir-rigward tal-iżviluppi demografiċi. Fir-rigward tal-iskejjel ospitanti, għandhom jitqiesu l-proprjetajiet fiżiċi tal-bini u l-infrastruttura tiegħu, fost kriterji oħra. L-iskejjel ospitanti ma għandhomx joperaw bħala skejjel tal-borders għat-tfal tal-iskola l-ġodda.

Fit-tieni pass, il-klassijiet sekondarji tal-ewwel livell f'mill-inqas ħames skejjel tal-Istat għandhom jiġu integrati fi skejjel ospitanti akbar f'insedjamenti ġirien, bħala parti minn fażi pilota. L-iskejjel ospitanti magħżula għandha tintegra klassijiet sekondarji tal-ewwel livell minn skejjel żgħar fejn l-edukazzjoni ta' kwalità ma tistax tiġi żgurata b'mod effiċjenti. L-għadd ta' għalliema u persunal għandu jkun xieraq fl-iskejjel ospitanti biex jakkomodaw it-tfal tal-iskola l-ġodda u l-għalliema u l-persunal għandhom jirċievu taħriġ fil-pedagoġija inklużiva. Il-ħtiġijiet tal-ivvjaġġar lejn l-iskejjel u lura u tal-akkomodazzjoni relatati mal-miżura għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat. Il-proċess ta' integrazzjoni ma għandux iwassal għal żieda fis-segregazzjoni fl-iskejjel ospitanti. L-iskejjel ospitanti ma għandhomx joperaw bħala skejjel tal-borders għat-tfal tal-iskola l-ġodda.

Fl-aħħar pass, ir-riżultati tar-riorganizzazzjonijiet istituzzjonali pilota u r-rakkomandazzjonijiet korrispondenti u l-linji gwida ta' implimentazzjoni għandhom jiġu inklużi f'rapport disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-rapport u l-immappjar, klassijiet sekondarji tal-ewwel livell addizzjonali f'mill-inqas 30 skola għandhom jiġu integrati b'mod effettiv fi skejjel ospitanti akbar f'insedjamenti ġirien.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

### **C1.I2: Appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali**

L-għan ta' dan l-investment huwa li titjeb il-kwalità tas-servizzi speċjalizzati pprovduti lill-iskejjel li jintegraw lill-istudenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali, lil dawk fil-kura fit-tul u lit-tfal li jeħtieġu servizzi pedagoġiċi speċjalizzati. B'hekk, l-implimentazzjoni ta' dan l-investment hija mistennija li tikkontribwixxi għat-titjib tal-eżiti tat-tagħlim tal-istudenti, it-tnaqqis tar-riskju ta' tluq bikri mill-iskola u l-appoġġ lill-istudenti biex jirnexxu fil-ħajja adulta u jaħdmu fis-suq tax-xogħol.

L-investment għandu jkun immirat lejn skejjel bi studenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali, dawk fil-kura fit-tul u t-tfal li jeħtieġu servizzi pedagoġiċi speċjalizzati għalihom infushom jew għan-network ta' appoġġ tagħhom, inklużi l-ġenituri, l-għalliema u l-persunal edukattiv tat-tagħlim. L-immappjar tal-ħtiġijiet għat-tagħmir, is-servizzi u l-għalliema tal-edukazzjoni

speċjali għandu jitħejja u jiġi ppubblikat abbażi tal-pjanijiet ta' żvilupp individwali tal-iskejjel. Abbażi ta' dan l-immappjar, l-investment għandu jipprovdi servizzi edukattivi speċjalizzati, inkluż appoġġ għall-iżvilupp bikri, id-dijanostika tal-kumitati esperti, il-konsulenza dwar l-edukazzjoni u l-gwida għall-karriera, l-edukazzjoni fiżika, it-terapija tat-taħdit, l-edukazzjoni konduttiva, il-psikoloġija skolastika tal-kindergarten u l-kura tat-tfal bi bżonnijiet speċjali. L-appoġġ għandu jinkludi wkoll, kif xieraq għas-sitwazzjoni tal-iskejjel ikkonċernati: (i) servizzi mtejba kemm għall-għalliema/persunal kif ukoll għall-istudenti, b'mod partikolari appoġġ imtejjeb għall-mobbiltà, kiri ta' tagħmir, servizzi ta' trasport fl-iskejjel, taħriġ, kondivizzjoni tal-għarfien u programmi ta' aċċettazzjoni soċjali, u (ii) xiri ta' tagħmir ta' aċċessibbiltà fiżika u tal-ICT, għodod ta' żvilupp, tagħmir mediku u tekniku speċjali, vetturi elettriċi ġenerali u adattati għall-forniment ta' servizzi.

Skont din il-miżura, mill-inqas 50 % tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni speċjali (skejjel bi studenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali, dawk f'kura fit-tul u tfal li jeħtieġu servizzi pedagoġiċi speċjalizzati) li jiffunzjonaw matul is-sena skolastika 2025/2026 għandhom ikunu rċevew appoġġ għall-edukazzjoni ta' tfal tal-iskola bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali, dawk fil-kura fit-tul u t-tfal li jeħtieġu servizz pedagoġiku speċjalizzat. B'risultat ta' dan, mill-inqas 45 000 student għandhom jibbenefikaw minn kwalità mtejba ta' servizzi speċjalizzati. Barra minn hekk, mill-inqas 5 000 għalliem tal-edukazzjoni speċjali għandhom jirċievu taħriġ dedikat dwar l-iżvilupp tal-kompetenzi u l-użu professjonali ta' proċeduri dijanostiċi u għodod meħtieġa biex jaħdmu ma' studenti bi ħtiġijiet ta' edukazzjoni speċjali, dawk fil-kura fit-tul u t-tfal li jeħtieġu servizzi pedagoġiċi speċjalizzati.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2026.

### **C1.R2: Tnaqqis tar-riskju ta' segregazzjoni fl-iskejjel**

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jiġi appoġġat aċċess ugwali għal edukazzjoni skolastika ta' kwalità għolja u li titnaqqas is-segregazzjoni fl-iskejjel.

Il-miżura għandha tikkonsisti fl-adozzjoni ta' leġislazzjoni għat-tnaqqis tal-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell (Livelli minn 1 sa 8) bi proporzjon baxx ta' studenti żvantaġġati. Skont il-leġislazzjoni l-ġdida, l-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell (kemm skejjel tal-Istat kif ukoll skejjel mhux tal-Istat li jirċievu finanzjament mill-Istat) li jiffunzjonaw f'insedjamenti b'diversi skejjel għandu jitnaqqas b' 10 % jekk il-proporzjon ta' studenti żvantaġġati f'dawk l-iskejjel ikun inqas mill-proporzjon medju fl-insedjament fejn l-iskola tkun tinsab b'aktar minn (i) 20 punti perċentwali fil-bidu tas-snin skolastiċi 2023/2024 u 2024/2025 u (ii) 15-il punt perċentwali fil-bidu tas-sena skolastika 2025/2026 u tas-snin sussegwenti. Id-dispożizzjonijiet leġislattivi għandhom jiġu applikati mis-sena skolastika 2023/2024 u t-tnaqqis tal-appoġġ mill-Istat għandu japplika għal sena kalendarja sħiħa.

Għandu jiġi ppubblikat rapport li juri li ġiet applikata l-leġislazzjoni l-ġdida li tippredvi t-tnaqqis tal-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell bi proporzjon baxx ta' studenti żvantaġġati. Ir-rapport għandu jippreżenta r-risultati inizjali tal-implimentazzjoni fl-iskejjel ikkonċernati matul is-snin skolastiċi 2023/2024 u 2024/2025 u l-bidu tas-sena skolastika 2025/2026 kif ukoll l-impatt f'termini ta' distribuzzjoni ta' studenti żvantaġġati fl-insedjamenti fejn dawk l-iskejjel huma bbażati (inklużi l-insedjamenti tal-madwar). Ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-qafas legali u għat-titjib tal-effettività tiegħu fit-tnaqqis tar-riskju ta' segregazzjoni fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

### **C1.R3: Titjib fl-attrawenza tal-professjoni tat-tagħlim**

L-objettiv tar-riforma huwa li ttejjeb l-attrattività tal-professjoni tat-tagħlim u tnaqqas in-nuqqas ta' għalliema, u b'hekk tikkontribwixxi għal edukazzjoni skolastika ta' kwalità għolja għal kulħadd.

Il-miżura għandha tikkonsisti fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li skontha l-paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika li jkollhom lawrja terzjarja (esklużi dawk li jgħallmu fil-qasam tal-edukazzjoni vokazzjonali) għandha tilħaq gradwalment mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji fl-2025 u għandha tinżamm f'livell ta' mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji sa mill-inqas l-31 ta' Diċembru 2030.

Il-leġiżlazzjoni l-għdida għandha tinkludi wkoll dispożizzjonijiet li skonthom il-paga tal-għalliema li jaħdmu fl-iskejjel bi proporzjon ta' tfal tal-iskola żvantaġġati ta' mill-inqas 10 % (u li tiddefinixxi metodi pedagoġiċi speċjali għall-edukazzjoni inklużiva fil-programmi pedagoġiċi tagħhom) jew f'insedjamenti żvantaġġati hija oġhla b'mill-inqas 12.5 % meta mqabbla mal-paga ta' għalliema oħra bl-istess kwalifika u esperjenza, mill-1 ta' Jannar 2023 u mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2030. Barra minn hekk, iż-żieda fil-pagi fl-2025 għall-għalliema fil-livell inizjali għandha tkun ta' 10 punti perċentwali oġhla miż-żieda medja fil-pagi għall-għalliema kollha fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika f'dik is-sena filwaqt li ż-żidiet annwali fil-pagi tagħhom għandhom ikunu mill-inqas l-istess bħaż-żieda annwali medja fil-pagi għall-għalliema kollha fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2030.

L-abbozz ta' leġiżlazzjoni li jħaddan l-approċċ imsemmi hawn fuq biex jiżiedu l-pagi tal-għalliema għandu jkun soġġett għal djalogu soċjali sinifikanti mal-akbar trade unions tal-għalliema.

Il-finanzjament għall-implimentazzjoni tar-riforma għandu jiġi pprovdut esklużivament mill-baġit nazzjonali u mill-fondi tal-UE (FSE +). L-ebda kost assoċjat ma' din il-miżura ma huwa inkluż fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C1.I3: Taħriġ tal-għalliema u titjib tal-ħiliet maniġerjali tal-kapijiet tal-istituzzjonijiet**

L-għan tal-miżura huwa doppju: li tiżdied il-provvista ta' għalliema f'suġġetti li għalihom hemm domanda kbira u li jittejjbu l-ħiliet maniġerjali tal-kapijiet u l-viċi kapijiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika.

Skont din il-miżura, 5 000 għalliem fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell u tat-tieni livell għandhom jirċievu taħriġ biex jiksbu speċjalizzazzjoni u ċertifikati addizzjonali biex jgħallmu oqsma ta' studju b'domanda għolja (b'mod partikolari l-fiżika, il-kimika, il-matematika u l-edukazzjoni diġitali). It-taħriġ għandu jiġi organizzat fil-format ta' korsijiet ta' edukazzjoni għolja b'żewġ u erba' semestri. Barra minn hekk, madwar 3 000 kap u viċi kap tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika għandhom jirċievu taħriġ speċjalizzat dwar il-ġestjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni. L-għalliema u l-impjegaturi tagħhom għandhom jikkonkludu kuntratt ta' taħriġ.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C1.I4: Ħolqien ta' faċilitajiet ġodda għall-indukrar tat-tfal**

L-objettiv tal-investment huwa li tizzied id-disponibbiltà tal-edukazzjoni bikrija tat-tfal billi jinħolqu postijiet ġodda għall-indukrar tat-tfal. Din il-miżura hija mistennija li tikkontribwixxi għal rati oġhla ta' impjeg fost il-ġenituri, b'mod partikolari n-nisa, u b'hekk tikkontribwixxi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-inklużjoni soċjali. Il-miżura hija mirfuda bi sħarriġ riċenti li juri domanda għal 12 000 faċilità għall-indukrar tat-tfal apparti kemm dawk eżistenti kif ukoll dawk li qed jitħejjew bħalissa.

Skont din il-miżura, għandhom jinħolqu mill-inqas 3 984 post ġdid għall-indukrar tat-tfal madwar l-Ungerija f'binjiet kompletament ġodda jew billi jiġu estiżi dawk eżistenti. L-investment għandu jinkludi wkoll tagħmir awżiljarju u infrastruttura bħal tagħmir tal-klasi, għamara, parks tal-logħob u parkeġġ tar-roti. Il-kostruzzjoni ta' binjiet ġodda għandu jkollha domanda għall-enerġija primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija. B'riżultat tal-investment, mill-inqas 3 984 tifel u tifla għandhom jiġu rreġistrati fil-postijiet il-ġodda.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

#### **C1.R4: Titjib fis-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet**

L-objettiv tar-riforma huwa li tippromwovi s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju u fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet tal-Ungerija u li tikkontribwixxi biex ittawwal il-ħajja tax-xogħol, filwaqt li ssaħħaħ l-adeqwatezza tal-pensjonijiet imħallsa lill-pensjonanti b'introjtu baxx. Sa fejn ikun meħtieġ, ir-riforma għandha tintroduċi mekkaniżmi ta' bbilanċjar awtomatiċi fis-sistema tal-pensjonijiet u bidliet parametriċi oħra.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn:

- a. Il-pubblikazzjoni ta' rapport espert internazzjonali indipendenti dwar l-għażliet ta' politika biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' sostenibbiltà fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet tal-Ungerija. Ir-rapport għandu jipprovi dijanjożi dwar is-sistema tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà finanzjarja tagħha, u jressaq proposti ta' politika konkreti biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali fuq terminu medju u twil tas-sistema tal-pensjonijiet permezz ta' miżuri ta' dħul xierqa u mekkaniżmi awtomatiċi ta' bbilanċjar, u billi tiġi kkontrollata ż-żieda fin-nefqa prevista tal-pensjonijiet bħala perċentwal tal-PDG sal-2070 meta mqabbla mal-aħħar projezzjonijiet tar-Rapport dwar it-Tixjiħ, filwaqt li tiġi ppreservata l-adeqwatezza, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fl-introjtu.
- b. It-tħejjija mill-gvern ta' proposta ta' politika biex tiġi emendata s-sistema tal-pensjonijiet. Bħala parti mit-tħejjija, il-proposta ta' politika għandha tiġi kkonsultata mas-sħab soċjali u ekonomiċi u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, ippreżentata u diskussa fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Tixjiħ tal-Kumitat tal-Politika Ekonomika, u ppreżentata għal konsultazzjoni pubblika.
- c. It-tħejjija mill-gvern ta' proposta leġislattiva għall-emenda tas-sistema tal-pensjonijiet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt dettaljata. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha turi kif il-proposta leġislattiva tiżgura s-sostenibbiltà fiskali fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet permezz ta' miżuri xierqa u mekkaniżmi ta' bbilanċjar awtomatiċi possibbli, u billi titrażżan iż-żieda fin-nefqa prevista fuq il-pensjonijiet bħala perċentwal tal-PDG sal-2070 meta mqabbla mal-aħħar projezzjonijiet tar-Rapport dwar it-Tixjiħ. Il-valutazzjoni tal-impatt għandha tkun ibbażata fuq is-suppożizzjonijiet komuni dwar il-projezzjonijiet makroekonomiċi u demografiċi tal-aħħar Rapport dwar it-Tixjiħ.

d. Id-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni li temenda s-sistema tal-pensjonijiet abbażi tal-proposta leġislattiva tal-gvern.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

**A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru ta' warajh	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
1	C1.R1 Żvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu tat-teknoloġija tas-seklu 21	Tal-UE	Għadd ta' kompjuters notebook addizzjonali kkonsenjati biex jintużaw mill-istudenti u mill-għalliema		Għadd	0	120 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	Għandhom jinxtrow mill-inqas 120 000 notebook diġitali (standard u tat-tip 2-l-1) u jiġu kkonsenjati fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni skolastika, biex jintużaw mit-tfal tal-iskola fil-Livelli Disgħa (biex jitgħallmu) u biex jintużaw mill-għalliema (biex jgħallmu), biex l-iskejjel jiżviluppaw il-klassijiet tal-IT tagħhom u għaċ-ċentru amministrattiv tal-iskola (Klebersberg Központ). In-notebooks għandhom jiġu kkonsenjati matul is-sena skolastika 2021/2022. It-tfal tal-iskola għandhom ikunu jistgħu jżommu n-notebooks sakemm itemmu l-edukazzjoni skolastika tagħhom u wara jgħadduhom lill-koorti l-ġodda. Mill-inqas 90 % tas-sehem tal-istudenti li jirċievu apparat tal-ICT personali għandu jkun fost it-tfal tal-iskola żvantaġġati. Mill-inqas 90 % tas-sehem tal-għalliema li jirċievu apparat tal-ICT personali għandu jkun fost l-għalliema li japplikaw għal apparat fi skejjel b'seħem ta' tfal tal-iskola żvantaġġati oġhla mill-medja u fost l-għalliema li japplikaw għal apparat li ma jkunu rċevew l-ebda apparat tal-ICT personali fit-tliet snin skolastiċi ta' qabel is-sena skolastika 2021/2022.
2	C1.R1 Żvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu tat-teknoloġija tas-seklu 21	Stadju importanti	Żvilupp ta' strateġija ta' ttestjar tal-mezzi għall-allokazzjoni tan-notebooks diġitali lit-tfal tal-iskola.		Pubblikazzjoni tal-istrateġija.			IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Għandha tiġi żviluppata u ppubblikata strateġija ta' ttestjar tal-mezzi għall-allokazzjoni tan-notebooks diġitali lit-tfal tal-iskola. L-istrateġija għandha tispeċifika, fost l-oħrajn, li t-tfal tal-iskola bi sfond żvantaġġat u mingħajr notebook diġitali għandu jkollhom l-oġhla prijorità biex jirċievu tali apparat.

3	C1.R1 Żvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu tat-teknoloġija tas-seklu 21	Tal-UE	Sehem ta' għalliema li jużaw Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni f'mill-inqas 40 % tal-lezzjonijiet tagħhom		%	33	35	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Is-sehem ta' għalliema fl-edukazzjoni pubblika, li jużaw Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni f'mill-inqas 40 % tal-lezzjonijiet tagħhom, għandu jiżdied għal mill-inqas 35 % sal-31 ta' Diċembru 2023. Id-data tal-linja bażi hija għall-2019 (sors: KIR-STAT).
4	C1.R1 Żvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu tat-teknoloġija tas-seklu 21	Tal-UE	Għadd ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika mgħammra b'għodod moderni ta' wiri u għodod li jiżviluppaw il-kreattività u l-kapaċità tal-istudenti li jsoġvu l-problemi		Għadd	0	3 100	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Mill-inqas 3 100 istituzzjoni tal-edukazzjoni skolastika għandhom jiġu mgħammra b'għodod moderni ta' wiri (panel interattiv) u apparat li jtejjeb il-kreattività u l-ħiliet tal-istudenti li jsoġvu l-problemi, bħal robots programmabbli, mikroċirkwiti programmabbli, u droni. It-tgħammir ta' skejjet b'seħem għoli ta' studenti żvantaġġati għandu jingħata prijorità.
5	C1.R1 Żvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu tat-teknoloġija tas-seklu 21	Tal-UE	Għadd ta' notebooks diġitali addizzjonali kkonsenjati biex jintużaw mill-istudenti u mill-għalliema		Għadd	120 000	579 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	Meta wieħed iqis l-istrateġija għall-ittejtjar tal-mezzi msemmija fl-istadju importanti 2, għandhom jinxtraw notebooks diġitali (standard u tat-tip 2-l-1) u jiġu kkonsenjati lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika, biex jintużaw mill-istudenti fil-Livelli Ħamsa (Sitta fis-sena skolastika 2022/2023) u Disgħa u biex jintużaw mill-għalliema u biex l-iskejjet jiżviluppaw il-klassijiet tal-IT tagħhom, matul is-snin skolastiċi 2022/2023, 2023/2024 u 2024/2025 bħala parti mill-programm ta' erba' snin. B'kollox, sa tmiem il-programm ta' erba' snin (is-sena skolastika 2024/2025), mill-inqas 579 000 notebook diġitali għandhom jinxtraw u jiġu kkonsenjati taħt din il-miżura, u mill-inqas 55 000 minnhom għandhom jiġu pprovduti għall-għalliema u mill-inqas 10 000 lill-iskejjet biex jiżviluppaw il-klassijiet tal-IT tagħhom. It-tfal tal-iskola għandhom ikunu jistgħu jżommu n-notebooks sakemm itemmu l-edukazzjoni skolastika tagħhom u wara jgħaddhom lill-koorti l-ġodda.

6	C1.R1 Żvilupp ta' edukazzjoni pubblika kompetittiva bl-użu tat-teknoloġija tas-seklu 21	Tal-UE	Sehem ta' għalliema li jużaw Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni f'mill-inqas 40 % tal-lezzjonijiet tagħhom		%	35	45	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Is-sehem ta' għalliema fl-edukazzjoni pubblika, li jużaw Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni f'mill-inqas 40 % tal-lezzjonijiet tagħhom, għandu jżied għal mill-inqas 45 % sat-30 ta' Ġunju 2026. Għandu jiġi ppubblikat rapport li jivvaluta l-użu ta' soluzzjonijiet diġitali fl-iskejjel mill-għalliema u t-tfal tal-iskola. Ir-rapport għandu juża, fost l-oħrajn, id-data prodotta mill-KIR-STAT dwar is-sehem tal-għalliema fl-edukazzjoni pubblika, li jużaw it-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni fil-klassijiet tagħhom u d-data mill-istħarriġ TALIS tal-OECD.
7	C1.I1 Titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell	Stadju importanti	Immappjar tan-network tal-iskejjel bil-ħsieb li jintgħażlu skejjel għall-integrazzjoni ta' klassijiet żgħar tas-sekondarja tal-ewwel livell fi skejjel akbar fl-insedjamenti ġirien	Pubblikazzjoni tal-immappjar				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Għandu jitwettaq immappjar mal-pajjiż kollu tan-network tal-iskejjel bl-għan li jiġu identifikati u jintgħażlu l-iskejjel għall-integrazzjoni ta' klassijiet sekondarji tal-ewwel livell żgħar fi skejjel akbar fl-insedjamenti ġirien. L-immappjar għandu jkun ibbażat fuq l-evidenza u d-dijanjożi tal-ħtiġijiet u għandu jitwettaq b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (b'mod partikolari l-istudenti u l-ġenituri tagħhom, l-għalliema, il-persunal tal-iskejjel, il-komunitajiet u l-gvernijiet lokali) biex jintgħażlu mill-inqas 5–10 skejjel sekondarji tal-ewwel livell tal-Istat biex jiġu integrati fi skejjel ospitanti akbar, bħala parti minn fażi pilota. L-immappjar għandu jivvaluta l-impatt tal-integrazzjoni tal-iskejjel fuq il-kompożizzjoni tal-istudenti, ir-riskju ta' segregazzjoni, l-għadd ta' għalliema u persunal, il-prestazzjoni skolastika, l-eżiti tat-tagħlim, ir-rati ta' tlestija, is-sehem ta' studenti b'riskju għoli ta' tluq bikri mill-iskola, il-post tal-iskejjel, il-profilu tal-iskejjel u l-ħtiġijiet futuri mistennija fir-rigward tal-iżvilupp demografiku. Fir-rigward tal-iskejjel ospitanti, għandhom jitqiesu l-proprjetajiet fiżiċi tal-bini u l-infrastruttura tiegħu, fost kriterji oħra. L-immappjar għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.
8	C1.I1 Titjib tal-aċċess għal	Tal-UE	Implimentazzjoni ta' riorganizzazzjonijiet		Għadd	0	5	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	Klassijiet sekondarji tal-ewwel livell f'mill-inqas 5 skola miżmuma mill-Istat għandhom jiġu integrati b'mod effettiv fi skejjel ospitanti akbar

	edukazzjoni ta' kwalità fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell		istituzzjonali pilota għall-integrazzjoni ta' klassijiet sekondarji tal-ewwel livell żgħar fi skejjel akbar fl-insedjamenti ġirien							f'insedjamenti ġirien, bħala parti minn fażi pilota. L-iskola ospitanti magħżula għandha tintegra klassijiet sekondarji tal-ewwel livell minn skejjel żgħar fejn l-edukazzjoni ta' kwalità ma tistax tiġi żgurata b'mod effiċjenti. L-għadd ta' għalliema u persunal għandu jkun xieraq fl-iskejjel ospitanti biex jakkomodaw it-tfal tal-iskola l-ġodda u l-għalliema u l-persunal għandhom jirċievu taħriġ fil-pedagoġija inklużiva. Il-ħtiġijiet tal-ivvjaġġar lejn l-iskejjel u lura u tal-akkomodazzjoni relatati mal-miżura għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat. Il-proċess ta' integrazzjoni ma għandux iwassal għal żieda fis-segregazzjoni fl-iskejjel ospitanti. L-iskejjel ospitanti ma għandhomx joperaw bħala skejjel tal-borders għat-tfal tal-iskola l-ġodda.
9	C1.I1 Titjib tal-aċċess għal edukazzjoni ta' kwalità fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel livell	Tal-UE	Implimentazzjoni ta' riorganizzazzjonijiet istituzzjonali addizzjonali għall-integrazzjoni ta' klassijiet sekondarji tal-ewwel livell żgħar fi skejjel akbar fl-insedjamenti ġirien		Għadd	5	35	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2025	Ir-riżultati tar-riorganizzazzjonijiet istituzzjonali pilota u r-rakkomandazzjonijiet korrispondenti u l-linji gwida ta' implimentazzjoni għandhom jiġu inklużi f'rapport disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-rapport u l-immappjar imsemmija fl-istadju importanti 7, klassijiet sekondarji tal-ewwel livell addizzjonali f'mill-inqas 30 skola għandhom jiġu integrati b'mod effettiv fi skejjel ospitanti akbar f'insedjamenti ġirien. L-iskejjel ospitanti magħżula għandha tintegra klassijiet sekondarji tal-ewwel livell minn skejjel żgħar fejn l-edukazzjoni ta' kwalità ma tistax tiġi żgurata b'mod effiċjenti. L-għadd ta' għalliema u persunal għandu jkun xieraq fl-iskejjel ospitanti biex jakkomodaw it-tfal tal-iskola l-ġodda u l-għalliema u l-persunal għandhom jirċievu taħriġ fil-pedagoġija inklużiva. Il-ħtiġijiet tal-ivvjaġġar lejn l-iskejjel u lura u tal-akkomodazzjoni relatati mal-miżura għandhom jiġu indirizzati b'mod adegwat. Il-proċess ta' integrazzjoni ma għandux iwassal għal żieda fis-segregazzjoni fl-iskejjel ospitanti. L-iskejjel ospitanti ma għandhomx joperaw bħala skejjel tal-borders għat-tfal tal-iskola l-ġodda.
10	C1.I2 Appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti bi	Stadju importanti	Immappjar ta' ħtiġijiet għall-edukazzjoni ta' tfal tal-iskola bi ħtiġijiet ta'	Pubblikazzjoni tal-immappjar mill-ministeru responsabbli		0		IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	L-immappjar tal-ħtiġijiet għat-tagħmir, is-servizzi u l-għalliema tal-edukazzjoni speċjali għandu jitħejja u jiġi ppubblikat abbażi tal-pjanijiet ta' żvilupp individwali tal-iskejjel.

	bżonnijiet edukattivi speċjali		edukazzjoni speċjali	għall-edukazzjoni pubblika						
11	C1.I2 Appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali	Tal-UE	Sehem tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni speċjali li rċevew appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet ta' edukazzjoni speċjali		%	0	50	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-inqas 50 % tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni speċjali li jiffunzjonaw matul is-sena skolastika 2025/2026 għandhom jirċievu appoġġ għall-edukazzjoni ta' tfal tal-iskola bi bżonnijiet ta' edukazzjoni speċjali. L-appoġġ għandu jingħata litfal tal-iskola bi bżonnijiet speċjali jew għan-network ta' appoġġ tagħhom, inklużi l-ġenituri, l-għalliema u l-persunal edukattiv u għandu jinkludi, kif xieraq għas-sitwazzjoni, dan li ġej: (I) servizzi mtejbja kemm għall-għalliema/persunal kif ukoll għall-istudenti, b'mod partikolari appoġġ imtejjeb għall-mobbiltà, kiri ta' tagħmir, servizzi ta' trasport fl-iskejjel, taħriġ, kondivizzjoni tal-għarfien u programmi ta' aċċettazzjoni soċjali, (ii) xiri ta' tagħmir ta' aċċessibbiltà fiżika u tal-ICT, għodod ta' żvilupp, tagħmir mediku u tekniku speċjali, vetturi elettriċi ġenerali u adattati għall-forniment ta' servizzi.
12	C1.I2 Appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali	Tal-UE	Għadd ta' tfal tal-iskola bi bżonnijiet ta' edukazzjoni speċjali li bbenefikaw minn titjib fis-servizzi		Għadd	0	45 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2026	Mill-inqas 45 000 studenti bi bżonnijiet ta' edukazzjoni speċjali (SEN) għandhom jibbenefikaw mis-servizzi mtejbja msemmija fil-mira 11.
13	C1.I2 Appoġġ għall-edukazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali	Tal-UE	Għadd ta' għalliema tal-edukazzjoni speċjali li rċevew taħriġ professjonali waqt is-servizz		Għadd	0	5 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2026	Mill-inqas 5 000 għalliem tal-edukazzjoni speċjali għandhom jirċievu taħriġ speċjali (żvilupp tal-kompetenzi, proċeduri dijanjostiċi u użu ta' għodod speċjali), u żvilupp professjonali, inkluż b'mod partikolari taħriġ biex jinkisbu ħiliet pedagoġiċi speċjali biex jappoġġaw lill-istudenti tal-SEN.
14	C1.R2 Tnaqqis tar-riskju ta' segregazzjoni fl-iskejjel	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tipprovdi t-tnaqqis tal-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-	Dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għat-tnaqqis tal-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell (Livelli minn 1 sa 8) bi proporzjon baxx ta' studenti żvantaġġati.  Il-leġiżlazzjoni għandha tinkludi dispożizzjonijiet li

			ewwel livell bi proporzjon baxx ta' studenti żvantaġġati.						<p>skonthom l-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell (kemm skejjel tal-Istat kif ukoll skejjel mhux tal-Istat li jirċievu finanzjament mill-Istat) li jiffunzjonaw f'insedjamenti b'diversi skejjel (jiġifieri insedjamenti b'aktar minn skola waħda jew aktar minn bini ta' skola waħda) jitnaqqas b' 10 % jekk il-proporzjon ta' studenti żvantaġġati f'dawk l-iskejjel ikun:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>i. aktar minn 20 punt perċentwali inqas mill-proporzjon medju fl-insedjament (fil-livell tal-LAU) fejn tinsab l-iskola, kif determinat fil-bidu tas-snin skolastiċi 2023/2024 u 2024/2025;</li> <li>ii. aktar minn 15-il punt perċentwali inqas mill-proporzjon medju fl-insedjament (fil-livell tal-LAU) fejn tinsab l-iskola, kif determinat fil-bidu tas-sena skolastika 2025/2026 u tas-snin skolastiċi sussegwenti.</li> </ul> <p>Id-dispożizzjonijiet leġislattivi għandhom jiġu applikati mis-sena skolastika 2023/2024. L-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet għall-iskejjel individwali għandha tiġi determinata fil-bidu ta' kull sena skolastika u mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru. It-tnaqqis ta' 10 % tal-appoġġ mill-Istat għandu japplika mill-1 ta' Jannar matul dik is-sena skolastika u għas-sena kalendarja kollha.</p>	
15	C1.R2 Tnaqqis tar-riskju ta' segregazzjoni fl-iskejjel	Stadju importanti	Rapport dwar l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni l-ġdida li tipprovdi t-tnaqqis tal-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell bi proporzjon baxx ta' studenti żvantaġġati	Pubblikazzjoni tar-rapport mill-ministeru responsabbli għall-edukazzjoni pubblika				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	<p>Għandu jiġi ppubblikat rapport li juri li ġiet applikata l-leġislazzjoni l-ġdida li tipprevedi t-tnaqqis tal-appoġġ mill-Istat għall-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell (il-Livelli minn 1 sa 8) bi proporzjon baxx ta' studenti żvantaġġati.</p> <p>Ir-rapport għandu jippreżenta r-riżultati inizjali tal-implimentazzjoni fl-iskejjel ikkonċernati matul is-snin skolastiċi 2023/2024 u 2024/2025 u l-bidu tas-sena skolastika 2025/2026, kif ukoll l-impatt f'termini ta' distribuzzjoni ta' studenti żvantaġġati fl-insedjamenti fejn dawk l-iskejjel huma bbażati (inklużi l-insedjamenti tal-madwar). Ir-rapport jista'</p>

										jinkludi rakkomandazzjonijiet għat-titjib tal-qafas legali u għat-titjib tal-effettività tiegħu fit-tnaqqis tar-riskju ta' segregazzjoni fl-iskejjel primarji u sekondarji tal-ewwel livell.
16	C1.R3 Intejbu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni biex jiżdiedu l-pagi tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika sa mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji	Dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	<p>Għandha tidħol fis-seħħ liġi li tistabbilixxi li l-paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika li jkollhom lawrja terzjarja kif definit fl-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, eskluża l-edukazzjoni vokazzjonali, għandha tilħaq mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji sal-1 ta' Jannar 2025 u għandha tinżamm f'livell ta' mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji sa mill-inqas l-31 ta' Diċembru 2030.</p> <p>Il-liġi għandha tinkludi wkoll dispożizzjonijiet li skonhom, mill-1 ta' Jannar 2023 u mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2030, il-paga tal-għalliema fil-kategoriji elenkati hawn taħt għandha tkun ogħla b'mill-inqas 12.5 % tal-paga tal-għalliema bl-istess kwalifika u esperjenza mhux inklużi f'dawn il-kategoriji:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- għalliema li jaħdmu f'insedjamenti żvantaġġati kif definit mid-Digriet tal-Gvern 105/2015 dwar il-klassifikazzjoni tal-gvernijiet lokali benefiċjarji u l-kundizzjonijiet ta' klassifikazzjoni u d-Deċiżjoni tal-Gvern 1057/2021. (Il. 19.) dwar il-programm ta' insedjamenti ta' rkupru;</li> <li>- għalliema li jaħdmu fl-iskejjel bi proporzjon ta' studenti żvantaġġati ta' mill-inqas 10 % u li jiddefinixxu metodi pedagoġiċi speċjali għall-edukazzjoni inklużiva fil-programmi pedagoġiċi tagħhom (sors: KIR).</li> </ul> <p>Il-liġi għandha tinkludi wkoll dispożizzjonijiet li skonhom iż-żidiet annwali fil-pagi għall-għalliema fil-livell inizjali (<i>gyakornok</i>) għandhom ikunu, mill-1 ta' Jannar 2023 u mill-inqas sal-31 ta' Diċembru 2030, mill-inqas l-istess bħaż-żieda annwali medja fil-pagi għall-għalliema kollha fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika. Iż-żidiet annwali għandhom japplikaw b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar tas-sena</p>

										rispettiva.  Matul it-tħejjija tiegħu, l-abbozz ta' liġi għandu jkun soġġett għal djalogu soċjali sinifikanti mal-akbar trade unions tal-għalliema.
17	C1.R3 Intejbu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim	Tal-UE	Paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika fl-2023 meta mqabbla mal-paga medja tal-gradwati terzjarji		%	59	64.7	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Il-paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika (l-għalliema kollha li għandhom lawrja terzjarja fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika kif definit fl-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, eskluża l-edukazzjoni vokazzjonali) għandha tilħaq mill-inqas 64.7 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji, meta mqabbla ma' 59 % fl-2022.  Iż-żieda fil-paga medja tal-għalliema għas-sena 2023 għandha tiġi ddeterminata abbażi tad-data tal-eżitu għas-salarji medji tal-gradwati terzjarji fl-2022 (kif ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Ungerija) u l-previżjonijiet uffiċjali tal-Ministeru għall-Finanzi għat-tkabbir tal-pagi fl-ekonomija nazzjonali għas-sena 2023. Iż-żieda li tirriżulta fil-pagi tal-għalliema għandha tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2023.
18	C1.R3 Intejbu l-attraenza tal-professjoni tat-tagħlim	Tal-UE	Paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika fl-2024 meta mqabbla mal-paga medja tal-gradwati terzjarji		%	64.7	71.8	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Il-paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika (l-għalliema kollha li għandhom lawrja terzjarja fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika kif definit fl-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, eskluża l-edukazzjoni vokazzjonali) għandha tilħaq mill-inqas 71.8 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji, meta mqabbla ma' mill-inqas 64.7 % fl-2023.  Iż-żieda fil-paga medja tal-għalliema għas-sena 2024 għandha tiġi ddeterminata abbażi tad-data tal-eżitu għas-salarji medji tal-gradwati terzjarji fl-2023 (kif ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Ungerija) u l-previżjonijiet uffiċjali tal-Ministeru għall-Finanzi għat-tkabbir tal-pagi fl-ekonomija nazzjonali għas-sena 2024. Iż-żieda li tirriżulta fil-pagi tal-għalliema għandha tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar

										2024.
19	C1.R3 Intejbu l-attrawna tal-professjoni tat-tagħlim	Tal-UE	Paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika fl-2025 meta mqabbla mal-paga medja tal-gradwati terzjarji		%	71.8	80	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	<p>Il-paga medja tal-għalliema fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika (l-għalliema kollha li għandhom lawrja terzjarja fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika kif definit fl-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika, eskluża l-edukazzjoni vokazzjonali) għandha tilħaq mill-inqas 80 % tal-paga medja tal-gradwati terzjarji, meta mqabbla ma' mill-inqas 71.8 % fl-2024.</p> <p>Iż-żieda fil-paga medja tal-għalliema għas-sena 2025 għandha tiġi ddeterminata abbażi tad-data tal-eżitu għas-salarji medji tal-gradwati terzjarji fl-2024 (kif ippubblikat mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Ungerija) u l-previżjonijiet uffiċjali tal-Ministeru għall-Finanzi għat-tkabbir tal-pagi fl-ekonomija nazżjonali għas-sena 2025. Iż-żieda li tirriżulta fil-pagi tal-għalliema għandha tapplika b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2025.</p>
20	C1.R3 Intejbu l-attrawna tal-professjoni tat-tagħlim	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi ż-żieda fil-pagi għall-għalliema fil-livell inizjali għas-sena 2025	Dispożizzjonijiet fil-leġiżlazzjoni li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	Għandha tidħol fis-seħħ leġiżlazzjoni, li tistabbilixxi li ż-żieda fil-pagi għall-għalliema fil-livell inizjali ( <i>gyakornok</i> ) għas-sena 2025 għandha tkun 10 punti perċentwali oġhla miż-żieda medja fil-pagi għall-għalliema kollha fis-sistema tal-edukazzjoni pubblika fl-2025.
21	C1.R3 Intejbu l-attrawna tal-professjoni tat-tagħlim	Stadju importanti	L-applikazzjoni taż-żidiet fil-pagi għall-għalliema li jaħdmu f'insedjamenti żvantaġġati, għall-għalliema li jaħdmu fl-iskejjel bi proporzjon ta' studenti żvantaġġati ta' mill-inqas 10 %, u għall-għalliema fil-livell inizjali	Rapport dwar l-applikazzjoni taż-żidiet fil-pagi				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandu jitħejja rapport li juri l-applikazzjoni matul il-perjodu 2023–2026 taż-żidiet fil-pagi msemmija fl-stadji importanti 16 u 20 għall-għalliema li jaħdmu f'insedjamenti żvantaġġati, l-għalliema li jaħdmu fl-iskejjel bi proporzjon ta' tfal tal-iskola żvantaġġati ta' mill-inqas 10 % u li jiddefinixxu metodi pedagoġiċi speċjali għal edukazzjoni inklużiva fil-programmi pedagoġiċi tagħhom, u għall-għalliema fil-livell inizjali.

22	C1.I3 Taħriġ tal-ġhalliema u titjib tal-ħiliet maniġerjali tal-kapijiet tal-istituzzjonijiet	Tal-UE	Għadd ta' kapijiet u viċi kapijiet tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika li jpartecipaw fl-iżvilupp professjonali kontinwu		Għadd	0	3 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-inqas 3 kap u viċi kap tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika għandhom jipparteċipaw fl-iżvilupp professjonali kontinwu biex itejbu l-ħiliet diġitali u maniġerjali tagħhom.
23	C1.I3 Taħriġ tal-ġhalliema u titjib tal-ħiliet maniġerjali tal-kapijiet tal-istituzzjonijiet	Tal-UE	Għadd ta' ġhalliema mill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika li jpartecipaw fl-iżvilupp professjonali kontinwu		Għadd	0	5 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Abbażi tal-konsultazzjoni preliminari mal-ġhalliema mwettqa permezz tal-organizzazzjonijiet eżistenti ta' koordinazzjoni tal-edukazzjoni pubblika (il-Kunsill Nazzjonali tal-Edukazzjoni Pubblika, Round Table Strateġika dwar l-Edukazzjoni Pubblika), mill-inqas 5 000 ġhalliem fl-iskejjel sekondarji tal-ewwel u t-tieni livell għandhom jipparteċipaw fl-iżvilupp professjonali kontinwu biex jiksbu speċjalizzazzjoni u ċertifikat addizzjonali biex jgħallmu oqsma ta' studju f'domanda għolja.
24	C1.I4 Ħolqien ta' postijiet ġodda għall-crèche	Tal-UE	Għadd ta' tfal irreġistrati f'faċilitajiet maħluqa ġodda għall-indukrar tat-trabi		Għadd	0	500	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Mill-inqas 500 tifel u tifla għandhom jiġu irreġistrati f'faċilitajiet ġodda għall-indukrar tat-trabi b'appoġġ mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
25	C1.I4 Ħolqien ta' postijiet ġodda għall-crèche	Tal-UE	Għadd ta' tfal addizzjonali irreġistrati f'faċilitajiet maħluqa ġodda għall-indukrar tat-tfal		Għadd	500	3 984	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Mill-inqas 3 984 tifel u tifla għandhom jiġu rreġistrati f'postijiet ġodda ta' crèche maħluqa b'appoġġ mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-miżura għandha talloka mill-inqas 70 % tal-allokkazzjoni tagħha għall-kostruzzjoni ta' bini ġdid u mill-inqas 11 % għar-rinnovazzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija tal-infrastruttura. Il-kriterji ta' eliġibbiltà għandhom jispeċifikaw li d-domanda għall-enerġija primarja ta' kwalunkwe bini ġdid għandha tkun mill-inqas 20 % iktar baxxa mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' kważi zero enerġija.
26	C1.R4 It-titjib tas-sostenibbiltà tas-sistema	Stadju importanti	Rapport espert internazzjonali indipendenti dwar l-għażliet ta' politika	Pubblikazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Għandu jitħejja rapport espert internazzjonali indipendenti dwar l-għażliet ta' politika biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-sostenibbiltà fit-tul minn fornitur indipendenti b'għarfien espert rikonxxut

Ix-xogħol ta' rinnovazzjoni għandu jinkludi interventi bħar-rinnovazzjoni ta' mill-inqas kamra waħda li tissaħħan u kamra tal-banju waħda għal kull abitazzjoni kif ukoll it-tnejjija ta' punti sikuri ta' ġbir tal-elettriku, il-bini ta' ċnut, kontroll tar-roditori, l-użu ta' insettiċida. Dawn l-abitazzjonijiet wara r-rinnovazzjoni u mibnija ġodda għandhom ikunu proprjetà tal-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-Programm tal-Insedjamenti li Qed Jippruvaw Ilaħħqu għal mill-inqas 20 sena u ġestiti minn aġenzija tal-akkomodazzjoni soċjali skont kuntratt pubbliku ta' servizz. L-Aġenzija tal-akkomodazzjoni soċjali, li għandha tingħażel b'sejħa miftuħa għall-offerti, għandha talloka l-akkomodazzjoni lil kerrejja eliġibbli fil-forma ta' proprjetà mikrija, permezz ta' sistema pubblika ta' offerti. Bini ġdid għandu jikkonforma mar-rekwiżiti ta' Bini b'Użu ta' Enerġija Kważi Zero.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C3.I2: Produzzjoni u użu tal-enerġija rinnovabbli f'muniċipalitajiet żvantaġġati**

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jinbnew impjanti tal-enerġija fotovoltajka f'insedjamenti żvantaġġati jew fil-viċinanzi tagħhom magħżula skont il-Programm ta' Insedjamenti li Qed

Jippruvaw Ilaħħqu. Il-kapaċità tal-produzzjoni għandha tkun proprjetà tal-organizzazzjonijiet li jimplementaw il-Programm tal-Insedjamenti li qed Jippruvaw Ilaħħqu għal mill-inqas 20 sena. Id-dħul nett iġġenerat mill-impjanti tal-enerġija l-ġodda għandu jintuża għall-finanzjament ta' diversi trasferimenti soċjali in natura għall-unitajiet domestiċi li jgħixu fil-faqar enerġetiku, b'mod partikolari familji bi tfal taħt l-età ta' tliet snin, bħal mill-inqas kamra waħda li tissaħħan b'tisħin elettriku. Il-familji għandhom jintgħażlu permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa. B'riżultat ta' dan l-investment, il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx huma mistennija li jitjiebu. Barra minn hekk, it-tisħin elettriku l-ġdid għandu jissostitwixxi t-tisħin tal-fjuwil fossili, u b'hekk l-miżura hija mistennija li ttejjeb il-kwalità tal-arja fl-insedjamenti fil-mira.

F'każijiet fejn il-kapaċità tan-network ma tippermettix li l-investment isir fiż-żona amministrattiva tal-muniċipalitajiet fil-mira, l-impjanti tal-enerġija fotovoltajka jistgħu jinbnew ukoll barra mill-muniċipalitajiet fil-mira jekk dan ikun teknikament ġustifikat, dment li d-dħul iġġenerat jintuża biex jissussidja t-tisħin tal-unitajiet domestiċi fil-muniċipalitajiet fil-mira.

L-investment għandu jirriżulta fl-installazzjoni ta' kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli ta' mill-inqas 25 000 kWp biex jiġu appoġġati l-ħtiġijiet annwali tal-elettriku ta' mill-inqas 5 000 familja vulnerabbli.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

### **C3.I3: Promozzjoni tal-impjiegi u żvilupp tal-ħiliet fuq il-bażi ta' speċifitàjiet lokali**

L-oġġettiv tal-miżura huwa li jitrawwem l-iżvilupp ekonomiku lokali u jinħolqu strutturi ekonomiċi lokali li jiffukaw fuq in-nies li jgħixu fl-aktar 300 muniċipalità żvantaġġata. Jenħtieġ li dan jikkontribwixxi biex titnaqqas il-vulnerabbiltà tas-suq tax-xogħol ta' persuni li jgħixu f'dawk l-insedjamenti, tiżdied l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u jitjiebu l-opportunitajiet ta' impjeg fil-muniċipalitajiet fil-mira. Il-miżura għandha tuża sett wiesa' ta' strumenti għal interventi ta' żvilupp ekonomiku fuq il-bażi ta' pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji ta' żvilupp ekonomiku derivati minn dijanjożi lokali. It-tnedija ta' interventi ta' żvilupp ekonomiku għandha tibni fuq il-ħidma soċjali fuq il-post u n-network ta' assistenti soċjali lokali.

Dan l-investment għandu jikkonsisti fil-parteċipazzjoni ta' mill-inqas 10 000 persuna fi programmi ta' soċjalizzazzjoni tax-xogħol. Dawn il-programmi għandhom jinkludu taħriġ, mentoraġġ personali, servizzi personalizzati u minimu ta' sitt xhur esperjenza ta' impjeg. B'mod aktar speċifiku, dawn il-programmi għandhom jappoġġaw l-integrazzjoni ta' persuni fl-età tax-xogħol li jgħixu fil-muniċipalitajiet żvantaġġati fis-suq tax-xogħol miftuħ b'attivitajiet ta' taħriġ, u jipprovdulhom mentoraġġ intensiv u komprensiv biex jidħlu fix-xogħol u jibqgħu jaħdmu. B'riżultat tal-miżura, il-ħiliet u l-impjegabbiltà tal-parteċipanti fil-programm huma mistennija li jitjiebu, u b'hekk jikkontribwixxu għall-impjeg ta' gruppi żvantaġġati.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C3.I4: Pedagoġija orjentata lejn il-komunità**

L-oġġettiv tal-miżura huwa li ttejjeb l-eżiti tat-tagħlim u r-rati tal-parteċipazzjoni fl-edukazzjoni fl-aktar żoni żvantaġġati billi jipprovdi lit-tfal tal-iskola b'appoġġ immirat u jinvolvi lill-familji tagħhom fil-ħajja skolastika.

Din il-miżura għandha tipprovdi żviluppi pedagoġiċi inklużivi f'mill-inqas 100 istituzzjoni tal-edukazzjoni pubblika fl-aktar muniċipalitajiet żvantaġġati magħżula skont il-Programm

tal-Insedjamenti li qed Jippruvaw Ilaħħqu. L-appoġġ għandu jinkludi dijanjożi soċjali għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika, programmi estiżi tal-iskola u boroż ta' studju għall-edukazzjoni sekondarja f'linji edukattivi li jwasslu għal "matura" (diploma ta' skola sekondarja). Il-miżura għandha tipprevjeni segregazzjoni edukattiva ulterjuri u tiġġieled kontra s-segregazzjoni edukattiva eżistenti.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
50	C3.R1 Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet qafas għal appoġġ integrat effettiv għall-aktar insedjamenti żvantaġġati	Stadju importanti	Għażla trasparenti tal-organizzazzjonijiet li għandhom jimplimentaw l-elementi varji tal-Programm tal-Insedjamenti li Qed Jippruvaw Ilaħħqu	Pubblikazzjoni tar-Regoli ta' proċedura għall-għażla ta' organizzazzjonijiet ta' implimentazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2021	Ir-regoli ta' proċedura għandhom jiżguraw għażla trasparenti ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi u organizzazzjonijiet oħrajn li għandhom jimplimentaw l-elementi varji tal-Programm tal-Insedjamenti li Qed Jippruvaw Ilaħħqu. Ir-regoli tal-proċedura għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web iddedikat tal-Programm tal-Insedjamenti li Qed Jippruvaw Ilaħħqu. L-għażla għandha tkun ibbażata fuq kriterji relatati mal-esperjenza professjonali, il-kapaċità u l-mertu.
51	C3.R1 Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet qafas għal appoġġ integrat effettiv għall-aktar insedjamenti żvantaġġati	Stadju importanti	Stabbiliment ta' kumitat ta' monitoraġġ għall-appoġġ tal-aktar insedjamenti żvantaġġati					IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Għandu jiġi stabbilit kumitat ta' monitoraġġ tematiku għall-programm tal-Insedjamenti li qed jippruvaw Ilaħħqu, inklużi l-elementi tiegħu tal-FSE + u tal-FEŻR, possibbilment flimkien ma' programmi simili oħra ta' inklużjoni soċjali. Il-Kumitat għandu jirrieżamina r-riżultati u jipprovi rakkomandazzjonijiet biex tiżdied aktar l-effettività tal-programm. Il-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jinkludu ministri u awtoritajiet kompetenti, rappreżentanti tal-muniċipalitajiet, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu fuq l-inklużjoni soċjali u l-inklużjoni tar-Rom. L-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom jintgħażlu abbażi tal-esperjenza professjonali, il-kapaċità u l-mertu. Il-Kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaq' mill-inqas darba fis-sena. Id-dokumenti tiegħu, inklużi l-minuti, għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web iddedikat tal-programm.
52	C3.I1 Il-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, it-titjib tal-	Stadju importanti	Adozzjoni ta' pjan ta' intervent ibbażat fuq djanjożi tal-akkomodazzjoni għall-insedjamenti involuti	Pubblikazzjoni tal-pjan ta' intervent fuq is-sit web iddedikat				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	L-organizzatur ewlieni tal-Programm tal-Insedjamenti li Qed Jippruvaw Ilaħħqu għandu jadotta Pjan ta' Intervent biex jidentifika l-ħtiġijiet ta' rinnovazzjoni u l-insedjamenti fejn għandhom jinbnew jew jinxtrow akkomodazzjonijiet soċjali ġodda. Djar ġodda u rinnovati għal skopijiet soċjali jistgħu eċċezzjonalment

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni									jitqiegħdu barra mit-300 muniċipalità l-aktar żvantaġġata (f'żoni mhux segregati b'aċċess aħjar għall-impjiegi u s-servizzi), iżda f'dawk il-każijiet l-istokk tal-akkomodazzjoni soċjali għandu jiġi allokat lil persuni li jgħixu f'dawk it-300 muniċipalità fil-mira, li jistgħu japplikaw għal akkomodazzjoni għall-kiri permezz ta' sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet, u jistgħu, fuq bażi volontarja, jiċċaqilqu f'abitazzjoni barra mill-insedjament tagħhom. Il-pjan għandu jqis l-istħarriġ imwettaq biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet u l-għażla tal-proġetti ma għandhiex tiġġenera riskju ta' segregazzjoni. Il-pjan għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web iddedikat tal-Programm tal-Insedjamenti li Qed Jippruvaw llaħħqu.
53	C3.11 II-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni	Tal-UE	Rikondizzjonar tal-abitazzjonijiet		Għadd	0	800	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Ix-xiri u r-rinnovazzjoni ta' mill-inqas 800 abitazzjoni magħżula skont il-Pjan ta' Intervent ippubblikat u l-kiri tagħhom bħala akkomodazzjonijiet soċjali. Dan jinkludi interventi bħal rinnovazzjoni ta' mill-inqas kamra waħda li tissaħħan u kamra tal-banju waħda għal kull abitazzjoni kif ukoll tnejn ta' punti sikuri ta' ġbir tal-elettriku, il-bini ta' ċnut, kontroll tar-roditori, insettiċida. Dawn l-abitazzjonijiet wara r-rinnovazzjoni għandhom ikunu proprjetà tal-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-Programm tal-Insedjamenti li Qed Jippruvaw llaħħqu għal mill-inqas 20 sena u ġestiti minn aġenzija tal-akkomodazzjoni soċjali skont kuntratt pubbliku ta' servizz. L-Aġenzija tal-akkomodazzjoni soċjali għandha talloka l-istokk tal-akkomodazzjonijiet lil kerrejja eliġibbli fil-forma ta' proprjetà mikrija, permezz ta' sistema pubblika ta' offerti.
54	C3.11 II-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-	Tal-UE	Rikondizzjonar ta' abitazzjonijiet addizzjonali		Għadd	800	1 600	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Xiri u rinnovazzjoni ta' mill-inqas 800 abitazzjoni addizzjonali magħżula skont il-Pjan ta' Intervent ippubblikat. Dan jinkludi interventi bħal rinnovazzjoni

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	akkomodazzjoni soċjali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni									ta' mill-inqas kamra waħda li tissaħħan, kamra tal-banju waħda għal kull abitazzjoni, it-tnejn ta' punti sikuri ta' għbir tal-elettriku, il-bini ta' ċnut, kontroll tar-roditori, insettiċida. Dawn l-abitazzjonijiet wara r-rinnovazzjoni għandhom ikunu proprjetà tal-kerreġja eliġibbli, ġestiti u mikrija lilhom skont l-ispeċifikazzjonijiet fl-istadju importanti 53.
55	C3.11 II-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni	Tal-UE	Kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet soċjali ġodda		Għadd	0	200	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Bini ta' mill-inqas 200 abitazzjoni soċjali ġdida bbażati fuq il-Pjan ta' Intervent ippubblikat. Il-binjiet ġodda għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' Bini b'Użu ta' Enerġija Kważi Żero. Il-bini ta' djar ġodda għandu jsir kemm jista' jkun ċentrali f' municiplità biex isir użu minn djar dilapidati u minn plottijiet vojta ta' artijiet. Dawn l-abitazzjonijiet mibnija ġodda għandhom ikunu proprjetà tal-kerreġja eliġibbli, ġestiti u mikrija lilhom skont l-ispeċifikazzjonijiet fl-istadju importanti 53.
56	C3.11 II-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, it-titjib tal-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni	Tal-UE	Kostruzzjoni ta' akkomodazzjonijiet soċjali ġodda		Għadd	200	400	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Bini ta' mill-inqas 200 abitazzjoni soċjali ġdida addizzjonali bbażati fuq il-Pjan ta' Intervent ippubblikat. Il-binjiet ġodda għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' Bini b'Użu ta' Enerġija Kważi Żero. Il-bini ta' djar ġodda għandu jsir kemm jista' jkun ċentrali f' municiplità biex isir użu minn djar dilapidati u minn plottijiet vojta ta' artijiet. Dawn l-abitazzjonijiet mibnija ġodda għandhom ikunu proprjetà tal-kerreġja eliġibbli, ġestiti u mikrija lilhom skont l-ispeċifikazzjonijiet fl-istadju importanti 53.
57	C3.12 II-produzzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli f' municiplajtajiet żvantaġġati	Tal-UE	Installazzjoni ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli f' municiplajtajiet żvantaġġati jew għall-benefiċċju tagħhom		kWp	0	12 500	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	L-impjanti tal-enerġija tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għandhom jinbnew f'xi wħud mit-300 insedjamenti l-aktar żvantaġġati, b'kapaċità ta' produzzjoni ta' mill-inqas 12 500 kWp. F'każijiet fejn il-kapaċità tan-network ma tippermettix li l-investiment isir f'insedjamenti li qed jippruvaw ilaħħqu fiż-żona amministrattiva tal-municiplajtajiet fil-

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>mira, l-impjanti tal-enerġija fotovoltajka jistgħu jinbnew eċċezzjonalment ukoll barra mit-300 muniċipalità fil-mira jekk dan ikun teknikament ġustifikat, dment li d-dħul iġġenerat jintuża biex jissussidja t-tisħin tal-unitajiet domestiċi fit-300 muniċipalità fil-mira.</p> <p>Il-kapaċità tal-produzzjoni għandha tkun proprjetà tal-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-Programm tal-Insedjamenti li qed Jippruvaw Ilaħħqu għal mill-inqas 20 sena. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jużaw id-dħul nett (id-differenza bejn l-introjt mill-bejgħ tal-enerġija u l-infiq relatat mal-operat tal-impjant tal-enerġija) tal-produzzjoni tal-elettriku biex jappoġġaw il-ħtieġa annwali tal-elettriku għal skopijiet ta' tisħin ta' mill-inqas kamra waħda msaħħna għal mill-inqas 2 500 familja vulnerabbli bi tfal fit-300 insedjamenti, permezz ta' sejħa għall-offerti miftuħa. Is-sid iżomm kontabbiltà separata għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u rapportar dwar id-dħul, l-infiq u l-appoġġ finanzjarju ridistribwit marbuta mal-operat tal-impjanti tal-enerġija.</p>
58	C3.I2 II- produzzjoni u l- użu tal-enerġija rinnovabbli f' muniċipalitajiet żvantaġġati	Tal-UE	Installazzjoni ta' kapaċità ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli addizzjonali f' muniċipalitajiet żvantaġġati jew għall- benefiċċju tagħhom		kWp	12 500	25 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	<p>Għandhom jinbnew impjanti tal-enerġija addizzjonali għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'xi wħud mit-300 insedjamenti l-aktar żvantaġġati, b'kapaċità ta' produzzjoni ta' mill-inqas 12 500 kWp.</p> <p>F'każijiet fejn il-kapaċità tan-network ma tippermettix li l-investment isir f'insedjamenti li qed jippruvaw ilaħħqu fiż-żona amministrattiva tal-muniċipalitajiet fil-mira, l-impjanti tal-enerġija fotovoltajka jistgħu jinbnew eċċezzjonalment ukoll barra mit-300 muniċipalità fil-mira jekk dan ikun teknikament ġustifikat, dment li d-dħul iġġenerat jintuża biex jissussidja t-tisħin tal-unitajiet domestiċi fit-300 muniċipalità fil-mira.</p>

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Il-kapaċità tal-produzzjoni għandha tkun proprjetà tal-organizzazzjonijiet li jimplimentaw il-Programm tal-Insedjamenti li qed jippruvaw llaħħqu għal mill-inqas 20 sena. Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom jużaw id-dħul nett (id-differenza bejn l-introjt mill-bejgħ tal-enerġija u n-nefġiet relatati mal-operat tal-impjant tal-enerġija) tal-produzzjoni tal-elettriku biex jappoġġaw il-ħtieġa annwali tal-elettriku għal skopijiet ta' tisħin ta' mill-inqas kamra waħda msaħħna għal mill-inqas 2 500 familja vulnerabbli bi tfal fl-insedjamenti tat-300, permezz ta' sejħa għall-offerti miftuħa. Is-sid iżomm kontabbiltà separata għall-finijiet ta' reġistrazzjoni u rapportar dwar id-dħul, l-infiq u l-appoġġ finanzjarju ridistribwit marbuta mal-operat tal-impjanti tal-enerġija.
59	C3.13 Il-promozzjoni tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet abbażi tal-ispeċifitàjiet lokali	Tal-UE	Parteċipazzjoni fi programmi ta' soċjalizzazzjoni tax-xogħol		Għadd	0	4 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Mill-inqas 4 000 persuna mill-insedjamenti mmirati għandhom jipparteċipaw fi programmi ta' soċjalizzazzjoni tax-xogħol, li jinkludu taħriġ, mentoraġġ personali, servizzi personalizzati u impjeg minimu ta' sitt xhur. L-antiċipazzjoni tax-xogħlijiet pubbliċima għandhiex tgħodd bħala impjeg taħt dan l-investiment.
60	C3.13 Il-promozzjoni tal-impjiegi u l-iżvilupp tal-ħiliet abbażi tal-ispeċifitàjiet lokali	Tal-UE	Parteċipazzjoni addizzjonali fi programmi ta' soċjalizzazzjoni tax-xogħol		Għadd	4 000	10 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-inqas 6 000 persuna addizzjonali mill-insedjamenti mmirati għandhom jipparteċipaw fi programmi ta' impjeg, skont l-ispeċifikazzjonijiet fil-mira 59.
61	C3.14 pedagoġija orjentata lejn il-Komunità	Tal-UE	Żvilupp pedagoġiku tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika u t-taħriġ vokazzjonali fl-insedjamenti magħżula		Għadd	0	40	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Mill-inqas 40 istituzzjoni tal-edukazzjoni pubblika u t-taħriġ vokazzjonali fl-insedjamenti magħżula għandhom jibbenefikaw minn żvilupp pedagoġiku inklużiv. L-appoġġ għandu jinkludi dijanjożi soċjali għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika, programmi

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										skolastiċi estiżi, boroż ta' studju għall-iskejjel sekondarji li jwasslu għall- "matura", applikazzjoni tal-metodi ta' taġlim orjentati lejn il-komunità, u gwida għall-karriera.
62	C3.I4 pedagoġija orjentata lejn il-Komunità	Tal-UE	Żvilupp pedagoġiku tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika u t-taħriġ vokazzjonali addizzjonali fl-insedjamenti magħżula		Għadd	40	100	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-inqas 60 istituzzjoni tal-edukazzjoni pubblika u t-taħriġ vokazzjonali addizzjonali fl-insedjamenti magħżula għandhom jibbenefikaw minn żvilupp pedagoġiku inklużiv. L-appoġġ għandu jinkludi dijanjożi soċjali għal istituzzjonijiet tal-edukazzjoni pubblika, programmi skolastiċi estiżi, boroż ta' studju għall-iskejjel sekondarji li jwasslu għall- "matura", applikazzjoni tal-metodi ta' taġlim orjentati lejn il-komunità, u gwida għall-karriera.

## **D. IL-KOMPONENT 4: IL-ĠESTJONI TAL-ILMA**

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija għandu l-għan li jindirizza l-isfidi li tiffaċċja l-Ungerija bil-ġestjoni tal-ilma, b'mod partikolari dawk relatati mar-riskju ta' nixfa. L-iskarsezza tal-ilma għandha effett detrimentali fuq l-istat tal-korpi tal-ilma, l-ekosistemi u l-artijiet agrikoli.

L-obiettiv ta' dan il-komponent huwa li jikkontribwixxi għall-introduzzjoni ta' soluzzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ilma permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ effettiva fil-livelli lokali u nazzjonali u permezz tal-istabbiliment ta' komunitajiet ġodda għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma. Il-komponent jinkludi wkoll miżuri li għandhom l-għan li jtejbu s-sigurtà tal-provvista tal-ilma fis-sit Natura 2000 ta' Hanság u li jniedu riflessjoni u jimplimentaw miżuri sabiex jaċċelleraw il-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima fil-ġestjoni tal-ilma, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

Il-miżuri ta' dan il-komponent jiffukaw l-aktar fuq il-protezzjoni tar-riżorsi tal-ilma ta' taħt l-art, u l-iżgurar taż-żamma ekoloġikament xierqa tar-riżorsi tal-ilma. It-titjib tas-sistema ta' monitoraġġ tal-ġestjoni tal-ilma tal-Ungerija billi jiżdied l-għadd ta' stazzjonijiet ta' monitoraġġ huwa mistenni li jikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar ta' astrazzjoni tal-ilma mill-awtoritajiet rilevanti.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż biex jiffukaw fuq politika ekonomika relatata mal-investment dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020 u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 5 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-obiettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **C4.R1: Sensibilizzazzjoni**

L-obiettiv tar-riforma għandu jkun li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa eżistenti, imsejħa wkoll “Komunitajiet ta' Irrigazzjoni”, f' “Komunitajiet ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma” li jiffukaw fuq prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma u soluzzjonijiet sostenibbli ta' adattament għat-tibdil fil-klima. Għal dan l-għan, l-Att CXIII/2019 u d-Digriet tal-Gvern Nru 302/2020 għandhom jiġu emendati biex jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa eżistenti. Għandhom jiġu stabbiliti “komunitajiet ta' ġestjoni tal-ilma sostenibbli” ġodda biex jippromwovu soluzzjonijiet sostenibbli għall-ġestjoni tal-ilma (fost l-oħrajn, iż-żamma tal-ilma) u l-iskambju tal-aħjar prattiki. Ir-riforma għandha tniedi wkoll kampanji ta' informazzjoni fil-forma ta' sessjonijiet ta' informazzjoni organizzati mill-Ministeru tal-Agricoltura sabiex il- “komunitajiet tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma” li għandhom kif ġew stabbiliti kif ukoll il-komunitajiet kollha li diġà jeżistu jtejbu l-għarfien tagħhom dwar l-importanza tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma u jiksbu l-għarfien espert ta' soluzzjonijiet effettivi għall-implimentazzjoni tagħha.

Ir-riforma għandha tinkludi minimu ta' 50 000 ettaru ta' art li tinħarat li tkun għaddejja minn tibdil fil-prattiki agrikoli li jiffrankaw l-ilma.<sup>1</sup>

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

#### **C4.I2: Twaqqif ta' programm ta' monitoraġġ<sup>2</sup>**

L-oġġettiv tal-investiment għandu jkun li jikkontribwixxi għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma. L-għarfien dwar il-fluss tal-ilma fil-korsiji tal-ilma tal-wiċċ u parametri oħra idroloġiċi u tal-kwalità tal-ilma tar-reġjun huwa prerekwiżit fundamentali għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma. Bis-saħħa tal-investiment, huwa mistenni li jittieħdu azzjonijiet fuq il-bażi tad-data f'ħin reali mis-sistemi ta' monitoraġġ fil-każ ta' deterjorament kwalitattiv u kwantitattiv tal-istat tal-korpi tal-ilma. L-użu ta' monitoraġġ intelliġenti, l-għodod tal-IT, l-interkonnessjoni tas-sistemi tad-data u l-funzjoni dinamika tal-ippjanar u l-kontroll huma mistennija jipprovdu l-informazzjoni tal-input meħtieġ li hija meħtieġa għall-ippjanar.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp ta' sistema komprensiva ta' monitoraġġ tal-astrazzjonijiet tal-ilma fil-livelli lokali u nazzjonali. Din is-sistema ta' monitoraġġ għandha tintuża biex jiġu vvalutati l-astrazzjonijiet kemm mill-ilma ta' taħt l-art kif ukoll mill-ilma tal-wiċċ.

Dan l-investiment għandu jinkludi l-kostruzzjoni ta' stazzjonijiet idrografiċi tal-wiċċ, l-installazzjoni ta' tagħmir ta' monitoraġġ idrografiku tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, u l-iżvilupp ulterjuri ta' sistemi ta' monitoraġġ taħt l-art permezz tal-kostruzzjoni ta' bjar ġodda ta' detezzjoni tal-livell tal-ilma ta' taħt l-art, li huma mibnija b'sonda tal-pressjoni integrata għal sistemi ta' detezzjoni mill-bogħod.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

#### **C4.I3: Protezzjoni tan-natura**

L-investiment għandu jsir fiż-żona ta' Hanság tas-sistema tal-ilma ta' Rábaköz-Tóköz, sabiex jittejjeb il-bilanċ tal-ilma taż-żona Natura 2000 u sabiex ir-riforniment tal-ilma ekoloġiku tagħha jsir aktar sikur u sabiex tittejjeb iż-żamma tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art. L-oġġettiv tal-investiment għandu jkun li jitħares u jitjieb l-istat ekoloġiku tal-habitats protetti u tan-Natura 2000 f'Hanság fiż-żona ta' 4 950 ettaru fil-mira billi titjieb il-kapaċità tal-ħżin tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ.

L-attivitajiet ewlenin tal-investiment għandhom jiffukaw fuq l-aġġornament tas-sistema tal-kanali li ġiet żviluppata qabel biex tiġi żgurata provvista bbilanċjata tal-ilma. Filwaqt li jitqiesu l-oġġettivi ta' konservazzjoni tal-ġestjoni tal-art, l-attivitajiet ippjanati għandhom jinkludu r-

---

<sup>1</sup> L-infiltrazzjoni tal-ilma mill-kanali permezz tax-xtut tagħhom ma għandhiex titqies bħala soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

<sup>2</sup> Id-deskrizzjoni ta' dan il-komponent tibda bl-Investiment C4.I2 *L-istabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ* bħala Investiment C4.I1 *Il-kostruzzjoni ta' sistemi ewlenin ta' sostituzzjoni tal-ilma, l-iżvilupp ta' networks u sistemi ġodda* tneħħa fil-kuntest tar-reviżjoni tal-pjan.

rinnovazzjoni meħtieġa ta' xi sezzjonijiet tal-qiegħ tax-xmajjar u l-istrixxi tat-trattament, ir-rinnovazzjoni tal-istrutturi għall-kontroll u ż-żamma tal-ilma u l-kostruzzjoni ta' strutturi ġodda.

L-investment għandu jikkontribwixxi għal żieda fiż-żamma u ġestjoni aktar konservattiva tar-riżorsi tal-ilma disponibbli lokalment. Huwa mistenni li jiżgura l-kundizzjonijiet ekoloġiċi meħtieġa għall-ħarsien tal-ekosistemi tal-artijiet mistagħdra li jospitaw ħabitats u speċijiet ta' interess għall-komunità.

Iż-żamma tal-ilma riċevut permezz tal-preċipitazzjoni jew minn korsiji tal-ilma naturali upstream għandha tingħata prijorità. Id-disinn tal-proġett għandu jinkludi soluzzjonijiet sostanzjali bbażati fuq in-natura għaż-żamma tal-ilma<sup>3</sup>, għar-restawr tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri, b'mod partikolari N02 (restawr u ġestjoni tal-art mistagħdra) u N13 (restawr ta' infiltrazzjoni naturali għall-ilmatal-art)<sup>4</sup>. B'mod ġenerali, id-disinn għandu jiprijoritizza l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, abbażi tal-aħjar Prattiki.

Il-proġetti kollha li x'aktarx ikollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent għandhom ikunu soġġetti għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA) f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, kif ukoll għal valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE. Il-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa għandhom jiġu integrati fil-proġetti. Ir-rekwiżiti ta' dawn il-proġetti, kif stabbiliti hawn fuq, jistgħu jiġu ddevjati sal-punt meħtieġ għall-konformità mal-miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa.

Għandha ssir analiżi tar-riskju klimatiku.

L-investimenti għandhom jikkonformaw ukoll mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/147/KE dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar) u d-Direttiva 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (id-Direttiva dwar il-ħabitats).

Meta l-ilma jiġi estratt, għandu jingħata permess mill-awtorità rilevanti. L-astrazzjoni tal-ilma għandha tiġi evitata meta l-korpi tal-ilma kkonċernati jkunu, jew huma proġettati li jkunu, fi stat inqas minn tajjeb jew status potenzjalment tajjeb.

L-Ungerija għandha tikseb stat ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma tal-wieċ u ta' taħt l-art affettwati mill-investimenti sal-31 ta' Diċembru 2025 (jew jekk ikun inkiseb stat tajjeb, dan ma għandux ikun ġie ddeterjorat).

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C4.R2: Aċċellerazzjoni tal-miżuri ta' adattament għall-klima fil-ġestjoni tal-ilma**

---

<sup>3</sup>Dawn is-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura jinkludu, abbażi *tar-rapport NWRM — 53 NWRM illustrated*: N01 — Baċini u għadajjar li jinfiltraw bil-mod ix-xita jew l-ilma tax-xeba' lejn l-ilma ta' taħt l-art; N02 — Ir-restawr u l-ġestjoni tal-artijiet mistagħdra; N03 — Ir-restawr u l-ġestjoni tal-pjanura tal-għargħar; N04 — Is-serpeġġament mill-ġdid; N05 — In-naturalizzazzjoni mill-ġdid tal-qiegħ tan-nixxiegħa; N06 — Ir-restawr u l-konnessjoni mill-ġdid ta' nixxigħat staġjonali jew nixxigħat temporanji; N07 — Il-konnessjoni mill-ġdid ta' lagi forma ta' nagħla u karatteristiċi simili; N13 — Ir-restawr ta' infiltrazzjoni naturali għall-Ilma ta' Taħt-l-Art.

<sup>4</sup> L-infiltrazzjoni tal-ilma mill-kanali permezz tax-xtut tagħhom ma għandhiex titqies bħala soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.

L-iskop ta' din ir-riforma għandu jkun li tinvolvi partijiet ikkonċernati differenti dwar il-kwistjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma. Sabiex tadatta għat-tibdil fil-klima, ir-riforma għandha tiffoka fuq li jintlaħaq kunsens pubbliku għdid dwar l-użu tal-art.

Bħala l-ewwel pass, għandha tiġi stabbilita task force biex tivvaluta s-sitwazzjoni klimatika nazzjonali attwali, bil-parteċipazzjoni ta' esperti internazzjonali. Ir-rapport prodott mit-task force għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet u għandu jiġi ppreżentat għal konsultazzjoni pubblika u f'forums internazzjonali. Abbażi ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet u l-iskambji, għandu jiġi żviluppat u implimentat pjan ta' azzjoni, inkluż kwalunkwe emenda leġislattiva meħtieġa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

**D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
63	C4.R1 Sensibilizzazzjoni	Stadju importanti	Emenda tal-Att CXIII/2019 dwar il-biedja tal-irrigazzjoni u tad-Digriet tal-Gvern Nru 302/2020	Dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	L-att CXIII/2019 u tad-Digriet tal-Gvern Nru 302/2020 għandhom jiġu emendati biex jostenduhom l-kamp ta' applikazzjoni tal-assoċjazzjonijiet eżistenti tal-bdiewa msejħa "komunitajiet ta' irrigazzjoni" — "öntözési közösség" għal "komunitajiet ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma". Il-missjonijiet tagħhom għandhom jiġu estiżi lil hinn minn kwistjonijiet tal-irrigazzjoni biex jiffukaw fuq prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma, soluzzjonijiet sostenibbli għall-adattament għat-tibdil fil-klima u l-kejl tal-provvista u d-domanda tal-ilma mikroreġjonali. Dawn għandhom jivvalutaw ukoll b'mod regolari l-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet dwar il-kundizzjoni tal-korpi tal-ilma u jipprovdu informazzjoni regolari dwar il-proġetti tal-astrazzjoni tal-ilma, tal-provvista tal-ilma u tad-domanda tal-ilma. Is-sħubija attwali għandha tiġi aġġustata skont dan.
64	C4.R1 Sensibilizzazzjoni	Tal-UE	Stabbiliment ta' komunitajiet ta' ġestjoni sostenibbli tal-ilma		Għadd	0	100	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Għandhom jiġu stabbiliti 100 "komunità għall-ġestjoni sostenibbli tal-ilma" ġdida (kif definit mill-qafas leġiżlattiv il-ġdid). Komunitajiet eżistenti għandhom jiġu adattati għall-qafas legali l-ġdid.
65	C4.R1 Sensibilizzazzjoni	Stadju importanti	Organizzazzjoni tas-sessjonijiet tal-informazzjoni	Jitlestew is-sessjonijiet ta' informazzjoni pjanati				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Is-sessjonijiet ta' informazzjoni għandhom jiġu organizzati mill-Ministeru għall-Agricoltura għall-komunitajiet ġodda kollha tal-ġestjoni sostenibbli tal-ilma kif stabbilit skont il-mira 64 kif ukoll għall-komunitajiet eżistenti kollha kif adattat għall-qafas legali skont il-mira 64. Dawn is-sessjonijiet ta' informazzjoni għandhom iqajmu kuxjenza dwar l-importanza ta' prattiki ta'

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										għestjoni sostenibbli tal-ilma, ta' soluzzjonijiet naturali għaż-żamma tal-ilma, dwar l-użu ta' tekniki agrikoli effiċjenti u ta' għelejjel inqas intensivi.
66	C4.R1 Sensibilizzazzjoni	Tal-UE	Ettari ta' raba' li jinħadem li jkun għaddew minn tibdil fil-prattiki agrikoli li jiffrankaw l-ilma		L-għadd ta' ettari	0	50 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	50 000 ettaru ta' raba' li jinħarat fil-livell nazzjonali għandu jkun għadda minn tal-inqas wieħed minn dawn li ġejjin: (I) applikaw miżuri biex iżidu l-kontenut ta' materja organika fil-ħamrija; (II) qalbu għal għelejjel inqas eżiġenti għall-ilma/aktar reżistenti għan-nixfa; (III) jużaw raba' li jinħadem għaż-żamma tal-ilma bbażata fuq in-natura; (IV) it-tekniki tat-tisqija bil-qatra u l-użu tal-ilma riċiklat għat-tisqija. Barra minn hekk, mill-inqas 75 % tal-50 000 ettaru ta' art li tinħarat imsemmija hawn fuq għandhom ikunu għaddew minn waħda mill-prattiċi (i), (ii) u/jew (iii).
67	C4.I3 — Protezzjoni tan-natura	Stadju importanti	Il-kisba ta' status ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma tal-wiċċ u ta' taħt l-art affettwati mill-investiment 3.	Pubblikazzjoni tar-riżultati fuq is-sit web tal-awtoritajiet nazzjonali tal-ilma				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Il-monitoraġġ tal-korpi tal-ilma kkonċernati mill-investiment 3 għandu jkun twestaq sabiex jiġi żgurat li l-korpi tal-ilma tal-wiċċ u tal-ilma ta' taħt l-art affettwati mill-investiment skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jkunu fi stat ekoloġiku tajjeb (jew li jekk ikun inkiseb status tajjeb, dan ma jkunx iddeterjora). Għandu jinkiseb status ekoloġiku tajjeb tal-korpi tal-ilma rilevanti kif definit fid-Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma.
72	C4.I2 Stabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ	Stadju importanti	Sistema komprensiva ta' monitoraġġ fil-livell lokali	It-tlestija tax-xogħlijiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Sistemakomprensiva ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ (status kwantitattiv u kwalitattiv) ġiet stabbilita fil-livell lokali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Linji Gwida għall-Monitoraġġ tal-Ilma ta' Taħt l-Art (Linji Gwida 15, Strateġija ta' Implimentazzjoni Komuni, Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma). Iż-żieda fl-istazzjonijiet ta' monitoraġġ mill-bogħod għandha tkopri r-reġjuni fejn l-investimenti skont dan il-komponent qed jiġu implimentati. Id-data mis-sistema ta' monitoraġġ għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Id-data mis-sistema ta' monitoraġġ lokali għandha tintuża għall-

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										valutazzjoni tal-astrazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art u tal-ilma tal-wiċċ f'żoni affettwati mill-investimenti appoġġati skont il-pjan. Abbażi ta' data f'ħin reali, is-sistema ta' monitoraġġ għandha tintuża bħala għodda biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni immedjata f'każ ta' deterjorament fil-kwalità jew fil-kwantità tal-ilma.
73	C4.12 Stabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ	Stadju importanti	Sistema komprensiva ta' monitoraġġ fil-livell nazzjonali	It-tlestija tax-xogħlijiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Sistemakomprensiva ta' monitoraġġ tal-ilma ta' taħt l-art u tal-wiċċ (status kwantitattiv u kwalitattiv) ġiet stabbilita fil-livell nazzjonali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Linji Gwida għall-Monitoraġġ tal-Ilma ta' Taħt l-Art (Linji Gwida 15, Strateġija ta' Implimentazzjoni Komuni, Direttiva 2000/60/KE Qafas dwar l-Ilma). Id-data mis-sistema ta' monitoraġġ għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Abbażi ta' data f'ħin reali, is-sistema ta' monitoraġġ għandha tintuża bħala għodda biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni immedjata f'każ ta' deterjorament fil-kwalità jew fil-kwantità tal-ilma.
74	C4.12 Stabbiliment ta' sistema ta' monitoraġġ	Tal-UE	Żvilupp ta' sistema ta' monitoraġġ komprensiva fil-livell nazzjonali		Għadd ta' tagħmir installat	0	90	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Il-proġett għandu jinkludi l-konstruzzjoni ta' mill-inqas 30 stazzjon idrografiku tal-wiċċ ġdid u t-tħaffir ta' aktar minn 60 bir ġdid biex tittejjeb is-sistema ta' monitoraġġ ta' taħt il-wiċċ. Id-data prodotta mis-sistema ta' monitoraġġ għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fil-ħin.
75	C4.13 Protezzjoni tan-natura	Stadju importanti	Disinn tal-proġett "Titjib tas-sigurtà tal-provvista ekoloġika tal-ilma fis-sit Natura 2000 ta' Hanság"	Adozzjoni tad-disinn				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	Adozzjoni tad-disinn tal-proġett li għandu l-għan li jtejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-ilma fis-sit Natura 2000 ta' Hanság. Id-disinn tal-proġett għandu jinkludi soluzzjonijiet sostanzjali bbażati fuq in-natura għaż-żamma tal-ilma, ir-restawr tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri, b'mod partikolari N02 — restawr u ġestjoni tal-artijiet mistagħdra, u N13 — restawr ta' infiltrazzjoni naturali għall-ilma ta' taħt l-art. B'mod ġenerali, id-disinn għandu jipprioritizza l-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura, abbażi tal-aħjar prattiki. Għandha tiġi pprovduta

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>deskrizzjoni tas-soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura integrati fil-proġett, kif ukoll ġustifikazzjoni għal sitwazzjonijiet fejn soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura ma setgħux jiġu adottati fid-disinn tal-proġett. L-infiltrazzjoni tal-ilma mill-kanali permezz tax-xtut tagħhom ma għandhiex titqies bħala soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.</p> <p>Għandha titlesta VIA f'konformità mad-Direttiva 2011/92/UE, kif ukoll valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 92/43/KEE. Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-VIA u l-valutazzjoni skont id-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 92/43/KEE għandha tiġi integrata fil-proġett. Meta l-ilma jiġi estratt, għandu jingħata permess rilevanti mill-awtorità rilevanti. L-astrazzjoni tal-ilma għandha tiġi evitata meta l-korpi tal-ilma kkonċernati jkunu, jew huma proġettati li jkunu, fi stat inqas minn tajjeb jew stat potenzjalment tajjeb.</p>
76	C4.13 Protezzjoni tan-natura	Stadju importanti	Tlestija tal-proġett "Titjib tas-sigurtà tal-provvista ekoloġika tal-ilma fis-sit Natura 2000 ta' Hanság"	Rapport ta' tlestija				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	<p>Rapport ta' tlestija tal-investment żviluppat biex titjeb is-sigurtà tal-provvista ekoloġika tal-ilma fis-sit Natura 2000 ta' Hanság. Dan għandu juri li l-proġett tlesta f'konformità mad-disinn tal-investment. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni tal-użu ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għaż-żamma tal-ilma, l-artijiet mistagħdra u r-restawr tat-torbieri.</p>
77	C4.13 Protezzjoni tan-natura	Tal-UE	Żieda fil-kopertura kkombinata ta' ettari ta' infrastruttura ekoloġika jew siti		Għadd	0	4 950	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	<p>Il-kopertura kkombinata tal-infrastruttura ekoloġika, tas-siti protetti jew ta' Natura 2000 fil-mira tar-restawr tal-idroloġija naturali għandha tiżdied b' 4 950 ettaru. Dan jitkejjel bl-għadd ta' ettari restawrati f'konformità mal-oġġettivi ta' konservazzjoni u f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/147/KE dwar il-</p>

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			protetti jew ta' Natura 2000 fil-mira tar-restawr tal-idroloġija naturali							konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (id-Direttiva dwar l-Għasafar) u d-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa 92/43/KEE (id-Direttiva dwar il-ħabitats (id-Direttiva dwar il-ħabitats). Barra minn hekk, id-Direttorat tal-Park Nazzjonali Fertoha nsāg għandu jipprovdi rapport ta' valutazzjoni dwar l-impatt tal-investment fuq ir-restawr tal-artijiet mistagħdra u tat-torbieri fid-dawl tal-oġġetti ta' konservazzjoni tas-sit ta' Natura 2000, inklużi l-idroloġija u t-titjib tal-istatus tal-ħabitats u tal-ispeċijiet.
78	C4.R2 Aċċellerazzjoni tal-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima fil-ġestjoni tal-ilma	Stadju importanti	Rapport tat-task force dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma	Pubblikazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Għandha tiġi stabbilita task force dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ilma, li tinkludi b'mod partikolari esperti internazzjonali rikonoxxuti fil-qasam tal-prattiki sostenibbli tal-ġestjoni tal-ilma u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. It-Task force għandha tippubblika rapport li jinkludi rakkomandazzjonijiet dwar: żieda fit-thejġija u fir-rispons għal eventi ta' temp estrem; monitoraġġ ta' strateġiji ta' adattament għall-klima (inkluż il-qafas ta' politika u l-istruttura ta' governanza); titjib tal-għarfien dwar l-adattament u s-sensibilizzazzjoni ambjentali u dwar it-titjib tal-użu ta' interventi ta' adattament għall-klima bħal soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura.
79	C4.R2 Aċċellerazzjoni tal-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima fil-ġestjoni tal-ilma	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet żviluppanti mit-task force	Il-pjan ta' azzjoni huwa implimentat				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	Ir-rapport prodott mit-task force għandu għandu jiġi ppreżentat għal konsultazzjoni pubblika u f'forums internazzjonali. Abbażi ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet u l-iskambji, għandu jiġi żviluppat u ppubblikat pjan ta' azzjoni. L-implimentazzjoni tiegħu għandha titlesta, inkluża kwalunkwe emenda leġislattiva meħtieġa.

## **E. IL-KOMPONENT 5: TRASPORT EKOLOĠIKU SOSTENIBBLI**

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija jindirizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kontribuzzjoni tas-settur tat-trasport għat-tnaqqis tal-gassijiet serra u l-emissjonijiet ta' inkwinanti, jiġi aċċellerat l-immodernizzar tan-network tat-trasport u l-vetturi ferrovjarji, tiżdied l-attrattività ta' mezzi ta' trasport sostenibbli, b'mod partikolari t-trasport pubbliku, u titjieb ta' koeżjoni soċjali u territorjali.

L-objettiv ta' dan il-komponent huwa li tiġi promossa l-mobbiltà sostenibbli, jissaħħaħ it-trasport pubbliku b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jonqsu l-esternalitajiet negattivi tat-trasport (b'mod partikolari l-konġestjoni, l-emissjonijiet u l-inċidenti) u jiġu pprovduti modi aċċessibbli ta' trasport, l-aktar permezz tat-tiżiħ tal-infrastruttura u l-vetturi tat-trasport pubbliku. Il-miżuri ta' dan il-komponent huma mistennija li jwasslu għal tnaqqis fl-emissjonijiet minħabba t-trasport billi jinkoraġġixxu l-użu ta' mezzi tat-trasport urbani u suburbani ekoloġiċi u b'mod aktar ġenerali billi jsaħħu l-alternattivi għall-karozzi individwali u l-merkanzija bit-triq. It-trasport pubbliku huwa mistenni li jsir aktar attraenti, li jwassal biex aktar utenti jaqilbu minn karozza privata għal trasport pubbliku. Infrastruttura ferrovjarja aktar robusta hija mistennija wkoll li tiffaċilita l-bidla modali tal-merkanzija. Għal dan l-għan, dan il-komponent għandu jikkonsisti f'riformi u investimenti li jipromwovu t-trasport sostenibbli permezz tal-immodernizzar ta' linji ferrovjarji importanti fir-reġjun ta' Budapest u fil-kuritur tat-TEN-T, ix-xiri ta' karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero għat-trasport pubbliku, l-immodernizzar tas-sistema ta' ġestjoni tal-linji ferrovjarji, u l-introduzzjoni ta' sistema uniformi ta' prezzijiet u informazzjoni għat-trasport pubbliku.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-iffukar tal-politika ekonomika relatata mal-investment fuq l-infrastruttura tat-trasport, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali, u dwar l-iffukar tal-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika, b'mod partikolari t-trasport sostenibbli (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019 u fl-2020) u dwar it-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fit-trasport billi jiżdiedu l-isforzi fuq l-effiċjenza fl-enerġija, b'mod partikolari permezz tal-elettrifikazzjoni (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 6 fl-2022).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **C5.I1: Bini tal-kapaċità tan-network ferrovjarju suburban**

L-objettiv tal-investment huwa li tiżdied l-attrattività tat-trasport pubbliku bil-ferrovija f'Budapest u madwarha permezz tal-immodernizzar ta' 46 km ta' linji ferrovjarji fis-sezzjonijiet li ġejjin ta' tliet linji ferrovjarji suburbani ewlenin (HÉV):

- Szentendre — Pomáz — Budakalász — Békásmegyer (H5);
- Ráckeve — Tököl — Szigetszentmiklós — Milleniumtelep (H6);
- Csepel — Pont Kvassay (H7).

Is-sistema HÉV hija sistema ferrovjarja ħafifa awtonoma, f'ambjent suburban/urban, li għandha tiġi aġġornata sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tagħha. L-investment għandu jikkonsisti fit-titjib tal-linji ferrovjarji u għandu jinkludi wkoll il-modernizzazzjoni tal-waqfiet

u l-istazzjonijiet tul dawn il-linji, is-sostituzzjoni tas-sistema ta' trazzjoni, l-installazzjoni ta' faċilitajiet ġodda għall-ħżin tar-roti B + R u l-ħolqien ta' ċentri intermodali ġodda.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C5.I2: Bidla tal-konġestjoni tan-network ferrovjarju fuq il-kuritur tat-TEN-T**

L-obiettiv tal-investment huwa li jidderieġi t-traffiku tal-merkanzija fuq distanzi twal lejn mezz b'emissjonijiet baxxi ta' CO<sub>2</sub> u li jtejjeb l-użu tat-trasport tal-merkanzija u tal-passiġġieri fuq distanzi twal billi jitneħħew il-konġestjonijiet u r-restrizzjonijiet tal-kapaċità fin-network ferrovjarju tat-TEN-T.

L-investment għandu jikkonsisti f'titjib sinifikanti ta' żewġ sezzjonijiet ferrovjarji elettrifikati:

- Is-sezzjoni tal-linja Almásfüzitő-Komárom li hija twila 11-il km hija sezzjoni dejqa kritika li bħalissa hija soġġetta għal sinjali kostanti kajmana. L-investment għandu jippermetti veloċità akbar f'din is-sezzjoni (veloċità awtorizzata ta' 160 km/h). Għandha tinkludi wkoll il-kostruzzjoni jew it-titjib ta' faċilitajiet tat-trasport tal-passiġġieri li jkunu nieqsa jew skaduti rispettivament, bħal passaġġi minn fuq jew qsim għall-persuni bil-mixi. L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.
- L-investment għandu jibni mill-ġdid is-sezzjoni ferrovjarja Békéscsaba — Lgkösháza li hija twila 30.3 km biex tippermetti żieda fil-veloċità fuq din is-sezzjoni (veloċità awtorizzata ta' 160 km/h), inkluża l-estensjoni tal-linja għal żewġ binarji u reviżjoni sħiħa bl-iżvilupp tal-kontroll tal-ferrovija ETCS L2 u l-immodernizzar tal-istazzjonijiet Kétegyháza u Lgkösháza. L-implimentazzjoni ta' din l-azzjoni għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C5.I3: Żvilupp ta' trasport bil-karozzi tal-linja b'emissjonijiet żero**

L-obiettiv tal-investment huwa li tiġġedded u tiġi dekarbonizzata l-flotta tat-trasport pubbliku fl-Ungerija permezz tal-forniment ta' xarabanks b'emissjonijiet żero f'allinjament mad-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa.

L-investment għandu jikkonsisti fis-sostituzzjoni mill-awtoritajiet lokali jew mill-operaturi tas-servizz pubbliku ta' 300 karozza tal-linja li jużaw fjuwils fossili b'karozzi tal-linja elettriċi ġodda u fil-kostruzzjoni tal-istess għadd ta' punti tal-iċċarġjar fil-qafas tal-Programm dwar il-Karozzi tal-Linja Ekoloġiċi. L-appoġġ finanzjarju għandu jingħata fil-forma ta' għotja lill-muniċipalitajiet jew lill-operaturi tas-servizzi (li għandhom ikunu eliġibbli fl-ibliet kollha b'aktar minn 25 000 abitant) wara sejħa għal proposti. Ix-xarabankijiet għandhom jintużaw għall-forniment ta' servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri taħt kuntratti ta' servizz pubbliku. Is-sistemi tas-sikurezza tal-vetturi tax-xarabankijiet mixtrija għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-UE.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

### **C5.I4: Varar tal-ġestjoni tat-traffiku ċentrali fuq il-linji ferrovjarji tat-TEN-T**

L-objettiv tal-investment huwa li jtejjeb l-affidabbiltà u s-sigurtà tan-network ferrovjarju permezz tal-varar ta' sistema ta' ġestjoni ċentralizzata, li ttejjeb l-effiċjenza tagħha u fl-aħħar mill-aħħar l-attrazzjoni tagħha.

L-investment għandu jikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' sistema ċentrali għall-ġestjoni tat-traffiku (KÖFI) għal 239 km ta' linji ferrovjarji suburbani u nazzjonali ewlenin, b'appoġġ bil-kompjuter u informazzjoni dwar il-ferroviji f'ħin reali. L-investment għandu jkopri l-linja ferrovjarja 70, parti min-network komprensiv TEN-T, u l-linji ferrovjarji 100a u 80, parti min-network ewlieni TEN-T. Għandu jipprovdi lill-persunal tal-kontroll b'monitoraġġ f'ħin reali tal-informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferroviji, li jtejjeb il-kontroll tat-traffiku tal-ferroviji minn ċentru wieħed. L-investment huwa mistenni li jżid ir-robustezza tas-sezzjonijiet tal-linja ferrovjarja kkonċernata, li jiżgura l-fluss tat-traffiku, li jagħmel użu mir-riżervi tal-iskedar, li jżid il-kapaċità ta' tranżitu, u li jiżgura informazzjoni awdjoviżiva uniformi għall-passiġġieri.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C5.I5: Żvilupp tas-sistema tat-tramm u t-trolleybus ta' Budapest**

L-objettiv tal-investment huwa li jtejjeb l-infrastruttura tat-trasport ta' Budapest permezz tax-xiri ta' trammijiet ġodda u r-rinnovazzjoni tal-infrastrutturi tat-tramm u tat-trolleybus. L-investment għandu l-għan li jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-ivvjaġġar, iżid il-kapaċità tat-trasport, u jipprovdi kopertura territorjali akbar bl-użu ta' vetturi ġodda.

L-investment għandu jappoġġa x-xiri ta' vetturi ġodda effiċjenti fl-użu tal-enerġija b'emissjonijiet diretti zero tas-CO2 mit-tailpipe biex jissostitwixxu l-vetturi l-qodma. L-investment għandu jappoġġa wkoll l-infrastruttura relatata mas-sistemi tat-tramm u t-trolleybus billi jirrestawra għadd ta' elementi importanti tal-infrastruttura tat-trasport bħal waqfiet, stazzjonijiet, binarji u żviluppi oħra fuq skala iżgħar.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C5.R1: Varar ta' sistema nazzjonali unika għat-tariffi, il-ħruġ ta' biljetti u informazzjoni għall-passiġġieri għall-karozzi tal-linja u l-ferrovija mill-Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiġi ffaċilitat l-użu tat-trasport pubbliku b'mod multimodali billi tkun permessa kombinazzjoni eħfef ta' servizzi tat-trasport ferrovjarju u bil-karozzi tal-linja permezz tal-varar ta' sistema unika għat-tariffi l-ħruġ ta' biljetti u informazzjoni għall-passiġġieri mill-Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku li għadha kif ġiet stabbilita fil-livell nazzjonali.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' sistema nazzjonali unika dwar it-tariffi, il-ħruġ ta' biljetti u informazzjoni għall-passiġġieri għall-mezzi varji tat-trasport pubbliku (karozzi tal-linja u ferroviji reġjonali u interurbani) permezz ta' mezzi diġitali. L-infrastruttura għall-konsenja ta' biljetti elettroniċi mhijiex parti minn din ir-riforma u mhijiex ifffinanzjata skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

Ir-riforma għandha tpoġġi fis-seħħ il-qafas regolatorju rilevanti. B'mod partikolari għandha tiġi stabbilita Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku u regolament ġdid għandu jistabbilixxi l-qafas istituzzjonali f'termini ta' metodi u proċeduri għas-sistema tariffarja l-ġdida, l-iskemi tal-biljetti u d-disponibbiltà tal-informazzjoni għall-passiġġieri.

Ir-riforma għandha tibda topera wkoll l-infrastruttura meħtieġa tal-biljetti, b'mod partikolari l-magni tal-bejgħ tal-biljetti, pjattaforma għal informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali u dwar it-tariffi inkluża l-ferrovija, ix-xarabank u t-trasport lokali, portal OpenData li jkun fih data dwar it-trasport tal-passiġġieri u sistema ta' informazzjoni għall-passiġġieri f'ħin reali.

Ir-riforma għandha tippermetti li l-utenti jixtru biljetti għall-pajjiż kollu, li tintalab informazzjoni dwar l-iskeda u li tiġi vverifikata s-sitwazzjoni attwali tat-traffiku permezz ta' pjattaforma waħda. Is-sistema li tirriżulta għandha tittratta l-vjaġġi kollha b'interkambju bejn il-ferrovija u l-karozza tal-linja bħala entità waħda, tipprovdi informazzjoni aggregata u toħroġ biljett wieħed għar-rotta kollha. L-iskeda u l-informazzjoni f'ħin reali għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u jintwerew fl-istazzjonijiet tal-ferrovija u tal-karozzi tal-linja.

Is-sistema għandha tkun nondiskriminatorja u bbażata fuq formati tal-iskambju tad-data konformi mar-rekwiżiti tal-UE (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/1926) u għandha tkun konformi mal-kompiti tal-Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku fil-livelli u l-oqsma tas-servizzi kollha tal-kumpaniji tat-trasport reġjonali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
80	C5.I1 Bini tal-kapaċità tan-network ferrovjarju suburban	Stadju importanti	Iffirmar tal-kuntratti tax-xogħlijiet għat-tiġdid u l-estensjoni tal-linji H5, H6 u H7	Iffirmar tal-kuntratti				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Proċedura miftuħa ta' akkwist pubbliku kompluta għall-modernizzazzjoni u l-estensjoni ta' linji ferrovjarji suburban għas-sezzjonijiet ferrovjarji suburban elettrifikati li ġejjin: — Szentendre — Pomáz — Budakalász — Békásmegyer (H5); — Ráckeve — Tököl — Szigetszentmiklós — Millenniumtelep (H6); — Csepel — Pont Kvassay (H7). Il-kuntratti ffirmati għandhom jinkludu r-rinnovazzjoni tal-binarju għal total ta' 46 km (l-azzjoni ma tinkludix is-sezzjoni Batthyány tér-Békásmegyer fuq tul ta' 10 km), il-provvista tal-enerġija elettrika (sistema ta' trazzjoni ta' 1 500 V DC), il-bini mill-ġdid tal-punti ta' waqfien u l-qsim.
81	C5.I1 Bini tal-kapaċità tan-network ferrovjarju suburban	Stadju importanti	Tlestija fiżika ta' 50 % għall-estensjoni tan-network ferrovjarju suburban	Rapport ta' inġinier ikkonfermat għal tlestija fiżika ta' 50 %				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Rapport tal-inġinier indipendenti li juri l-progress tekniku u t-tlestija tal-kuntratti tax-xogħlijiet iffirmati għal: kostruzzjoni u rinnovazzjoni ta' linji ferrovjarji, stazzjonijiet u waqfiet.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
82	C5.11 Bini tal-kapaċità tan-netwerk ferrovjarju suburban	Tal-UE	Rikondizzjonar tal-linji ferrovjarji mhux TEN-T (H5, H6 u H7)		km		46	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Km tal-linja ferrovjarja aġġornata fis-sezzjonijiet ippjanati f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-avviż ta' akkwist pubbliku. BI-investment, infrastruttura ferrovjarja suburbana ta' veloċità għolja kompletament modernizzata bis-sostituzzjoni ta' sistema ta' trazzjoni ta' 1 V DC, li tneħħi r-restrizzjonijiet tal-veloċità.
83	C5.11 Bini tal-kapaċità tan-netwerk ferrovjarju suburban	Tal-UE	Rikondizzjonar tal-istazzjonijiet ferrovjarji u l-punti ta' waqfien		Għadd		32	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Tlestija tal-aġġornament ta' 22 waqfa u 10-il stazzjon tul il-linji H5, H6 u H7 billi jiġu pprovduti konnessjonijiet intermodali: Parkeġġ P + R b'mill-inqas 1 000 siġġu. Il-waqfiet u l-istazzjonijiet kollha għandhom ikunu aċċessibbli għal gruppi bi ħtiġijiet speċifiċi, inklużi pjattaformi għoljin li jiżguraw konnessjonijiet mingħajr ostakli bejn il-vetturi u l-pjattaforma.
84	C5.11 Bini tal-kapaċità tan-netwerk ferrovjarju suburban	Tal-UE	Trasformaturi tal-kurrent ġodda jew modernizzazzjoni sħiħa tat-trasformaturi tal-kurrent eżistenti		Għadd		2	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Installazzjoni ta' trasformaturi tal-kurrent ġodda jew modernizzazzjoni sħiħa tat-trasformaturi tal-kurrent eżistenti
85	C5.11 Bini tal-kapaċità tan-netwerk ferrovjarju suburban	Tal-UE	Faċilitajiet ġodda għall-ħżin tar-roti B + R fil-punti ta' waqfien HÉV		Għadd		1 500	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-installazzjoni ta' faċilitajiet ġodda għall-ħżin tar-roti B + R f'diversi waqfiet u stazzjonijiet HÉV għal total ta' 1 500 rota.
86	C5.11 Bini tal-kapaċità tan-netwerk ferrovjarju	Tal-UE	Hubs intermodali ġodda bejn il-karozzi tal-linja u l-HÉV		Għadd		3	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Hoġqien ta' tliet hubs intermodali tul il-linji HÉV rinnovati fl-agglomerazzjoni ta' Budapest li jipprovdur trasferimenti diretti għall-passiġġieri bejn il-karozzi tal-linja u l-ferroviji.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	suburban									
87	C5.12 Konġestjoni tan-netwerk ferrovjarju li taqleb fuq il-kuritur TEN-T	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratt għar-rinnovazzjoni tal-linja ferrovjarja (Almásfüzitġ-Komárom)	Iffirmar tal-kuntratt tax-xogħlijiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Iffirmar ta' kuntratti ta' xogħlijiet għat-tiġdid tal-linja ferrovjarja (is-sezzjoni Almásfüzitġ-Komárom), wara proċedura miftuħa ta' akkwist pubbliku.
88	C5.12 Konġestjoni tan-netwerk ferrovjarju li taqleb fuq il-kuritur TEN-T	Tal-UE	Tqegħid fis-servizz tal-linja ferrovjarja rinnovata (Almásfüzitġ-Komárom)		km		11	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2026	Il-linja ferrovjarja rinnovata għandha titqiegħed fis-servizz, u tiżgura veloċità ta' 160 km/h u tagħbija fuq il-fus ta' 225 kN tul is-sezzjoni kollha tal-linja ta' 11-il km. Dan għandu jinkludi r-rikostruzzjoni tat-triq ewlenija Nru 1 f'livell separat, kif ukoll l-immodernizzar tal-linja ta' kuntatt sospiża u s-sistema tal-provvista tal-enerġija, li jagħmlu t-tagħmir ta' lokkatura ta' veloċità għolja. Dan għandu jinkludi wkoll il-kostruzzjoni/l-aġġornament ta' faċilitajiet neqsin jew skaduti, inklużi: <ul style="list-style-type: none"> <li>• Kostruzzjoni ta' 3.9 km ta' binarji</li> <li>• Installazzjoni ġdida tat-turnaround</li> <li>Rikostruzzjoni ta' żewġ km ta' linja ta' kuntatt sospiża</li> <li>• Ħames mogħdijiet ġodda għall-persuni bil-mixi</li> <li>• Żewġ punti ta' qsim li għandhom jinbnew mill-ġdid</li> <li>• Kostruzzjoni ta' mogħdija waħda għall-karozzi, il-persuni mexjin u ċ-ċiklisti</li> <li>• Il-kostruzzjoni ta' ħitan li jagħtu d-dell tal-istorbju.</li> </ul>
89	C5.12 Konġestjoni tan-netwerk	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratt għar-rinnovazzjoni	Iffirmar tal-kuntratt tax-				IT-TIENI TRIMES	2021	Iffirmar ta' kuntratti ta' xogħlijiet għat-tiġdid tal-linja ferrovjarja (Békéscsaba-Lgkösháza), wara

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ferrovjarju li taqleb fuq il-kuritur TEN-T		sezzjoni tal-linja ferrovjarja Almásfüzitġ-Komárom	xogħlijiet				TRU TAT-2		proċedura miftuħa ta' akkwist pubbliku.
90	C5.12 Konġestjoni tan-netwerk ferrovjarju li taqleb fuq il-kuritur TEN-T	Tal-UE	Tqegħid fis-servizz tal-linja ferrovjarja rinnovata (sezzjoni tal-linja ferrovjarja Békéscsaba-Lgkósháza)		km		30,3	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Is-sezzjoni tal-linja ferrovjarja rinnovata Békéscsaba-Lgkósháza għandha titqiegħed fis-servizz, u tiżgura veloċità ta' 160 km/h u tagħbija fuq il-fus ta' 225 kN. Dan għandu jinkludi l-konstruzzjoni tat-tieni binarju parallel, l-iżvilupp ta' sistema ta' kontroll tal-ferroviji ta' Livell 2 tal-ETCS, u l-immodernizzar tal-istazzjonijiet Kétegyháza u Lgkósháza.
91	C5.13 Żvilupp ta' trasport b'emissjonijiet żero bil-karozzi tal-linja	Stadju importanti	Iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja għax-xiri ta' karozzi tal-linja elettriċi ġodda u installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar	Iffirmar ta' ftehimiet ta' għotja ma' municiġalitajiet jew kumpaniji pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Iffirmar tal-ftehimiet ta' għotja konklużi mar-riċevituri finali magħżula kollha (għandhom ikunu eliġibbli l-municiġalitajiet u l-kumpaniji tas-servizz tat-trasport pubbliku fil-bliet kollha b'aktar minn 25 000 abitant) bħala riżultat tat-twettiq ta' sejħa miftuħa u trasparenti għal proposti u proċess tal-għażla għax-xiri ta' 300 karozza tal-linja ġdida bi trażmissjoni elettrika biss. L-għażla tar-riċevituri finali għandha tiżgura li kemm jista' jkun vetturi obsoleti jiġu sostitwiti.
92	C5.13 Żvilupp ta' trasport b'emissjonijiet żero bil-karozzi tal-linja	Tal-UE	Tqegħid fis-servizz ta' karozzi tal-linja elettriċi addizzjonali u punti tal-iċċarġjar assoċjati		Għadd		100	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	100 karozza tal-linja elettrika u l-istess għadd ta' punti tal-irriċarġjar imqiegħda fis-servizz li jissostitwixxu mill-inqas l-istess għadd ta' karozzi tal-linja qodma li jaħdmu bil-fjuwils fossili.
93	C5.13 Żvilupp ta' trasport b'emissjonijiet żero bil-karozzi tal-linja	Tal-UE	Tqegħid fis-servizz ta' karozzi tal-linja elettriċi addizzjonali u punti tal-iċċarġjar assoċjati		Għadd	100	300	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	300 karozza tal-linja elettrika u l-istess għadd ta' punti tal-irriċarġjar imqiegħda fis-servizz li jissostitwixxu mill-inqas l-istess għadd ta' karozzi tal-linja qodma li jaħdmu bil-fjuwils fossili.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
94	C5.14 L-użu tal-ġestjoni ċentrali tat-traffiku fuq il-ferroviji TEN-T	Stadju importanti	Iffirmar ta' kuntratt pubbliku għall-istabbiliment ta' sistema ċentrali għall-ġestjoni tat-traffiku	Iffirmar ta' kuntratti għal xogħlijiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	L-iffirmar ta' kuntratt għall-kostruzzjoni ta' Sistema Ċentrali tal-Ġestjoni tat-Traffiku li topira fuq tliet sezzjonijiet ewlenin tal-linji ferrovjarji (70, 100a, u 80) wara proċedura miftuħa ta' akkwist pubbliku, inkluż it-tagħmir ta' interlokkjar meħtieġ u l-partijiet tat-telekomunikazzjoni.
95	C5.14 L-użu tal-ġestjoni ċentrali tat-traffiku fuq il-ferroviji TEN-T	Tal-UE	Installazzjoni tas-Sistema Ċentrali għall-Ġestjoni tat-Traffiku mħaddma fuq linji suburbani u linji ferrovjarji kbar oħra		km		239	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għandha tiġi stabbilita sistema ċentrali għall-ġestjoni tat-traffiku. L-investment għandu jinkludi l-użu tal-ġestjoni ċentrali tat-traffiku fuq iż-żewġ linji ferrovjarji suburbani l-aktar traffikużi f' Budapest (70 u 100a) u fuq linja ferrovjarja rurali ewlenija (80) fuq tul totali ta' 239 km. L-investment għandu jinkludi wkoll ir-rinnovazzjoni u s-sostituzzjoni relatati tat-tagħmir tas-sinjalar, il-kostruzzjoni/l-estensjoni tal-linja sospiża, il-kostruzzjoni/l-estensjoni taċ-ċentri KÖFI fi tliet postijiet, l-iżvilupp ta' sistema ta' sigurtà (kameronas ta' sorveljanza, dawli), l-iżvilupp ta' sistema moderna ta' informazzjoni għall-passiġġieri, u l-kostruzzjoni tan-networks ta' data tat-telekomunikazzjoni meħtieġa.
366	C5.15 Żvilupp tas-sistema tat-tramm u t-trolleybus ta' Budapest	Stadju importanti	L-iffirmar ta' ftehim ta' għotja bejn il-Gvern u l-Belt ta' Budapest dwar ix-xiri ta' trammijiet, trolleybuses u l-infrastruttura relatata	Ftehim ta' għotja ffirmat				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Għandu jiġi konkluż ftehim ta' għotja bejn il-Gvern u l-Belt ta' Budapest dwar ix-xiri ta' trammijiet. Il-Ftehim ta' għotja għandu jipprovdi dettalji dwar ir-riżultati kollha taħt dan l-investment u l-iskeda ta' żmien għal dawn.

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
367	C5.15 Żvilupp tas-sistema tat-tramm u t-trolleybus ta' Budapest	Tal-UE	It-tqegħid fis-servizz tat-trams li jkunu għandhom kif inxtraw u l-infrastruttura relatata		Għadd		51	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	51 tramm ġdid għal Budapest, li minnhom 46 iqsar u 5 aktar għandhom jinxtraw u jibdeu jitħaddmu. Investimenti komplementari relatati max-xiri ta' trammijiet ġodda għandhom jitlestew: rikostruzzjoni ta' stazzjonijiet inklużi l-waqfiet finali; ir-rinnovazzjoni parzjali tal-karreġġjati.
368	C5.15 Żvilupp tas-sistema tat-tramm u t-trolleybus ta' Budapest	Tal-UE	It-tqegħid fis-servizz ta' konvertitur tal-enerġija ġdid għas-sistema trolleybus		Għadd		1	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għandu jitħaddem konvertitur ġdid tal-enerġija għas-sistema trolleybus. L-investimenti infrastrutturali relatati mat-trolleybus għandhom jitlestew inklużi wajers fl-għoli għat-trolleybuses; swiċċijiet tal-wajers; trolleybus — qsim tat-tramm.
96	C5.R1 Il-varar ta' tariffa nazzjonali unika, sistema ta' informazzjoni dwar il-biljetti u l-passiġġieri għall-karozzi tal-linja u l-ferroviji mill-Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li tistabbilixxi l-qafas istituzzjonali, il-proċeduri u l-proċessi	Dispożizzjoni fil-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	Dħul fis-seħħ tal-modifika tal-Att dwar is-Servizzi tat-Trasport tal-Passiġġieri li jstabbilixxi Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku. Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni u r-regolamenti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-qafas istituzzjonali, il-proċeduri u l-proċessi rigward is-sistema tariffarja, il-proċeduri ta' informazzjoni għall-passiġġieri, il-flussi tax-xogħol bejn l-Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku u l-operaturi tas-servizz pubbliku, l-oqfsa tal-kuntratti tas-servizz pubbliku, u l-korrispondenza u l-ġestjoni tal-emerġenzi. Din

Numru sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	L-għanqas/ Tal-UE	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										il-leġislazzjoni għandha tkun konformi mar-regolamenti dwar id-drittijiet tal-passiġġieri u għandha tiġi abbozzata wara analiżi tas-sigurtà u l-proċeduri attwali tal-informazzjoni.
97	C5.R1 Il-varar ta' tariffa nazzjonali unika, sistema ta' informazzjoni dwar il-biljetti u l-passiġġieri għall-karozzi tal-linja u l-ferroviji mill-Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku	Stadju importanti	Infrastruttura tal-biljetti u żvilupp ta' pjattaforma ta' informazzjoni	Il-bidu tal-operat ta' infrastruttura tal-biljetti u disponibbiltà tal-pjattaforma ta' informazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-bidu tal-operat ta' infrastruttura tal-biljetti u servizzi relatati għall-infrastruttura tas-sistema OpenData BI.  Il-pjattaforma għal informazzjoni dwar l-ivvjaġġar u t-tariffi f'ħin reali għandha tkun disponibbli fuq pjattaforma pubblika kif ukoll permezz ta' Interfaċċa għall-Ipprogrammar tal-Applikazzjonijiet.
98	C5.R1 Il-varar ta' tariffa nazzjonali unika, sistema ta' informazzjoni dwar il-biljetti u l-passiġġieri għall-karozzi tal-linja u l-ferroviji mill-Awtorità Nazzjonali tat-Trasport Pubbliku	Stadju importanti	Introduzzjoni ta' portal OpenData u ta' sistemi ta' informazzjoni għall-passiġġieri f'ħin reali.	Il-portal OpenData huwa disponibbli għall-pubbliku u sistema ta' informazzjoni għall-passiġġieri f'ħin reali hija varata				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Portal OpenData li jkun fih data dwar it-trasport tal-passiġġieri, b'mod partikolari skedi tal-ħin, informazzjoni dwar l-ivvjaġġar f'ħin reali, tariffi u f'ruġ ta' biljetti għandu jkun disponibbli għall-pubbliku mill-awtorità nazzjonali tat-trasport pubbliku mar-reġistrazzjoni.  Is-sistema ta' informazzjoni tal-passiġġieri f'ħin reali, inkluż l-okkupanza tal-vettura, għandha tiġi varata fl-istazzjonijiet ferrovjarji, fil-punti ta' waqfien tal-ferroviji u fl-istazzjonijiet tal-karozzi tal-linja ċentrali.

## **F. IL-KOMPONENT 6: ENERĠĠJA — TRANŻIZZJONI EKOLOĠIKA**

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija jindirizza diversi sfidi tas-settur tal-enerġija. L-objettiv tal-komponent huwa li jikkontribwixxi għall-ilħiq tal-miri tal-Ungerija dwar il-klima u l-enerġija għall-2030, filwaqt li jqis ukoll il-ħtieġa li tiżdied l-ambizzjoni tal-Istati Membri fil-kuntest tal-objettiv tal-2030 għall-UE kollha li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 55 % meta mqabbel mal-livelli tal-1990. L-istrateġija Nazzjonali tal-Enerġija 2030 u l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima għandhom l-għan li jsaħħu s-sovranità tal-enerġija u s-sigurtà tal-enerġija billi jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjoni, jiżguraw provvista tal-enerġija affordabbli għall-popolazzjoni u jiddekarbonizzaw il-produzzjoni tal-enerġija, inkluża ż-żieda tas-sehem tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq il-bażi ta' sorsi rinnovabbli.

F'dan il-kuntest, il-komponent għandu l-għan li joħloq kapaċitajiet addizzjonali bbażati fuq sorsi ta' enerġija rinnovabbli u fl-aħħar mill-aħħar inaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-emendi għall-qafas legali għandhom jistabbilixxu ambjent regolatorju ta' appoġġ biex jintlaħaq dan l-objettiv. Bil-ħsieb li l-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli jiġu integrati fin-network tal-elettriku b'mod sigur u flessibbli, il-komponent għandu jappoġġa l-investment relatat mal-iżvilupp tan-network u l-investimenti f'faċilitajiet ta' ħżin tal-elettriku. L-investment f'arloġġi intelliġenti huwa mistenni li jikkontribwixxi għall-ottimizzazzjoni tad-domanda għall-elettriku fit-tul. Il-komponent għandu jirriżulta wkoll fil-ħolqien ta' kapaċità addizzjonali ta' produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli billi jappoġġa l-installazzjoni ta' sistemi ta' pannelli solari residenzjali. Barra minn hekk, sabiex jiġu indirizzati l-isfidi relatati mat-tniġġis tal-arja u l-effiċjenza fl-enerġija, dan għandu jipprovdi wkoll appoġġ lill-unitajiet domestiċi għall-installazzjoni ta' sistemi tat-tisħin elettriku u għas-sostituzzjoni tat-twieqi, apparti s-sistemi tal-pannelli solari u l-unitajiet tal-ħżin.

Il-miżuri skont dan il-komponent huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u għall-ilħiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.

L-iżvilupp ta' network intelliġenti bbażat fuq soluzzjonijiet tekniċi innovattivi huwa pass importanti lejn id-diġitalizzazzjoni. L-isfruttament tad-data permezz ta' soluzzjonijiet diġitali jiżgura tbassir aħjar tal-bilanċi bejn il-provvista u d-domanda u regolamentazzjoni aħjar tal-produzzjoni tal-enerġija.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika u s-sigurtà tal-Ungerija bħala parti mill-objettivi Ewropej. L-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli għandha twassal għal aktar sovranità tal-enerġija permezz ta' żieda fis-sehem tas-sorsi tal-enerġija domestiċi. L-iżvilupp tal-grilja għandu jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tas-sigurtà tan-network tal-elettriku.

L-investimenti huma mistennija wkoll li jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjegi fil-livell lokali, inkluż għas-settur tal-SMEs.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż rigward il-ħtieġa li ssir enfasi fuq it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, b'mod partikolari l-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2020) u li l-enerġija b'livell baxx ta' karbonju u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi jitqiegħdu fiċ-ċentru tal-politika ekonomika orjentata lejn l-investment (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 3 fl-2019). Dan jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 6 fl-2022 rigward il-ħtieġa li titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jitħaffef l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, billi jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-għoti ta' permessi u t-titjib tal-

infrastruttura tal-elettriku, kif ukoll billi jiżdedu l-isforzi fuq il-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

## **F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

### **C6.R1: Trasformazzjoni tar-regolamentazzjoni tal-elettriku**

L-iskop tar-riforma huwa li jitjieb il-qafas legali tas-suq tal-elettriku tal-Ungerija billi jiġi emendat l-Att LXXXVI tal-2007 u billi jiġu emendati ċerti digriet tal-gvern relatati, bħad-Digriet tal-Gvern 273/2007 (X.19), 389/2007 (XII.23) u 299/2017 (X.17).

Ir-riforma attwali tipprevedi l-introduzzjoni ta' kontabbiltà separata għall-elettriku trażmess fil-grilja u l-elettriku kkunsmat mill-grilja. L-Ungerija għandha tintroduċi din is-sistema ta' kontabbiltà separata li taffettwa l-prosumaturi eżistenti kollha 10 snin wara l-installazzjoni tas-sistemi tal-pannelli solari tagħhom.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

### **C6.R2: Tħeġġiġ tal-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ fuq l-art**

L-objettiv tal-miżura huwa li jkun permess l-iżvilupp ta' kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ fuq l-art fl-Ungerija billi jitneħħew ir-restrizzjonijiet ġenerali eżistenti fuq l-installazzjoni ta' impjanti tal-enerġija mir-riħ u billi jinħolqu "żoni rakkomandati" fejn l-investimenti fl-enerġija mir-riħ ikunu mħeġġa.

Ir-riforma għandha temenda, wara konsultazzjoni pubblika, il-qafas leġiżlattiv applikabbli bħalissa sabiex jitneħħew restrizzjonijiet bla bżonn fuq l-installazzjoni ta' parkijiet eoliċi fil-pajjiż, b'mod partikolari fir-rigward tad-distanza ta' rtirar lura mit-turbini eoliċi (id-distanza bejn l-installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ u żoni residenzjali jew żoni affettwati oħra), l-għoli tat-turbini eoliċi (jew id-dijametru massimu tal-pali tal-iskrejjien tal-imtieħen tar-riħ) u l-kapaċità tal-enerġija tat-turbini. Ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu eliminati jew definiti b'tali mod li jippermettu installazzjoni effettiva ta' parkijiet eoliċi u f'konformità mal-parametri referenzjarji Ewropej u l-aħjar Prattiki Komparabbli. Ir-regolamenti emendati jistgħu jinkludu rekwiżiti minimi dwar is-sikurezza teknika, il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent u l-awtoritajiet lokali jistgħu jimponu rekwiżiti ġustifikati. Ir-regolamenti emendati ma għandhom jintroduċu l-ebda impediment ieħor, bħal restrizzjonijiet ibbażati fuq id-daqs, il-kapaċità, jew l-għoli.

Ir-riforma għandha tintroduċi wkoll, wara konsultazzjoni pubblika, "żoni rakkomandati" għall-parkijiet eoliċi f'konformità mal-approċċ tal-proposta tal-Kummissjoni f'COM (2022) 222 tat-18 ta' Mejju 2022.

"Żoni rakkomandati" għandhom ikunu postijiet speċifiċi li huma partikolarment adattati għall-installazzjoni ta' parkijiet eoliċi. Dawn iż-żoni għandhom jiġu definiti skont kriterji oġġettivi bħad-densità tal-enerġija mir-riħ jew il-veloċità tar-riħ. Il-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi dawn iż-żoni għandha tistabbilixxi wkoll proċeduri simplifikati speċifiċi għall-għoti ta' permessi għall-installazzjoni ta' parkijiet eoliċi f'żoni bħal dawn, li jirriżultaw fi proċeduri aktar faċli u skadenzi iqsar.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

### **C6.R3: Titjib tal-proċeduri tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli**

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġi appoġġat il-varar ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli billi jiġu ffaċilitati l-proċeduri għall-għoti tal-permessi.

Ir-riforma għandha tpoġġi fis-seħħ proċedura integrata għall-permess għall-protezzjoni ambjentali u l-permess tal-kostruzzjoni għall-parkijiet għall-enerġija solari u eolika

b'kapaċità inkorporata ta' aktar minn 0.5 MW. Dan għandu jiżgura żmien effettiv iqsar għall-għoti ta' permessi. Lil hinn minn 75 jum, in-nuqqas ta' tweġiba mill-amministrazzjoni għandu jirriżulta fl-għoti ta' awtorizzazzjoni. Ir-riforma għandha tistabbilixxi wkoll punt uniku ta' servizz, li jaġixxi bħala punt ta' kuntatt uniku għall-investituri għall-immaniġġar u t-twassil ta' tali permessi integrati.

Ir-riforma għandha tissimplifika wkoll il-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja għal installazzjonijiet fotovoltajċi żgħar (inqas minn 0.8 kW). Għal dawn, ir-reġistrazzjoni qabel l-installazzjoni biss għandha tkun meħtieġa, mingħajr il-ħtieġa li tiġi introdotta talba għal permess. L-investitur ma għandux ikun meħtieġ jiffirma kuntratt speċifiku mal-Operatur tas-Sistema tad-Distribuzzjoni (Distribution System Operator, DSO) għall-użu tal-impjant fotovoltajku żgħir, u r-reġistrazzjoni għandha tissostitwixxi l-kuntratt ta' konnessjoni għall-impjant fotovoltajku żgħir. L-iskadenzi għall-konnessjoni tal-impjant tal-enerġija żgħir ma għandhomx ikunu itwal minn xahrejn sakemm ir-raġuni għad-dewmien ma tkunx taqa' barra mill-kompetenza tad-DSO rispettiv.

Sabiex jiġi promoss il-varar tal-enerġija solari, il-waqfien temporanju introdott dan l-aħħar tal-possibbiltà għal sistemi fotovoltajċi residenzjali mibnija ġodda (sa 50 kVA) biex jipprovdu l-enerġija lill-grilja għandu jitneħħa malajr kemm jista' jkun, u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024. Għal dan l-għan, l-Awtorità Regolatorja Ungeriża dwar l-Enerġija u l-Utilità Pubblika (MEKH) għandha tirrieżamina regolarment, mill-inqas kull sitt xhur, din il-limitazzjoni temporanja, f'livell reġjonali flimkien mal-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni (Transmission System Operator, TSO) u d-DSOs, abbażi ta' kriterji tekniċi u oġġettivi. Hekk kif ir-riżultat tal-evalwazzjoni jistabbilixxi li l-grilja hija kapaċi tintegra l-elettriku prodott, ir-restrizzjoni għandha titneħħa, fil-livell reġjonali jekk ikun xieraq.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

#### **C6.R4: Titjib tat-trasparenza, prevedibbiltà u disponibbiltà tal-konnessjoni mal-grilja**

L-objettiv tal-miżura huwa li tiżdied it-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-proċedura kkoordinata ta' konnessjoni mal-grilja għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp, u fl-aħħar mill-aħħar li tiżdied id-disponibbiltà tal-konnessjonijiet mal-grilja.

Ir-riforma għandha temenda l-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja biex tiżgura approċċ nondiskriminatorju bejn it-teknoloġiji tal-ġenerazzjoni tal-enerġija. It-talbiet għall-konnessjoni li jaqbu l-limiti tal-konnessjoni għandhom dejjem jiġu aċċettati bil-kundizzjoni li l-investituri jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kapaċità tal-ibbilanċjar u jħallsu t-tariffi tal-konnessjoni diretta. Il-leġiżlazzjoni għandha tiddefinixxi l-livell massimu tal-kapaċità tal-ibbilanċjar li jista' jintalab. Dan il-massimu għandu jkun oġġettivament ġustifikat u proporzjonat, ma għandux jaqbeż it-30 % u għandu jitnaqqas gradwalment.

Ir-riforma għandha żżid ukoll it-trasparenza tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja b'diversi azzjonijiet biex titqajjem kuxjenza u jitrawmu deċiżjonijiet infurmati mill-parteciċipanti fis-suq. Dawn għandhom jinkludu b'mod partikolari l-pubblikazzjoni regolari ta' talbiet aċċettati u miċħuda, ta' projezzjonijiet aġġornati għall-kapaċitajiet ta' konnessjoni mal-grilja u ta' eżempji simplifikati għal tipi differenti ta' konnessjoni, kif ukoll l-organizzazzjoni ta' forums għall-kondiviżjoni tal-informazzjoni għall-parteciċipanti fis-suq. Sabiex tittejjeb l-effettività tal-proċedura, it-TSO u d-DSOs għandhom joħlqu wkoll l-infrastruttura tal-IT meħtieġa biex ikunu jistgħu jiġbru u jużaw data minn arloġġi intelliġenti installati.

Ir-riforma għandha tikkontribwixxi għall-kapaċità tal-Ungerija li żżid b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-parkijiet tal-enerġija solari u eolika konnessi mal-grilja fil-livell nazzjonali. Bażi tad-data tal-gvern għandha tagħmel monitoraġġ tal-progress lejn il-miri korrispondenti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C6.R5: Tisħiħ tar-rekwiżiti tal-effiċjenza fl-enerġija**

L-objettiv tal-miżura huwa li titjeb l-effiċjenza fl-enerġija tal-bini fl-Ungerija, li hija mistennija li tikkontribwixxi għal konsum tal-enerġija aktar baxx tal-bini u b'hekk għal esponiment aktar baxx għall-gass mir-Russja.

Ir-riforma għandha tintroduċi standards minimi tal-effiċjenza fl-enerġija (tnaqqis tal-konsum tal-enerġija ta' mill-inqas 30 %) għall-iskemi ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini ffinanzjati mill-fondi tal-UE.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2023.

### **C6.I1: Żvilupp tal-grilji klassiċi u intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni**

L-iskop tal-investment huwa li jiġi żviluppat in-network tal-elettriku bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni sikura ta' kapaċitajiet addizzjonali li għandhom jinħolqu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tiżdied il-flessibilità tas-sistema. F'konformità mal-istrateġija tal-politika tal-enerġija tal-Ungerija, l-Ungerija beħsiebha żżid is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-taħlita tal-enerġija tagħha u tittripla l-kapaċità attwali tagħha tal-impjant tal-enerġija solari domestika sal-2030. Dan jeħtieġ aċċess suffiċjenti għan-network u kapaċità meħtieġa għall-grilja. In-network ta' trażmissjoni u ta' distribuzzjoni jeħtieġ li jiġi żviluppat biex ikun jista' jilqa' dawn l-isfidi.

B'hekk, l-investment għandu jikkontribwixxi għall-eliminazzjoni ta' wħud mill-kapaċitajiet skarsi tal-grilja, għall-integrazzjoni sikura ta' produzzjoni addizzjonali li tirriżulta miż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli. L-investment għandu jinkludi 'mod partikolari elementi ta' żvilupp, bħall-kostruzzjoni u l-aġġornamenti tan-network b'vultaġġ għoli/medju/baxx, installazzjonijiet ġodda tas-substazzjonijiet, sostituzzjonijiet u espansjonijiet tat-trasformaturi tas-substazzjonijiet, kostruzzjonijiet u sostituzzjoni tal-kontrolli kif ukoll żviluppi fid-diġitalizzazzjoni.

L-ikkompletar tal-investment li jikkonsisti fiż-żieda fil-kapaċità tal-integrazzjoni tal-impjanti tal-enerġija li jużaw sorsi tal-enerġija rinnovabbli mal-grilja għandu jirriżulta f'abbiltà li tiġi integrata kapaċità tal-impjant tal-enerġija addizzjonali ta' 3 609 MW sat-30 ta' Ġunju 2026.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C6.I2: Appoġġ għall-użu ta' pannelli solari residenzjali u modernizzazzjoni tat-tisħin**

L-objettiv tal-miżura huwa l-espansjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli residenzjali, iż-żieda fl-effiċjenza fl-enerġija li twassal għal tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif ukoll it-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja li jirriżulta minn soluzzjonijiet tat-tisħin skaduti (bħall-materja partikolata u d-diossidu tal-kubrit). Din il-miżura għandha tkun ta' benefiċċju għall-unitajiet domestiċi esposti għal riskju ta' faqar enerġetiku oġhla mill-medja. Għal dan l-iskop, il-livell tal-introjtu tar-riċevitur għandu jiġi determinat fuq il-bażi ta' waħda miż-żewġ possibbiltajiet li ġejjin: persuni b'introjtu taħt il-

paga medja nazzjonali jew unitajiet domestiċi b'introjtu medju per capita taħt il-medja nazzjonali, it-tnejn stabbiliti fuq il-bażi tal-istatistika mill-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika tal-Ungerija.

Il-miżura għandha tappoġġa żewġ tipi ta' attivitajiet. L-ewwel tip ta' attività hija l-installazzjoni ta' sistema ta' pannelli solari fuq strutturi tas-saqaf għall-awtokonsum. It-tieni tip ta' attività tikkonsisti fl-installazzjoni ta' sistemi ta' pannelli solari fuq strutturi tas-saqaf għall-awtokonsum, ikkombinata mas-sostituzzjoni tat-twieqi, l-istabbiliment tal-kapaċità tal-ħżin (massimu ta' 14-il kW) u l-installazzjoni tat-tiżhin elettriku (pompi tas-sħana, jekk meħtieġ akkumpanjati minn pannelli elettriċi tas-sħana skont iċ-ċirkustanzi tekniċi tal-bini li jibbenefika mill-appoġġ). Il-miżura għandha tkun ta' benefiċċju għal 30 974 unità domestika, li minnhom mill-inqas 7 385 unità domestika għandhom iwettqu l-investiment li jaqa' taħt it-tieni tip ta' attività.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C6.I4: Installazzjoni ta' faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija tal-grilja għall-parteciċipanti fis-suq<sup>5</sup>**

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li l-parteciċipanti fis-suq diġà preżenti jew li jixtiequ jidhru fis-suq tal-ibbilanċjar (eż. aggregaturi, produttori tal-elettriku u konsumaturi industrijali kbar) jingħatalhom aċċess għal teknoloġiji li jipprovdu servizz ta' flessibbiltà mingħajr tniġġis.

Din il-miżura għandha tappoġġa lill-parteciċipanti fis-suq biex jinstallaw faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija tal-grilja.

Ir-riċevituri għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa miftuħa għal proposti. Fil-proċess tal-għażla, il-proposti tal-proġetti li għandhom jiġu implimentati b'teknoloġiji differenti għandhom jingħataw punteġġ u jintgħażlu abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji, biex b'hekk jiġi żgurat proċess tal-għażla teknoloġikament newtrali b'enfasi fuq il-kosteffettività totali. Ir-riċevituri għandhom ikunu meħtieġa jintroduċu l-kapaċità kollha jew parti minnha li tirriżulta mill-faċilità ta' ħżin tal-elettriku ssussidjata fis-suq tal-ibbilanċjar.

Il-kapaċità totali tal-ħżin tal-elettriku installata bħala parti mis-suq tal-ibbilanċjar b'riżultat ta' dan l-investiment għandha tkun mill-inqas 885 MWh.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C6.I5: Disseminazzjoni tal-kejl intelliġenti**

L-objettiv tal-miżura huwa li jiġu appoġġati x-xiri u l-installazzjoni ta' arloġġi intelliġenti.

L-applikazzjoni tal-arloġġi intelliġenti hija mistennija li jkollha rwol importanti bħala għodda minn tarf sa tarf għad-determinazzjoni preċiża tal-profilu tal-konsumaturi u l-ottimizzazzjoni tad-domanda għall-elettriku, u l-għbir tad-data u l-funzjonijiet ta' komunikazzjoni tagħhom għandhom jiġu sfruttati f'ħafna oqsma oħra ta' applikazzjoni wkoll. L-arloġġi intelliġenti għandhom ikunu kontrollabbli mill-bogħod, għandhom ikunu kapaċi jaqilbu l-output nominali tal-arloġġ f'każ ta' kejl dirett, għandhom ikunu kapaċi jipprovdu kontrollabbiltà u

---

<sup>5</sup> L-investiment C6.I3 *L-installazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija għall-operatur tas-sistema tad-trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni* tneħħa fil-kuntest tar-reviżjoni tal-pjan.

jkollhom modulu ta' komunikazzjoni. L-introduzzjoni ta' arloġġi intelliġenti u t-tariffi flessibbli li jibnu fuqhom huma mistennija li jipprovdu l-bażi għal rispons min-naħa tad-domanda fit-tul, li hija mistennija li tgħin biex tinbena flessibbiltà fis-sistema tal-elettriku fit-tul.

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tipprevedi li ċertu tip ta' konsumaturi jkollhom arloġġi intelliġenti installati fil-post tal-konsum tagħhom. Skont id-Digriet tal-Gvern 273/2007 (X. 19.) dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Att LXXXVI tal-2007 dwar l-Elettriku, jeħtieġ li jiġi installat arloġġ intelliġenti għall-utenti konnessi b'vultaġġ baxx f'każ ta' konsum annwali ta' 5 000 kWh jew aktar; fil-każ ta' konnessjonijiet ġodda b'domanda għall-enerġija ta' 3x32 A iżda li ma taqbiżx 3x80 A; u għall-utenti li diġà għandhom impjant tal-enerġija żgħir ta' daqs domestiku jew għandhom jinstallaw sistema bħal din fil-futur. L-investment għandu jikkontribwixxi għad-disseminazzjoni ta' arloġġi intelliġenti.

Ir-riċevituri tal-investment huma l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni, abbażi ta' sejħa għal proġetti prijoritarji. L-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni għandhom jirċievu s-sussidju fi proporzjon mal-għadd ta' siti fiżiċi meħtieġa biex jiġu installati arloġġi intelliġenti fiż-żoni ġeografiċi fejn joperaw.

Il-miżura għandha tirriżulta f'għadd totali ta' mill-inqas 290 680 arloġġ intelliġenti installati ġodda.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C6.I6: Investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku**

Dan l-investment għandu l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku.

L-investment għandu jwassal għal tnaqqis ġenerali fl-użu tal-enerġija primarja permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika f'binji pubbliki b'erja totali tal-art ta' 388 000 metru kwadru, b'enfasi speċifika fuq ir-reġjun ta' Budapest. Dan għandu jinkiseb billi jsiru investimenti fil-ġestjoni tal-enerġija tal-bini bħat-titjib tal-iżolament tal-bini, ir-rendiment termali tal-bini, it-tnaqqis tat-telf tas-sħana, il-modernizzazzjoni tat-tisħin, l-implimentazzjoni ta' sistemi diġitali ta' ġestjoni tal-enerġija biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u/jew il-modifika retroattiva effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' sistemi tat-tidwil ta' ġewwa eżistenti, l-użu ta' enerġija rinnovabbli għall-bini pubbliki u attivitajiet li jappoġġaw l-adattament tal-bini pubbliki għat-tidwil fil-klima. L-appoġġ għas-sistemi tat-tisħin ibbażat fuq il-gass ma għandux jammonta għal aktar minn massimu ta' 20 % tal-pakkett globali għal din il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

**F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
99	C6.R1 Regolamentazzjoni dwar it-trasformazzjoni tal-elettriku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għad-Digriet tal-Gvern 273/2007. (X.19.)	Edaħlet fis-seħħ l-emenda leġiżlattiva inkluż is-saldu gross				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Id-dħul fis-seħħ tal-emenda tad-Digriet tal-Gvern 273/2007 (X.19) rigward ir-regoli dwar l-iskema ta' saldu gross obligatorja għall-prosumaturi. Id-digriet għandu jiżgura li mill-1 ta' Jannar 2023 il-prosumaturi li jibbenefikaw minn appoġġ finanzjarju pubbliku għall-installazzjoni tal-unitajiet ta' ġenerazzjoni tal-elettriku tagħhom għandhom iqisu separatament l-ammont ta' enerġija prodotta u l-ammont ta' enerġija kkunsmata.
100	C6.R2 L-inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ fuq l-art	Stadju importanti	Emenda tal-leġiżlazzjoni favur l-użu tal-enerġija mir-riħ	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni emendata				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni emendata li tneħħi r-restrizzjonijiet mhux meħtieġa fuq l-installazzjoni ta' parkijiet eoliċi għall-pajjiż kollu. Il-leġiżlazzjoni għandha tippermetti installazzjoni effettiva ta' parkijiet eoliċi. B'mod speċifiku, ir-regoli dwar id-distanza minima fil-leġiżlazzjoni applikabbli bħalissa għandhom jitnaqqsu b'mod sinifikanti u kwalunkwe distanza minima bejn l-installazzjonijiet tal-enerġija mir-riħ u ż-żoni residenzjali jew żoni affettwati oħra ma għandhiex taqbeż il-parametri referenzjarji Ewropej u l-aħjar prattiki komparabbli. L-għoli massimu permess tat-turbini eoliċi (jew id-dijametru massimu tal-pali tal-iskrejjien tal-imentieħen tar-riħ) għandu jiġi eliminat jew miżjud biex ikun konformi mal-parametri referenzjarji Ewropej u l-aħjar prattiki komparabbli. L-ebda limitu massimu tal-kapaċità għal kull turbina eolika ma għandu jibqa' jew jiġi introdott. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali tista' tawtorizza lill-awtoritajiet lokali biex jimponu rekwiżiti ġustifikati biex jitqiesu interessi leġittimi oħra, bħal użu ieħor tal-art, protezzjoni tan-natura jew tal-pajsaġġ. Il-leġiżlazzjoni għandha tiżgura wkoll li l-ippjanar spazjali għandu jittratta l-enerġija mir-riħ b'mod simili għal sorsi oħra ta' enerġija rinnovabbli mingħajr ebda restrizzjoni speċifika. Il-konsultazzjoni pubblika u d-djalogu trasparenti mal-awtoritajiet lokali għandhom isiru qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
101	C6.R2 L-inkoraġġiment tal-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ fuq l-art	Stadju importanti	Il-ħolqien ta' "żoni rakkomandati" għall-enerġija mir-riħ	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni rilevanti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Dħul fis-seħħ tar-regolament li jiddefinixxi "żoni rakkomandati" għall-parkijiet eoliċi u t-twaqqif ta' proċeduri i simplifikati speċifiċi għall-għoti ta' permessi għall-installazzjoni ta' tali impjanti tal-enerġija f'żoni bħal dawn (skadenzi 10 % iqsar għall-proċeduri relatati mal-għoti tal-permessi u l-għoti tal-possibbiltà legali li jinkisbu d-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet rilevanti — bħall-awtorità tal-protezzjoni tal-art, id-dipartiment tat-tifi tan-nar — qabel it-tnedija tal-proċedura tal-għoti tal-permess). Dawn iż- "żoni rakkomandati" għandhom jiġu definiti, bħala minimu, bħala ż-żoni fil-pajjiż fejn id-densità tal-enerġija tar-riħ hija mill-inqas 500 W/m <sup>2</sup> f'għoli ta' 150 metru, jew bl-użu ta' valur medju simili tal-veloċità tar-riħ bil-kundizzjoni li ż-żona koperta li tirriżulta ma tkunx iżgħar. Fi kwalunkwe każ, iż-żoni rakkomandati għandhom ikopru ż-żoni attwalment użati għat-turbini eoliċi sabiex jiġi ffaċilitat l-għoti ta' permess għar-repowering. Il-konsultazzjoni pubblika u d-djalogu trasparenti mal-awtoritajiet lokali għandhom isiru qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni l-għida.
102	C6.R3 It-titjib tal-proċeduri għall-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Proċedura integrata għall-għoti ta' permessi għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni emendata				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Dħul fis-seħħ tal-qafas legali u amministrattiv għal trattament integrat tad-dispożizzjoni tal-permess għall-protezzjoni ambjentali u l-permess tal-kostruzzjoni għal parkijiet tal-enerġija rinnovabbli — solari u eoliċi — dipendenti mit-temp b'kapaċità inkorporata ta' aktar minn 0.5 MW. Il-qafas leġiżlattiv għandu jiżgura wkoll żmien effettiv iqsar għall-għoti tal-permessi, billi jipprovi li l-permess integrat għandu jingħata fi żmien 75 jum, u li jekk ma tingħata l-ebda tweġiba mill-amministrazzjoni matul dak il-perjodu, l-awtorizzazzjoni għandha titqies li nġhatat.
103	C6.R3 It-titjib tal-proċeduri għall-għoti tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli	Stadju importanti	Punt uniku ta' servizz għall-għoti ta' permessi tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli	Bidu tal-operazzjonijiet ta' punt uniku ta' servizz				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	Punt uniku ta' servizz għandu jkun operazzjonali u jkun beda joffri servizzi lill-investituri interessati fl-istabbiliment ta' parkijiet tal-enerġija rinnovabbli — solari u eoliċi — dipendenti mit-temp. Il-punt uniku ta' servizz għandu jkun entità ċentralizzata fil-livell nazzjonali, li taġixxi bħala punt ta' kuntatt uniku ta' kuntatt għall-investituri għat-trattament u t-twassil tal-permessi.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
L-objettiv ewlieni tal-komponent huwa li tiġi żviluppata sistema ta' kura moderna u effiċjenti li tkun kapaċi twieġeb għall-isfidi tas-seklu wieħed u għoxrin u aċċessibbli għal kulħadd, f'konformità mal-prinċipju 16 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Għal dan l-għan, il-komponent għandu l-għan li (i) jeqred il-pagamenti ta' gratwità fis-sistema tas-saħħa; (II) issaħħaħ ir-rwol tat-tobba tal-familja; (III) tissimplifika l-kura n-patient u ttejjeb l-infrastruttura tagħha; (IV) iżżid l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) biex ittejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi tal-kura tas-saħħa; u (v) jiżviluppa pogramm ta' sorveljanza tas-saħħa mill-bogħod għall-anzjani.

Il-komponent jappoġġa l-indirizzar tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar l-appoġġ għal miżuri tas-saħħa preventivi u t-tiġid tal-kura tas-saħħa primarja (ir-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 2 tal-2019 u 3 fl-2022), dwar l-indirizzar ta' nuqqasijiet ta' ħaddiema tas-saħħa u l-iżgurar ta' provvista adegwata ta' prodotti u mediċi kritiċi u l-infrastruttura (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 fl-2020), u dwar l-iżgurar ta' aċċess għal servizzi essenzjali għal kulħadd (ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2 fl-2020). Jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

### **H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

#### **C8.R1: Eradikazzjoni tal-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa**

L-objettiv tal-miżura huwa li tinqered il-prattika ta' pagamenti informali ta' gratwità fis-servizzi tal-kura tas-saħħa filwaqt li jinħolqu kundizzjonijiet finanzjarji u tax-xogħol aħjar għat-tobba.

Il-miżura għandha tikkonsisti fl-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni li tintroduċi kuntratt ta' impjegat ġdid għat-tobba bl-għan li jinqered l-ħlasijiet ta' gratwità u, b'rabta ma' dan, jiżdiedu s-salarji għat-tobba u r-residenti impjegati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kuntratt. Flimkien mal-kriminalizzazzjoni leġiżlata tal-pagamenti ta' gratwità, il-miżura hija mistennija teqred dawn il-pagamenti fis-servizzi tal-kura tas-saħħa. L-effettività tal-miżura hija mistennija li tissaħħaħ miż-żidiet paralleli fil-pagi fis-settur tal-kura tas-saħħa (li huma ffinanzjati b'mod separat mill-RRP).

L-impatt tal-miżura għandu jiġi evalwat permezz ta' studju indipendenti li r-riżultati tiegħu għandhom jiġu ppubblikati. L-istudju għandu jivvaluta wkoll sa liema punt ir-riforma għandha tkun ikkontribwiet għat-titjib tal-attrazzjoni tal-professjoni tat-tobba u ż-żamma tat-tobba fl-Ungerija.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

### **C8.I1: Żvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kura tas-saħħa fis-seklu 21**

L-objettiv tal-miżura huwa li tissaħħaħ il-kura għall-pazjenti inpatient u l-infrastruttura tagħha. Qed issir enfasi fuq l-iżvilupp ta' network ta' fornituri tal-kura tas-saħħa għal kirurġija li titlesta f'ġurnata, outpatient u inpatient b'bini ġdid u rikondizzjonat u apparat mediku modern li jgħinu biex tiżdied l-effiċjenza tal-kura tas-saħħa, anki fid-dawl tal-okkorrenza futura possibbli ta' kriżijiet tas-saħħa.

Il-miżura għandha tikkonsisti f'erba' azzjonijiet. L-ewwel nett, id-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni biex tiġi żviluppata sistema nazzjonali ta' ġestjoni tas-saħħa unika u trasparenti. It-tieni, il-ħolqien ta' 22 network tal-isptarijiet fil-livell tal-kontej bi proċessi integrati tal-pazjenti, skont rapport ta' mmappjar li għandu jiġi pprovdut mill-Ministeru għall-Intern. Il-proċessi integrati tal-pazjenti għandhom jiddefinixxu liema istituzzjoni fin-network hija responsabbli għal kull tip ta' intervent mediku f'kull network fil-livell tal-kontej tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa. It-tielet, mill-inqas 40 binja b'infrastruttura tas-saħħa ġdida jew rikondizzjonata għandhom jirċievu tagħmir ġdid u modern tal-kura tas-saħħa, u bini mibni ġdid għandu jikkonforma wkoll ma' rekwiżiti għolja ta' effiċjenza fl-enerġija. Ir-raba', żieda fl-għadd ta' avvenimenti ta' ġbir ta' demm sħiħ f'siti ta' ġbir mobbli f'insedjamenti żgħar.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C8.I2: Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa**

L-objettiv tal-investment huwa li jiżdied l-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni biex tittejjeb l-effiċjenza tas-settur tas-saħħa, jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-servizzi u tittejjeb il-kwalità tal-kura u tas-servizzi.

Il-miżura għandha tikkonsisti f'sitt azzjonijiet. L-ewwel nett, 65 sptar għandhom jiġu mġammra b'sistemi aġġornati ta' sigurtà tal-IT. It-tieni, bażijiet tad-data u reġistri tal-mard ġodda għandhom isiru aċċessibbli b'mod diġitali fl-Ispazju tas-Servizz Elettroniku tal-Kura tas-Saħħa (EESZT, Electronic Healthcare Service Space). L-EESZT hija pjattaforma ta' integrazzjoni eżistenti fejn tista' tinkiseb id-data kollha dwar is-saħħa tal-pazjenti, bl-awtorizzazzjoni t-tajba, permezz ta' sistemi lokali tal-isptarijiet, tal-prattikanti ġenerali jew tal-ispiżeriji. It-tielet, il-proporzjon ta' proċeduri tal-awtorità tas-saħħa li jistgħu jinbdeu elettronikament għandu jiżdied għal 60%. Ir-raba', l-għadd ta' interventi telemediċinali pprovduti permezz ta' għodod ta' komunikazzjoni informattiva għandu jiżdied. Il-ħames, għandhom jiġu mnedija moduli ġodda fuq il-portal EESZT li jappoġġaw il-ġestjoni tal-provvista u l-proċessi ta' kura diġitalizzata. Is-sitt, għandha tiġi żviluppata u titpoġġa f'operazzjoni applikazzjoni ġdida tal-mobile għall-kura tas-saħħa ċentrali (myEESZT) għall-unitajiet domestiċi u l-utenti professjonali.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

### **C8.I3: Programm tal-monitoraġġ tas-saħħa mill-bogħod għall-anzjani**

L-objettiv tal-investment huwa li jingħataw servizzi ta' sorveljanza tas-saħħa mill-bogħod għall-persuni anzjani li għandhom iktar minn 65 sena. L-investment huwa mistenni wkoll li jnaqqas id-deistituzzjonalizzazzjoni tal-kura fit-tul.

Il-miżura għandha tikkonsisti f'żewġ azzjonijiet. L-ewwel nett, il-bidu tal-operat ta' servizzi ta' dispaċċ li għandhom jorganizzaw servizzi telemediċinali u kura ta' emerġenza għall-parteċipanti fost il-persuni anzjani li għandhom iktar minn 65 sena.; Is-sistema għandha tippermetti li l-parteċipanti jitolbu l-għajjnuna mis-servizz ta' 24 siegħa b'telefonata ta' emerġenza personali bbażata fuq il-GMS tagħhom stess. Il-persunal tas-servizz tad-dispaċċ għandu jkollu għarfien espert fis-servizzi tal-ambulanza jew tal-kura ta' emerġenza. It-tieni, mill-inqas 1 500 000 persuna anzjana li għandhom iktar minn 65 sena għandhom ikunu mgħammra b'apparat sensorjali li jintlibes. Servizz dedikat għandu jipprovdi sorveljanza ta' 24 siegħa għal dawn il-persuni anzjani, li għandhom ikunu jistgħu jċemplu s-servizz ta' dispaċċ f'każ ta' emerġenza medika.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

#### **C8.I4: Żvilupp tal-kura tas-saħħa primarja**

L-objettiv tal-miżura huwa li s-servizzi tal-kura tas-saħħa primarja jsiru aċċessibbli għal kemm jista' jkun ċittadini, b'mod partikolari billi jissaħħaħ ir-rwol tal-prattikanti ġenerali, jiżdiedu s-servizzi qrib id-dar u jittaffa l-piż tal-kura speċjalizzata.

Il-miżura għandha tikkonsisti f'erba' azzjonijiet. L-ewwel nett, għandu jiġi adottat qafas legali ġdid għall-istabbiliment u t-tħaddim ta' komunitajiet ta' Prattikanti Ġenerali. It-tieni, għandu jzidied l-għadd ta' tobbja li jieħdu sehem f'komunitajiet praxis stabbiliti u operazzjonali. It-tielet, għandu jzidied l-għadd ta' pazjenti rreġistrati fil-Programm ta' Ġestjoni tal-Mard Kroniku, li jagħti kura lill-klijenti b'dijanjożi ta' mard kroniku mhux infettiv. Ir-raba', għandu jzidied l-għadd ta' pazjenti rreġistrati fi programmi ta' prevenzjoni u ta' promozzjoni tas-saħħa.

L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
139	C8.R1 Eradikazzjoni tal-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar ir-Relazzjoni tas-Servizz tal-Kura tas-Saħħa	Dispożizzjoni fl-Att li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2020	Għandu jidhul fis-seħħ l-Att dwar ir-Relazzjoni tas-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa. L-att għandu jinkludi l-kuntratt ta' impjeg tal-fornituri tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Istat, l-eliminazzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-pagamenti ta' gratwità u s-salarju għat-tobba taħt il-kuntratt ta' impjeg il-ġdid. L-att għandu jittrasforma r-relazzjonijiet ta' impjeg fil-fornituri tas-servizzi tal-kura tas-saħħa tal-Istat, iżid is-salarji tat-tobba u jeqred il-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa. Il-bidla leġiżlata fil-kuntratt ta' impjeg, l-eliminazzjoni u l-kriminalizzazzjoni tal-pagamenti ta' gratwità u ż-żieda fis-salarji għandhom l-għan — bħala parti minn riforma koerenti — li jtejbu l-kundizzjonijiet finanzjarji u tax-xogħol tat-tobba u jgħinu fiż-żamma tal-persunal.
140	C8.R1 Eradikazzjoni tal-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	Pubblikazzjoni ta' studju indipendenti li jipprovdi evidenza dwar l-impatt tar-riformi implimentati tal-kura tas-saħħa fuq il-prattika tal-pagament ta' gratwità	Pubblikazzjoni ta' studju indipendenti fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Intern				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Studju minn esperti indipendenti, ibbażat fuq data oġġettiva bħal statistika u sħarriġ uffiċjali, għandu jstabbilixxi jekk ir-riformi implimentati rnexxilhomx jeliminaw il-prattika ta' pagamenti ta' gratwità u għandu jivvaluta l-effettività tad-dispożizzjonijiet legali li jikkriminalizzaw il-pagamenti ta' gratwità. Għandu jivvaluta wkoll sa liema punt ir-riforma għandha tkun ikkontribwiet għat-titjib tal-attrazzjoni tal-professjoni tat-tabib u ż-żamma tat-tobba fl-Ungerija. L-istudju jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet għal aktar miżuri biex jissaħħa l-effett tar-riformi.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
141	C8.11 L-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kura tas-saħħa fis-seklu 21	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-Digriet tal-Gvern dwar il-kompiti tad-Direttorat Ġenerali Nazzjonali għall-Isptarijiet	Dispożizzjoni fid-Digriet tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2021	Id-digriet tal-Gvern dwar il-kompiti tad-Direttorat Ġenerali Nazzjonali għall-Isptarijiet għandu jstabbilixxi l-bażi għall-iżvilupp ta' sistema nazzjonali ġdida ta' ġestjoni tas-saħħa unika u trasparenti.
142	C8.11 L-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kura tas-saħħa fis-seklu 21	Stadju importanti	It-tlestija ta' proċess ta' mmappjar għall-foqien ta' sistema tal-isptarijiet tal-kontej bi proċessi integrati tal-pazjenti	Pubblikazzjoni tar-rapport ta' mmappjar fil-Ġurnal Uffiċjali				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Il-Ministeru għall-Intern għandu jwettaq proċess ta' mmappjar biex jidentifika r-rwoli ta' diversi istituzzjonijiet fil-proċessi integrati tal-pazjenti fil-livell tal-kontej, fuq il-bażi tal-kapaċitajiet disponibbli u x-xejriet demografiċi. Ir-rapport ta' mmappjar ippubblikat għandu jinkludi l-iskeda ta' żmien għall-istabbiliment tan-networks tal-isptarijiet fil-livell tal-kontej bi proċessi integrati tal-pazjenti.
143	C8.11 L-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kura tas-saħħa fis-seklu 21	Tal-UE	Għadd ta' networks tal-isptarijiet fil-livell tal-kontej bi proċessi integrati tal-pazjenti		Għadd	0	22	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Id-Deċiżjoni ministerjali li tistabbilixxi l-għadd ta' networks tal-isptarijiet fil-livell tal-kontej bi proċessi integrati tal-pazjenti għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali. Għandhom jiġu stabbiliti networks tal-isptarijiet fil-livell tal-kontej bi proċessi integrati tal-pazjenti, li jkopru ż-żona kollha tal-Ungerija. Il-proċessi integrati tal-pazjenti għandhom jiddefinixxu liema istituzzjoni fin-network hija responsabbli għal kull tip ta' intervent mediku f'kull network fil-livell tal-kontej tal-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa.
144	C8.11 L-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kura tas-saħħa fis-seklu 21	Tal-UE	Għadd ta' avvenimenti ta' ġbir ta' demm sħiħ f'siti ta' ġbir mobbli f'insedjamenti żgħar		Għadd	0	480	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	L-organizzazzjoni ta' donazzjoni volontarja tad-demm f'unitajiet ta' donazzjoni mobbli f'insedjamenti b'popolazzjoni ta' inqas minn 3 000.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
145	C8.11 L-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kura tas-saħħa fis-seklu 21	Tal-UE	Bidu tal-operat ta' bini b'infrastruttura ġdida jew modernizzata tas-saħħa mgħammar b'tagħmir tal-kura tas-saħħa ġdid u modern	Għadd	0	40	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jinbnew jew jiġu rinnovati mill-inqas 40 binja ta' infrastruttura tas-saħħa. Il-binjiet mibni jew rinnovati għandhom jibdeu joperaw wara x-xiri u l-installazzjoni ta' tagħmir modern għall-kura tas-saħħa. Dan it-tagħmir jista' jinkludi tagħmir tat-trasport użat fl-isptarijiet, kmamar tal-kirurġija modulari prefabbricati u għodod kirurġiċi, strumenti tal-idejn, għodod għall-kura tat-tfal, għodod dijanjostiċi, għodod tal-endoskopija u tal-laparoskopija, għodod tal-patoloġija u tal-laboratorju, għodod ta' riabilitazzjoni, ħżin ta' immaġni mediċi u għodod tas-sistema ta' trażmissjoni, li jammontaw għal 140 000 biċċa ta' tagħmir. Dan it-tagħmir għandu jiġi installat u jitħaddem fil-binjiet tal-infrastruttura tas-saħħa, jew — kif xieraq għas-sitwazzjoni — relatat magħhom, mibnija jew rinnovati skont dan l-investment.	
146	C8.11 L-iżvilupp tal-kundizzjonijiet għall-kura tas-saħħa fis-seklu 21	Tal-UE	Spazju ta' art tal-binjiet tal-infrastruttura tas-saħħa li jkun ibbenefika minn titjib fl-effiċjenza fl-enerġija	Arloġġ kwadru	0	139 701	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Mill-inqas 139 701 metru kwadru ta' erja tal-art fil-bini tal-infrastruttura tas-saħħa l-ġdid jew modernizzati imsemmi fil-mira 145 għandhom jibbenefikaw minn titjib fl-effiċjenza. Id-domanda għall-enerġija primarja ta' kwalunkwe bini ġdid għandha tkun mill-inqas 20 % iktar baxxa mir-rekwiżit tal-bini b'użu ta' kważi żero enerġija.	
147	C8.12 Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa	Tal-UE	Għadd ta' sptarijiet b'sistema ta' sigurtà tal-IT aġġornata	Għadd	0	65	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Mill-inqas 65 sptar għandhom jibbenefikaw minn aġġornamenti fis-sistemi tas-sigurtà tal-IT tagħhom. Sabiex titqies bħala istituzzjoni b'sistema ta' sigurtà tal-IT aġġornata, l-elementi li ġejjin għandhom ikunu operazzjonali fl-isptar: adożzjoni ta' governanza tas-sigurtà tal-IT; sistema ċentrali ta' ġestjoni tal-identità; użu tal-Portal tal-Uffiċċji (Hivatali Kapu); l-eżistenza ta'	

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										inventarji tal-hardware u tas-software; sistema ta' backup tad-data; ċentru ta' għarfien dwar is-sigurtà tal-IT. L-eżistenza ta' dawn l-elementi għandha tiġi ċċertifikata permezz ta' awditu estern minn esperti tas-sigurtà tal-IT.
148	C8.12 Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa	Tal-UE	Għadd ta' bażijiet tad-data tal-kura tas-saħħa u reġistri tal-mard ġodda disponibbli b'mod diġitali	Għadd	0	17	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Mill-inqas 17 bażijiet tad-data ġodda għandhom ikunu aċċessibbli fl-Ispazju tas-Servizzi Elettroniċi tal-Kura tas-Saħħa (Elektronikus Egészségügyi Szolgáltatási Tér — EESZT). Il-bażijiet tad-data ġodda jistgħu jkunu awtentikati jew bażijiet tad-data pubbliċi, jew reġistri mediċi relatati ma' speċjalizzazzjonijiet mediċi differenti.	
149	C8.12 Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa	Tal-UE	Żieda fil-proporzjon ta' tipi ta' proċeduri tal-awtorità tas-saħħa li jistgħu jinbdew b'mod elettroniku	% (perċentwali)	5	60	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Il-proporzjon ta' proċeduri tal-awtorità tas-saħħa li jistgħu jinbdew b'mod diġitali għandu jiżdied għal mill-inqas 60 % sal-31 ta' Diċembru 2025 meta mqabbel ma' 5 % fi Frar 2020. Dawn il-proċeduri jistgħu jkunu notifikati uffiċjali, proċeduri ta' awtorizzazzjoni u għir ta' data. Proċeduri li bħalissa huma parzjalment elettroniċi u għandhom isiru kompletament elettroniċi: — Notifika ta' attivitajiet li jinvolvu sustanzi jew komposti perikolużi (inkluża notifika ta' bidliet); — Notifika ta' sustanzi perikolużi użati esklussivament għal skopijiet industrijali; — Notifika ta' prodotti bijoċidali; — Notifika ta' attivitajiet kontra pesti tas-saħħa pubblika; — Notifika ta' attivitajiet ta' fumigazzjoni mill-operaturi tal-kontroll tal-pesti; — Notifika tal-kontroll tan-nemus u tar-roditori mill-operaturi tal-kontroll tal-pesti; u għal — L-awtorizzazzjoni tal-prodotti bijoċidali skont	

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										il-miżuri tranżizzjonali tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali.
150	C8.12 Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa	Tal-UE	Għadd ta' servizzi telemediċinali pprovduti permezz ta' għodod diġitali f'sena waħda		Għadd	0	690 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-għadd ta' interventi telemediċinali pprovduti kull sena lill-pazjenti għandu jżied sa mill-inqas 690 000 fl-2025. Dawn l-interventi jinkludu servizzi pprovduti permezz ta' apparat tat-telekomunikazzjoni mingħajr interazzjoni fiżika bejn it-tabib u l-pazjent, bħat-telekonsultazzjoni u d-dijanostika. L-għadd ta' interventi bħal dawn għandu jiġi rreġistrat miċ-Ċentru Nazzjonali tas-Servizzi tal-Kura tas-Saħħa, l-istituzzjoni li tmexxi s-servizzi ċentrali tat-telemediċina, bħala servizzi attwali ta' kura.
151	C8.12 Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa	Stadju importanti	Moduli EESZT ġodda mnedija biex jappoġġaw il-ġestjoni tal-provvista u l-proċessi ta' kura diġitalizzata		Bidu tal-operat tal-moduli ġodda			IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandhom jiġu żviluppati u mnedija l-moduli EESZT li ġejjin: reġistru ċentrali tal-pazjenti; reġistru ċentrali tat-trattament, ippjanar tal-vjaġġ tal-pazjenti u pubblikazzjoni tar-riżorsi; bażi tad-data ċentrali tad-dokumentazzjoni tal-pazjenti; sistema ta' ordnijiet fil-laboratorju. Il-moduli għandhom ikunu operattivi u jkunu disponibbli għall-utenti.
152	C8.12 Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa	Stadju importanti	Tnedija ta' applikazzjoni mobbli għall-kura tas-saħħa ċentrali (myEESZT)					IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	L-applikazzjoni tal-mobile u l-qafas web myEESZT u l-funzjonijiet assoċjati tas-saħħa elettronika personali u professjonali tagħhom għandhom jiġu żviluppati u mqiegħda fis-seħħ għall-unitajiet domestiċi u għall-utenti professjonali. Il-funzjonalitajiet ippjanati tal-applikazzjoni għandhom jinkludu mill-inqas djarju tas-saħħa, kontenut edukattiv u l-prenotazzjoni online ta' appuntamenti għal żjarat u trattamenti mediċi.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
153	C8.12 Appoġġ għat-trasformazzjoni diġitali tas-saħħa	Tal-UE	Għadd ta' utenti uniċi tal-applikazzjoni tal-mobile tal-kura tas-saħħa ċentrali		Għadd	0	100 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-għadd ta' utenti uniċi tal-applikazzjoni mobbli ċentrali għall-kura tas-saħħa (myEESZT) għandu jilħaq mill-inqas 100 000 fl-31 ta' Diċembru 2025.
154	C8.13 Programm ta' monitoraġġ tas-saħħa mill-bogħod għall-anzjani	Stadju importanti	Tnedija tas-servizz ta' dispaċċ għall-programm tal-monitoraġġ tas-saħħa mill-bogħod għall-anzjani	Bidu tal-operat tas-servizzi ta' dispaċċ				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	Is-servizz ta' dispaċċ għall-programm għandhom jibda jopera. Il-post tas-servizz ta' dispaċċ għandu jiġi deżinjat, u l-infrastruttura meħtieġa u l-persunal speċjalizzat għandhom jiġu stabbiliti u jkunu operazzjonali. Iċ-Ċentru tad-dispaċċ għandu jirċievi t-telefonati ta' emerġenza li jkunu deħlin mill-utenti tas-servizz (persuni anzjani li għandhom iktar minn 65 sena); dan għandu jkollu aċċess għall-membri tal-familja, għall-prattikant ġenerali tal-pazjent, għall-fornituri tas-servizzi soċjali u tas-saħħa tal-pazjent. Il-persunal tas-servizz tad-dispaċċ għandu jikkomunika mal-pazjenti u jċempel lill-qraba jew lill-fornituri tal-kura tas-saħħa f'każ ta' emerġenza. Il-persunal għandu jkollu għarfien espert fis-servizzi tal-ambulanza jew tal-kura ta' emerġenza. Is-sistema tal-IT tas-servizz tad-dispaċċ għandha tiggwida lill-pazjent u lill-persunal permezz ta' protokoll ta' interrogazzjoni sabiex jiġi żgurat servizz ta' kwalità għolja.
155	C8.13 Programm ta' monitoraġġ tas-saħħa mill-bogħod għall-anzjani	Tal-UE	Għadd ta' parteċipanti fil-programm tal-monitoraġġ tas-saħħa mill-bogħod għall-anzjani		Għadd	0	1 500 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Mill-inqas 1 500 000 parteċipant (persuni anzjana li għandhom iktar minn 65 sena) fil-programm għandhom ikunu mgħammra b'apparat sensorjali li jintlibes. Is-servizz għandu jipprovdni sorveljanza ta' 24 siegħa għal dawn il-persuni anzjani, li għandhom ikunu jistgħu jċemplu ċentru tad-dispaċċ f'każ ta' emerġenza medika. Il-membri tal-familja u l-qraba wkoll jistgħu jirċievu notifika f'każ ta' emerġenza.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
156	C8.14 Żvilupp tal-kura tas-saħħa primarja	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta': id-digriet tal-Gvern dwar il-Komunitajiet ta' Praxis	Dispożizzjoni fid-Digriet tal-Gvern li tindika d-dħul fis-seħħ tiegħu				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2021	Id-digriet tal-Gvern dwar il-Komunitajiet ta' Praxis għandu jōhloq il-qafas legali għall-istabbiliment u l-operat ta' komunitajiet ta' praxis, inklużi l-forom possibbli tagħhom, il-proċedura legali tal-istabbiliment tagħhom, id-dmirijiet professjonali addizzjonali tagħhom u d-delimitazzjoni minn attivitajiet bażiċi tal-PG.
157	C8.14 Żvilupp tal-kura tas-saħħa primarja	Tal-UE	Għadd ta' tobba li qed jieħdu sehem f'komunitajiet tal-prattikanti ġenerali li għadhom kemm ġew stabbiliti u huma operazzjonali		Għadd	515	4 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2025	Mill-inqas 4 000 GPs għandhom ikunu ffirmaw ftehim ta' kooperazzjoni biex tiġi stabbilita komunità ta' Prattika, meta mqabbla ma' 515 f'Marzu 2021.
158	C8.14 Żvilupp tal-kura tas-saħħa primarja	Tal-UE	Għadd ta' pazjenti rreġistrati fil-Programm ta' Ġestjoni tal-Mard Kroniku		Għadd	0	43 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Mill-inqas 43 000 pazjent għandhom jiġu rreġistrati fil-Programm ta' Ġestjoni tal-Mard Kroniku, li jirreferi għall-proċess kumpless li jipprovdi kura effettiva, f'waqtha u aċċessibbli għall-klijenti dijanjostikati b'mard kroniku li ma jitteħidx. Il-mard kroniku kopert mill-programm għandu jinkludi l-ipertensjoni u mard kardjovaskulari ieħor, id-dijabete tat-tip II u l-mard pulmonari ostruttiv kroniku (chronic obstructive pulmonary disease, COPD).
159	C8.14 Żvilupp tal-kura tas-saħħa primarja	Tal-UE	Għadd ta' pazjenti rreġistrati fi programmi ta' prevenzjoni u promozzjoni tas-saħħa		Għadd	0	30 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Mill-inqas 30 000 pazjent għandhom ikunu rreġistrati fi programmi ta' prevenzjoni u promozzjoni tas-saħħa. Dawn huma definiti bħala programmi li għandhom l-għan li jipprevjenu mard kroniku mhux komunikabbli u li jappoġġaw bidla fl-istil tal-ħajja permezz ta' attivitajiet bħal: programmi li jippromwovu dieta tajba għas-saħħa; programmi li jippromwovu eżerċizzju fiżiku regolari; programmi li jappoġġaw bidla fl-istil tal-ħajja; programmi ta' promozzjoni tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol; programmi ta'

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										promozzjoni tas-saħħa fl-iskejjel; programmi għall-preservazzjoni u l-iżvilupp tas-saħħa mentali; programmi kontra l-konsum eċċessiv tal-alkoħol; programmi ta' appoġġ biex wieħed jieqaf ipejjeq; u programmi għall-prevenzjoni tal-użu ta' sustanzi illegali.

## **I. IL-KOMPONENT 9: IL-GOVERNANZA U L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA**

L-Ungerija għandha għadd ta' sfidi orizzontali li ilhom jeżistu relatati mar-robustezza u mal-funzjonament tal-istituzzjonijiet pubbliċi iġġenerali, li għandhom implikazzjonijiet ukoll fuq il-proċessi ekonomiċi u soċjali fil-pajjiż. Kwistjonijiet speċifiċi f'dan ir-rigward huma relatati mal-qafas kontra l-korruzzjoni, il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku, l-indipendenza ġudizzjarja, kif ukoll il-prevedibbiltà, il-kwalità u t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet. L-Ungerija tikklassifika baxx fl-indikaturi tal-perċezzjoni tal-korruzzjoni u l-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwisti pubbliċi huwa moderat. Ir-responsabbiltà għad-deċiżjonijiet biex jingħalqu l-investigazzjonijiet hija kwistjoni ta' tħassib billi ma hemm l-ebda rimedju effettiv kontra d-deċiżjonijiet tas-servizz tal-prosekuzzjoni li ma ssirx prosekuzzjoni ta' allegazzjonijiet ta' attivitajiet kriminali. L-isfidi rikorrenti fl-applikazzjoni tar-regoli dwar it-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni pubblika jkomplu jdgħajfu l-qafas kontra l-korruzzjoni wkoll. Fir-rigward tal-indipendenza ġudizzjarja, it-tħassib deskritt fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt huwa relatat b'mod partikolari mal-isfidi ffaċċjati mill-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali indipendenti fil-kontrobilanċ tas-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura, ir-regoli dwar l-elezzjoni tal-President tal-Qorti Suprema, il-possibbiltà ta' deċiżjonijiet diskrezzjonali fir-rigward tal-ħatriet u l-promozzjonijiet ġudizzjarji, l-allokazzjoni tal-kawżi kif ukoll il-bonusijiet lill-imħallfin u lill-eżekuttivi tal-qorti, kif ukoll il-possibbiltà li l-awtoritajiet pubbliċi jikkontestaw id-deċiżjonijiet ġudizzjarji finali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Il-kwalità, il-prevedibbiltà u t-trasparenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet u n-nuqqas ta' konsultazzjoni effettiva tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jirrappreżentaw sfidi rikorrenti. Il-komplessità tas-sistema tat-taxxa u r-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa ġew identifikati wkoll bħala kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati; u anki l-ħtieġa li tittejjeb is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

Dan il-komponent tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija għandu l-għan li jindirizza dawn l-isfidi. Dan jinkludi miżuri li huma mistennija jikkontribwixxu għat-tiżiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni, inkluż billi tiġi stabbilita Awtorità għall-Integrità u Task Force Kontra l-Korruzzjoni, jiġu żviluppata strateġiji komprensivi kontra l-korruzzjoni u jissaħħu l-kapaċitajiet tal-korpi tal-awditjar Ungeriżi, b'mod partikolari fir-rigward tal-infiq mill-baġit tal-UE. Jinkludi wkoll miżuri biex jissaħħu l-isforzi ta' prosekuzzjoni. Huma inklużi wkoll miżuri biex tiżdied il-kompetizzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku u tiġi żgurata t-trasparenza tal-akkwisti pubbliċi u s-sorveljanza pubblika fuqhom.

Il-miżuri inklużi fil-komponent jindirizzaw ukoll il-kwistjonijiet li ilhom jeżistu dwar l-indipendenza tal-ġudikatura, biex jgħollu l-istandard tal-protezzjoni ġudizzjarja u biex itejbu l-klima tal-investiment fl-Ungerija, billi jsaħħu l-garanziji tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati, jiġifieri billi jistabbilixxu setgħat aktar b'saħħithom għall-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali biex jikkontrobilanċjaw is-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura, isaħħu l-indipendenza ġudizzjarja tal-Qorti Suprema, ineħħu l-ostakli għar-referenzi għal deċiżjonijiet preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u jneħħu l-possibbiltà li l-awtoritajiet pubbliċi jikkontestaw id-deċiżjonijiet ġudizzjarji finali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali.

Il-miżuri f'dan il-komponent huma mistennija wkoll li jtejjbu l-kwalità u t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż permezz ta' involviment aktar sistematiku tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati, u li jiffaċilitaw l-aċċess għall-informazzjoni pubblika, kif ukoll jiżguraw

sorveljanza effettiva dwar kif il-fondazzjonijiet tal-immaniġġar tal-assi ta' interess pubbliku jagħmlu użu mill-appoġġ tal-UE. Il-komponent jinkludi wkoll miżuri biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa u tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa. Fl-aħħar nett, il-komponent jinkludi miżuri li għandhom l-għan li jtejbu l-kwalità u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.

F'diversi istanzi, dan il-komponent jikkontribwixxi wkoll għat-tranżizzjoni diġitali tal-istituzzjonijiet pubbliċi billi jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż dwar il-ħtieġa li *“Jissaħħu l-qafas kontra l-korruzzjoni, inkluż billi jtejbu l-isforzi tal-prosekuzzjoni u l-aċċess għall-informazzjoni pubblika”* (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019, Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2022), *“Titjib tal-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku”* (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2020, Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2022), *“Tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja”* (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019, Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2022), *“it-titjib tal-kwalità u t-trasparenza tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet permezz ta' djalogu soċjali effettiv, involviment ma' partijiet ikkonċernati oħra u valutazzjonijiet tal-impatt regolari”* (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019, Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2022), *“Inkomplu nissimplifikaw is-sistema tat-taxxa”* (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019, Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2022), *“Tisħiħ tas-sistema tat-taxxa kontra r-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa”* (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 4 tal-2019, Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 5 tal-2020), u *“Kisba ta' pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju”* (Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 1 tal-2022).

Għadd minn dawn il-miżuri tressqu mill-Ungerija u l-Kummissjoni Ewropea ddiskutiethom fil-kuntest tal-proċedura skont ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità<sup>7</sup>. Il-kontenut tal-istadji importanti u l-miri relatati huwa allinjat mal-impenji meħuda f'dak il-kuntest u xi wħud minn dawn l-istadji importanti għandhom jiġu implimentati qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

F'konformità mal-Artikolu 20(5)(e) tar-Regolament (UE) 2021/241, sabiex ikun hemm konformità mal-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, l-implimentazzjoni tal-istadji importanti f'dan il-komponent li huma relatati mas-sistema ta' kontroll Ungeriża li għandha l-għan li tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandha tkun prekondizzjoni għal kwalunkwe pagament skont l-Artikolu 24 tar-Regolament RRF.<sup>8</sup>

F'konformità mal-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241, kwalunkwe riforma mill-Ungerija għandha titwettaq mingħajr ma jiddgħajef dan ir-riżultat u mingħajr impatt negattiv fuq l-elementi ta' hawn taħt.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

<sup>7</sup> Il-proċedura skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

<sup>8</sup> Dan huwa l-każ għall-istadji importanti 160, 166, 169, 171, 174, 175, 195, 197, 198, 200, 201, 213, 214, 215, 216, 217, 218, 219, 220, 221, 222, 223, 224, 225, 226, 227 u 228.

## **I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

### **C9.R1: Stabbiliment ta' Awtorità għall-Integrità biex jissaħħu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jissaħħu l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-kunflitt ta' interess u l-korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija, b'enfasi partikolari fuq l-akkwist pubbliku, permezz tal-istabbiliment ta' Awtorità għall-Integrità.

Il-missjoni tal-Awtorità għall-Integrità għandha tkun li tintervjeni fil-każijiet kollha fejn fil-fehma tagħha l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jkunux ħadu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu frodi, kunflitti ta' interess, korruzzjoni u illegalitajiet jew irregolaritajiet oħra li jkunu affettwaw jew jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

L-awtorità għall-Integrità għandha tiġi stabbilita u għandha tibda l-operazzjonijiet tagħha qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

Għandu jiġi garantit li l-Awtorità għall-Integrità jkollha indipendenza sħiħa, inkluż li l-Awtorità għall-Integrità u l-persunal tagħha la għandhom jieħdu u lanqas ifittxu struzzjonijiet mingħand xi persuna jew istituzzjoni oħra. Għandhom japplikaw garanziji b'saħħithom għall-għażla tal-persunal, il-ġestjoni u l-baġit tiegħu.

L-awtorità għall-Integrità għandu jkollha, fost l-oħrajn, is-setgħa li tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet kontraenti biex jissospendu proċedura ta' akkwist (għal massimu ta' xahrejn); li titlob lill-korpi investigattivi amministrattivi biex iwettqu investigazzjonijiet f'isimha; li tirrakkomanda l-esklużjoni ta' operatori ekonomiċi speċifiċi mill-finanzjament tal-Unjoni għal ċertu perjodu ta' żmien; li tagħti struzzjonijiet lill-awtoritajiet jew lill-korpi nazzjonali rilevanti biex iwettqu l-funzjonijiet superviżorji jew ta' kontroll tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess u s-suspetti fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni; li tirrakkomanda lill-awtoritajiet kontraenti biex jużaw proċedura ta' akkwist speċifika; li tibda proċeduri quddiem l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali rilevanti bl-għan li tistabbilixxi illegalitajiet jew irregolaritajiet suspettati; mill-31 ta' Marzu 2023, il-kompetenza esklużiva li tivverifika dikjarazzjonijiet tal-assi tal-mexxejja politiċi prinċipali li ma għandhomx mandat bħala membri tal-Assemblea Nazzjonali (Prim Ministru, ministri, id-diretturi politiċi tal-Prim Ministru, is-segretarji tal-Istat), is-setgħa li tivverifika direttament dikjarazzjonijiet tal-assi disponibbli għall-pubbliku tal-uffiċjali kollha ta' riskju għoli, inkluż il-President, il-membri tal-Parlament, il-kapijiet tal-awtoritajiet eżekuttivi ċentrali, uffiċjali politiċi oħrajn, il-persunal tal-uffiċċju privati ta' uffiċjali politiċi, il-gvernaturi reġjonali, is-sindki ta' bliet kbar, l-imħallfin, il-prosekuturi, il-membri tal-korpi tal-governanza ġudizzjarja u tal-posekuzzjoni, l-investigaturi kontra l-korruzzjoni u uffiċjali eżekuttivi għoljin ta' impriżi tal-Istat, u għal dikjarazzjonijiet tal-assi mhux disponibbli għall-pubbliku, mill-inqas is-setgħa li titlob lill-korpi kompetenti li jwettqu l-verifika ta' dawk id-dikjarazzjonijiet u tikseb ir-riżultat ta' dik il-verifika; li tibda proċeduri ta' verifika tad-dikjarazzjoni tal-assi fuq inizjattiva proprja, ilment u suspett u jkollha aċċess dirett u mhux limitat għall-bażijiet ta' data u reġistri rilevanti li tqis li huma meħtieġa biex tivverifika l-veraċità tal-informazzjoni miksuba fid-dikjarazzjonijiet tal-assi; li titlob l-istħarriġ ġudizzjarju

tad-deċiżjonijiet kollha tal-awtoritajiet li jikkonċernaw il-proċeduri ta' akkwist pubbliku li jinvolvu kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni u li jistgħu jkunu soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju; u li tikkontesta n-nuqqas ta' azzjoni ta' awtorità kkonċernata fil-qorti. L-awtorità għall-Integrità għandu jkollha setgħat inekwivoċi u mhux limitati li tkompli teżerċita s-setgħat tagħha anki f'każijiet fejn il-proġetti jew il-proċeduri affettwati inizjalment previsti għall-appoġġ tal-Unjoni ġew sussegwentement irtirati mill-appoġġ tal-Unjoni.

L-awtorità għall-Integrità għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni, għall-bażijiet tad-data u għar-reġistri kollha meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha relatati mal-akkwisti pubbliċi, mal-każijiet ta' korruzzjoni suspettata, inkluża l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, il-frodi u l-kunflitt ta' interess li jinvolvu kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni. Għandu jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikkonċernati minn talba għal informazzjoni jew struzzjoni mill-Awtorità għall-Integrità jaġixxu f'perjodu ta' żmien raġonevoli.

L-awtorità għall-Integrità għandha twettaq Eżerċizzju ta' Valutazzjoni tar-Riskju ta' Integrità biex tevalwa s-sitwazzjoni attwali tas-sitwazzjoni tal-integrità tas-sistema tal-akkwist pubbliku tal-Ungerija, biex tidentifika r-riskji tal-integrità, ir-riskji sistemiċi għall-integrità u l-ġhodod disponibbli biex dawn jiġu indirizzati, fi żmien erba' xhur mill-istabbiliment tagħha.

L-awtorità għall-Integrità għandha ttejjg l-ewwel Rapport annwali tagħha dwar l-Integrità għas-sena 2022 sar-raba' trimestru tat-2 2023, u sa Q2 sussegwentement kull sena minn hemm' il quddiem. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi. Il-Gvern għandu jeżamina kull rapport tal-Awtorità tal-Integrità u jipprovdi bil-miktub l-ispjegazzjoni tiegħu dwar kif biħsiebu jindirizza kull waħda mis-sejbiet f'dawk ir-rapporti fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni tagħhom.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-4 2023.

### **C9.R2: Stabbiliment ta' Task Force Kontra l-Korruzzjoni biex tagħmel monitoraġġ u tirrieżamina l-miżuri meħuda fl-Ungerija għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjoni tal-korruzzjoni**

L-objettiv ta' din ir-riforma hija jiġi stabbilit Task Force Kontra l-Korruzzjoni biex tagħmel monitoraġġ u tirrieżamina l-miżuri meħuda fl-Ungerija għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjoni tal-korruzzjoni

It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha teżamina l-miżuri eżistenti kontra l-korruzzjoni u telabora proposti dwar it-titjib tal-identifikazzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar ta' prattiki korrotti u prattiki oħra bħan-nepotiżmu, il-favoritiżmu jew ir- "revolving doors" bejn is-settur pubbliku u dak privat. Din għandha tressaq b' mod partikolari wkoll proposti għal miżuri li jtejbu l-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-korruzzjoni, u li jtejbu l-fluss ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi u ta' kontroll tal-Istat u l-awtoritajiet ta' investigazzjoni kriminali.

Mill-inqas nofs il-membri tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandhom ikunu organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'għarfien espert ippruvat u attività verifikabbli twila biżżejjed, magħżula abbażi ta' proċess tal-ġhażla miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju u kriterji oġġettivi relatati mal-għarfien espert u l-mertu tal-kandidati.

Il-President tal-Awtorità għall-Integrità kif stabbilit taħt ir-riforma C9.R1 għandu jaġixxi bħala l-president tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni, iżda ż-żewġ entitajiet għandhom jaħdmu separatament u indipendentement minn xulxin.

It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha tilitaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u tiegħu d-deċiżjonijiet tagħha b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa. Il-minuti tal-laqgħat tagħha għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web għat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni flimkien ma' kontribuzzjonijiet u osservazzjonijiet bil-miktub mibgħuta mill-membri tagħha qabel jew wara l-laqgħat tagħha mitluba li jiġu mehmuża mal-minuti tal-laqgħa. It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha stess fuq proposta mill-president tagħha fl-ewwel laqgħa tagħha.

It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha tippubblika l-ewwel rapport tagħha għas-sena 2022 sar-raba' trimestru tal-1 2023 u r-rapporti annwali sal-Q1 kull sena minn hemm' il quddiem. Il-membri nongovernattivi tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandu jkollhom il-possibbiltà li joħorġu rapporti paralleli li jstabbilixxu l-pożizzjonijiet tagħhom. Dawn ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku wkoll flimkien mar-rapport tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni.

Il-Gvern għandu jeżamina r-rapporti tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni fi żmien xahrejn mill-ħruġ tagħhom, u jipprovdli l-kummenti tiegħu — inkluż raġunament dettaljat fir-rigward ta' kull proposta mit-Task Force Kontra l-Korruzzjoni li ddeċieda li ma jimplimentax — lit-Task Force Kontra l-Korruzzjoni.

It-Task Force kontra l-Korruzzjoni għandu jkollha l-ewwel laqgħa tagħha qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tat-2 2023.

### **C9.R3: Introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni ta' proprjetà pubblika (“stħarriġ ġudizzjarju”)**

Sabiex jittejjbu l-isforzi ta' prosekuzzjoni u biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni determinata għall-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni u reati kriminali simili, din ir-riforma għandha tistabbilixxi proċedura speċifika li tiżgura stħarriġ ġudizzjarju effettiv tad-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet investigattivi jew is-servizz ta' prosekuzzjoni biex jiġi miċħud rapport ta' reat jew biex jintemmu l-proċedimenti. Għandu jkun possibbli li l-proċedura tiġi skattata minn kwalunkwe persuna, persuni fiżiċi u ġuridiċi għandu jkollhom il-possibbiltà li jressqu mozzjoni għal reviżjoni ta' tali deċiżjonijiet u għal mozzjoni ripetuta għal reviżjoni biex titlob li titkompla l-investigazzjoni jew il-proċediment ikkonċernat. L-awtorità għall-Integrità (ara r-Riforma C9.R1) għandu jkollha wkoll il-possibbiltà li tressaq mozzjoni għal reviżjoni u mozzjoni ripetuta għar reviżjoni. Wara mozzjoni ripetuta għal reviżjoni, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jressqu mozzjoni għal prosekuzzjoni, dment li jkun hemm raġunijiet raġonevoli biex il-kwistjoni titressaq għall-prosekuzzjoni. Il-persuna li tippreżenta mozzjoni ripetuta għal reviżjoni għandha taġixxi bħala prosekutur. F'dawn il-każijiet, ma għandux jiġi previst eżami preliminari tar-raġuni għall-mozzjoni għal prosekuzzjoni mill-qorti tal-prim' istanza. Il-proċedura għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2023, inkluż ukoll reati kriminali mhux preskritti mwettqa qabel dik id-data.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Ir-rieżami komprensiv tar-riforma għandu jitwettaq sar-raba' trimestru tal-4 2023.

#### **C9.R4: Tisħiħ tar-regoli relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi**

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jissaħħa il-qafas kontra l-korruzzjoni billi tintroduċi regoli aktar stretti relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi, billi testendi l-ambitu personali u materjali tagħhom, tiżgura d-divulgazzjoni frekwenti ta' tali dikjarazzjonijiet u tiżgura t-trasparenza tagħhom billi tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku u billi tintroduċi sanzjonijiet effettivi għall-ksur ta' regoli u obbligi relatati.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'bidliet leġiżlattivi relatati li għandhom jidħlu fis-seħħ u jibdew jiġu applikati qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Huma għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-persuni fdati b'funzjonijiet politiċi għolja u l-qraba tagħhom li jgħixu fl-istess unità domestika, kif ukoll il-membri tal-Assemblea Nazzjonali u l-qraba tagħhom li jgħixu fl-istess unità domestika għandhom jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-assi għall-ewwel darba skont ir-regoli l-ġodda dwar id-dikjarazzjoni tal-assi sal-31 ta' Jannar 2023 relatati mal-istat fl-31 ta' Diċembru 2022, u għandhom ikunu obbligati jiddikjaraw l-assi tagħhom (b'mod partikolari, id-dħul, il-proprjetà immobbli, proprjetajiet oħra ta' valur, it-tfaddil f'depożiti bankarji u flus kontanti, assi fi stokks, titoli u fondi ta' ekwità privata, poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja, trusts, u sjieda benefiċjarja tal-intrapriżi).

Barra minn hekk, sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023, għandha tiġi stabbilita sistema ġdida fejn id-dikjarazzjonijiet tal-assi għandhom jiġu ppreżentati b'mod elettroniku u fejn id-dikjarazzjonijiet tal-assi ta' persuni fdati b'funzjonijiet politiċi għolja jkunu aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas.

Fl-aħħar nett, reġim ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonat u dissważiv biżżejjed (inklużi kemm sanzjonijiet kriminali kif ukoll amministrattivi) li jikkonċerna ksur serju relatat mal-obbligi ta' persuni soġġetti għar-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi għandu jiġi introdott u jibda jiġi applikat mit-tielet trimestru tat-3 2023.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tat-3 2023.

#### **C9.R5: Żgurar tat-trasparenza tal-użu tar-riżorsi pubbliċi mill-fondazzjonijiet tal-immaniġġar tal-assi ta' interess pubbliku**

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi żgurata sorveljanza effettiva dwar kif il-fondazzjonijiet tal-immaniġġar tal-assi ta' interess pubbliku jagħmlu użu mill-appoġġ tal-Unjoni.

Għal dak l-iskop, biex jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet legali applikabbli relatati mal-aċċess għall-informazzjoni pubblika, ir-regoli tal-akkwist pubbliku u l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-fondazzjonijiet tal-immaniġġar tal-assi ta' interess pubbliku meta jkunu involuti fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fi kwalunkwe kapaċità, għandhom jidħlu fis-seħħ emendi leġiżlattivi ddedikati biex:

- jiddeżinjaw b'mod espliċitu l-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attività ta' interess pubbliku, u l-persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom, bħala "awtoritajiet kontraenti" skont ir-regoli tal-akkwist pubbliku;
- jiżguraw li l-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attività ta' interess pubbliku, u l-persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom kif ukoll il-persunal tagħhom, involuti fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fi kwalunkwe kapaċità, għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti bħal dawk applikabbli għall-entitajiet pubbliċi, fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika u l-awditjar u l-kontrolli;
- u jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa tar-regoli relatati mal-kunflitt ta' interess għall-individwi kollha li għandhom kariga jew li huma impjegati minn fondazzjonijiet tal-immaniġġar tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attività ta' interess pubbliku u għall-persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R6: It-tisħiħ tat-trasparenza tal-infiq pubbliku**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżdied it-trasparenza tan-nefqa pubblika billi jitneħħew l-ostakli għall-aċċess għall-informazzjoni pubblika, billi jiġi stabbilit obbligu biex il-korpi pubbliċi kollha jiddivulgaw b'mod proattiv firxa wiesgħa ta' informazzjoni definita minn qabel dwar l-użu tal-fondi pubbliċi f'reġistru ċentrali b'aċċess pubbliku.

L-obbligu fuq il-korpi pubbliċi kollha li jippubblikaw tali data fir-reġistru ċentrali u l-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata b'mod proattiv għandhom jiġu speċifikati f'att leġiżlattiv, li għandu jidħol fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-att leġiżlattiv għandu jistabbilixxi wkoll proċeduri u regoli ċari għall-pubblikazzjoni ta' tali data, inklużi l-iskadenza għall-pubblikazzjoni u l-forma tagħha.

L-informazzjoni li tikkonċerna l-prova tal-prestazzjoni u l-fatturi għandha tkompli tkun disponibbli mat-talbiet għall-aċċess għad-dokumenti. Ir-reġistru ċentrali għandu jinkludi identifikaturi uniċi tal-kuntratti fis-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS). Għandha tkun disponibbli wkoll informazzjoni li tindika jekk il-fondi pubbliċi jinvolvu (kompletament jew parzjalment) appoġġ tal-Unjoni 'l fuq mil-limitu tal-akkwist pubbliku nazzjonali. Għal proċeduri ta' akkwist mibdija wara l-31 ta' Marzu 2023, tali informazzjoni għandha tiġi inkluża wkoll għal proċeduri li jinvolvu appoġġ mill-Unjoni li ma jaqbiżx il-limiti nazzjonali tal-akkwist pubbliku. Is-settijiet ta' data ppubblikati fir-reġistru ċentrali għandhom ikunu f'format miftuħ, interoperabbli u li jinqara mill-magni, li jippermetti li t-tniżżil bil-massa u d-data jiġu magħżula, imfittxija, estratti, imqabbla u użati mill-ġdid. L-aċċess għad-data għandu jiġi pprovdut mingħajr ħlas u mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni.

Il-korpi pubbliċi għandhom ikunu obbligati jaġġornaw id-data fir-reġistru ċentrali mill-inqas kull xahrejn. Il-Gvern għandu jissorvelja l-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mill-att leġiżlattiv imsemmi hawn fuq dwar il-korpi pubbliċi u jinfurzahom, u għandu jiżgura li l-korpi pubbliċi jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jtellgħu d-data kollha rilevanti b'mod sħiħ u fil-ħin.

Ir-reġistru ċentrali għandu jkun kompletament operazzjonali, u s-sett sħiħ ta' data għandu jittella' fih sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-1 2023.

### **C9.R7: Żvilupp u implimentazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u Pjan ta' Azzjoni**

L-objettiv tar-riforma huwa li jissaħħaħ il-qafas kontra l-korruzzjoni billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali attwali kontra l-korruzzjoni u l-pjan ta' azzjoni u billi jiġu żviluppati strateġija u pjan ta' azzjoni nazzjonali ġodda kontra l-korruzzjoni, bl-għan li jittejjbu l-mekkaniżmi biex jiġu żgurati b'mod effettiv il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni (inkluż fis-sistema tal-akkwist pubbliku) u biex tissaħħaħ is-sistema ta' kif jiġu indirizzati r-riskji ta' kunflitti ta' interess.

L-istrateġija nazzjonali l-ġdida kontra l-korruzzjoni u l-pjan ta' azzjoni għandhom jitħejjew bl-involvement effettiv tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni (ara r-Riforma C9.R2) abbażi tal-pariri ta' politika mill-OECD, wara konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali, inklużi l-Kummissjoni u l-GRECO, u fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati li jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Din għandha tagħti attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u normattiv għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli permezz tat-tisħiħ tat-trasparenza tal-ħidma tal-korpi pubbliċi (inkluż fil-livell politiku għoli). Filwaqt li jibnu fuq l-istrateġija kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni msemmija fir-Riforma C9.R20 (li hija mistennija li tkun limitata għall-appoġġ tal-Unjoni), u f'konsistenza magħha, l-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiżguraw implimentazzjoni koerenti ta' miżuri kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni kemm għall-appoġġ finanzjarju nazzjonali kif ukoll għal dak tal-Unjoni.

Il-pjan ta' azzjoni għandu jinkludi azzjonijiet dedikati biex tissaħħaħ ir-repressjoni tal-korruzzjoni; biex jissaħħaħ il-kontroll amministrattiv relatat mad-dikjarazzjonijiet tal-assi; biex jiġu żviluppati mekkaniżmi interni effiċjenti għall-promozzjoni u s-sensibilizzazzjoni ta' kwistjonijiet ta' integrità fil-gvern; biex tiġi rieżaminata l-applikazzjoni tal-Kodiċi tal-Etika Professionali mill-Korp Uffiċjali tal-Gvern tal-Ungerija kif ukoll il-prattiki tal-gvernijiet lokali biex jidentifikaw u jippromwovu l-aħjar Prattiki fir-rigward tal-kuntatti mal-lobbisti u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess; u biex jiġi adottat, isir disponibbli għall-pubbliku u jibdeu japplikaw kodiċi ta' kondotta għal persuni b'funzjonijiet eżekuttivi ewlenin (kif definit mill-GRECO), inkluż il-kuntatt mal-lobbisti, ir-restrizzjonijiet ta' wara l-impjeg u l-impjeg tal-qraba u l-promozzjoni għall-impjeg.

L-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni u l-pjan ta' azzjoni (li jkopru l-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2023 u l-31 ta' Diċembru 2025) għandhom jiġu adottati, u l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tagħha għandha tibda, sat-tieni trimestru tat-2 2023. L-istrateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiġu rieżaminati regolarment, b'kont meħud tal-kontenut tar-rapporti u l-ħidma mwettqa mit-Task Force Kontra l-Korruzzjoni (ara r-Riforma C9.R2) u l-Awtorità għall-Integrità (ara r-Riforma C9.R1).

Il-Gvern għandu jadotta u jagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali l-ġdida kontra l-korruzzjoni u l-azzjonijiet skont il-pjan ta' azzjoni sal-ewwel tliet xhur tal-1 2026.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-1 2026.

### **C9.R8: Aġġornament tas-sistemi ta' kooperazzjoni tas-servizz ta' prosekuzzjoni biex jiġu indirizzati l-prattiki ta' korruzzjoni**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tizzied l-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni billi tpoġġi fis-seħħ:

- sat-tieni trimestru tat-2 2024, sistema ġdida tal-IT għall-ittrattar ta' dokumenti sensitivi, u b'hekk tappoġġa u tiffaċilita l-ħidma amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni ta' mill-inqas seba' unitajiet organizzattivi involuti f'investigazzjonijiet ta' prosekuzzjoni; u għal
- sar-raba' trimestru tal-4 2025, sistema ġdida tal-IT għall-ġestjoni tal-proċessi tal-kawża, u b'hekk tappoġġa u tiffaċilita l-ħidma investigattiva ta' seba' unitajiet organizzattivi involuti f'investigazzjonijiet ta' prosekuzzjoni.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-4 2025.

### **C9.R9: Sensibilizzazzjoni għall-eradikazzjoni ta' pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa**

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jqajjem kuxjenza fost iċ-ċittadini dwar il-kriminalizzazzjoni tal-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa — inkluż permezz ta' materjal ta' kampanji stampat, fuq it-televiżjoni jew online, it-tixrid tal-informazzjoni — u b'hekk jikkontribwixxi għall-eradikazzjoni tagħhom.

Din il-miżura tikkomplementa l-bidliet legali biex jiġu kriminalizzati l-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa u l-leġiżlazzjoni biex jiġi introdott kuntratt ta' impjieg ġdid għat-tobba bl-għan li jiġu eradikati l-pagamenti ta' gratwità u, b'rabta ma' dan, jiżdedu s-salarji għat-tobba u r-residenti impjegati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-kuntratt.

Il-miżura għandha tikkonsisti fit-twettiq ta' kampanja komprensiva ta' informazzjoni u sensibilizzazzjoni biex jintlaħqu mill-inqas ħames miljun ċittadin. Valutazzjoni interim tal-ewwel riżultati tal-kampanja li tidentifika l-għadd ta' ċittadini milħuqa, il-bidla fil-perċezzjoni ta' ċittadini dwar l-aċċettabilità tal-pagamenti ta' gratwità fil-kura tas-saħħa meta mqabbel mas-sitwazzjoni qabel it-tnedija tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni, l-identifikazzjoni tat-tagħlimiet meħuda u t-fassil tar-rakkomandazzjonijiet għall-bqija tal-kampanja għandhom jiġu ppubblikati sat-tielet trimestru tat-3 2023.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-4 2024.

### **C9.R10: Tnaqqis fis-sehem tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta unika**

L-objettiv tar-riforma huwa li titjeb il-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku u li jiżdedu t-trasparenza, l-effettività u r-robustezza tal-proċessi relatati billi jitnaqqas is-sehem tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta unika ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew mill-baġit nazzjonali.

Din ir-riforma tinkludi sett komprensiv ta' azzjonijiet li għandhom l-għan li jżidu l-kompetizzjoni fl-akkwisti pubbliċi.

Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — b'offerti uniċi għandu jitnaqqas u mbagħad jinżamm taħt il 15 % (i) għall-akkwisti pubbliċi ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-appoġġ tal-Unjoni; u (ii) għal akkwisti pubbliċi ffinanzjati minn riżorsi nazzjonali rispettivament, f'konformità mal-iskeda

ta' żmien speċifikata fil-miri ta' hawn taħt. Il-kalkolu tas-sehem ta' offeriti uniċi għandu jitwettaq f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Ir-rapporti tal-awditjar finali b'opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati mill-EUTAF għandhom jikkonfermaw ukoll li s-sehem tal-offerti uniċi jkun taħt il-miri korrispondenti.

Għandha titwaqqaf għodda ta' monitoraġġ u rapportar ("għodda ta' rapportar b'offerta unika") u titqiegħed fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza biex tippermetti l-monitoraġġ u r-rapportar tal-progress lejn il-miri relatati ma' din il-miżura. Il-konformità ta' dik l-għodda mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, li d-data fl-għodda tkun preċiża u kompluta, inkluż għal-livell tal-linji bażi, għandha tiġi kkonfermata minn rapport tal-awditjar finali b'opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikati mill-EUTAF. Sar-raba' trimestru tal-4 2022, l-għodda għandha tinkludi wkoll data dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-Ministeru responsabbli għall-akkwist pubbliku għandu jħejji l-ewwel rapport bil-miktub ibbażat fuq informazzjoni mill-għodda għar-rapportar ta' offerta unika, inklużi ċifri u ishma assoluti, indikazzjonijiet ġeografiċi u identifikazzjoni ta' servizzi u prodotti, u dan għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EPS sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023 u kull sena wara dan.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-1 2023.

### **C9.R11: L-iżvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS) biex tiżdied it-trasparenza**

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżdied it-trasparenza tal-akkwisti pubbliċi u jiġu ffaċilitati s-sorveljanza u l-analiżi indipendenti tal-kompetizzjoni fl-akkwisti pubbliċi billi tagħmel disponibbli għall-pubbliku t-tniżżil massiv tad-data kollha dwar l-offerti, bla ħlas u f'format li jinqara mill-magni, permezz tal-iżvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS).

L-EPS għandha tiġi aġġornata qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex tippermetti l-pubblikazzjoni aġġornata regolament tal-avviżi kollha tal-għoti ta' kuntratti tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku f'forma strutturata, li għandha tippermetti t-tfittxija, l-esportazzjoni tal-massa u l-ipproċessar permezz ta' magna tad-data kollha relatata mal-avviżi ta' għoti ta' kuntratti. F'din il-bażi tad-data, l-operaturi ekonomiċi kollha, inklużi l-membri individwali tal-konsorzji, għandhom ikunu identifikabbli b'identifikatur uniku. Il-bażi tad-data aġġornata regolament għandha tkun aċċessibbli u tista' titniżżel minn kwalunkwe persuna mill-paġna ewlenija tal-EPS mingħajr reġistrazzjoni.

Qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, l-informazzjoni relatata mas-subkuntratturi għandha tkun disponibbli wkoll fl-EPS f'format strutturat. Sal-ewwel trimestru tal-1 2023, il-bażi ta' data għandu jkun fiha wkoll l-avviżi kollha tal-għoti tal-kuntratti mill-1 ta' Jannar 2014' il quddiem, bl-informazzjoni kollha meħtieġa, inkluż dwar is-sottokuntratturi.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-1 2023.

### **C9.R12: Qafas għall-kejl tal-prestazzjoni għall-akkwisti pubbliċi**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jitwaqqaf qafas komprensiv għall-kejl tal-prestazzjoni li kontinwament jagħmel monitoraġġ u jivvaluta l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi fl-Ungerija.

Il-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni għandu jiġi żviluppat bl-involviment sħiħ u effettiv ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti attivi fil-qasam tal-akkwist pubbliku u l-esperti tal-akkwist pubbliku. L-organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti għandhom jintgħażlu permezz ta' proċedura tal-għażla miftuħa, trasparenti u nondiskriminatorja bbażata fuq kriterji oġġettivi relatati mal-għarfien espert u l-mertu.

Il-qafas għall-kejl tal-prestazzjoni għandu jibda jitħaddem qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Dan għandu jippermetti b'mod partikolari l-analiżi annwali tal-livell tal-proċessi ta' akkwist pubbliku li ma rnexxewx u r-raġunijiet tagħhom; is-sehem ta' kuntratti li huma kkanċellati kompletament matul l-eżekuzzjoni tal-kuntratt; is-sehem tal-okkorrenza ta' dewmien fit-tlestija tal-kuntratt; is-sehem tal-okkorrenza ta' kostijiet żejda (inkluż il-proporzjon u l-volum tagħhom); is-sehem ta' kuntratti ta' akkwist mogħtija li fihom jitqiesu b'mod espliċitu ċ-ċiklu tal-ħajja jew l-ispejjeż ta' ċ-ċiklu tal-ħajja kollu; is-sehem tal-parteċipazzjoni b'suċċess ta' impriżi mikro u żgħar fl-akkwisti pubbliċi; il-valur u s-sehem tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'offerta uniki ffinanzjati mir-riżorsi nazzjonali u mill-appoġġ tal-Unjoni separatament u/jew mit-tnejn.

L-analiżi bbażata fuq dan ta' hawn fuq għandha titwettaq bl-involviment sħiħ u effettiv ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti magħżula u esperti indipendenti tal-akkwist pubbliku u r-riżultati tagħha għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023 għall-ewwel darba għas-sena 2022 u kull sena minn hemm' il quddiem.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-1 2023.

### **C9.R13: Pjan ta' azzjoni biex jiżdied il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiżdied il-livell ta' kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni komprensiv.

Azzjonijiet fil-pjan ta' azzjoni għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjoni ta' prattiki tajbin biex tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni fil-qasam tal-akkwisti pubbliċi; l-ewwel riżultati tal-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni (ara r-Riforma C9.R12) u l-proposti mfassla abbażi tiegħu biex tiġi ffaċilitata l-kompetizzjoni fl-akkwist pubbliku; is-sejbiet, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet disponibbli tal-Awtorità għall-Integrità (ara r-Riforma C9.R1) rilevanti għall-kompetizzjoni fl-akkwisti pubbliċi.

Il-pjan ta' azzjoni għandu jistabbilixxi objettivi speċifiċi u li jistgħu jitkejlu li għandhom jintlaħqu kull sena; tiddefinixxi miżuri rilevanti biex jintlaħqu l-objettivi relatati; jistabbilixxi skadenzi preċiżi għall-implimentazzjoni tal-miżuri u jassenja indikaturi rilevanti għal kull miżura biex isir monitoraġġ tal-progress tal-implimentazzjoni tagħha; jidentifika l-awtorità jew l-istituzzjoni rilevanti responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kull miżura; jistabbilixxi

mekkaniżmu ta' monitoraġġ biex jivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi fil-pjan ta' azzjoni; jinkludi dispożizzjoni speċifika biex il-pjan ta' azzjoni jiġi rieżaminat kull sena u jiġi rivedut kif meħtieġ; u jiżgura li s-sitwazzjoni attwali annwali dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-pjan ta' azzjoni jew ir-reviżjonijiet tiegħu tkun disponibbli għall-pubbliku mingħajr dewmien.

Il-pjan ta' azzjoni għandu jiġi adottat sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023. Wara l-ewwel rieżami annwali, il-Gvern għandu jadotta u jagħmel disponibbli għall-pubbliku l-pjan ta' azzjoni rivedut, inkluża s-sitwazzjoni attwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull waħda mill-miżuri fih, sal-ewwel tliet xhur tal-1 2024.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-1 2024.

#### **C9.R14: Skema ta' taħriġ u skema ta' appoġġ għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tagħhom fi proċeduri ta' akkwist pubbliku**

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-impriżi mikro, żgħar u medji (b'enfasi fuq l-impriżi mikro u żgħar) fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku.

Għal dan l-iskop, l-Ungerija għandha tiżviluppa u timplimenta skema ta' taħriġ li tipprovdi, bla ħlas, l-aktar informazzjoni teoretika u Prattika importanti lill-impriżi mikro u lill-impriżi żgħar u medji dwar kif jistgħu jipparteċipaw b'suċċess fi proċeduri ta' akkwist pubbliku. It-taħriġ għandu jkun ibbażat fuq taħriġ żvilupp ta' materjal ta' taħriġ elettroniku. Il-materjal ta' taħriġ għandu jkopri mill-inqas kwistjonijiet ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u l-istadju tat-tnejn tagħhom, l-użu effettiv ta' rimedji u l-ispeċifitajiet li jirriżultaw mill-prestazzjoni ta' kuntratt pubbliku. L-evalwazzjoni tal-effiċjenza tat-taħriġ għandha tiġi żgurata. Għandu jiġi pprovdut taħriġ lil mill-inqas 1 000 impriża mikro, żgħira u medja sal-ewwel tliet xhur tal-1 2024 u lil mill-inqas 2 200 impriża mikro, żgħira u medja sat-tieni trimestru tat-2 2026. Sat-tieni trimestru tat-2 2026 għandu jkun hemm disponibbli għall-pubbliku rapport ta' evalwazzjoni li jevalwa l-effettività u l-effiċjenza tal-miżura ta' taħriġ.

L-Ungerija għandha tistabbilixxi wkoll, sat-tielet trimestru tal-1 2023, u timplimenta skema ta' appoġġ li għandha tipprovdi kumpens ta' somma f'daqqa, abbażi ta' kriterji tal-għażla oġġettivi, nondiskriminatorji u trasparenti, li għandu jitħallas direttament lil mill-inqas 1 800 intrapriża mikro, żgħira u ta' daqs medju (b'enfasi fuq l-intrapriżi mikro u żgħar) sat-tielet trimestru tat-2 2026, għall-ispejjeż tagħhom assoċjati mal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Sat-tielet trimestru tat-3 2024, għandha titwettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-iskema ta' appoġġ, u sat-tieni trimestru tat-2 2026, evalwazzjoni finali tal-iskema ta' appoġġ, dwar il-valur miżjud u l-effettività tal-programm.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tat-2 2026.

#### **C9.R15: Tisħiħ tar-rwol u s-setgħat tal-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali biex jikkontrolla s-setgħat tal-President tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura**

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jiġu stabbiliti setgħat aktar b'saħħithom għall-Kunsill Ġudizzjarju Nazzjonali (NJC) sabiex dan ikun jista' jeżerċita b'mod effettiv ir-rwol kostituzzjonali tiegħu fis-superviżjoni tal-amministrazzjoni ċentrali tal-qrati, filwaqt li tinżamm l-indipendenza tal-Kunsill abbażi tal-elezzjoni tal-membri tiegħu mill-imħallfin. Ir-riforma għandha tirriżulta f'tisħiħ tal-

indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u l-imħallfin stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-acquis rilevanti tal-UE.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi setgħat aktar b'saħħithom għall-NJC u għandha tinkludi emendi leġiżlattivi biex jiġi żgurat li l-NJC jagħti opinjoni vinkolanti motivata dwar għadd ta' kwistjonijiet li jirrigwardaw kemm deċiżjonijiet individwali kif ukoll regolamenti.

Ir-riforma għandha tiżgura wkoll li l-NJC ikollu riżorsi adegwati, inkluż persunal u uffiċċji, biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.

Qabel ma jitressqu l-abbozzi tal-liġijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din ir-riforma, għandha tiġi organizzata konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li tippermetti tal-anqas lill-NJC, lill-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, lill-Kamra tal-Avukati tal-Ungerija, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, *lill-Kúria*, lill-Uffiċċju Nazzjonali għall-Ġudikatura (NOJ), lill-Qorti Kostituzzjonali, u lill-Prosekutur Ġenerali jagħtu kummenti fi żmien mhux inqas minn 15-il jum.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023 u qabel l-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R16: Tisħiħ tal-indipendenza ġudizzjarja tal-Qorti Suprema (*Kúria*)**

L-objettiv tar-riforma huwa li tissaħħaħ l-indipendenza ġudizzjarja tal-Qorti Suprema (*Kúria*). Ir-riforma għandha tirriżulta f'tisħiħ tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u l-imħallfin stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19 tat-TUE u l-acquis rilevanti tal-UE.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-emendar tar-regoli dwar l-elezzjoni tal-President *tal-Kúria*; ir-regoli dwar l-iskema ta' allokkazzjoni tal-każijiet *tal-Kúria*; u r-regoli dwar il-funzjonament *tal-Kúria* biex (i) jiġu stabbiliti setgħat aktar b'saħħithom għall-kunsill ġudizzjarju *tal-Kúria* u d-dipartimenti tal-imħallfin ("kollégium") ikkonċernati, (ii) titneħħa l-possibbiltà li l-membri tal-Qorti Kostituzzjonali jsiru mħallfin u mbaġħad jinħatru *fil-Kúria* mingħajr ma jsegu l-proċedura ta' applikazzjoni normali, u (iii) jiġi żgurat li l-NJC jagħti opinjoni vinkolanti motivata dwar l-adegwatezza tal-kandidati għall-karigi ta' President u Viċi President *tal-Kúria*; il-kriterji ta' idoneità, inklużi l-indipendenza, l-imparzjalità, l-integrità u l-integrità, għandhom jiġu ddeterminati bil-liġi. Il-kandidati li jinstabu li mhumiex idonei mill-NJC għandu jkollhom aċċess għal sħarriġ ġudizzjarju aċċellerat quddiem il-qorti kompetenti.

Ir-riforma għandha tiżgura wkoll li s-setgħat imsaħħa tal-NJC imsemmija fir-Riforma C9.R15 japplikaw ukoll fir-rigward tal-President *tal-Kúria* meta jaġixxi bħala awtorità tal-ħatra (f'konformità mal-Att CLXII tal-2011).

Qabel ma jitressqu l-abbozzi tal-emendi meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din ir-riforma, għandha tiġi organizzata konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li tippermetti tal-anqas lill-NJC, lill-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, lill-Kamra tal-Avukati tal-Ungerija, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, *lill-Kúria*, lill-NOJ, lill-Qorti Kostituzzjonali, u lill-Prosekutur Ġenerali jagħtu kummenti fi żmien mhux inqas minn 15-il jum.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023 u qabel l-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R17: Tneħħija tal-ostakli għar-referenzi għal deċiżjonijiet preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

L-objettiv tar-riforma huwa li jitneħħew l-ostakli għall-qrati biex jirreferu b'mod indipendenti l-kawżi għal deċiżjonijiet preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE), biex b'hekk tiġi żgurata l-konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE. Ir-riforma għandha tirriżulta f'tiżi tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u l-imħallfin stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19 tat-TUE u l-acquis rilevanti tal-UE.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-emendar tat-Taqsimiet 666 et seq. tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali biex titneħħa l-possibbiltà li *l-Kúria* tirrieżamina l-legalità tad-deċiżjoni ta' mħallef li jagħmel referenza preliminari lill-QĠUE, u t-Taqsima 490 tal-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali dwar is-sospensjoni tal-proċedimenti biex jitneħħa kwalunkwe ostaklu għal qorti biex tagħmel referenza preliminari f'konformità mal-Artikolu 267 tat-TFUE.

Qabel ma jitressqu l-abbozzi tal-liġijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din ir-riforma, għandha tiġi organizzata konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li tippermetti tal-anqas lill-NJC, lill-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, lill-Kamra tal-Avukati tal-Ungerija, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, *lill-Kúria*, lill-NOJ, lill-Qorti Kostituzzjonali, u lill-Prosekutur Ġenerali jagħtu kummenti fi żmien mhux inqas minn 15-il jum.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023 u qabel l-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R18: Riforma rigward ir-rieżami tas-sentenzi finali mill-Qorti Kostituzzjonali**

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-tneħħija tal-possibbiltà, introdotta fl-2019 bl-emendar tat-Taqsima 27 tal-Att CLI tal-2011, għall-awtoritajiet pubbliċi li jikkontestaw id-deċiżjonijiet ġudizzjarji finali quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Ir-riforma għandha tirriżulta f'tiżi tal-indipendenza u l-imparzjalità tal-qrati u l-imħallfin stabbiliti bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19 tat-TUE u l-acquis rilevanti tal-UE.

Qabel ma jitressqu l-abbozzi tal-liġijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din ir-riforma, għandha tiġi organizzata konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, li tippermetti tal-anqas lill-NJC, lill-assoċjazzjonijiet ġudizzjarji, lill-Kamra tal-Avukati tal-Ungerija, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, *lill-Kúria*, lill-NOJ, lill-Qorti Kostituzzjonali, u lill-Prosekutur Ġenerali jagħtu kummenti fi żmien mhux inqas minn 15-il jum.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-ewwel tliet xhur tal-1 2023 u qabel l-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R19: Dispożizzjonijiet legali msaħħa li jistabbilixxu arranġamenti ta' implimentazzjoni, monitoraġġ u awditjar u kontroll biex jigarantixxu l-użu tajjeb tal-appoġġ tal-Unjoni**

L-objettiv tar-riforma huwa li tiżgura l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar effettivi tal-appoġġ tal-Unjoni u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Għal dak l-għan, id-dispożizzjonijiet legali li jistabbilixxu r-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, il-kontroll u l-awditjar tal-appoġġ tal-Unjoni fl-

Ungerija għandhom jidħlu fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, biex jiġu żgurati:

- li jissaħħu l-ġestjoni tar-riskju, il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess u l-finanzjament doppju;
- li jiġu stabbiliti regoli, proċeduri u mekkaniżmi ta' kontroll effettivi fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess; u għal
- li ssir rotazzjoni regolari tal-persunal f'pożizzjonijiet sensitivi u li tiġi żgurata s-sorveljanza effettiva tagħhom.

Fir-rigward speċifikament tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, id-dispożizzjonijiet legali msemmija hawn fuq għandhom jistabbilixxu wkoll il-mandat legali billi jistabbilixxu r-rwoli u r-responsabbiltajiet dettaljati tal-korpi involuti fl-implimentazzjoni, l-awditjar u l-kontroll tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, jistabbilixxu regoli relatati mal-ġbir u l-affidabbiltà tad-data marbuta mal-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri fil-pjan, il-proċeduri għat-tfassil u l-affidabbiltà tad-dikjarazzjonijiet ta' ġestjoni, is-sommarji tal-awditjar u t-talbiet għal pagament, kif ukoll il-proċeduri li jiżguraw il-ġbir tad-data kollha f'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament RRF.

Bħala komplement għall-arranġamenti legali msemmija hawn fuq, l-Ungerija għandha tiżviluppa u tibda tapplika linji gwida komprensivi li jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament. Il-linji gwida għandhom jistabbilixxu fid-dettall il-kompiti u l-obbligi relatati għal kull wieħed mill-korpi involuti fl-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-appoġġ tal-Unjoni filwaqt li jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-kontroll u l-korrezzjoni effettivi ta' sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R20: Strateġija effettiva kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni għall-implimentazzjoni, l-awditjar u l-kontroll tal-appoġġ tal-Unjoni**

L-objettiv tar-riforma huwa li jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-frodi u l-korruzzjoni relatati ma' kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija billi tistabbilixxi strateġija komprensiva kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi u timplimentaha.

L-istrateġija kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni għandha tiġi kkomplementata minn pjan ta' azzjoni li jistabbilixxi azzjonijiet ċari u komprensivi li jikkorrispondu għall-objettivi stabbiliti fl-istrateġija. Għal kull waħda mill-azzjonijiet, għandhom jiġu identifikati skadenzi ċari għall-implimentazzjoni, korpi responsabbli, u indikaturi speċifiċi għall-kejl tal-progress.

L-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għandhom jiġu adottati qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R21: Użu sħiħ u effettiv tas-sistema Arachne għall-appoġġ kollu tal-Unjoni**

L-objettiv tar-riforma huwa li jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-frodi, il-korruzzjoni, il-kunflitt ta' interess, il-finanzjament doppju u irregolaritajiet

oħra relatati ma' kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija permezz tal-użu sħiħ u effettiv tal-għodda Arachne tal-Kummissjoni għall-estrazzjoni ta' data u għall-kejl tar-riskju.

Għal dak l-iskop, il-Gvern għandu japprova u jibda japplika proċeduri li jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti jtellgħu d-data rilevanti kollha fis-sistema Arachne kull xahrejn, li jipprovdu segwitu regolari u effettiv għall-kejl tar-riskju ġġenerat mis-sistema Arachne. Rapport finali tal-awditjar tal-EUTAF b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata għandu jikkonferma l-adegwatezza tal-proċeduri u l-arranġamenti u l-kompletezza tad-data mtella'.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R22: Stabbiliment ta' Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Integrità biex jissaħħaħ il-kontroll tal-kunflitti ta' interess fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni**

L-objettiv tar-riforma huwa li jiġu żgurati l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-kunflitti ta' interess fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, billi jiġi stabbilit Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Integrità (Directorate of Internal Audit and Integrity, DIAI) fil-ministeru responsabbli għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija.

Id-DIAI għandu jwettaq kontroll regolari u effettiv tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess u jinvestiga suspetti rrapportati ta' kunflitt ta' interess. Fuq talba, id-DIAI għandu jipprovdi mingħajr dewmien aċċess sħiħ għad-dikjarazzjonijiet kollha ta' kunflitt ta' interess u għall-fajls kollha tagħha lill-Awtorità għall-Integrità (kif stabbilita fir-Riforma C9.R1). Il-liġi li tistabbilixxi d-DIAI għandha tiżgura l-indipendenza sħiħa tagħha u l-kompetenzi xierqa biex taġixxi fir-rigward ta' kwalunkwe awtorità jew korp nazzjonali involut fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija. Id-DIAI għandu jħejji rapport annwali tal-ħidma tiegħu u jippreżentah lill-Awtorità għall-Integrità.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

### **C9.R23: Żgurar tal-kapaċità li l-EUTAF twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiżgura l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-frodi u l-korruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, billi tiżgura li l-Awtorità tal-Awditjar (EUTAF) ikollha r-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa biex tissalvagwardja l-indipendenza tagħha u tippermettilha twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u f'waqtu.

Ir-riforma għandha tiżgura li l-baġit annwali tal-EUTAF għandu jiġi stabbilit abbażi ta' proposta inizjali mill-EUTAF, u għandu jiġi modifikat biss jekk ikun iġġustifikat pubblikament, u mhux b'mod li jimmina l-kapaċità tal-EUTAF li twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u f'waqtu; li r-remunerazzjoni tal-persunal tal-EUTAF tkun stabbilita għal 70 % ta' dik applikabbli għall-persunal tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat; li l-kap tal-EUTAF għandu jkollu l-istess prerogattivi biex jiddeċiedi dwar il-prinċipji bażiċi tas-salarju, il-benefiċċji u l-kundizzjonijiet tax-xogħol bħal dawk disponibbli għall-president tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat, u li kwalunkwe arranġament li jiddevja minn dawk applikabbli għall-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat għandu jkun possibbli biss fuq proposta bil-miktub u debitament ġustifikata mill-kap tal-EUTAF; u li l-indipendenza

funzjonali u professjonali tal-EUTAF għandha tinżamm u l-persunal tal-EUTAF għandu jkompli ma jfittixx jew jaċċetta struzzjonijiet rigward il-ħidma tal-awditjar tiegħu.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

#### **C9.R24: Tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF biex tissaħħaħ l-identifikazzjoni tal-frodi relatata mal-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni**

L-objettiv tar-riforma huwa li ssaħħaħ l-arranġamenti relatati mal-identifikazzjoni tal-frodi fir-rigward tal-użu tal-finanzjament tal-Unjoni u li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-OLAF.

Għal dak l-iskop, il-leġiżlazzjoni għandha tidħol fis-seħħ biex taħtar awtorità nazzjonali kompetenti biex tassisti lill-OLAF fil-kontrolli tiegħu fuq il-post fl-Ungerija, u biex tintroduċi l-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet finanzjarji fuq atturi ekonomiċi li ma jikkooperawx mal-OLAF matul il-kontrolli u l-ispezzjonijiet tiegħu fuq il-post.

Il-leġiżlazzjoni għandha tidħol fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

#### **C9.R25: Implimentazzjoni, kontroll u awditjar effettivi tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiġu żgurati l-implimentazzjoni, il-kontroll u l-awditjar effettivi tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, billi tiġi stabbilita sistema ta' repożitorju xierqa għar-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-data meta jiġi implimentat il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, u billi jiġi żgurat li l-EUTAF ikollha fis-seħħ strateġija tal-awditjar effettiva għall-awditjar tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.

Għal dak l-għan:

- sistema ta' repożitorju għar-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-data kollha rilevanti relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza — l-ilħiq tal-istadji importanti u l-miri, id-data dwar ir-riċevituri finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji — għandha tkun kompletament funzjonali u operazzjonali. Rapport tal-awditjar finali mill-EUTAF, b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata, għandu jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema ta' repożitorju u li s-sistema hija kompletament funzjonali u operazzjonali;
- sabiex jiġu żgurati l-affidabbiltà u l-assigurazzjoni miksuba mis-sommarji tal-awditjar tagħha, l-awtorità tal-awditjar tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija (EUTAF) għandha tadotta l-istrateġija tal-awditjar li tiżgura l-awditu effettiv tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata qabel ma l-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni.

## **C9.R26: Titjib fit-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni pubblika**

L-objettiv tar-riforma huwa li tissaħħaħ it-trasparenza u jittejjeb l-aċċess għall-informazzjoni pubblika.

L-ewwel submiżura għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni pubblika billi tiżgura li d-data pubblika għandha, bħala prinċipju, tiġi pprovduta mingħajr ħlas. F'każijiet eċċezzjonali fejn jistgħu jiġu imposti tariffi għall-aċċess għall-informazzjoni pubblika, dawk it-tariffi għandhom ikunu raġonevoli u baxxi biżżejjed u ma għandhomx jinkludu kostijiet lavorattivi assoċjati. Għal dak l-iskop, għandhom jidħlu fis-seħħ u jibdew jiġu applikati emendi leġiżlattivi li (i) jabolixxu l-possibbiltà li d-detentur ta' informazzjoni pubblika jimponi kostijiet lavorattivi biex jissodisfa talba għal aċċess għal informazzjoni pubblika; (II) tintroduċi limitu massimu globali ta' HUF 190 000 għal tariffi li jistgħu jiġu imposti fuq min jitlob id-data biex jissodisfa t-talba tiegħu għal aċċess għal informazzjoni pubblika; (III) it-tariffi imposti ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet reali mġarrba mid-detenturi tad-data u għandhom ikunu relatati biss mal-ispejjeż tal-ikkupjar u t-twassil tal-informazzjoni jista' jintalab mid-detentur tal-informazzjoni pubblika u biss jekk dawk il-kostijiet jaqbżu HUF 10 000. Qabel ma jressaq l-emendi msemmija hawn fuq, il-Gvern għandu jqis il-proposti tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Informazzjoni (NAIH) relatati mal-kostijiet unitarji li jikkonċernaw il-kost tal-ikkupjar u t-twassil tad-data kif ukoll il-metodu ta' kalkolu tat-tariffi li jistgħu jintalbu għall-aċċess għat-talbiet għal informazzjoni. Il-Gvern għandu jiżgura wkoll li kwalunkwe informazzjoni li ssir disponibbli fuq talba għal aċċess għal informazzjoni għandha tkun disponibbli simultanjament fir-reġistru ċentrali msemmi fir-Riforma C9.R6.

It-tieni submiżura għandha tiżgura li n-NAIH għandha twettaq rieżami regolari tal-konformità tal-korpi pubbliċi mar-regoli dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika. Il-NAIH għandu jwettaq kontrolli komprensivi u dettaljati fuq il-korpi pubbliċi kollha mill-inqas darbtejn fis-sena biex jivvaluta jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti rispettivi ta' għom dwar it-trasparenza tad-data pubblika u jipprovdu aċċess għad-data ta' interess pubbliku. Is-sejbiet ta' dawn il-kontrolli għandhom jiġu ppreżentati f'rapport komprensiv aċċessibbli għall-pubbliku li jidentifika n-nuqqasijiet għal kull korp pubbliku kkonċernat (mill-inqas jidentifika l-għadd ta' talbiet għall-aċċess għad-data pubblika riċevuta, l-għadd ta' lmenti relatati mal-kondiviżjoni tad-data pubblika, l-għadd ta' talbiet issodisfati u l-għadd ta' jiem li ttieħdu biex dawn jiġu ssodisfati), kif dawn in-nuqqasijiet għandhom jiġu rimedjati u segwiti, kif ukoll rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jittejjeb l-aċċess għad-data pubblika. L-ewwel rapport bħal dan għandu jiġi ppubblikat sar-raba' trimestru tal-4 2022 segwit minn rapporti sussegwenti kull sitt xhur sat-tieni trimestru tat-2 2026.

Fl-aħħar nett, it-tielet submiżura għandha tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni pubblika u tillimita t-tul tal-proċeduri ġudizzjarji billi tintroduċi proċedura eċċezzjonali għall-każijiet tal-qorti relatati mal-aċċess għall-informazzjoni pubblika. Għal dan l-għan, att leġiżlattiv li jstabbilixxi dik il-proċedura eċċezzjonali għandu jstabbilixxi l-istess passi proċedurali u skadenzi bħal dawk applikati fil-każ ta' każijiet ta' rettifika tal-istampa kif stabbilit fl-Att CXXX tal-2016 dwar il-proċeduri ċivili, bl-unika eċċezzjoni li l-iskadenza għall-perjodu ta' ċitazzjoni fit-Taqsima 497 (1) tal-Att CXXX tal-2016 għandha tkun ta' mill-inqas tlett ijiem ta' xogħol.

L-implementazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-4 2022.

### **C9.R27: Titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involvement effettiv tal-partijiet ikkonċernati u s-sħab soċjali fit-tehd tad-deċiżjonijiet**

Din ir-riforma għandha l-għan li żżid il-kwalità u l-prevedibbiltà tat-tfassil tal-liġijiet billi tiżgura l-użu sistematiku tal-valutazzjonijiet tal-impatt u l-involvement effettiv tas-sħab soċjali, il-partijiet ikkonċernati u l-esperti nongovernattivi fit-tfassil tal-liġijiet. Għandha l-għan ukoll li tistabbilixxi qafas għall-konsultazzjoni sistematika u effettiva tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti għall-implimentazzjoni tal-miżuri tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sabiex tikkontribwixxi għat-titjib tal-kwalità tal-leġiżlazzjoni, tnaqqas ir-riskju ta' żbalji fil-politika u ssaħħaħ is-sorveljanza fuq l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kollu kemm hu.

Għal dak l-għan:

- Għandhom jidħlu fis-seħħ emendi leġiżlattivi li jintroduċu b'mod partikolari perjodu minimu obligatorju ta' konsultazzjoni ta' tmint ijiem għall-atti leġiżlattivi kollha adottati jew imressqa għall-adozzjoni mill-Gvern; għandu jiġi introdott perjodu minimu ta' ħamest ijiem biex il-Gvern jikkunsidra l-kontributi li jkun irċieva matul il-konsultazzjoni qabel ma jiffinalizza l-proposta tiegħu għal att leġiżlattiv; għandu jiġi introdott l-obbligu li l-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern (KEHI) għandu jivvaluta kull sena l-konformità tal-Gvern u tal-ministeri mal-obbligi stabbiliti fl-Att CXXXI tal-2010 dwar il-parteċipazzjoni soċjali fit-tfassil tal-liġijiet (inkluż jekk l-eċċezzjonijiet kinux debitament ġustifikati); u għandu jiġi introdott l-obbligu għall-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern jimponi multa fuq il-ministeru responsabbli għat-tnejjja tal-att leġiżlattiv f'każ ta' nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att CXXXI tal-2010 dwar il-parteċipazzjoni soċjali fit-tfassil tal-liġijiet.
- Sabiex jiġi żgurat li l-obbligi ta' hawn fuq jiġu rispettati b'mod effettiv fil-prattika u jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet mill-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli, għandu jiġi żgurat li kull sena kalendarja mill-inqas 90 % tad-digriet tal-gvern, id-digriet ministerjali adottati mill-gvern u l-abbozzi kollha ppreżentati mill-gvern lill-Parlament ikunu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, u li l-valutazzjonijiet tal-impatt sommarji kollha meħtieġa li jiġu ppubblikati jkunu disponibbli għall-pubbliku. Rapport finali tal-awditjar b'opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma kull waħda mill-miri annwali.
- Sabiex tiġi pprovduta l-possibbiltà għal involvement aktar sistematiku u effettiv tas-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati u l-esperti fit-tfassil tal-liġijiet kif ukoll għat-tnejjja ta' valutazzjonijiet tal-impatt għal emendi għal abbozzi ta' liġi jew abbozzi ta' liġi proposti mill-Membri u l-Kumitati tal-Assemblea Nazzjonali, għandha tiġi stabbilita kapaċità amministrattiva addizzjonali fl-Uffiċċju tal-Assemblea Nazzjonali. Il-membri jew il-Kumitati tal-Assemblea Nazzjonali għandu jkollhom il-possibbiltà li jirrikorru għand l-Uffiċċju tal-Assemblea Nazzjonali biex iħejju valutazzjonijiet tal-impatt effettivi u jwettqu konsultazzjonijiet effettivi mal-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozzi proposti minnhom jew l-emendi għall-abbozzi li beħsiebhom iressqu għall-kunsiderazzjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-kwalità tal-valutazzjonijiet tal-impatt li għandhom jitwettqu mill-Uffiċċju tal-Assemblea Nazzjonali, għandha tiġi żgurata l-provvista sistematika tad-data mill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Ungerija għall-fini ta' tali valutazzjonijiet tal-impatt.
- Sabiex tiġi ffaċilitata t-tnejjja ta' valutazzjonijiet tal-impatt regolatorji u biex jiġu vvalutati b'mod adegwat it-tipi differenti ta' impatti tal-leġiżlazzjoni, il-Gvern għandu jadotta u jibda japplika metodoloġija ġdida għall-valutazzjoni tal-impatt sistematika tal-proposti leġiżlattivi

kollha. Il-metodoloġija l-ġdida għandha titħejja bl-involviment effettiv ta' organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert rikonoxxut b'mod wiesa' fil-qasam tal-valutazzjoni tal-impatt regolatorju (bħall-OECD) u s-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati mhux governattivi filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-aħjar prattiki ta' Stati Membri oħra u istituzzjonijiet internazzjonali. Il-metodoloġija l-ġdida għandha tibda tiġi applikata b'mod sistematiku biex jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi kollha mir-raba' trimestru tal-4 2023.

- Sabiex jiġi żgurat l-involviment effettiv u s-ħib tas-sħab soċjali u tal-partijiet ikkonċernati fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, att leġiżlattiv għandu jistabbilixxi obbligu ċar li s-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati rilevanti għandhom jiġu kkonsultati matul l-implimentazzjoni tal-pjan; jistabbilixxi strateġija vinkolanti li tiddefinixxi l-kompiti u r-responsabbiltajiet dwar kif il-partijiet ikkonċernati ewlenin għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri skont il-pjan; u jistabbilixxi kumitat ta' monitoraġġ, bil-kompitu li kontinwament jagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni effettiva tal-pjan, li jikkonsisti minn partijiet ikkonċernati u sħab soċjali rilevanti għall-implimentazzjoni tal-komponenti tal-pjan, b'mill-inqas 50 % tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ li jirrappreżentaw organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti mill-gvern u mill-korpi pubbliċi. Il-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili għandhom jintgħażlu permezz ta' proċess tal-għażla miftuħa, trasparenti, u nondiskriminatorja bbażata fuq kriterji oġġettivi relatati mal-għarfien espert u l-mertu.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-4 2023.

### **C9.R28: Appoġġ għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażati fuq id-data u l-proċess leġiżlattiv bil-ħsieb li tiżied l-effiċjenza, it-trasparenza u jonqsu r-riskji ta' irregolaritajiet**

L-oġġettiv ta' din ir-riforma huwa li jitjiebu l-viżwalizzazzjoni u l-ispjegazzjoni tal-effetti tal-leġiżlazzjoni għall-pubbliku b'mod trasparenti u oġġettivi.

Għal dak l-iskop, għandhom jiġu stabbiliti pjattaforma tad-data u għodda għall-immudellar tad-data biex tiġi żgurata l-konnessjoni tal-bażijiet tad-data — f'konformità sħiħa mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data — u jiġu żviluppata l-kapaċitajiet għall-immudellar tad-data abbażi ta' din id-data. Barra minn hekk, mill-inqas 200 persuna mill-persunal tal-ministeri kompetenti, l-istituzzjonijiet governattivi u r-rappreżentanti tas-sħab soċjali involuti fl-ippjanar strateġiku u fil-ħidma preparatorja leġiżlattiva għandhom ilestu kors ta' taħriġ dwar għodod u prattiki ta' viżwalizzazzjoni tad-data.

Il-pjattaforma tad-data u l-għodda tal-immudellar tad-data għandhom jiġu stabbiliti sat-tieni trimestru tat-2 2024, filwaqt li t-taħriġ għandu jsir sal-ewwel tliet xhur tal-1 2025.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-1 2025.

### **C9.R29: Estensjoni tas-sistema awtomatika tat-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi bil-ħsieb li jżiedu l-effiċjenza, it-trasparenza u jitnaqqsu r-riskji ta' irregolaritajiet**

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tespandi s-sistema awtomatika ta' teħid ta' deċiżjonijiet amministrattivi, bil-ħsieb li jżiedu l-effiċjenza u t-trasparenza tagħha u jitnaqqsu r-riskji ta' irregolaritajiet bħall-korruzzjoni, l-iżbalji u l-inkonsistenzi fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Għal dak l-għan, tliet tipi ta' każijiet ġodda — l-amministrazzjoni tal-vetturi, il-benefiċċji tat-trasport u tal-parkeġġ għall-persuni b'mobbiltà mnaqqa u l-verifika tal-prova tal-eliġibbiltà għall-benefiċċji u l-intitolamenti tal-istat — b'funzjonalitajiet kompletament operattivi għandhom jiġu introdotti fis-sistema awtomatika tat-teħid tad-deċiżjonijiet amministrattivi, li jippermettu l-ipproċessar kompletament awtomatizzat tagħhom, sat-tielet trimestru tat-2 2025.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tat-2 2025.

### **C9.R30: Tisħiħ tas-sistema nazzjonali tal-ġestjoni tat-tagħmir tal-IT biex tiżdied l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi**

L-objettiv tar-riforma huwa li tissaħħaħ is-sistema nazzjonali tal-ġestjoni tat-tagħmir tal-IT biex tiżdied l-effiċjenza tas-servizzi pubbliċi

Għal dak l-iskop, għandha titwaqqaf sistema ċentrali ta' ġestjoni tat-tagħmir tal-IT u ta' liċenzjar tas-software. Din is-sistema għandha tipprovdi reġistru komprensiv u monitoraġġ taċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir tal-IT u servizz ċentrali flessibbli u faċli għall-klijent biex jiġu żgurati l-forniment, l-aġġornament, it-tiswija, il-bidla, l-iskreppjar, l-installazzjoni u servizzi relatati għal tagħmir tal-IT għal mill-inqas 3 000 korp pubbliku fil-qasam tas-saħħa, l-edukazzjoni pubblika u l-kura soċjali, sar-raba' trimestru tal-4 2025.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sar-raba' trimestru tal-4 2025.

### **C9.R31: Introduzzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' sustanza għal finijiet ta' taxxa korporattiva fuq l-introġtu**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiġi żgurat li l-kumpaniji ma għandhomx ikunu stabbiliti fl-Ungerija esklużivament għal skopijiet ta' ppjanar tat-taxxa u mingħajr ma jwettqu l-ebda attività ekonomika reali. Ir-riforma għandha tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-użu ta' kumpaniji fantażma u fittizji, filwaqt li tikkontribwixxi għal ħolqien ta' impjiegi aktar b'saħħtu u dħul ogħla tal-gvern.

Ir-riforma għandha tikkonsisti mid-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni ġdida li tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sustanza għall-finijiet tat-taxxa korporattiva u l-konsegwenzi tat-taxxa f'każ li r-rekwiżiti ma jiġux issodisfati. Il-leġislazzjoni għandha tkun ibbażata fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' analiżi esperta internazzjonali indipendenti.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

### **C9.R32: Tisħiħ tar-regolamenti tal-ipprezzar ta' trasferiment**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tindirizza l-evazzjoni tat-taxxa u ttejjeb it-trasparenza internazzjonali tas-sistema tat-taxxa tal-Ungerija billi ssaħħaħ l-obbligi tar-rapportar tad-data dwar tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati għall-finijiet tal-ipprezzar tat-trasferimenti.

Ir-riforma għandha tikkonsisti mid-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni ġdida li tistabbilixxi rekwiżiti dettaljati għal rapportar ġdid ta' data dwar l-ipprezzar ta' trasferiment. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi għandu jkopri tranżazzjonijiet bejn impriżi assoċjati li jilhq

mill-inqas HUF 100 miljun. Dan huwa mistenni li jtejjeb l-analiżi tar-riskju tal-amministrazzjoni tat-taxxa u jippermettilha twettaq awditi aktar immirati u tiffoka fuq evażuri tat-taxxa potenzjali.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

### **C9.R33: Twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' nondeduċibbiltà għall-pagamenti 'l barra**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiġi indirizzat ir-riskju ta' nontassazzjoni doppja ta' pagamenti 'l barra mill-pajjiż li jirriżultaw mill-Ungerija għal ġurisdizzjonijiet b'rata żero jew baxxa ta' taxxa, u b'hekk jiġu limitati l-opportunitajiet għall-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

Ir-riforma għandha twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' nondeduċibbiltà għall-finijiet tat-taxxa korporattiva dwar l-introjt tal-Ungerija. L-emendi leġiżlattivi li jkopru mill-inqas l-elementi li ġejjin għandhom jidħlu fis-seħħ:

- it-tranżazzjonijiet kollha ta' pagamenti ta' royalties u mgħax 'l barra lejn ġurisdizzjonijiet li huma i) elenkati fil-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx jew ii) meqjusa bħala ġurisdizzjonijiet b'rata żero jew baxxa ta' taxxa għandhom ikunu koperti mir-regoli mwessgħin ta' nondeduċibbiltà;
- għandhom jiġu stabbiliti kriterji dwar meta għandha tiġi applikata konsegwenza tat-taxxa, filwaqt li jitqiesu r-raġunijiet tan-negozju wara t-tranżazzjoni u t-trattament tat-taxxa tat-tranżazzjoni; u għal
- għandha tiġi identifikata konsegwenza tat-taxxa biex jittaffa r-riskju ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa.

Għandha titwettaq ukoll evalwazzjoni indipendenti tar-regoli relatati mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa, li tivvaluta l-qafas tat-taxxa tal-Ungerija b'mod olistiku. Abbażi ta' dan, għandhom jiġu adottati u jidħlu fis-seħħ aktar emendi leġiżlattivi biex tittejjeb l-effettività tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-ippjanar aggressiv tat-taxxa.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C9.R34: Trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mar-regoli tat-taxxa**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tissimplifika l-proċeduri ta' konformità mar-regoli tat-taxxa u tnaqqas il-kostijiet tal-konformità billi toħloq servizzi diġitali ġodda u faċli għall-utent għall-kontribwenti u għall-intermedjarji finanzjarji.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-ħolqien tas-servizzi diġitali li ġejjin:

- "ePayroll" (Pjattaforma għall-Forniment tad-Data dwar l-Impjiegi). Din il-pjattaforma għandha tippermetti li l-impjegaturi jissimplifikaw ir-rapportar tad-data dwar l-impjiegi lill-amministrazzjoni;
- "l-irċevuta elettronika". Dan is-servizz għandu jissostitwixxi gradwalment is-sistema attwali ta' cash registers online permezz tal-ħolqien ta' servizz kompletament indipendenti mill-pjattaforma għall-ġbir tal-irċevuti;
- "eVAT". Dan għandu jikkonsisti fil-ħolqien ta' pjattaforma online għall-forniment ta' dikjarazzjonijiet tal-VAT mimlija minn qabel.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C9.R35: Simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-għadd ta' taxxi**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-għadd ta' taxxi u tiġi kkonsolidata t-tassazzjoni fuq l-introjtu personali.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

- il-miżuri tat-taxxa temporanji introdotti fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tal-enerġija għandhom jitneħħew gradwalment, f'konformità mad-data tat-terminazzjoni stabbilita fil-bażi ġuridika tagħhom;
- l-għadd ta' taxxi fl-Ungerija għandu jitnaqqas b' 10 % meta mqabbel mal-għadd fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet ta' grupp ta' ħidma ddedikat stabbilit mill-awtoritajiet;
- it-tassazzjoni fuq l-introjtu personali għandha tiġi ssimplifikata u kkonsolidata, bil-ħsieb li jiġi eliminat l-infiq ineffiċjenti tat-taxxa, li r-regoli tat-taxxa jsiru aktar faċli għall-kontribwenti u li jitnaqqsu l-inċentivi distorsivi jew mhux ġustifikati.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

### **C9.R36: Ir-riforma tat-taxxa fuq il-pipelines ta' utilità pubblika**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi ssimplifikata s-sistema tat-taxxa filwaqt li jitrawwem ambjent tat-taxxa li jstimula l-investimenti fi proġetti kbar tal-infrastruttura tal-utilitajiet.

Ir-riforma għandha tħassar l-Att Nru CLXVIII tal-2012 dwar it-taxxa fuq il-pipelines ta' utilità jew temendah biex tintroduċi regola tat-taxxa li tippermetti li s-sidien tal-utilitajiet jirrilaxxaw jew jikkreditaw it-taxxa dettaljata pagabbli fuq il-linji tagħhom għall-ammont li jinvestu fil-manutenzjoni jew l-aġġornament ta' dawk il-linji. Il-Gvern għandu jieħu deċiżjoni bejn iż-żewġ għażliet.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

### **C9.R37: Integrazzjoni tal-użu ta' kampanji ta' komunikazzjoni u għarfien dwar l-imġiba mill-amministrazzjoni tat-taxxa**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi promossa l-konformità volontarja mar-regoli tat-taxxa u tittejjeb l-interazzjoni bejn il-kontribwenti u l-amministrazzjoni tat-taxxa bi strateġiji ta' komunikazzjoni aktar immirati u personalizzati u l-użu ta' għarfien dwar l-imġiba.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-azzjonijiet li ġejjin:

- Għandha tiġi pubblikata gwida "pass pass" dwar il-pjattaformi diġitali tal-Awtorità Nazzjonali għall-Ġbir tat-Taxxa (NTCA) biex tassisti u tinforma lill-kontribwenti dwar suġġetti speċifiċi relatati mad-drittijiet u l-obbligi tat-taxxa tagħhom;
- Il-NTCA għandha ttejjji rapport dwar kif l-għarfien dwar l-imġiba jista' jtejjeb l-effettività tal-amministrazzjoni tat-taxxa. Abbażi ta' dan, għandhom jitwettqu mill-inqas tliet proġetti pilota ġodda tal-għarfien dwar l-imġiba f'kooperazzjoni bejn l-NTCA u l-Ministeru għall-Finanzi;

- il-pjattaformi differenti tal-IT tal-NTCA għandhom jiġu kkonsolidati fi pjattaforma ċentralizzata b'kanal wieħed u mill-inqas tliet funzjonalitajiet ġodda għandhom isiru operazzjonali u disponibbli għall-utenti fuq il-pjattaforma.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2025.

### **C9R38: Titjib tal-effiċjenza tan-nefqa pubblika billi jitwettqu rieżamijiet tal-infiq**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tiġi evalwata u tittejjeb l-effiċjenza tan-nefqa pubblika, bil-ħsieb li tissaħħaħ is-sostenibbiltà fuq terminu medju tal-finanzi pubbliċi u d-dejn tal-gvern u jissaħħaħ it-tkabbir ekonomiku.

Ir-riforma għandha tintroduċi rieżami regolari tan-nefqa f'oqsma prijoritarji magħżula tan-nefqa pubblika mill-2023'il quddiem, abbażi ta' pjan ta' ħidma ta' terminu medju. FI-2024 u fl-2023 għandhom jitwettqu erba' rieżamijiet tal-infiq u dawn għandhom ikopru b'kollox mill-inqas 20 % tan-nefqa tal-gvern estiż.

FI-2024 u l-2025, rispettivament, il-gvern għandu jippubblika żewġ rapporti ddedikati biex jippreżenta r-riżultati konkreti tar-rieżamijiet f'termini ta' ffrankar potenzjali u titjib fl-effiċjenza, kif rifless b'mod partikolari fl-ippjanar baġitarju (jiġifieri fil-baġits annwali u l-pjanijiet baġitarji ta' terminu medju). Rapport ta' konklużjoni għandu jipprovdi evidenza ġenerali dwar ir-riżultati tar-rieżamijiet tal-infiq.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

**I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
160	C9.R1 Stabbiliment ta' Awtorità tal-Integrità biex issaħħaħ il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni	Stadju importanti	Twaqqif ta' Awtorità ta' Integrità	Bidu tal-attività tal-Awtorità tal-Integrità				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	<p>L-istabbiliment u d-dħul fis-seħħ, qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, ta' Awtorità għall-Integrità biex issaħħaħ il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija.</p> <p>Għandu jiġi garantit li l-Awtorità għall-Integrità jkollha indipendenza sħiħa. L-awtorità għandha tintervjeni fil-każijiet kollha fejn fil-fehma tagħha l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux ħadu l-passi meħtieġa biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu frodi, kunflitti ta' interess, korruzzjoni u illegalitajiet jew irregolaritajiet oħra li jistgħu affettwaw jew jirriskjaw serjament li jaffettwaw il-ġestjoni finanzjarja tajba tal-baġit tal-Unjoni Ewropea jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea. L-awtorità għall-Integrità għandha tkun istituzzjoni verament indipendenti. L-awtorità għall-Integrità u l-persunal tagħha la għandhom ifittxu u lanqas jieħdu struzzjonijiet minn xi persuna jew istituzzjoni oħra. L-awtorità għall-Integrità għandha tingħata baġit annwali li jkun proporzjonat mal-kompiti u r-responsabbiltajiet tagħha, u għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni tal-baġit tagħha stess mingħajr interferenza esterna (bħala kapitolu separat fil-baġit tal-Istat).</p> <p>L-allokazzjoni baġitarja disponibbli għall-Awtorità għall-Integrità ma għandhiex titnaqqas matul is-sena fiskali mingħajr il-kunsens tal-Awtorità għall-Integrità.</p> <p>Il-ħidma tal-Awtorità għall-Integrità għandha tiġi organizzata u ġestita minn bord magħmul minn president u żewġ viċi presidenti. It-tliet membri tal-bord għandhom jinħatru mill-President tal-Ungerija fuq nomina mill-President tal-Uffiċċju tal-</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>Awditjar tal-Istat għal mandat ta' sitt snin li ma jiggēddidx mingħajr il-ħtieġa ta' kontrofirma minn kwalunkwe membru tal-Gvern abbażi tal-kwalitajiet professjonali, il-kwalifiki, l-esperjenza u r-reputazzjoni estensivi u mhux ikkontestati tagħhom (inkluż internazzjonalment) fi kwistjonijiet legali u finanzjarji li jikkonċernaw l-akkwist pubbliku u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, kif ukoll il-kompetenza ppruvata tagħhom f'dawk l-oqsma. Il-membri tal-bord għandhom jintgħażlu wara sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess abbażi tal-opinjoni vinkolanti dwar l-issodisfar tal-eliġibbiltà tal-kandidati minn Kumitat tal-Eliġibbiltà stabbilit għal dan l-għan. Il-Kumitat tal-Eliġibbiltà għandu jitlaqqa' mid-Direttur Ġenerali tal-EUTAF wara sejħa miftuħa għal espressjoni ta' interess. Dan għandu jkun magħmul minn tliet persuni indipendenti bi sfond minn istituzzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti li għandu jkollhom esperjenza twila, verifikabbli u rilevanti biżżejjed fil-qasam tal-akkwist pubbliku u/jew l-attività kontra l-korruzzjoni. Il-membri tal-Kumitat tal-Eliġibbiltà ma għandux ikunu, fl-aħħar ħames snin: okkupaw pożizzjoni politika eletta jew pożizzjoni politika fil-Gvern, kienu impjegat minn partit politiku jew fondazzjoni politika, jew wettqu attività volontarja jew emunerata għal tali entitajiet. Ir-regoli dwar il-kunflitt ta' interess f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 għandhom japplikaw għall-membri tal-kumitat tal-eliġibbiltà għal ħames snin wara l-ħruġ tal-opinjoni vinkolanti. Il-membri tal-Kumitat tal-Eliġibbiltà għandhom jippubblikaw iddikjarazzjoni tal-interessi u l-assi tagħhom u jiddikjaraw innuqqas ta' kunflitt ta' interess tagħhom qabel ma jibdew il-ħidma tagħhom fil-Kumitat tal-Eliġibbiltà.</p> <p>Il-membri tal-bord ma għandux ikunu, fl-aħħar ħames snin: okkupaw pożizzjoni politika eletta jew pożizzjoni politika fil-Gvern, kienu impjegat minn partit politiku jew fondazzjoni politika, jew wettqu attività volontarja jew emunerata għal tali entitajiet. Barra minn hekk, il-membri tal-bord ma għandhom iwettqu l-ebda attività remunerata matul il-mandat ta' ħidma</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>tagħhom għall-Awtorità għall-Integrità (bl-eċċezzjoni ta' attivitá akkademika u pubblikazzjonijiet relatati), ma għandux ikollhom sehem ta' kontroll f'entitá kummerċjali, ma għandhom ikunu membri tal-ebda partit politiku jew fondazzjoni politika. Membru tal-bord għandu jitlekka biss f'każ ta' kunflitt ta' interess wara l-ħatra tiegħu jew f'każ li tinħareġ sentenza kriminali finali kontra għal kwistjonijiet relatati mal-ħidma tal-Awtorità għall-Integrità jew li jaffettwaw l-indipendenza u l-imparzjalitá tal-membru kkonċernat.</p> <p>Il-President tal-Awtorità għall-Integrità għandu jaġixxi wkoll bħala membru ex officio tal-Kunsill tal-Akkwist Pubbliku u bħala l-president tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni (l-istadju importanti 166).</p> <p>Il-President tal-Awtorità għall-Integrità għandu jeżerċita d-drittijiet tal-impjegatur fuq il-persunal tal-Awtorità, li għandu jinkludi mill-inqas 50 FTE. Il-persunal għandu jintgħażel mill-bord abbażi tal-mertu professjonali.</p> <p>L-awtorità għall-Integrità għandu jkollha setgħat estensivi, inklużi dawn li ġejjin: (I) is-setgħa li jagħtu struzzjonijiet lill-awtoritajiet kontraenti biex jissospendu proċedura ta' akkwist (għal massimu ta' xahrejn); (II) is-setgħa li titlob lill-korpi investigattivi amministrattivi biex iwettqu investigazzjonijiet f'isimha; (III) is-setgħa li tirrakkomanda l-esklużjoni ta' operaturi ekonomiċi speċifiċi mill-finanzjament tal-Unjoni għal ċertu perjodu ta' żmien; (IV) is-setgħa li jagħtu struzzjonijiet lill-awtoritajiet jew lill-korpi nazzjonali rilevanti biex iwettqu l-funzjonijiet superviżorji jew ta' kontroll tagħhom, b' mod partikolari fir-rigward ta' proċeduri għall-verifika ta' dikjarazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess u suspetti fir-rigward tal-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni; (V) id-dritt li jintalab aċċess għall-fajls rilevanti kollha, inkluż dwar proċeduri ta' akkwist pubbliku li jkunu għaddejjin jew li jkunu ġejjin; (VI) is-setgħa li tirrakkomanda lill-awtoritajiet kontraenti biex jużaw proċedura speċifika f'akkwist speċifiku jew f'kategorija ta' proċeduri ta' akkwist; (VII) id-dritt li jinbdew proċeduri quddiem l-awtoritajiet</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>jew il-korpi nazzjonali rilevanti bl-għan li jiġu stabbiliti illegalitajiet jew irregolaritajiet suspettati; (VIII) il-kompetenza esklużiva biex jiġu vverifikati d-dikjarazzjonijiet tal-assi ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 183 tal-Att CXXV tal-2018 (inklużi l-Prim Ministru, il-ministri, is-segretarji tal-istat, id-direttur politiku tal-Prim Ministru), is-setgħa li jiġu vverifikati direttament id-dikjarazzjonijiet tal-assi pubbliċi tal-uffiċjali kollha b'riskju għoli (inklużi l-President, il-membri tal-Parlament, il-kapijiet tal-awtoritajiet eżekuttivi ċentrali, uffiċjali politiċi oħra, il-persunal ta' uffiċċji privati ta' uffiċjali politiċi, gvernaturi reġjonali, sindki ta' bliet kbar, imħallfin, prosekuturi, membri tal-korpi ta' governanza ġudizzjarja u tal-prosekuzzjoni, investigaturi kontra l-korruzzjoni u eżekuttivi għolja ta' intrapriżi tal-istat), u għad-dikjarazzjonijiet tal-assi mhux pubbliċi ta' uffiċjali b'riskju għoli mill-inqas is-setgħa li jitolbu lill-korpi kompetenti jwettqu l-verifika ta' dawk id-dikjarazzjonijiet u jiksbu r-riżultat ta' dik il-verifika, mill-31 ta' Marzu 2023; (IX) id-dritt li jkollhom aċċess għall-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti kollha għall-finijiet ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi f'konformità mar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-data u l-privatezza; (X) id-dritt li jinbdew proċeduri ta' verifika tad-dikjarazzjoni tal-assi fuq inizjattiva proprja, ilment u suspett; (xi) id-dritt li jintalab rieżami ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet kollha tal-awtoritajiet dwar il-proċeduri tal-akkwist pubbliku li jinvolvu kwalunkwe appoġġ mill-Unjoni u li jistgħu jkunu soġġetti għal rieżami ġudizzjarju; (XII) id-dritt li jinbdew il-proċedimenti tal-Bord tal-Arbitraġġ tal-Akkwist Pubbliku; (XIII) id-dritt li jiġi kkontestat in-nuqqas ta' azzjoni ta' awtorità kkonċernata fil-qorti skont l-Artikoli 15 (2) u 25 tal-Att CL tal-2016 dwar il-Kodiċi Amministrattiv Ġenerali. Għandu jiġi garantit li l-Awtorità għall-Integrità għandu jkollha aċċess għall-informazzjoni, għall-bażijiet tad-data u għar-reġistri kollha meħtieġa biex twettaq il-kompiti tagħha relatati mal-akkwisti pubbliċi, mal-każijiet ta' korruzzjoni suspettata, inkluża l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, il-frodi u l-kunflitt ta' interess li jinvolvu kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>bi kwalunkwe mod. Id-dispożizzjonijiet legali għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet ikkonċernati minn talba għal informazzjoni jew struzzjoni mill-Awtorità għall-Integrità jaġixxu f'perjodu ta' żmien raġonevoli, li ma jaqbiżx is-60 jum kalendarju.</p> <p>L-awtorità għall-Integrità għandha taġixxi fuq inizjattiva tagħha stess abbażi tal-informazzjoni disponibbli jew abbażi tal-ilmenti jew tar-rapporti li tirċievi. L-awtorità għall-Integrità għandha tistabbilixxi interfaċċa tal-informaturi fejn tista' titwettag komunikazzjoni anonima u kunfidenzjali. L-awtorità tal-Integrità għandha tistabbilixxi, taġġorna u topera reġistru tal-operaturi ekonomiċi kkonċernati b'sentenza finali tal-qorti jew deċiżjoni amministrattiva finali li teskludi lil dawk l-operaturi ekonomiċi mill-proċeduri ta' akkwist pubbliku. L-awtorità għall-Integrità għandha tkun obbligata tirrapporta każijiet suspettati ta' frodi, korruzzjoni, kunflitti ta' interess jew kwalunkwe irregolarità u illegalità oħra lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti u, fejn applikabbli, lill-OLAF.</p> <p>L-awtorità għall-Integrità għandu jkollha setgħat inekwivoċi u mhux limitati li tkompli teżerċita s-setgħat tagħha anki f'każijiet fejn il-proġetti jew il-proċeduri affettwati inizjalment previsti għall-appoġġ tal-Unjoni ġew sussegwentement irtirati mill-appoġġ tal-Unjoni.</p>
161	C9.R1 Stabbiliment ta' Awtorità tal-Integrità biex issaħħaħ il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-	Stadju importanti	Rapport dwar l-Eżerċizzju ta' Valutazzjoni tar-Riskju ta' Integrità	Pubblikazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	<p>Rapport komprensiv dwar l-Eżerċizzju ta' Valutazzjoni tar-Riskju ta' Integrità mwettaq mill-Awtorità għall-Integrità għandu jkun disponibbli għall-pubbliku. Dan l-eżerċizzju għandu jinkludi evalwazzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-integrità fis-sistema tal-akkwist pubbliku fl-Ungerija, billi jidentifika r-riskji għall-integrità u l-problemi sistemiċi b'integrità li jeħtieġ li jiġu indirizzati, l-għodod disponibbli biex jiġu indirizzati dawk ir-riskji u l-problemi, il-lakuni fl-indirizzar ta' dawk ir-riskji u l-problemi kif ukoll jipproponi soluzzjonijiet possibbli. L-eżerċizzju għandu jitwettag f'kooperazzjoni mill-qrib ma' korpi internazzjonali rilevanti u infurmati (eż. l-OECD, il-Bank Dinji) u jkun ibbażat fuq l-indikaturi tal- "Pilastru IV tal-Metodoloġija għall-Valutazzjoni tas-Sistemi tal-Akkwist (MAPS), ir-Responsabbiltà, l-Integrità u t-</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni									Trasparenza tas-Sistema tal-Akkwist Pubbliku". L-eżerċizzju għandu jkoll il-kontribuzzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili nazzjonali jew internazzjonali li jimmonitorjaw l-istat ta' integrità fl-Ungerja.
162	C9.R1 Stabbiliment ta' Awtorità tal-Integrità biex issaħħaħ il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni	Stadju importanti	Bidu tal-applikazzjoni tas-setgħat u l-kompetenzi dwar il-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi mill-Awtorità għall-Integrità	Bidu tal-applikazzjoni tas-setgħat u l-kompetenzi għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi mill-Awtorità għall-Integrità				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Bidu tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jittrasferixxu r-responsabbiltà legali u l-kompetenza esklużivi li tivverifika d-dikjarazzjonijiet tal-assi ta' persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 183 tal-Att CXXV tal-2018 għall-Awtorità għall-Integrità, li tiżgura li l-Awtorità għall-Integrità jkollha s-setgħa li tivverifika direttament id-dikjarazzjonijiet tal-assi disponibbli għall-pubbliku tal-uffiċjali kollha ta' riskju għoli, għal dikjarazzjonijiet tal-assi ta' uffiċjali ta' riskju għoli mhux disponibbli għall-pubbliku mill-inqas is-setgħa li titlob lill-korpi kompetenti li jwettqu l-verifika ta' dawk id-dikjarazzjonijiet u tikseb ir-riżultat ta' dik il-verifika, u jkollha aċċess dirett u mhux limitat għall-bażijiet ta' data u reġistri rilevanti li tqis li huma meħtieġa biex tivverifika l-veraċità tal-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjonijiet tal-assi, mill-31 ta' Marzu 2023. Uffiċjali b'riskju għandhom jinkludu l-President, il-membri tal-Parlament, il-membri tal-Gvern, il-kapijiet tal-awtoritajiet eżekuttivi ċentrali, uffiċjali politiċi oħra, persunal ta' uffiċċji privati ta' uffiċjali politiċi, gvernaturi reġjonali, sindki ta' bliet kbar, imħallfin, prosekuturi, membri tal-korpi ta' governanza ġudizzjarja u tal-prosekuzzjoni, investigaturi kontra l-korruzzjoni u eżekuttivi għolja ta' intrapriżi tal-Istat. Dan għandu jinkludi l-verifika tad-dikjarazzjoni tal-assi irrispettivament minn jekk ikunux ġew ivverifikati qabel jew le. Għal persuni li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Taqsima 183 tal-Att CXXV tal-2018, dan għandu jinkludi wkoll dan li ġej: (I) li tali proċedura ta' verifika mill-Awtorità tal-Integrità tista' tinbeda mill-Awtorità tal-Integrità fuq inizjattiva proprja, suspett jew ilment minn kwalunkwe persuna li tissottometti talba formali li tindika allegat oġġett żbaljat f'dikjarazzjoni tal-assi; (II) li l-Awtorità għall-Integrità għandha l-possibbiltà li tagħti struzzjonijiet lill-persuna li d-dikjarazzjoni tal-assi tagħha tkun qed tiġi vverifikata mill-

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Awtorità tal-Integrità biex tippreżenta data u dokumenti ta' sostenn rigward il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-assi tagħha; (III) li l-Awtorità għall-Integrità għandha l-possibbiltà li titlob u tirċievi data mill-bażijiet tad-data u r-reġistri rilevanti kollha, inklużi, iżda mhux limitati għal, ir-reġistru tal-kumpaniji, l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana, ir-reġistru tal-proprietà u r-reġistru tal-vetturi, biex tivverifika l-kontenut ta' dikjarazzjoni tal-assi; (IV) li l-Awtorità tal-Integrità tista' tagħti struzzjonijiet lil persuna li l-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-assi tagħha l-Awtorità għall-Integrità sabet li ma kinitx korretta biex tikkoreġi d-dikjarazzjoni tal-assi tagħha fi żmien 10 jum; (V) li n-nuqqas ta' azzjoni fuq l-istruzzjoni tal-Awtorità tal-Integrità mill-persuna li d-dikjarazzjoni tal-assi tagħha l-Awtorità tal-Integrità sabet li kienet skorretta jew minn persuna li konxjament ipprovdiet data falza fid-dikjarazzjoni tal-assi tagħha għandu jirriżulta fi tkeċċija awtomatika mill-impjeg tagħha.
163	C9.R1 Stabbiliment ta' Awtorità tal-Integrità biex issaħħaħ il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni	Stadju importanti	Ir-rapport annwali dwar l-Integrità għas-sena 2022 huwa disponibbli għall-pubbliku	Pubblikazzjoni tal-ewwel Rapport annwali dwar l-Integrità, għas-sena 2022				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	L-ewwel Rapport annwali dwar l-Integrità tal-Awtorità tal-Integrità għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, li jkopri s-sena kalendarja tal-2022. Ir-rapport għandu jinkludi mill-inqas dan li ġej: (I) analiżi sħiħa u komprensiva tal-konċentrazzjoni tas-suq tal-akkwist pubbliku (kif indikat min-numru u l-valur tal-offerti magħżula mill-operaturi ekonomiċi); (II) analiżi tad-differenzi bejn il-prezzijiet stmati u dawk finali fil-proċeduri tal-offerti; (III) valutazzjoni tar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku, l-ostakli fl-implimentazzjoni tagħhom u l-prattiki amministrattivi relatati; (IV) l-identifikazzjoni tal-indikaturi tar-riskju; (V) valutazzjoni tal-użu ta' ftehimiet qafas (inkluża d-distribuzzjoni ta' kuntratti mogħtija lil operaturi ekonomiċi u ftehimiet konklużi magħhom u d-distribuzzjoni ta' kuntratti speċifiċi mogħtija skont ftehimiet qafas bejn operaturi ekonomiċi); (VI) valutazzjoni ta' jekk u sa liema punt is-sistema ta' kontroll eżistenti hija kapaċi tidentifika u tippreveni, tidentifika u tikkoreġi b'mod effettiv ir-riskji ta' korruzzjoni, frodi u kunflitti ta' interess; (VII) attivitajiet relatati mal-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi; (VIII)

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tas-sistemi u l-prattiki relatati mal-punti (i) sa (vii).</p> <p>L-ewwel rapport annwali għandu jinkludi wkoll: (I) valutazzjoni dwar jekk l-arranġamenti u l-prattiki rilevanti relatati mal-kunflitt ta' interess fl-Ungerija humiex konsistenti mal-Avviż tal-Kummissjoni dwar Gwida dwar l-Evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess skont ir-Regolament Finanzjarju (2021/C 121/01) u — jekk rilevanti — identifikazzjoni ta' liema titjib ikun meħtieġ biex tiġi żgurata l-konsistenza; (II) indikaturi speċifiċi għar-riskji ta' frodi, korruzzjoni u kunflitt ta' interess.</p> <p>Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa li jiżguraw li r-rapporti annwali għas-snin sussegwenti jitħejjew u jsiru disponibbli għall-pubbliku.</p>
164	C9.R1 Stabbiliment ta' Awtorità tal-Integrità biex issaħħaħ il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni	Stadju importanti	Il-Gvern jeżamina l-ewwel Rapport annwali dwar l-Integrità tal-Awtorità tal-Integrità u jipprovdi t-tweġibiet tiegħu bil-miktub	Pubblikazzjoni tat-tweġiba tal-Gvern dwar l-ewwel Rapport annwali dwar l-Integrità u l-ispejgazzjoni dettaljata tiegħu dwar kif beħsiebu jindirizza kull waħda mis-sejbiet li hemm fih				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	<p>Il-Gvern għandu jeżamina l-ewwel Rapport annwali dwar l-Integrità u jipprovdi bil-miktub il-valutazzjoni tiegħu, inkluża spjegazzjoni dettaljata dwar kif beħsiebu jindirizza kull waħda mis-sejbiet, inklużi r-rakkomandazzjonijiet, fih. Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa li jiżguraw li r-rapporti annwali għas-snin sussegwenti jiġu eżaminati u l-kummenti tal-gvern isiru disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' dan ta' hawn fuq.</p> <p>L-istadju importanti għandu jitqies issodisfat meta l-gvern jagħmel disponibbli għall-pubbliku bil-miktub il-valutazzjoni tiegħu u jiġu stabbiliti proċeduri xierqa li jiżguraw l-istess proċedura għar-Rapporti annwali dwar l-Integrità sussegwenti kollha.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
165	C9.R1 Stabbiliment ta' Awtorità tal-Integrità biex issaħħaħ il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' frodi, kunflitti ta' interess u korruzzjoni kif ukoll illegalitajiet u irregolaritajiet oħra li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni	Stadju importanti	Rieżami tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi mill-Awtorità tal-Integrità	Pubblikazzjoni ta' rapport dwar ir-riżultati tar-rieżami tal-Awtorità għall-Integrità tas-sistema tad-dikjarazzjoni tal-assi				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	L-awtorità għall-Integrità għandha twettaq rieżami komprensiv tal-qafas regolatorju u l-funzjonament tas-sistema Ungeriża tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, inklużi l-kamp ta' applikazzjoni u l-proċessi ta' verifika tagħha u għandha tagħmel is-sejbiet tagħha disponibbli għall-pubbliku f'rapport.
166	C9.R2 Stabbiliment ta' Task Force Kontra l-Korruzzjoni għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-miżuri meħuda fl-Ungerija għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjoni tal-korruzzjoni	Stadju importanti	Stabbiliment ta' Task Force Kontra l-Korruzzjoni	It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha tiġi stabbilita u torganizza l-ewwel laqgħa tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandha tiġi stabbilita Task Force Kontra l-Korruzzjoni u għandha torganizza l-ewwel laqgħa tagħha. Il-kompiti tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin: (a) jeżamina l-miżuri eżistenti kontra l-korruzzjoni u jelabora proposti dwar it-titjib tad-detezzjoni, l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar ta' prattiki korrotti u prattiki oħra bħan-nepotiżmu, il-favoritiżmu jew ir- "revolving doors" bejn is-settur pubbliku u dak privat; (b) tressaq proposti għal miżuri biex (i) ittejjeb il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-korruzzjoni (inkluż l-użu effettiv tal-għodod kollha disponibbli għall-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-korruzzjoni), (ii) ittejjeb il-fluss ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet amministrattivi u ta' kontroll tal-istat u l-awtoritajiet tal-investigazzjoni kriminali; (c) tivvaluta kif il-proposti preċedenti tagħha ġew segwiti u implimentati; (d) iħeji rapport annwali u jibagħtu lill-Gvern sal-15 ta' Marzu ta' kull sena. Dak ir-rapport għandu (i) janalizza r-riskji u x-xejriet tal-korruzzjoni u l-prattiki korrotti, (ii) jipproponi

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>kontromiżuri effettivi u l-aħjar prattiki għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u s-sanzjonar tar-riskji ta' korruzzjoni u t-tipi ta' korruzzjoni, jivvaluta l-implimentazzjoni effettiva tagħhom, (iii) jivvaluta kif il-proposti preċedenti tiegħu ġew segwiti u implimentati f'inizjattivi leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi rilevanti u programmi tal-gvern. Ir-regoli applikabbli għandhom jiżguraw li l-Gvern għandu jiddiskuti r-rapport tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni u l-proposti inklużi fih fi żmien xahrejn u li, jekk ma jiddeċidix li jimplimenta proposta tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni, huwa għandu jipprovdi lill-president tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni b'raġunament dettaljat għad-deċiżjoni tiegħu.</p> <p>L-atturi nongovernattivi rilevanti attivi fil-qasam tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni għandhom ikunu involuti fl-attivitàjiet tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni u għandha tiġi żgurata l-parteċipazzjoni sħiħa, strutturata u effettiva tagħhom. Għandu jiġi żgurat li tali membri jkunu evidentement indipendenti mill-gvern, mill-awtoritajiet pubbliċi, mill-partiti politiċi u mill-interessi kummerċjali, ikollhom għarfien espert ippruvat u attività professjonali verifikabbli fit-tul biżżejjed f'wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin: il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-trasparenza, l-aċċess għall-informazzjoni pubblika, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, il-proċeduri tal-akkwist pubbliku, l-infurzar tal-liġi relatat ma' dawk is-suġġetti. Il-membri nongovernattivi tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandhom jintgħażlu abbażi ta' sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet mill-bord tal-Awtorità għall-Integrità u wara l-opinjoni vinkolanti dwar l-eliġibbiltà tal-kandidati mill-kumitat tal-eliġibbiltà msemmi fl-istadju importanti 160. Dik l-għażla għandha tkun ibbażata fuq proċess tal-għażla miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju u kriterji oġġettivi relatati mal-għarfien espert u l-mertu tal-kandidati.</p> <p>Għandu jiġi żgurat li l-għadd ta' membri nongovernattivi jammonta għal 50 % tal-membri tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni (il-president eskluż), jew, jekk dan ma jkunx jista' jiġi</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>żgurat, li s-sehem tal-voti tal-membri nongovernattivi jiġi modulat biex jinkiseb 50 % tat-total tal-voti (eskluż il-president). Il-President tal-Awtorità għall-Integrità (imsemmi fl-istadju importanti 160) għandu jaġixxi bħala l-president tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni. Fl-istess ħin, il-membri tat-Task Force ma għandhomx jinterferixxu mal-ħidma tal-Awtorità għall-Integrità jew ikollhom aċċess għall-ħidma tagħha. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jiżguraw li jkunu rappreżentati minn persuni kompetenti ta' livell għoli biżżejjed fit-Task Force Kontra l-Korruzzjoni.</p> <p>It-Task force għandha tiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u tiegħu deċiżjonijiet b'maġġoranza sempliċi tal-voti mitfugħa. Il-minuti tal-laqgħat tagħha għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web għat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni flimkien ma' kontribuzzjonijiet u osservazzjonijiet bil-miktub mibgħuta mill-membri tagħha qabel jew wara l-laqgħat tagħha mitluba li jiġu mehmuża mal-minuti tal-laqgħa. It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha tadotta r-regoli ta' proċedura tagħha stess fuq proposta mill-president tagħha fl-ewwel laqgħa tagħha. Għall-finijiet tal-ħidma ta' din it-Task Force Kontra l-Korruzzjoni, il-korruzzjoni għandha tinftiehem kif definita mill-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371, ir-reati skont il-Kapitolu III tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni, ir-reati kriminali stabbiliti fil-Kapitolu XXVII tal-Att C tal-2012 dwar il-Kodiċi Kriminali kif ukoll Prattiki oħra bħan-nepotiżmu, il-kroniżmu jew ir-revolving doors bejn is-settur pubbliku u dak privat. It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha tqis ukoll sitwazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess kif definit mill-Artikolu 61(a) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-Artikolu 24 tad-Direttiva 2014/24/UE, kif ikkomplementat mill-Gwida tal-Kummissjoni dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess skont ir-Regolament Finanzjarju (C/2021/2119), u mid-dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti.</p> <p>L-istadju importanti għandu jintlaħaq meta t-Task Force Kontra l-Korruzzjoni tiġi stabbilita f'konformità mar-rekwiżiti ta' hawn</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										fuq, ikollha l-ewwel laqgħa tagħha u l-minuti ta' dik il-laqgħa jiġu ppubblikati fuq is-sit web tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni.
167	C9.R2 Stabbiliment ta' Task Force Kontra l-Korruzzjoni għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-miżuri meħuda fl-Ungerija għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjoni tal-korruzzjoni	Stadju importanti	L-analiżi annwali tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għas-sena 2022 hija disponibbli għall-pubbliku	Pubblikazzjoni tal-ewwel rapport annwali tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għas-sena 2022				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	It-Task Force Kontra l-Korruzzjoni għandha topera kif speċifikat fl-istadju importanti 166 u għandha tadotta u tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-ewwel rapport annwali tagħha flimkien mar-rapport parallel ta' atturi nongovernattivi li huma membri tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni jekk jitħejja tali rapport, li jkopri s-sena kalendarja 2022. Dak ir-rapport għandu jinkludi wkoll il-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni dwar l-abbozz tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (l-istadju importanti 178). Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa li jiżguraw li r-rapporti annwali għas-snin sussegwenti jitħejjew u jsiru disponibbli għall-pubbliku.
168	C9.R2 Stabbiliment ta' Task Force Kontra l-Korruzzjoni għall-monitoraġġ u r-rieżami tal-miżuri meħuda fl-Ungerija għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjoni tal-korruzzjoni	Stadju importanti	Il-Gvern jeżamina l-ewwel rapport tat-Task Force	Pubblikazzjoni tar-rispons tal-Gvern dwar l-ewwel rapport tat-Task Force				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Il-Gvern għandu jeżamina u jiddiskuti l-ewwel rapport tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni u jipprovdi l-kummenti tiegħu — inkluż raġunament dettaljat fir-rigward ta' kull proposta mit-Task Force Kontra l-Korruzzjoni li ddeċieda li ma jimplementax — lit-Task Force Kontra l-Korruzzjoni. L-istadju importanti jintlaħaq ladarba l-lista tal-miżuri meħuda u li għandhom jittieħdu (b'indikazzjoni tal-perjodu ta' żmien previst għall-miżuri li għadhom ma tteħdux) mill-gvern abbażi tal-proposti tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni, u r-raġunijiet dettaljati tal-gvern għal kull waħda minn dawk il-proposti tat-Task Force li ddeċieda li ma jimplementawx, ikunu disponibbli għall-pubbliku kemm fuq il-portal tal-gvern kif ukoll fuq is-sit web tal-Awtorità għall-Integrità. Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa li jiżguraw li r-rapporti annwali għas-snin sussegwenti jiġu eżaminati u l-kummenti tal-gvern isiru disponibbli għall-pubbliku f'konformità ma' dan ta' hawn fuq.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
169	C9.R3 Introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni ta' proprjetà pubblika ("stħarriġ ġudizzjarju")	Stadju importanti	Introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni ta' proprjetà pubblika	Dispożizzjoni fl-emenda tal-Att XC tal-2017 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali li tindika d-dħul fis-seħħ u l-bidu tal-applikazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandha tidħol fis-seħħ emenda tal-Att XC tal-2017 dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali li għandha tkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 2023, anki għal reati kriminali (mhux preskritti) mwettqa qabel dik id-data, wara rieżami ex ante mill-Qorti Kostituzzjonali, li għandha: — tistabbilixxi proċedura li tikkonċerna l-korruzzjoni u l-prattiki relatati mal-korruzzjoni kif definiti fl-Artikolu 4(2) tad-Direttiva (UE) 2017/1371 u fil-Kapitolu III tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Korruzzjoni (jiġifieri l-każijiet kollha ta' tixħim li jinvolvu uffiċjali pubbliċi kif ukoll każijiet oħra ta' tixħim bl-eċċezzjoni ta' reati żgħar, l-abbuż tal-uffiċċju bl-eċċezzjoni ta' reati żgħar, il-każijiet aggravati ta' frodi baġitarja, in-nuqqas ta' konformità mal-obbligu superviżorju jew ta' kontroll relatat mal-frodi baġitarja, il-ftehim li jirrestrinġi l-kompetizzjoni fi proċedura ta' akkwist pubbliku u ta' konċessjoni, reati aktar serji kontra l-proprjetà — dment li r-reat kriminali jitwettag fir-rigward ta' assi nazzjonali jew assi ġestiti minn fondazzjoni tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku li twettaq dmir pubbliku jew tagħmel ħsara lil tali assi. Għandha tkun disponibbli għall-parteċipazzjoni f'organizzazzjoni kriminali u l-ħasil tal-flus jekk jitwettag b'rabta mar-reati msemmija hawn fuq); — tistabbilixxi stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni tas-servizz tal-prosekuzzjoni jew tal-awtorità investigattiva li tiċħad rapport ta' reat jew ittemm il-proċedimenti kriminali mill-imħallef inkwirenti tal-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda li għandu jkollu l-awtorità li jordna l-bidu jew il-kontinwazzjoni tal-proċedimenti kriminali. Eventwalment wara l-mozzjoni għal reviżjoni, jekk id-deċiżjoni li jiġi miċħud rapport ta' reat jew li jintemmu l-proċedimenti kriminali tkun twarrbet mill-imħallef inkwirenti, f'każ ta' terminazzjoni ripetuta tal-proċedura, għandha tiġi pprovduta l-possibbiltà li jiġi ppreżentat att ta' akkuża quddiem il-qorti tal-ġustizzja. Il-mozzjoni għal reviżjoni għandu jkollha effett sospensiv fuq il-miżuri koerċittivi li jaffettwaw l-assi. Wara mozzjoni ripetuta għal reviżjoni, il-maġistrat istruttur għandu

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>jistabbilixxi jekk hemmx persuna li tista' raġonevolment tkun suspettata li wettqet reat. F'dak il-każ, il-proċedura għandha tiftaħ id-dritt li titressaq akkuża quddiem il-qorti kompetenti li għandha tiddeċiedi dwar il-merti tal-każ wara li tkun semgħet l-evidenza. F'każijiet fejn tista' tiġi reġistrata mozzjoni għal prosekuzzjoni, ma għandux jiġi previsti eżami preliminari tar-raġuni għall-mozzjoni għal prosekuzzjoni mill-qorti tal-prim' istanza. Il-proċedura tista' tiġi skattata minn kulħadd; persuni fiżiċi u ġuridiċi jistgħu jippreżentaw mozzjonijiet skont din il-proċedura bl-eċċezzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi, madankollu, l-Awtorità għall-Integrità (ara l-istadju importanti 160) għandu jkollha d-dritt li tressaq mozzjoni għal reviżjoni u mozzjoni għal reviżjoni ripetuta. Il-parti offiża u l-parti li tirrapporta reat għandu jkollha pożizzjoni proċedurali privileġġata, b'partijiet oħrajn li jkollhom il-possibbiltà li jiskattaw il-proċedura, wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni psewdonimizzata li ma tinfetaħx jew tintemm l-investigazzjoni, jekk il-parti offiża jew il-parti li tirrapporta reat ma tkunx għamlet dan. Ir-rappreżentanza legali għandha tkun obbligatorja għall-partijiet kollha. Ir-rappreżentant legali għandu jikkomunika b'mezzi elettroniċi u l-firma tal-parti ma għandhiex tkun meħtieġa għal atti fi ħdan il-proċedura. Il-parti li tippreżenta mozzjoni għal prosekuzzjoni ma għandhiex tkun obbligata tidher fil-qorti personalment. Il-Prosekutur Ġenerali ma għandux ikollu l-possibbiltà li jippreżenta lill-Kúria rimedju legali straordinarju abbażi tal-legalità kontra d-deċiżjonijiet ġudizzjarji mogħtija skont il-proċedura l-ġdida.</p> <p>L-eżistenza ta' deċiżjoni li tiċħad rapport ta' reat jew deċiżjoni li ttejjem il-proċedimenti, adottata qabel l-1 ta' Jannar 2023 (relatata ma' reati li mhumiex preskritti minħabba l-istatut tal-preskrizzjoni) ma għandhiex tneħħi l-obbligu tal-awtorità investigattiva jew tal-uffiċċju tal-prosekutur pubbliku li jadotta deċiżjoni ġdida dwar ir-rapport ta' reat skont it-Taqsima 379 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, liema deċiżjoni tista' tkun soġġetta għal mozzjoni għal reviżjoni taħt il-proċedura l-ġdida.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Il-qrati kollha fl-Ungerija li jisingħu kawżi ċivili, amministrattivi u kriminali, inklużi dawk rilevanti għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' indipendenza, imparzjalità u stabbiltà bil-liġi f'konformità mal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-acquis rilevanti tal-UE. Barra minn hekk, sal-31 ta' Diċembru 2022 a) ir-regolamenti ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tal-emenda għandhom jidħlu fis-seħħ, u b) il-Qorti Distrettwali Ċentrali ta' Buda għandha tiġi allokata karigi addizzjonali għal mill-inqas żewġ imħallfin u żewġ segretarji legali.
170	C9.R3 Introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni ta' proprjetà pubblika ("stħarriġ ġudizzjarju")	Stadju importanti	Introduzzjoni ta' proċedura speċifika fil-każ ta' reati speċjali relatati mal-eżerċizzju ta' awtorità pubblika jew il-ġestjoni ta' proprjetà pubblika	Il-Gvern jadotta r-rapport tiegħu dwar ir-rieżami tal-funzjonament tal-proċedura speċjali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Il-Gvern għandu jwettaq rieżami komprensiv tal-funzjonament tal-proċedura speċifika stabbilita fl-istadju importanti 169 u jippreżenta s-sejbiet tiegħu f'rapport, li jinkludi valutazzjoni u data statistika speċifika dwar każijiet u rieżamijiet imwettqa meta mqabbla ma' każijiet oħra ta' livell għoli investigati fejn ma jkun sar l-ebda rieżami. Ir-rieżami għandu jindika wkoll b'mod espliċitu jekk il-bidliet leġiżlattivi fil-proċedura humiex meqjusa meħtieġa u jindika l-perjodu ta' żmien previst għal dawn.
171	C9.R4 Regoli ta' tisħiħ relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi li jestendu l-ambitu personali u materjali tad-dikjarazzjonijiet tal-assi, filwaqt li jiżguraw divulgazzjoni frekwenti	Dispożizzjoni fl-emendi leġiżlattivi li tindika d-dħul fis-seħħ u l-bidu tal-applikazzjoni tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, l-emendi leġiżlattivi għandhom jidħlu fis-seħħ u jibdew jiġu applikati biex jiġi żgurat li (i) il-persuni fdati b'funzjonijiet politiċi għolja skont it-Taqsimiet 183 u 2018 tal-Att CXXV tal-184 dwar l-amministrazzjoni tal-gvern u l-qraba tagħhom li jgħixu fl-istess unità domestika mal-persuni kkonċernati, kif ukoll il-membri tal-Assemblea Nazzjonali u l-qraba tagħhom li jgħixu fl-istess unità domestika bħall-membri kkonċernati għandhom jippreżentaw dikjarazzjonijiet tal-assi għall-ewwel darba skont ir-regoli l-ġodda tad-dikjarazzjoni tal-assi sal-31 ta' Jannar 2023 relatati mal-Istat fl-31 ta' Diċembru 2022; (ii) l-individwi kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										personali fil-punt (i) għandhom ikunu obbligati jiddikjaraw: dħul, proprjetà immobbli, proprjetajiet oħra ta' valur (bħal vetturi, bastimenti, antikitajiet ta' valur, xogħol tal-arti, eċċ.), tfaddil f' depożiti bankarji u flus kontanti, assi fi stokks, titoli u fondi ta' ekwità privata, poloz tal-assigurazzjoni tal-ħajja, trusts, u sjeda benefiċjarja tal-intrapriżi; (III) dawk id-dikjarazzjonijiet tal-assi għandhom jiġu ppreżentati mal-bidu tal-kariga, imbagħad kull sena minn hemm' il quddiem u fil-ħin tat-tluq mid-dmijiet ikkonċernati.
172	C9.R4 Regoli ta' tisħiħ relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi	Stadju importanti	Twaqqif ta' sistema ġdida għas-sottomissjoni elettronika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi f'format diġitali u bażi tad-data pubblika għad-dikjarazzjonijiet tal-assi	Funzjonalità sħiħa, bidu tal-operat u ambitu sħiħ tad-dikjarazzjonijiet tal-assi magħmula disponibbli f'sistema elettronika ġdida ta' dikjarazzjoni tal-assi				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Sistema ġdida għandha tkun kompletament funzjonali u operattiva, fejn id-dikjarazzjonijiet tal-assi għandhom jiġu ppreżentati elettronicament f'format diġitali. Il-Gvern għandu jistabbilixxi u jagħmel disponibbli għall-pubbliku wkoll, bla ħlas u mingħajr reġistrazzjoni, bażi tad-data konsultabbli ta' dikjarazzjonijiet tal-assi ppreżentati minn persuni fdati b'funzjonijiet politiċi għolja skont it-Taqsimiet 183 u 184 tal-Att CXXV tal-2018 dwar l-amministrazzjoni tal-gvern u l-membri tal-Assemblea Nazzjonali.
173	C9.R4 Regoli ta' tisħiħ relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi	Stadju importanti	Introduzzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi u kriminali effettivi dwar il-ksur serju tal-obbligi tad-dikjarazzjoni tal-assi	Bidu tal-applikazzjoni tar-reġim il-ġdid ta' sanzjonijiet li jikkonċerna ksur serju tal-obbligi tad-dikjarazzjoni tal-assi				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	L-azzjoni speċifika fl-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (l-istadju importanti 178) dwar l-introduzzjoni ta' reġim ta' sanzjonar effettiv, proporzjonat u dissważiv biżżejjed (inklużi kemm sanzjonijiet kriminali kif ukoll amministrattivi) li jikkonċerna ksur serju relatat mal-obbligi ta' persuni soġġetti għar-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi għandha titlesta u r-reġim ta' sanzjonijiet relatat għandu jibda jiġi applikat.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
174	C9.R5 L-iżgurar tat-trasparenza tal-użu tar-riżorsi pubbliċi mill-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att li jiżgura sorveljanza effettiva dwar kif fondazzjonijiet tal-immaniġġar tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attivitajiet ta' interess pubbliku u persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom jagħmlu użu mill-appoġġ tal-Unjoni	Dispożizzjoni fl-att leġislativ li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza: ta' emendi leġislativi ddedikati li għandhom: (I) jaħtru b' mod espliċitu l-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attivitajiet ta' interess pubbliku u l-persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom bħala awtoritajiet kontraenti skont it-tifsira tat-Taqsima 5 tal-Att CXLIII tal-2005 dwar l-akkwist pubbliku; (II) jiżguraw li l-fondazzjonijiet tal-ġestjoni tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attivitajiet ta' interess pubbliku u l-persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom kif ukoll il-persunal tagħhom, inklużi l-presidenti u l-membri tal-bordijiet tagħhom u l-bordijiet supervizzorji tagħhom, involuti fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fi kwalunkwe kapaċità (bħala riċevituri finali, beneficijarji jew intermedjarji) għandhom ikunu soġġetti għall-istess rekwiżiti bħal dawk applikabbli għall-entitajiet pubbliċi u l-entitajiet ġuridiċi ġestiti minnhom fil-leġislażzjoni Ungeriża dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika u l-awditjar u l-kontrolli — inkluż dawk relatati mar-regoli dwar il-kunflitt ta' interess — fir-rigward tal-involvement tagħhom fl-appoġġ tal-Unjoni; u (iii) jiżguraw il-konformità sħiħa tar-regoli applikabbli għall-individwi kollha li għandhom kariga jew li huma impjegati minn fondazzjonijiet tal-immaniġġar tal-assi ta' interess pubbliku li jwettqu attivitajiet ta' interess pubbliku u l-persuni ġuridiċi stabbiliti jew miżmuma minnhom mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 61 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u l-istruzzjonijiet u l-prattika stabbiliti fl-Avviż tal-Kummissjoni dwar Gwida dwar l-evitar u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess skont ir-Regolament Finanzjarju (2021/C 121/01) irrispettivament mill-attivitajiet u l-funzjonijiet l-oħra tagħhom, inkluż fil-gvern Ungeriż.
175	C9.R6 It-tisħiħ tat-trasparenza tal-infiq pubbliku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att leġislativ li jiżgura trasparenza mtejbja tan-nefqa	Dħul fis-seħħ ta' att leġislativ li jiżgura trasparenza mtejbja tan-				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' att leġislativ li jistabbilixxi obbligu għall-korpi pubbliċi kollha biex jippubblikaw b' mod proattiv sett predefinit ta' informazzjoni dwar l-użu ta' fondi pubbliċi f'reġistru ċentrali. L-informazzjoni

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			pubblika	nefqa pubblika						<p>għandha tkun disponibbli f' reġistru ċentrali, li għandu jipprovdi wkoll informazzjoni dwar is-sottokuntratti, f' konformità mal-metodoloġija rilevanti pprovduta taħt l-istadju importanti 197. Ir-reġistru ċentrali għandu jinkludi identifikaturi uniċi tal-kuntratti fis-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS) (l-istadju importanti 197) biex jippermetti lil dawk li jitolbu d-data jsibu informazzjoni relatata dwar il-proċeduri tal-akkwist pubbliku fl-EPS.</p> <p>L-att leġislativ għandu jistabbilixxi wkoll proċeduri u regoli ċari għall-pubblikazzjoni ta' tali data, inklużi l-iskadenza għall-pubblikazzjoni u l-forma tagħha.</p> <p>Is-settijiet ta' data li għandhom jittellgħu għandhom ikunu rilevanti, korretti u definiti abbażi tal-prinċipji ta' trasparenza u proporzjonalità, u f' konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.</p> <p>Is-sett minimu ta' data li għandu jittella' fir-reġistru ċentrali għandu jinkludi: (I) id-data kollha li għaliha l-pubblikazzjoni hija diġà obligatorja għal skopijiet ta' trasparenza, inkluża d-data ppubblikata fir-reġistru ta' trasparenza tal-ġajjnuna mill-Istat; (II) il-forma tal-infiq pubbliku inkluża l-bażi ġuridika tiegħu; (III) l-isem ġuridiku sħiħ tar-riċevitur (għal persuna ġuridika) jew l-isem u l-kunjom tar-riċevitur (għall-persuni fiżiċi); (IV) il-valur tal-infiq pubbliku; (V) jekk ir-riċevitur huwiex persuna fiżika jew ġuridika; (VI) identifikatur uniku għall-persuni ġuridiċi (numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fejn disponibbli jew identifikatur uniku ieħor stabbilit fil-livell nazzjonali); (VII) id-dettalji tal-kuntratt relatati mal-infiq tal-fondi pubbliċi, inklużi n-natura u l-iskop tagħhom (it-tip ta' kuntratt użat, it-tip ta' proċedura ta' sejħa għall-offerti użata, il-valur tal-kuntratt, id-data tal-iffirmar, it-tul tal-kuntratt, l-oġġettiv li għandu jintlaħaq, ir-riżultat li jista' jiġi kkonsenjat skont il-kuntratt); (VIII) dokumentazzjoni tal-offerti relatata mal-infiq tal-fondi pubbliċi, inklużi n-natura u l-iskop tagħhom (il-valur stmat, it-tip ta' proċedura ta' akkwist pubbliku, id-data tas-sejħa għall-offerti, l-għadd ta' offerti sottomessi, l-isem tal-offerenti); (IX) l-isem tal-fornituri tas-servizzi, inkluż l-isem tas-sottokuntratti,</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>tal-fornituri, u tal-fornituri tal-kapaċità, f'format ta' test liberu għad-data storika, u f'format li jista' jiġi pproċessat b'mezzi awtomatiċi għal akkwisti pubbliċi futuri; (X) is-sehem maħsub ta' sottokuntratturi jekk disponibbli, kemm għal akkwisti pubbliċi tal-passat kif ukoll għal dawk futuri; (xi) il-korp pubbliku responsabbli; (XII) id-data meta l-fondi ġew żborżati.</p> <p>L-att leġislattiv għandu jindika li, minbarra dan ta' hawn fuq, informazzjoni li tindika jekk il-fondi pubbliċi jinvolvux (kompletament jew parzjalment) appoġġ tal-Unjoni 'l fuq mill-limitu tal-akkwist pubbliku nazzjonali għandha tkun disponibbli wkoll fir-reġistru ċentrali. L-att leġislattiv għandu jindika wkoll li għal proċeduri ta' akkwist mibdija wara l-31 ta' Marzu 2023, tali informazzjoni għandha tiġi inklużi fir-reġistru wkoll għal proċeduri li jinvolvu appoġġ mill-Unjoni li ma jaqbiżx il-limiti nazzjonali tal-akkwist pubbliku.</p> <p>L-att leġislattiv għandu jiżgura li s-settijiet ta' data ppubblikati fir-reġistru ċentrali għandhom jiġu ppubblikati f'format miftuħ, interoperabbli u li jinqara mill-magni, li jippermetti li t-tniżżil bil-massa u d-data jiġu magħżula, imfittxija, estratti, imqabbla u użati mill-ġdid. Għandu jindika wkoll li l-aċċess għad-data għandu jiġi pprovdut mingħajr ħlas u mingħajr il-ħtieġa ta' reġistrazzjoni.</p> <p>L-att leġislattiv għandu jinkludi obbligu li l-korpi pubbliċi jaġġornaw id-data fir-reġistru ċentrali mill-inqas kull xahrejn (ħlief għal data direttament disponibbli fl-EPS li għandha tiġi aġġornata f'konformità mal-frekwenza applikabbli għall-bażi tad-data tal-avviż tal-għoti ta' kuntratt tal-EPS).</p> <p>L-informazzjoni li tikkonċerna l-prova tal-prestazzjoni u l-fatturi għandha tkompli tkun disponibbli mat-talbiet għall-aċċess għall-informazzjoni pubblika.</p> <p>Il-qafas leġislattiv għandu jiżgura li l-Gvern jissorvelja l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-att leġislattiv imsemmi hawn fuq u jinfurzahom u jiżgura li l-korpi pubbliċi jikkonformaw mal-obbligi tagħhom li jtellgħu d-data rilevanti kollha b'mod sħiħ u f'waqtu fir-reġistru.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
176	C9.R6 It-tisħiħ tat-trasparenza tal-infiq pubbliku	Stadju importanti	Ir-reġistru ċentrali stabbilit skont il-miżuri ta' rimedju fil-proċedura ta' kondizzjonalità huwa kompletament operazzjonali u s-sett sħiħ ta' informazzjoni meħtieġ huwa disponibbli fih	L-awtoritajiet pubbliċi rilevanti tellgħu d-data kollha meħtieġa fir-reġistru ċentrali u r-reġistru ċentrali huwa disponibbli għall-pubbliku				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Ir-reġistru ċentrali, bil-karatteristiċi deskritti taħt l-istadju importanti 175 għandu jkun kompletament operazzjonali, u s-sett sħiħ ta' informazzjoni taħt l-istadju importanti 175 għandu jinvolvux (inkluż għal informazzjoni li tindika jekk il-fondi pubbliċi jinvolvux (kompletament jew parzjalment) appoġġ tal-Unjoni għal akkwisti taħt u 'l fuq mil-limiti tal-akkwist pubbliku nazzjonali) u jiġi żgurati li għandu jkompli jittella'. Sabiex jiġi ssofisfat dan ir-rekwiżit, il-korpi pubbliċi rilevanti għandhom jiġu pprovduti bl-iżvilupp tal-applikazzjoni meħtieġa għall-forniment tad-data u l-mudell applikabbli għall-forniment tad-data, il-korpi pubbliċi kkonċernati għandhom jingħataw informazzjoni dwar id-data li għandha tiġi ddivulgata. L-ewwel forniment ta' data għandu jsir kontinwament mill-bidu tat-tħaddim tal-applikazzjoni. L-istadju importanti għandu jitqies issodisfat meta l-awtoritajiet pubbliċi jkunu tellgħu d-data rilevanti kollha kif ipprovduta fl-istadju importanti 175 b'mod sħiħ fir-reġistru ċentrali, u r-reġistru ċentrali jkun aċċessibbli għall-pubbliku bil-funzjonalitajiet kollha deskritti fl-istadju importanti 175.
177	C9.R7 Żvilupp u implimentazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u pjan ta' azzjoni	Stadju importanti	Tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni fl-Ungerija permezz tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet konkreti skont l-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u Pjan ta' Azzjoni relatat li jkopri l-perjodu 2020–2022	Implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi taħt l-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni relatat li jkopri l-Gvern				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Il-Gvern għandu jimplimenta bis-sħiħ l-azzjonijiet nru 1, 2, 3, 4, 6a, 6b, 7a, 7b, 10, 12, 13, 14, 15, 16, 17 u 18 li jirriżultaw mid-Deċiżjoni tal-Gvern 1328/2020 (VI. 19.).

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
178	C9.R7 Żvilupp u implimentazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u pjan ta' azzjoni	Stadju importanti	Tisħiħ tal-qafas kontra l-korruzzjoni fl-Ungerija permezz ta' Strateġija Nazzjonali ġdida Kontra l-Korruzzjoni u Pjan ta' Azzjoni relatat	Adozzjoni u bidu tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali l-ġdida Kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni relatat mill-Gvern				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	<p>Il-Gvern għandu jadotta Strateġija Nazzjonali ġdida Kontra l-Korruzzjoni u Pjan ta' Azzjoni relatat li jinkludi azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati fil-perijodu bejn l-1 ta' Lulju 2023 u l-31 ta' Diċembru 2025 u li għandhom jitħejjew fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti. L-istrateġija u l-Pjan ta' azzjoni għandhom jitħejjew bl-involvement tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni, stabbilita f'konformità mal-istadju importanti 166 abbażi abbażi tal-pariri ta' politika mill-OECD, wara konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati nazzjonali u internazzjonali, inklużi l-Kummissjoni u l-GRECO, u fi djalogu mal-partijiet ikkonċernati li jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom.</p> <p>L-istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni għandha tibni fuq u tkun konsistenti mal-istrateġija taħt l-istadju importanti 220. Il-prijorità ewlenija tagħha għandha tkun li ttejjeb b'mod effettiv il-mekkaniżmi li jiżguraw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi u l-korruzzjoni (inkluż fis-sistema tal-akkwist pubbliku) u li ssaħħaħ is-sistema ta' kif jiġu indirizzati r-riskji ta' kunflitti ta' interess. Din għandha tagħti attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-qafas istituzzjonali u normattiv għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli permezz tat-tisħiħ tat-trasparenza tal-ħidma tal-korpi pubbliċi (inkluż fil-livell politiku għoli). Għandha tiżgura implimentazzjoni koerenti ta' miżuri kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni kemm għall-appoġġ finanzjarju nazzjonali kif ukoll għal dak tal-Unjoni.</p> <p>Il-pjan ta' Azzjoni għandu jinkludi mill-inqas l-azzjonijiet iddedikati li ġejjin: (I) it-tisħiħ tar-repressjoni tal-korruzzjoni; (II) it-tisħiħ tal-proċeduri ta' kontroll amministrattiv indipendenti mill-investigazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi (inklużi l-mekkaniżmi ta' verifika, kontroll u sanzjonar) relatati mad-dikjarazzjonijiet tal-assi; (III) l-iżvilupp ta' mekkaniżmi interni effiċjenti għall-promozzjoni u s-sensibilizzazzjoni dwar kwistjonijiet ta' integrità fil-gvern (inkluż permezz ta' taħriġ ġenerali għall-persunal kollu u konsulenza kunfidenzjali għal livell eżekuttiv u politiku għoli; (IV) ir-rieżami tal-applikazzjoni</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>tal-Kodiċi tal-Etika Professionali mill-Korp Uffiċjali tal-Gvern Ungeriż kif ukoll il-prattiki tal-gvernijiet lokali biex jiġu identifikati u promossi l-aħjar prattiki rigward il-kuntatti mal-lobbisti u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess; (V) l-adozzjoni, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u l-bidu tal-applikazzjoni ta' kodiċi ta' kondotta għall-persuni bl-ogħla funzjonijiet eżekuttivi (kif definiti mill-GRECO), li jipprovdi gwida ċara dwar kwistjonijiet ta' integrità (inkluż fir-rigward ta' a) kuntatt mal-lobbisti, b) restrizzjonijiet ta' wara l-impjeg [li jindirizzaw il-prattika ta' "revolving doors" bejn il-pożizzjonijiet fis-setturi pubbliċi u privati] u c) l-impjeg tal-qraba u l-promozzjoni għall-impjeg [nepotiżmu]); (VI) bi skadenza immedjata għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni residwa li tirriżulta mid-Deċiżjoni tal-Gvern 1328/2020 (VI. 19.) mhux implimentata sat-30 ta' Ġunju 2023.</p> <p>Il-punt (ii) ta' hawn fuq għandu jinkludi azzjonijiet speċifiċi biex jiġi introdott reġim ta' sanzjonar effettiv, proporzjonat u dissważiv biżżejjed (inklużi kemm sanzjonijiet kriminali kif ukoll amministrattivi) li jikkonċerna ksur serju relatat mal-obbligi ta' persuni soġġetti għar-regoli dwar id-dikjarazzjonijiet tal-assi. L-istadju importanti għandu jitqies bħala ssodisfat ladarba l-Gvern jadotta u jagħmel disponibbli għall-pubbliku l-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni wara l-kunsiderazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force Kontra l-Korruzzjoni dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni (l-istadju importanti 166) abbażi ta' abbozz li jkun disponibbli għalih minn qabel.</p>
179	C9.R7 Żvilupp u implimentazzjoni ta' Strateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u pjan ta' azzjoni	Stadju importanti	Tisfih tal-qafas kontra l-korruzzjoni fl-Ungerija permezz tal-valutazzjoni tal-implimentazzjoni effettiva tal-implimentazzjoni	Adozzjoni u publikazzjoni ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet fil-Pjan ta' Azzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Il-Gvern għandu jadotta u jagħmel disponibbli għall-pubbliku rapport li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-istrateġija Nazzjonali l-għida kontra l-Korruzzjoni u l-azzjonijiet previsti skont il-Pjan ta' Azzjoni.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			tal-azzjonijiet tal-Istrateġija Nazzjonali l-ġdida Kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni relatat							
180	C9.R8 Titjib tas-sistemi ta' kooperazzjoni tas-servizz tal-prosekuzzjoni biex jiġu indirizzati l-prattiki ta' korruzzjoni.	Stadju importanti	Twaqqif ta' sistema ġdida tal-IT għat-trattament ta' dokumenti sensitivi tas-servizz tal-prosekuzzjoni	Is-sistema l-ġdida tal-IT għat-trattament ta' dokumenti sensitivi f'konformità mad-deskrizzjonijiet tas-sistema, hija kompletament funzjonali u operazzjonali u s-servizz tal-prosekuzzjoni beda jużaha				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Abbażi ta' deskrizzjoni dettaljata tas-sistema, għandha titwaqqaf sistema ġdida tal-IT għall-ittrattar ta' dokumenti sensitivi li tappoġġa u tiffaċilita l-ħidma amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni ta' mill-inqas seba' unitajiet organizzattivi involuti f'investigazzjonijiet ta' prosekuzzjoni. L-istadju importanti għandu jitqies bħala milħuq ladarba, wara s-sessjonijiet ta' prova meħtieġa tas-sistema tal-IT u t-taħriġ għall-persunal meħtieġ, is-sistema tkun kompletament funzjonali u operazzjonali u tiġi attivata (jiġifieri s-seba' unitajiet organizzazzjonali involuti fl-investigazzjonijiet ta' prosekuzzjoni bdew jużawha).
181	C9.R8 Titjib tas-sistemi ta' kooperazzjoni tas-servizz tal-prosekuzzjoni biex jiġu indirizzati l-prattiki ta' korruzzjoni.	Stadju importanti	Twaqqif ta' sistema ġdida tal-IT għat-trattament ta' fajls tal-kawża tas-servizz tal-prosekuzzjoni	Is-sistema l-ġdida tal-IT għat-trattament ta' fajls tal-kawża f'konformità mad-deskrizzjonijiet tas-sistema, hija kompletament funzjonali u operazzjonali u s-servizz tal-				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Abbażi ta' deskrizzjoni dettaljata tas-sistema, għandha titwaqqaf sistema ġdida tal-IT għall-ittrattar ta' fajls tal-kawża li tappoġġa u tiffaċilita l-ħidma amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni ta' mill-inqas seba' unitajiet organizzattivi involuti f'investigazzjonijiet ta' prosekuzzjoni. L-istadju importanti għandu jitqies bħala milħuq ladarba, wara s-sessjonijiet ta' prova meħtieġa tas-sistema tal-IT u t-taħriġ għall-persunal meħtieġ, is-sistema tkun kompletament funzjonali u operazzjonali u tiġi attivata (jiġifieri s-seba' unitajiet organizzazzjonali involuti fl-investigazzjonijiet ta' prosekuzzjoni bdew jużawha).

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				prosekuzzjoni beda jużaha						
182	C9.R9 Żieda fl-attenzjoni għall-qerda tal-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	Tnedija ta' kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar l-aċċettabbiltà tal-pagamenti ta' gratwità fil-kura tas-saħħa	Il-kuntratt mal-kuntrattur li jimplimenta l-kampanja pubblika ta' sensibilizzazzjoni tal-pubbliku jiġi ffirmat u l-kampanja tkun bdiet				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Għandu jifassal programm dettaljat ta' kampanja biex jiġi żgurat li l-kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar l-aċċettabbiltà tal-pagamenti ta' gratwità fil-kura tas-saħħa tkun effettiva u tilħaq il-maġġoranza taċ-ċittadini. Il-programm dettaljat tal-kampanja għandu jiġi adottat u l-kuntratt għall-implimentazzjoni ta' dak il-programm tal-kampanja mal-kuntrattur ta' implimentazzjoni għandu jiġi ffirmat mis-Servizz Nazzjonali ta' Protezzjoni Is-servizz Nazzjonali ta' Protezzjoni għandu jħabbar uffiċjalment it-tnedija tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni.
183	C9.R9 Żieda fl-attenzjoni għall-qerda tal-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa	Stadju importanti	Valutazzjoni interim tal-ewwel riżultati tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar l-aċċettabbiltà tal-pagamenti ta' gratwità fil-kura tas-saħħa	Finalizzazzjoni ta' valutazzjoni interim tal-ewwel riżultati tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	Tfassil u adożzjoni ta' rapport ta' valutazzjoni interim tal-ewwel riżultati tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni li tidentifika t-tagħlimiet meħuda, l-għadd ta' ċittadini milħuqa, il-bidla fil-perċezzjoni taċ-ċittadini dwar l-aċċettabbiltà tal-pagamenti ta' gratwità fil-kura tas-saħħa meta mqabbel mas-sitwazzjoni qabel it-tnedija tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni.
184	C9.R9 Żieda fl-attenzjoni għall-qerda tal-pagamenti ta' gratwità fis-settur tal-kura tas-saħħa	Tal-UE	Għadd ta' ċittadini li ntlaħqu permezz tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni kompluta		Għadd	0	5 000 000	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Il-mira għandha titqies issodisfata meta r-rapport finali tal-kampanja jiġi aċċettat mis-Servizz Protettiv Nazzjonali u r-riżultati ewlenin tiegħu jsiru disponibbli għall-pubbliku, inkluż l-għadd ta' ċittadini milħuqa (mill-inqas 5 000 000) mill-kampanja kif ivalidat minn sħarriġ indipendenti u stabbilit fir-rapport tal-kampanja aċċettat, li għandu jiddeskrivi wkoll l-għodod tal-kampanja użati, il-gruppi fil-mira milħuqa u analiżi tal-bidla fl-attitudni fost iċ-ċittadini bħala riżultat tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni dwar il-qerda tat-tixħim fil-qasam tas-saħħa.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
185	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-appoġġ tal-Unjoni ma għandux jaqbeż il15 %		%	16	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li ngħalqu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u mill-inqas l-31 ta' Diċembru 2022 b'offerti uniċi, għall-akkwisti ffinanzjati mill-inqas parzjalment mill-appoġġ tal-Unjoni huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemmija hawn fuq — ikun taħt l15 %.
186	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mir-riżorsi nazzjonali ma għandux jaqbeż l32 %		%	36	32	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li ngħalqu bejn l-1 ta' Jannar 2022 u mill-inqas l-31 ta' Diċembru 2022 b'offerti uniċi, għall-akkwisti ffinanzjati esklużivament mir-riżorsi nazzjonali huwa inqas minn 32 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemmija hawn fuq — ikun taħt l32 %.
187	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-appoġġ tal-Unjoni ma għandux jaqbeż il15 %		%	15	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li ngħalqu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023 b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-inqas parzjalment mill-appoġġ tal-Unjoni huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemmija hawn fuq — ikun taħt l15 %.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
188	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mir-riżorsi nazzjonali ma għandux jaqbeż 124 %		%	32	24	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li nġhalqu bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023 b'offerti uniċi, għall-akkwisti ffinanzjati esklużivament mir-riżorsi nazzjonali huwa inqas minn 24 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemija hawn fuq — ikun taħt 124 %.
189	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-appoġġ tal-Unjoni ma għandux jaqbeż il15 %		%	15	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2025	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li nġhalqu bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2024 b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-inqas parzjalment mill-appoġġ tal-Unjoni huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemija hawn fuq — ikun taħt 115 %.
190	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mir-riżorsi nazzjonali ma għandux jaqbeż 115 %		%	24	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2025	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li nġhalqu bejn l-1 ta' Jannar 2024 u l-31 ta' Diċembru 2024 b'offerti uniċi, għall-akkwisti ffinanzjati esklużivament mir-riżorsi nazzjonali huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemija hawn fuq — ikun taħt 115 %.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
191	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-appoġġ tal-Unjoni ma għandux jaqbeż il15 %		%	15	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li nġhalqu bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025 b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-inqas parzjalment mill-appoġġ tal-Unjoni huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemmija hawn fuq — ikun taħt l15 %.
192	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mir-riżorsi nazzjonali ma għandux jaqbeż l15 %		%	15	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li nġhalqu bejn l-1 ta' Jannar 2025 u l-31 ta' Diċembru 2025 b'offerti uniċi, għall-akkwisti ffinanzjati esklużivament mir-riżorsi nazzjonali huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemmija hawn fuq — ikun taħt l15 %.
193	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-appoġġ tal-Unjoni ma għandux jaqbeż il15 %		%	15	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li nġhalqu bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Marzu 2026 b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mill-inqas parzjalment mill-appoġġ tal-Unjoni huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali mhux kwalifikat mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemmija hawn fuq — ikun taħt il15 %.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
194	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Tal-UE	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti b'offerti uniċi għall-akkwisti ffinanzjati mir-riżorsi nazzjonali ma għandux jaqbeż 115 %		%	15	15	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Is-sehem tal-proċeduri tal-offerti tal-akkwist pubbliku — li jkopru l-proċeduri tal-akkwist pubbliku b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — li ngħalqu bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Marzu 2026 b'offerti uniċi, għall-akkwisti ffinanzjati esklużivament mir-riżorsi nazzjonali huwa inqas minn 15 %, imkejjel f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. Rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF għandu jikkonferma li s-sehem tal-offerti uniċi — ikkalkulat f'konformità mal-metodoloġija msemmija hawn fuq — ikun taħt 115 %.
195	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Stadju importanti	Twaqqif ta' għodda ta' monitoraġġ u rapportar ("għodda ta' rapportar b'offerta unika") għall-monitoraġġ u r-rapportar dwar akkwisti pubbliċi magħluqa b'offerti uniċi ffinanzjati mill-appoġġ tal-Unjoni jew minn riżorsi nazzjonali skont il-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku	L-għodda ta' monitoraġġ u rapportar hija kompletament funzjonali u operazzjonali u l-funzjonalitajiet tagħha huma vverifikati biex ikunu konformi mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	Qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-ministeru responsabbli għas-sistema tal-akkwist pubbliku għandu jżviluppa għodda ġdida ta' monitoraġġ u rapportar ("għodda ta' rapportar ta' offerta unika") għall-kejl separat tas-sehem tal-proċeduri ta' offerti ta' akkwist magħluqa b'offerti uniċi — b'valur stmat kemm ogħla kif ukoll taħt il-limiti tal-akkwist pubbliku tal-UE — iffinanzjata mill-appoġġ tal-Unjoni jew minn riżorsi nazzjonali, jew mit-tnejn, f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku. L-istadju importanti għandu jitqies bħala ssodisfat meta rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-awtorità tal-awditjar (EUTAF) jikkonferma li l-għodda ta' monitoraġġ u rapportar hija kompletament funzjonali u operazzjonali, il-funzjonalitajiet tagħha huma f'konformità mal-metodoloġija tat-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku u li d-data (bl-eċċezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi) fis-sistema użata għall-finijiet ta' monitoraġġ u rapportar hija preċiża u kompluta, inkluż għall-valuri bażi.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
196	C9.R10 It-tnaqqis tas-sehem ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku b'offerta waħda	Stadju importanti	L-ewwel rapport ibbażat fuq l-“għodda ta' rapportar ta' offerta waħda” huwa disponibbli	L-ewwel rapport ibbażat fuq informazzjoni mill-għodda unika ta' rapportar huwa disponibbli għall-pubbliku				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Il-Ministeru responsabbli għall-akkwist pubbliku għandu jħejji l-ewwel rapport bil-miktub ibbażat fuq informazzjoni mill-għodda unika għar-rapportar (imwaqqfa u mħaddma f'konformità mal-istadju importanti 195), inklużi ċifri u ishema assoluti, indikazzjonijiet ġeografiċi u identifikazzjoni ta' servizzi u prodotti, u dan għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EPS. Ir-rapport għandu jikkonferma wkoll li l-għodda unika ta' rapportar ġiet aġġornata biex tinkludi wkoll data dwar l-indikazzjonijiet ġeografiċi u dawk il-funzjonalitajiet huma kompletament funzjonali u operazzjonali u disponibbli għall-pubbliku. Għandu jkun hemm fis-seħħ proċeduri xierqa li jiżguraw li r-rapporti annwali għas-snin sussegwenti ibbażati fuq informazzjoni mill-għodda unika għar-rapportar jitħejjew u jsiru disponibbli għall-pubbliku.
197	C9.R11 Żvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS) biex tiżdied it-trasparenza	Stadju importanti	Il-funzjonijiet tal-EPS li jippermettu t-tiftixija strutturata u l-esportazzjoni massiva ta' data dwar l-avviż ta' għoti ta' kuntratt huma disponibbli għall-pubbliku	L-EPS aġġornata bil-funzjonalitajiet il-ġodda hija kompletament operazzjonali u aċċessibbli mill-pubbliku.				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	Il-funzjonijiet tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS) li tippermetti t-tiftix strukturat u li jinqas mill-magni (inkluż mill-operaturi tat-tiftix Boolean) u l-esportazzjoni tal-massa tad-data kollha tal-avviż ta' għoti ta' kuntratt bin-numri ta' identifikazzjoni tal-kumpanija (inklużi l-ismijiet ta' kull membru individwali ta' konsorzji u — f'format ta' test liberu — anki l-ismijiet tas-sottokuntratturi) għandhom isiru kompletament funzjonali u operazzjonali qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Dawn il-funzjonijiet ta' tiftix u esportazzjoni tal-EPS għandhom jippermettu l-ġbir, l-iffiltrar u t-tqabbil ta' data bejn avviżi ta' għoti ta' kuntratti u relatata ma' suġġetti differenti tal-akkwist pubbliku li jkopru informazzjoni minn tipi differenti ta' avviżi ta' għoti ta' kuntratti. FI-EPS għandu jinħoloq u tiġi ppubblikata bażi tad-data aġġornat regolament (mill-inqas kull trimestru) li jkun fiha informazzjoni dwar l-avviżi kollha ta' għoti ta' kuntratti ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku f'forma strutturata, li għandha tkun tajba biex tiġi pproċessata b'mezzi awtomatiċi. L-operaturi ekonomiċi kollha fil-bażi tad-data, inklużi l-membri tal-konsorzji, għandhom ikunu identifikabbli b'identifikatur uniku (numru tat-taxxa).

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Ir-reġistru għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku. Il-bażi tad-data ppubblikata għandha tkun aċċessibbli u tista' titniżżel minn kwalunkwe persuna mill-paġna ewlenija tal-EPS mingħajr reġistrazzjoni u bla flus. L-istadju importanti għandu jitqies issodisfat meta, wara prova, il-funzjonijiet il-ġodda jiġu attivati u d-data tkun disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-funzjonijiet il-ġodda fuq il-paġna ewlenija tal-EPS.
198	C9.R11 Żvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS) biex tiżdied it-trasparenza	Stadju importanti	Il-funzjonijiet tal-EPS li jippermettu t-tfittxija strutturata u l-esportazzjoni massiva tad-data kollha relatata mas-sottokuntratturi huma disponibbli għall-pubbliku	L-EPS aġġornata bil-funzjonalità l-għdida li tippermetti l-esportazzjoni massiva tal-informazzjoni kollha relatata mas-sottokuntratturi hija kompletament operazzjonali u aċċessibbli mill-pubbliku.				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Il-funzjonijiet tal-EPS li jippermettu l-esportazzjoni massiva u l-possibbiltà ta' tiftix tal-informazzjoni kollha relatata mas-sottokuntratturi qed jiffunzjonaw bis-sħiħ u huma operazzjonali qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-istadju importanti ikun issodisfat meta, wara prova, il-funzjoni l-għdida tiġi attivata u d-data tkun disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-funzjonijiet il-ġodda fuq il-paġna ewlenija tal-EPS.
199	C9.R11 Żvilupp tas-Sistema Elettronika tal-Akkwist Pubbliku (EPS) biex tiżdied it-trasparenza	Stadju importanti	Il-funzjonijiet tal-EPS li jippermettu t-tfittxija strukturata u l-esportazzjoni massiva ta' data dwar l-avviż ta' għoti ta' kuntratt mill-1 ta' Jannar 2014 huma disponibbli għall-	Id-data kollha relatata mal-avviżi tal-għoti ta' kuntratti mill-1 ta' Jannar 2014 hija disponibbli għat-tiftix u l-esportazzjoni massiva fis-				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Id-data kollha msemmija fl-istadju importanti 197 relatata mal-avviżi tal-għoti ta' kuntratti b'mod retroattiv mill-1 ta' Jannar 2014 għandha tkun disponibbli għat-tiftix u l-esportazzjoni massiva, u aċċessibbli għall-pubbliku, fl-EPS, f'konformità mal-kriterji stabbiliti fl-istadju importanti 197 u 198. L-istadju importanti għandu jitqies issodisfat meta d-data relatata tkun disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku fuq il-paġna ewlenija tal-EPS.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			pubbliku	sistema tal-EPS						
200	C9.R12 Qafas għall-kejl tal-prestazzjoni għall-akkwisti pubbliċi	Stadju importanti	Stabbiliment ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni tal-akkwisti pubbliċi	Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Gvern dwar it-twaqqif ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni li jivvaluta l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi u r-raġunijiet għal kompetizzjoni limitata fl-aktar setturi affettwati mill-livell baxx ta' kompetizzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	Adozzjoni ta' Deċiżjoni tal-Gvern qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li jistabbilixxi qafas ta' kejl tal-prestazzjoni biex jiġu vvalutati l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi bl-involviment effettiv ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti u esperti indipendenti tal-akkwist pubbliku. Id-Deċiżjoni għandha tistabbilixxi mill-inqas (i) il-kriterji tal-għażla għall-involviment ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti, li għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti fl-istadju importanti 201; (ii) il-kriterji tal-għażla għall-esperti indipendenti tal-akkwist pubbliku; (iii) il-kompiti u r-rwoli rispettivi tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi magħżula u tal-esperti indipendenti tal-akkwist pubbliku; (iv) impenn għall-pubblikazzjoni annwali tar-riżultati tal-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni; (v) rekwiżiti minimi li jikkonċernaw il-kontenut tal-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni.
201	C9.R12 Qafas għall-kejl tal-prestazzjoni għall-akkwisti pubbliċi	Stadju importanti	Bidu tal-operat ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni tal-akkwisti pubbliċi	Bidu tal-operat ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni li jivvaluta l-effiċjenza u l-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi u r-raġunijiet għal kompetizzjoni limitata fl-aktar setturi				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Il-bidu tat-operat qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' qafas għall-kejl tal-prestazzjoni li għandu jiġi żviluppat bl-għan li jintuża regolarment, bl-involviment ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi indipendenti u esperti indipendenti tal-akkwist pubbliku biex jivvalutaw l-effiċjenza, il-kosteffettività tal-akkwisti pubbliċi u r-raġunijiet possibbli u l-effetti tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku li jirriżultaw f'offerta uniċi. Il-qafas tal-kejl tal-prestazzjoni għandu jippermetti b'mod partikolari l-analiżi annwali ta' (i) il-livell ta' proċessi ta' akkwist pubbliku li ma r-nexxewx u r-raġunijiet tagħhom, (ii) is-sehem (imkejjejl b'referenza kemm għall-għadd kif ukoll għall-valur) ta' kuntratti li jiġu kkanċellati kompletament matul l-eżekuzzjoni

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										(III) il-korpi tal-awditjar rispettivi fl-Ungerija u fis-servizzi u l-korpi ta' kontroll rilevanti tal-Kummissjoni għandhom aċċess sħiħ għall-funzjonalitajiet tas-sistema Arachne għall-finijiet tal-valutazzjoni tar-riskju tagħhom u għas-settijiet ta' data fis-sistema. L-istadju importanti għandu jitqies issodisfat ladarba l-proċeduri — f'konformità mar-rekwiżiti ta' hawn fuq — ikunu fis-seħħ, vinkolanti għall-awtoritajiet kollha stabbiliti hawn fuq u soġġetti għall-applikazzjoni tagħhom fil-prattika minn dawk l-awtoritajiet.
223	C9.R21 Użu sħiħ u effettiv tas-sistema Arachne għall-appoġġ kollu tal-Unjoni	Stadju importanti	Żgurar tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-frodi u l-korruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni billi tiġi kkonfermata l-adeqwatezza tal-proċeduri dwar l-użu sistematiku u effettiv tal-għodda għall-kejl tar-riskju Arachne	Rapport finali tal-awditjar mhux kwalifikat tal-EUTAF li jikkonferma l-adeqwatezza tal-proċeduri dwar l-użu sistematiku u effettiv tal-għodda għall-kejl tar-riskju Arachne u l-kompletezza tad-data mtella' f'Arachne				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza: a) għandhom jiġu żviluppati linji gwida proċedurali dettaljati u vinkolanti u jibdeu jiġu applikati mill-korpi kollha elenkati fl-istadju importanti 222 li jistabbilixxu l-passi li għandhom jittieħdu f'każ li s-sistema Arachne tindika riskju; b) rapport finali tal-awditjar b'opinjonijiet tal-awditjar mhux kwalifikata mill-awtorità tal-awditjar (EUTAF) għandu jikkonferma l-adeqwatezza tal-proċeduri stabbiliti fl-istadju importanti 222 billi jivverifika li (i) il-proċeduri jiżguraw li jittella' sett sħiħ ta' informazzjoni kull xahrejn; (ii) id-data stabbilita fil-liġi applikabbli tal-Unjoni fil-fatt ittelligħet fl-intier tagħha f'Arachne, u (iii) l-Awtorità Nazzjonali, il-korpi ta' implimentazzjoni/l-awtoritajiet ta' ġestjoni u l-korpi intermedji daħħlu fis-seħħ arranġamenti xierqa biex jiżguraw is-segwitu sistematiku, regolari u effettiv tal-punteġġ tar-riskju ġġenerat mis-sistema Arachne (abbażi ta' linji gwida proċedurali dettaljati disponibbli għalihom).
224	C9.R22 Stabbiliment ta' Direttorat għall-Awditjar Intern u l-Integrità biex jissaħħa il-kontroll tal-kunflitti	Stadju importanti	Żgurar tal-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni effettivi tal-frodi u tal-korruzzjoni fl-implimentazzjoni	Direttorat ġdid għall-Awditjar Intern u l-Integrità (DIAI) stabbilit fil-ministeru responsabbli				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Sabiex tissaħħa l-effettività tal-arranġamenti tal-awditjar u tal-kontroll relatati mal-appoġġ tal-Unjoni u mal-implimentazzjoni effettiva tal-istrategġija kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni stabbilita fl-istadju importanti 220, għandu jiġi stabbilit Direttorat ġdid għall-Awditjar Intern u l-Integrità (DIAI) permezz ta' liġi li għandha tidħol fis-seħħ, u d-DIAI għandu jkollu personal sħiħ u għandu jkun kompletament funzjonali fil-ministeru

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ta' interess fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni		tal-appoġġ tal-Unjoni permezz tal-istabbiliment u l-funzjonament sħiħ ta' Direttorat ġdid għall-Awditjar Intern u l-Integrità (Directorate of Internal Audit and Integrity, DIAI)	għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, għandu persunal sħiħ, ir-regoli tal-proċeduri u l-proċessi interni tiegħu huma fis-seħħ u huwa kompletament operazzjonali						<p>responsabbli għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.</p> <p>Il-liġi għandha tiżgura: (I) l-indipendenza sħiħa tad-DIAI permezz ta' garanziji xierqa (inkluż dwar in-nomina tal-persunal ta' grad għoli tagħha, it-tul tal-mandat tagħhom mingħajr il-possibbiltà li jitkeċċew eċċ.); (II) li l-għażla tal-persunal tad-DIAI għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi żviluppatti f'kooperazzjoni mal-Awtorità tal-Integrità (stadju importanti 160) u li l-Awtorità tal-Integrità tissorvelja l-proċess ta' reklu taġġ; (III) li d-DIAI għandha kompetenzi xierqa biex taġixxi fir-rigward ta' kwalunkwe awtorità jew korp nazzjonali involut bi kwalunkwe mod fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija; (IV) li fuq talba, id-DIAI għandu jipprovi mingħajr dewmien aċċess sħiħ għad-dikjarazzjonijiet kollha ta' kunflitt ta' interess u għall-fajls kollha tiegħu lill-Awtorità tal-Integrità; (V) li regoli xierqa ta' proċeduri u linji gwida (inkluż dwar l-allokazzjoni u s-sekwenzar ta' każijiet fid-DIAI) għandhom jiġu stabbiliti sat-30 ta' Novembru 2022 li jirregolaw l-istruttura istituzzjonali, il-metodi ta' ħidma u l-proċeduri tad-DIAI u tal-Awtorità tal-Integrità tingħata garanziji suffiċjenti li tista' tissorvelja l-konformità ma' dawk ir-regoli ta' proċeduri u linji gwida; (VI) li jiġu allokati biżżejjed riżorsi għall-kompiti meħtieġa li għandhom jitwettqu mid-DIAI; (VII) li d-DIAI tikkontrolla regolarment (abbażi tal-kampjunar u tar-rapporti dwar is-suspett) il-validità tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess tal-persunal rilevanti kollu involut fl-implimentazzjoni, inklużi l-atti preparatorji tagħha, il-kontroll (inkluż lill-evalwaturi interni u esterni fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku) ta' kwalunkwe appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija kif ukoll dawk tar-riċevituri finali, il-benefiċjarji, ir-riċevituri, l-awtoritajiet kontraenti, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi, kif ukoll id-ditti ta' konsulenza involuti fit-tnejjija u fl-implimentazzjoni tal-proġetti (abbażi ta' pjanijiet ta' kontroll biennali) u li l-informazzjoni dwar dawk il-kontrolli tinħażen għal mill-inqas ħames snin; (VIII) li tinholq paġna fuq</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>il-paġna ewlenija tal-portal palyazat.gov.hu biex tippermetti r-rapportar anonimu ta' kwalunkwe suspett rigward kunflitt ta' interess fir-rigward ta' persuni involuti fl-implimentazzjoni u l-kontroll tal-appoġġ tal-Unjoni fl-Ungerija; (IX) li d-DIAI għandu jinvestiga s-suspetti rapportati fil-ħin; (X) li d-DIAI kull sena għandu jħejji rapport dettaljat tal-ħidma tiegħu lill-Awtorità tal-Integrità.</p> <p>L-istadju importanti għandu jitqies issodisfat meta l-liġi li tistabbilixxi d-DIAI b'mill-inqas ir-rekwiżiti ta' hawn fuq tkun daħlet fis-seħħ, il-pożizzjonijiet kollha tad-DIAI jkunu mtlew u l-Awtorità għall-Integrità ma tkunx qajmet tħassib fir-rigward tal-proċess ta' reklutaġġ, ir-regoli tal-proċeduri meħtieġa tad-DIAI kif ukoll il-linji gwida li jirregolaw il-ħidma tagħha jkunu daħlu fis-seħħ u d-DIAI tkun kompletament operazzjonali u bdiet il-ħidma tagħha.</p>
225	C9.R23 L-iżgurar tal-kapaċità għall-EUTAF biex iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv	Stadju importanti	Żgurar ta' prevenzjoni, identifikazzjoni u korrezzjoni effettivi tal-frodi u l-korruzzjoni fl-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' kapaċità xierqa għall-EUTAF	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex jingħataw ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa lill-EUTAF				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	<p>Qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għal pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, għandhom jidhru fis-seħħ emendi leġiżlattivi li jiżguraw ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għall-EUTAF biex tiġi ssalvagwardjata l-indipendenza tagħha u tkun tista' twettaq il-kompiti tagħha b'mod effettiv u f'waqtu.</p> <p>L-emendi leġiżlattivi għandhom jiżguraw li:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Il-baġit annwali tal-EUTAF għandu jiġi stabbilit abbażi ta' proposta inizjali mill-EUTAF u għandu jiġi modifikat biss jekk ikun ġustifikat pubblikament u ma għandux jimmina l-kapaċità tal-EUTAF li jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv u f'waqtu.</li> <li>— Ir-remunerazzjoni tal-kap u tal-persunal tal-EUTAF għandha tiġi stabbilita għal 70 % tar-remunerazzjoni tal-president u tal-persunal tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat, rispettivament.</li> <li>— Il-Kap tal-EUTAF għandu jkollu l-istess setgħat jew setgħat simili biex jiddeċiedi dwar il-prinċipji bażiċi tal-politika u l-benefiċċji tas-salarji, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol bħal dawk applikabbli għall-president tal-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat.</li> </ul> <p>Kwalunkwe arranġament li jiddevja minn dawk applikabbli għall-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat għandu jkun possibbli biss fuq</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										proposta bil-miktub u debitament ġustifikata mill-kap tal-EUTAF. — L-indipendenza funzjonali u professjonali tal-EUTAF għandha tinżamm u l-persunal tal-EUTAF għandu jkompli ma jfittixx jew ma jaċċettax struzzjonijiet dwar il-ħidma tal-awditjar tiegħu.
226	C9.R24 It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-OLAF biex tissaħħaħ l-identifikazzjoni ta' frodi relatata mal-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni	Stadju importanti	Deżinjazzjoni ta' awtorità nazzjonali responsabbli biex tassisti lill-OLAF fil-verifiki tiegħu fuq il-post fl-Ungerija u l-introduzzjoni tal-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet finanzjarji fuq atturi ekonomiċi li ma jikkooperawx	Dħul fis-seħħ ta' emenda leġiżlattiva li tiddeżinja l-awtorità kompetenti u ta' emenda leġiżlattiva li tintroduċi l-possibbiltà li jiġu imposti sanzjonijiet finanzjarji fuq atturi ekonomiċi li ma jikkooperawx				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza: (I) ta' emenda għall-Att CXXII tal-2010 dwar Nemzeti Adó- és Vámhivatal li taħtar l-Amministrazzjoni Nazzjonali tat-Taxxa u tad-Dwana (Nemzeti Adó- és Vámhivatal, NAV) bħala l-awtorità nazzjonali kompetenti biex tassisti lill-OLAF fit-tweqqif ta' kontrolli fuq il-post fl-Ungerija u meta operatur ekonomiku soġġett għal dawk il-kontrolli jirrifjuta li jikkoopera. L-emenda għandha tinkludi deskrizzjoni tal-proċedura li għandha tiġi segwita. Għandha tintroduċi wkoll il-possibbiltà tal-preżenza ta' gwardja finanzjarja fuq talba tal-OLAF. Il-Gwardja finanzjarja għandha tippermetti lill-OLAF iwettaq il-verifiki u l-ispezzjonijiet tiegħu fuq il-post, b'mod partikolari billi jiżgura l-infurzar sabiex jissalvagwardja l-evidenza kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96. Dan għandu jinkludi t-tipi ta' intervent li ġejjin: (a) it-tneħħija ta' affarijiet fuq il-post [Sezzjoni 36/L tal-Att CXXII tal-2010 dwar Nemzeti Adó- és Vámhivatal (minn hawn' il quddiem NAVtv.)], (b) talba għal informazzjoni [Sezzjoni 36 ta' NAVtv.], (c) verifika tal-identità [Sezzjoni 36/A ta' NAVtv.], (d) dħul f'post li ma jikkwalifikax bħala residenza privata [Sezzjoni 36/G ta' NAVtv.], (e) protezzjoni tax-xena [Sezzjoni 36/I (1) ta' NAVtv.]. L-emenda għandha tistabbilixxi li jekk din l-assistenza teħtieġ awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja, tali awtorizzazzjoni għandha ssir applikazzjoni għaliha mill-AFCOS nazzjonali (servizz nazzjonali ta' koordinazzjoni kontra l-frodi) mill-inqas 72 siegħa qabel. Abbażi ta' tali awtorizzazzjoni, l-OLAF jista' jitlob il-preżenza tal-gwardjan finanzjarju minn qabel, jekk ikun hemm riskju ta' reżistenza għal verifika u spezzjoni fuq il-post ipplanati. (II) ta' emenda għall-Att XXIX tal-2004 biex tintroduċi tip

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										finanzjarju dissważiv ta' sanzjoni li għandha tiġi imposta f'każ li operatur ekonomiku jirrifjuta li jikkoopera mal-OLAF għall-finijiet tal-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post.
227	C9.R25 Implimentazzjoni, kontroll u awditu effettivi tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni	Stadju importanti	Sistema ta' monitoraġġ għall-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ungerija	Rapport tal-awditjar li jikkonferma l-funzjonalitajiet u l-operazzjoni tas-sistema ta' repożitorju għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Għandha tiġi stabbilita sistema ta' repożitorju għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza qabel il-preżentazzjoni tal-ewwel talba għall-pagament skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Is-sistema għandha tinkludi mill-inqas il-funzjonalitajiet li ġejjin: (a) il-ġbir ta' data u l-monitoraġġ tal-kisba tal-istadji importanti u l-miri; (b) jiġbor, jaħżen u jiżgura l-aċċess għad-data meħtieġa mill-Artikolu 22(2)(d) (i) sa (iii) tar-Regolament RRF. L-aċċess għal din id-data għandu jingħata lill-korpi nazzjonali u Ewropej rilevanti kollha għall-fini ta' awditjar u kontroll. Id-data disponibbli fis-sistema repożitorja għandha tkun disponibbli fis-sistema Arachne kull xahrejn biex tiġi aċċessata l-lista sħiħa tal-indikaturi tar-riskju tal-RRF. Rapport tal-awditjar finali mill-awtorità tal-awditjar (EUTAF), b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata, għandu jikkonferma l-funzjonalitajiet tas-sistema ta' repożitorju u li s-sistema hija kompletament funzjonali u operazzjonali.
228	C9.R25 Implimentazzjoni, kontroll u awditu effettivi tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni	Stadju importanti	Żgurar ta' awditu effettiv tal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Ungerija	Dħul fis-seħħ ta' strateġija tal-awditjar mill-EUTAF għall-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Adozzjoni u dħul fis-seħħ ta' strateġija tal-awditjar għall-awtorità tal-awditjar (EUTAF), li tiżgura l-awditu effettiv tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza għall-Ungerija f'konformità mal-istandards tal-awditjar aċċettati internazzjonalment qabel is-sottomissjoni tal-ewwel talba għall-ħlas skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. L-istrateġija għandha mill-inqas tistabbilixxi l-metodoloġija u l-approċċ għall-valutazzjoni tar-riskju, il-frekwenza u t-tip ta' awditi (bħal awditi tas-sistemi u tal-proġetti, ibbażati fuq id-dokumentazzjoni u fuq il-post) li għandhom jitwettqu fl-istadji differenti ta' implimentazzjoni tar-riformi u l-investment implimentati skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza kif ukoll l-affidabbiltà tad-data

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										li tappoġġa l-kisba tal-istadji importanti u l-miri.
229	C9.R26 Titjib tat-trasparenza u tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att leġislativ li jiżgura l-prevedibbiltà legali fl-aċċess għal każijiet ta' informazzjoni pubblika fil-qorti	Dispożizzjoni fl-att leġislativ li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li tippredvi proċedura eċċezzjonali għal talbiet għal aċċess għall-informazzjoni pubblika Din il-proċedura eċċezzjonali għandu jstabbilixxi l-istess passi proċedurali u skadenzi bħal dawk applikati fil-każ ta' każijiet ta' rettifika tal-istampa kif stabbilit fl-Att CXXX tal-2016 dwar il-proċeduri ċivili (it-Taqsimiet 495–501), bl-unika eċċezzjoni li l-iskadenza għall-perjodu taċ-ċitazzjoni fit-Taqsima 497 (1) tal-Att CXXX tal-2016 għandha tkun ta' mill-inqas tlett ijiem ta' xogħol.
230	C9.R26 Titjib tat-trasparenza u tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġislativi li jiżguraw żieda fit-trasparenza tal-informazzjoni pubblika	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġislativi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Att CXII tal-2011 dwar il-Libertà tal-Infommazzjoni u d-Digriet tal-Gvern Nru 301/2016 (IX. 30.) sabiex tiġi stabbilita r-regola ewlenija li l-informazzjoni pubblika għandha tiġi pprovduta mingħajr ħlas u t-tariffi għall-aċċess għal tali informazzjoni pubblika jstgħu jiġu applikati biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali u definiti b'mod ċar. F'dan ir-rigward l-emendi għandhom: (I) Jabolixxu l-possibbiltà li jiġu imposti kostijiet tax-xogħol assoċjati mat-tweqqif tal-aċċess għal talbiet għal informazzjoni pubblika; (II) Jiddefinixxu l-kostijiet unitarji disponibbli għall-pubbliku relatati mal-kostijiet tal-ikkupjar u t-twassil tal-informazzjoni mitluba; (III) Jistabbilixxu r-regola li t-tariffi imposti ma għandhomx jaqbżu l-kost attwali mġarrab mid-detentur tal-informazzjoni pubblika mitluba meta jissodisfa dik it-talba għal informazzjoni relatata mal-kategoriji tal-kostijiet skont il-punt (ii) u biss jekk dawk il-kostijiet jaqbżu l-HUF 10 000; (IV) Jintroduċu limitu massimu globali raġonevolment baxx ta' massimu ta' HUF 190 000 għal kost assoċjat li jista' jitqies minn korp pubbliku meta jissodisfa talba għal aċċess individwali għall-informazzjoni pubblika; u għal

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>(V) Jiżguraw li kwalunkwe informazzjoni li ssir disponibbli fuq talba għal aċċess għal informazzjoni għandha tkun disponibbli simultanjament fir-reġistru ċentrali msemmi fl-istadju importanti 175. (Fejn possibbli dan għandu jsir fil-format applikabbli għar-reġistru ċentrali msemmi fl-istadju importanti 175. F'każijiet fejn l-informazzjoni ma tkunx tista' tiġi strutturata f'dak il-format, din għandha tkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tar-reġistru ċentrali f'format li jippermetti t-tniżżil, l-estrazzjoni u l-użu mill-ġdid tad-data.)</p> <p>L-emendi li jikkonċernaw il-kostijiet unitarji skont il-punt (ii) u l-metodu ta' kalkolu tat-tariffi li jistgħu jiġu imposti għall-aċċess għat-talbiet ta' informazzjoni għandhom ikunu bbażati fuq proposta mill-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Infommazzjoni (NAIH).</p> <p>Dħul fis-seħħ ta' emenda leġiżlattiva li tħassar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fid-Digriet tal-Gvern 521/2020 (IX. 25.) dwar id-devjazzjoni minn ċerti regoli dwar l-aċċess għall-informazzjoni matul l-istat ta' periklu u l-iżgurar li ma jiġux introdotti aktar restrizzjonijiet leġiżlattivi dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika.</p>
231	C9.R26 Titjib tat-trasparenza u tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika	Stadju importanti	Rapport tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Infommazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika (1)	Pubblikazzjoni tar-rapport tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Infommazzjoni dwar il-konformità tal-korpi pubbliċi mal-obbligi rispettivi tagħhom rigward l-aċċess				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	<p>Il-NAIH għandu jwettaq kontrolli komprensivi u dettaljati fuq il-korpi pubbliċi kollha mill-inqas darbtejn fis-sena u fuq ilment biex jivvaluta jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti rispettivi tagħhom dwar it-trasparenza tad-data pubblika u jipprovdu aċċess għad-data ta' interess pubbliku.</p> <p>Is-sejbiet tal-kontrolli għandhom jiġu stabbiliti f'rapport komprensiv li jidentifika n-nuqqasijiet għal kull korp pubbliku kkonċernat (mill-inqas l-identifikazzjoni tal-għadd ta' talbiet għal aċċess għad-data pubblika riċevuti, l-għadd ta' lmenti relatati mal-kondiviżjoni tad-data pubblika, l-għadd ta' talbiet issodisfati u l-għadd ta' jiem li ttieħdu biex dawn jiġu ssodisfati), kif in-nuqqasijiet għandhom jiġu rimedjati u segwiti kif ukoll rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jittejjeb l-aċċess għad-data pubblika.</p> <p>L-istadju importanti għandu jitqies li ntlaħaq meta r-rapport</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				għall-informazzjoni pubblika						biannwali li jkopri t-tieni nofs tal-2022 isir disponibbli għall-pubbliku kollu kemm hu.
232	C9.R26 Titjib tat-trasparenza u tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika	Stadju importanti	Rapport tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Infommazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika (2)	Pubblikazzjoni tar-rapport tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Infommazzjoni dwar il-konformità tal-korpi pubbliċi mal-obbligi rispettivi tagħhom rigward l-aċċess għall-informazzjoni pubblika				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Il-NAIH għandu jwettaq kontrolli komprensivi u dettaljati fuq il-korpi pubbliċi kollha mill-inqas darbtejn fis-sena u fuq ilment biex jivvaluta jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti rispettivi tagħhom dwar it-trasparenza tad-data pubblika u jipprovdu aċċess għad-data ta' interess pubbliku. Is-sejbiet tal-kontrolli għandhom jiġu stabbiliti f'rapport komprensiv li jidentifika n-nuqqasijiet għal kull korp pubbliku kkonċernat (mill-inqas l-identifikazzjoni tal-għadd ta' talbiet għal aċċess għad-data pubblika riċevuti, l-għadd ta' lmenti relatati mal-kondiviżjoni tad-data pubblika, l-għadd ta' talbiet issodisfati u l-għadd ta' jiem li ttieħdu biex dawn jiġu ssodisfati), kif in-nuqqasijiet għandhom jiġu rimedjati u segwiti kif ukoll rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jittejjeb l-aċċess għad-data pubblika. L-istadju importanti għandu jitqies li ntlaħaq meta r-rapport biannwali li jkopri l-ewwel nofs tal-2024 isir disponibbli għall-pubbliku kollu kemm hu u total ta' erba' rapporti jkunu disponibbli għall-pubbliku.
233	C9.R26 Titjib tat-trasparenza u tal-aċċess għall-informazzjoni pubblika	Stadju importanti	Rapport tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Infommazzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni pubblika (3)	Pubblikazzjoni tar-rapporti tal-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Infommazzjoni dwar il-konformità tal-korpi pubbliċi mal-obbligi				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	In-NAIHgħandu jwettaq kontrolli komprensivi u dettaljati fuq il-korpi pubbliċi kollha mill-inqas darbtejn fis-sena u fuq ilment biex jivvaluta jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti rispettivi tagħhom dwar it-trasparenza tad-data pubblika u l-għoti ta' aċċess għad-data ta' interess pubbliku. Is-sejbiet tal-kontrolli għandhom jiġu stabbiliti f'rapport komprensiv li jidentifika n-nuqqasijiet għal kull korp pubbliku kkonċernat (mill-inqas l-identifikazzjoni tal-għadd ta' talbiet għal aċċess għad-data pubblika riċevuti, l-għadd ta' lmenti relatati mal-kondiviżjoni tad-data pubblika, l-għadd ta' talbiet issodisfati u l-għadd ta' jiem li ttieħdu biex dawn jiġu ssodisfati), kif in-nuqqasijiet għandhom jiġu rimedjati u segwiti kif ukoll

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				rispettivi tagħhom rigward l-aċċess għall-informazzjoni pubblika						rakkomandazzjonijiet dwar kif jista' jittejjeb l-aċċess għad-data pubblika. L-istadju importanti għandu jitqies li ntlaħaq meta r-rapport biannwali li jkopri l-ewwel nofs tal-2026 isir disponibbli għall-pubbliku kollu kemm hu u total ta' tmien rapporti jkunu disponibbli għall-pubbliku.
234	C9.R27 It-titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-qafas għall-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fl-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ungerija	Dispożizzjoni fl-att leġiżlattiv li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	Dħul fis-seħħ ta' att leġiżlattiv li jistabbilixxi l-qafas biex il-partijiet ikkonċernati rilevanti jiġu kkonsultati waqt l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ungerija. Dak l-att leġiżlattiv għandu: (1) Jistabbilixxi strateġija vinkolanti li tiddefinixxi l-kompiti u r-responsabbiltajiet dwar kif il-partijiet ikkonċernati ewlenin għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-miżuri tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza; (2) Jistabbilixxi kumitat ta' monitoraġġ, li jikkonsisti mill-partijiet ikkonċernati u s-sħab soċjali rilevanti għall-implimentazzjoni tal-komponenti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-Kumitat ta' monitoraġġ għandu jingħata l-kompitu li jagħmel monitoraġġ kontinwament tal-implimentazzjoni effettiva tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-membri kollha tal-kumitat ta' monitoraġġ għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi. Mill-inqas 50 % tal-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ għandhom jirrappreżentaw organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti mill-gvern u mill-korpi pubbliċi li huma attivi fil-qasam ta' wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin: il-politika soċjali; l-edukazzjoni; is-suq tax-xogħol; kura tas-saħħa; l-ambjent; il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; l-enerġija; l-iżvilupp sostenibbli; trasport sostenibbli; il-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali, it-trattament ugwali u n-nondiskriminazzjoni; il-ġlieda kontra l-korruzzjoni; u t-trasparenza. Il-membri tal-kumitat ta' monitoraġġ li jirrappreżentaw lis-soċjetà ċivili għandhom jintgħażlu permezz ta' proċess tal-għażla miftuħa, trasparenti, u nondiskriminatorja bbażata fuq kriterji oġġettivi relatati mal-għarfien espert u l-mertu. Kull wieħed minn dawk il-membri għandu jkollu għarfien espert ippruvat f'wieħed jew aktar mill-

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										oqsma msemmija hawn fuq ippruvat minn attività verifikabbli u rilevanti twila biżżejjed f' dawk l-oqsma. Il-Kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darbtejn fis-sena u jirċievi l-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-miżuri fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Il-Kumitat ta' monitoraġġ jista' joħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Awtorità Nazzjonali tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza li għandu jiġi adottat b' maġġoranza sempliċi tal-membri tiegħu. L-awtorità Nazzjonali għandha ssegwi dawk ir-rakkomandazzjonijiet u tirrapporta dwar il-progress ta' dan is-segwitu lill-kumitat ta' monitoraġġ; (3) Jiġi stabbilit obbligu li s-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati jiġu kkonsultati regolarment u b' mod effettiv matul l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
235	C9.R27 It-titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-atti leġiżlattivi rilevanti biex jissaħħaħ l-użu ta' konsultazzjonijiet pubbliċi u valutazzjonijiet tal-impatt fil-proċess tat-tfassil tal-liġijiet	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġiżlattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Dħul fis-seħħ ta' emendi għall-Att CXXXI tal-2010 li jiżguraw li għall-atti leġiżlattivi kollha adottati mill-Gvern (jiġifieri digrieti tal-gvern u digrieti ministerjali) jew imressqa għall-adozzjoni lill-Parlament mill-Gvern (jiġifieri abbozzi ta' liġi) għandha titwettaq konsultazzjoni pubblika effettiva u għandha titħejja valutazzjoni tal-impatt u s-sommarji tagħha għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b' mod sistematiku billi: (I) l-istabbiliment ta' perjodu minimu ta' konsultazzjoni ta' tmint ijiem (li jfisser li l-abbozz ta' att leġiżlattiv għandu jkun disponibbli għall-konsultazzjoni pubblika fl-istess ħin li jintbagħat għal konsultazzjoni intra-governattiva); (II) l-istabbiliment ta' perjodu minimu ta' ħamest ijiem wara l-iskadenza tal-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika biex jitqiesu l-inputs riċevuti matul il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika, li matulu l-att leġiżlattiv tal-gvern ma għandux jiġi adottat mill-gvern, jew l-abbozz ta' liġi ma għandux jiġi ppreżentat lill-Parlament; (III) li s-sehem ta' atti leġiżlattivi li jstgħu jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet fit-Taqsima 5 tal-Att CXXXI tal-2010 għandu jkun massimu ta' 10 % u li għandu jiġi żgurat li l-użu ta' dawn l-eċċezzjonijiet ikun debitament ġustifikat;

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>(IV) li sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt preliminari għandu jkun disponibbli għall-pubbliku flimkien mal-abbozz tal-att leġislativ fil-każijiet kollha;</p> <p>(V) li l-kamp ta' applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet għandu jtnaqqas billi tiġi abolita t-Taqsima 5 (5) tal-Att CXXXI tal-2010. Regoli ta' proċedura rilevanti għandhom jiżguraw ukoll li l-ambitu u l-kontenut tal-valutazzjonijiet tal-impatt ikunu konformi mal-metodoloġija mħejjija taħt il-proġett "ÁROP-1.1.10 — A jogszabály elgkésztési folyamat racionalizálása" kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea;</p> <p>Dħul fis-seħħ ta' emendi għar-regoli ta' proċedura tal-Gvern jew leġislativijiet rilevanti oħra għandu jiżgura li:</p> <p>(VI) l-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern (KEHI) għandu jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti tal-konsultazzjoni pubblika tal-Att CXXXI tal-2010, inkluża l-implimentazzjoni tal-punti (i) sa (v). Is-sejbiet tal-kontrolli ta' hawn fuq għandhom jiġu ppubblikati kull sena sal-31 ta' Jannar f'rapport fuq is-sit web tal-Uffiċċju.</p> <p>(VII) l-Uffiċċju tal-Kontroll tal-Gvern għandu jimponi b'mod konsistenti multa għolja biżżejjed fuq il-ministeru mmexxi mill-ministru responsabbli mit-tnejn tal-leġislativijiet kkonċernata fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tas-CXXXI tal-2010. Ir-raġunijiet għaliex ġiet imposta l-multa għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku. Dħul fis-seħħ tal-emendi għall-atti leġislativi rilevanti għandu jiżgura li:</p> <p>(I) riżorsi addizzjonali huma ddedikati lill-Uffiċċju tal-Assemblea Nazzjonali biex tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Uffiċċju biex jgħin lill-Membri u lill-Kumitati tal-Assemblea Nazzjonali jħejju valutazzjonijiet tal-impatt effettivi u jwettaq konsultazzjonijiet effettivi mal-partijiet ikkonċernati għall-abbozzi proposti minnhom. Il-membri u l-Kumitati tal-Assemblea Nazzjonali għandu jkollhom il-possibbiltà li jitolbu lill-Uffiċċju jħejji valutazzjonijiet tal-impatt u jwettaq konsultazzjonijiet effettivi mal-partijiet ikkonċernati dwar l-abbozzi jew l-emendi mibdija minnhom.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										(II) I-Uffiċċju Ċentrali tal-Istatistika Ungeriż għandu jipprovdi d-data lill-Uffiċċju tal-Assemblea Nazzjonali meħtieġa biex jitwettqu l-valutazzjonijiet tal-impatt.
236	C9.R27 It-titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet	Stadju importanti	Bidu tal-applikazzjoni ta' metodoloġija għda għat-tnejn ta' valutazzjonijiet tal-impatt ta' proposti leġiżlattivi	Adozzjoni u bidu tal-applikazzjoni ta' metodoloġija għda				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Il-Gvern għandu jadotta u jibda japplika metodoloġija għda għall-valutazzjoni sistematika tal-impatt tal-proposti leġiżlattivi kollha li għandha tkun ibbażata fuq (i) valutazzjoni komprensiva tal-esperjenza bil-metodoloġija mħejjija taħt il-proġett "ÁROP-1.1.10 — A jogsabály elgkésztési folyamat racionalizálása" kofinanzjat mill-Unjoni Ewropea, li jidentifika l-punti b'saħħithom u dawk dgħajfa ta' dik il-metodoloġija; (II) identifikazzjoni tal-aħjar prattiki tal-istituzzjonijiet internazzjonali u tal-Istati Membri fir-rigward tal-valutazzjonijiet tal-impatt regolatorju; (III) deskrizzjoni ta' metodoloġija riveduta tal-valutazzjoni tal-impatt li għandha titħejja bl-involviment ta' organizzazzjonijiet internazzjonali b'għarfien espert rikonoxxut b'mod wiesa' fil-qasam tal-valutazzjoni tal-impatt regolatorju. Id-dokumenti kollha ta' hawn fuq għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku u għandhom ikunu soġġetti għal konsultazzjoni effettiva mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati nongovernattivi.
237	C9.R27 It-titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet	Tal-UE	Tisħiħ tal-applikazzjoni effettiva tar-regoli li jikkonċernaw il-konsultazzjoni pubblika obligatorja tal-atti leġiżlattivi u l-pubblikazzjoni sistematika tas-sommarji preliminari tal-valutazzjoni tal-		%	0	90	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Mill-inqas 90 % tad-digrieti kollha tal-gvern, id-digrieti ministerjali adottati mill-gvern u l-abbozzi kollha ppreżentati mill-gvern lill-Parlament bejn l-1 ta' Novembru 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022 kienu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, u l-valutazzjonijiet tal-impatt sommarji kollha kellhom jiġu ppubblikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att CXXXI tal-2010 — kif emendat f'konformità mal-istadju importanti 235 — ġew ippubblikati. Dan kollu għandu jiġi kkonfermat minn rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			impatt (1)							
238	C9.R27 It-titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involvement effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet	Tal-UE	Tisħiħ tal-applikazzjoni effettiva tar-regoli li jikkonċernaw il-konsultazzjoni pubblika obbligatorja tal-atti leġislattivi u l-pubblikazzjoni sistematika tas-sommarji preliminari tal-valutazzjoni tal-impatt (2)	%	0	90	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Mill-inqas 90 % tad-digrieti kollha tal-gvern, id-digrieti ministerjali adottati mill-gvern u l-abbozzi kollha ppreżentati mill-gvern lill-Parlament bejn l-1 ta' Jannar 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023 kienu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, u l-valutazzjonijiet tal-impatt sommarji kollha kellhom jiġu ppubblikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att CXXXI tal-2010 — kif emendat f'konformità mal-istadju importanti 235 — ġew ippubblikati. Dan kollu għandu jiġi kkonfermat minn rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF.	
239	C9.R25 It-titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involvement effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet	Tal-UE	Tisħiħ tal-applikazzjoni effettiva tar-regoli li jikkonċernaw il-konsultazzjoni pubblika obbligatorja tal-atti leġislattivi u l-pubblikazzjoni sistematika tas-sommarji preliminari tal-valutazzjoni tal-impatt (3)	%	0	90	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2025	Mill-inqas 90 % tad-digrieti kollha tal-gvern, id-digrieti ministerjali adottati mill-gvern u l-abbozzi kollha ppreżentati mill-gvern lill-Parlament mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024 kienu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, u l-valutazzjonijiet tal-impatt sommarji kollha kellhom jiġu ppubblikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att CXXXI tal-2010 — kif emendat f'konformità mal-istadju importanti 235 — thej jew f'konformità mal-metodoloġija żviluppata f'konformità mal-istadju importanti 236 u ġew ippubblikati. Dan kollu għandu jiġi kkonfermat minn rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF.	

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
240	C9.R27 It-titjib tal-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet u l-involviment effettiv tal-partijiet ikkonċernati u tas-sħab soċjali fit-teħid tad-deċiżjonijiet	Tal-UE	Tisħiħ tal-applikazzjoni effettiva tar-regoli li jikkonċernaw il-konsultazzjoni pubblika obbligatorja tal-atti leġislattivi u l-pubblikazzjoni sistematika tas-sommarji preliminari tal-valutazzjoni tal-impatt (4)	%	0	90	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Mill-inqas 90 % tad-digriet kollha tal-gvern, id-digriet ministerjali adottati mill-gvern u l-abbozzi kollha ppreżentati mill-gvern lill-Parlament mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025 kienu soġġetti għal konsultazzjoni pubblika, u l-valutazzjonijiet tal-impatt sommarji kollha kellhom jiġu ppubblikati f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Att CXXXI tal-2010 — kif emendat f'konformità mal-istadju importanti 235 — thej jew f'konformità mal-metodoloġija żviluppata f'konformità mal-istadju importanti 236 u ġew ippubblikati. Dan kollu għandu jiġi kkonfermat minn rapport tal-awditjar finali b'opinjoni tal-awditjar mhux kwalifikata mill-EUTAF.	
241	C9.R28 Appoġġ għall-proċess deċiżjonali u leġislativ ibbażat fuq id-data bl-għan li jiżiedu l-effiċjenza, it-trasparenza u jitnaqqsu r-riskji ta' irregolaritajiet	Stadju importanti	Twaqqif ta' pjattaforma tad-data u sistema ta' mmudellar tad-data				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Fuq il-bażi ta' deskrizzjoni ta' sistema dettaljata mħejjija bil-koordinazzjoni tal-Ministeru tal-Ġustizzja, għandha titwaqqaf pjattaforma tad-data u għodda għall-immudellar tad-data biex tiġi żgurata l-konnessjoni tal-bażijiet tad-data u jiġu żviluppati l-kapaċitajiet għall-immudellar tad-data fuq il-bażi ta' din id-data bl-għan li jkun hemm viżwalizzazzjoni u spjegazzjoni aħjar tal-effetti tar-regolamentazzjoni lill-pubbliku. L-istadju importanti għandu jitqies li ntlaħaq ladarba, wara prova, il-pjattaforma tad-data u l-għodda tal-immudellar tad-data jkunu kompletament funzjonali u operazzjonali u jiġu attivati (jiġifieri, l-amministrazzjoni pubblika tkun bdiet tużaha).	

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
				i pubblika bdiet tużahom						
242	C9.R28 Appoġġ għall-proċess deċiżjonali u leġiżlattiv ibbażat fuq id-data bl-għan li jiżdiedu l-effiċjenza, it-trasparenza u jitnaqqsu r-riskji ta' irregolaritajiet	Tal-UE	Għadd ta' persuni li lestew korsijiet ta' taħriġ dwar il-viżwalizzazzjoni tad-data		Għadd	0	200	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2025	Saru korsijiet ta' taħriġ għall-persunal tal-ministeri kompetenti, l-istituzzjonijiet tal-gvern u r-rappreżentanti tas-sħab soċjali involuti fl-ippjanar strateġiku u fil-ħidma preparatorja leġiżlattiva dwar l-għodod u l-prattiki tal-viżwalizzazzjoni tad-data (relatati mal-istadju importanti 241) u mill-inqas 200 parteċipant li lestew it-taħriġ kompletament li rċewew iċ-ċertifikat tagħhom.
243	C9.R29 Estensjoni tas-sistema deċiżjonali amministrattiva awtomatika bl-għan li jiżdiedu l-effiċjenza, it-trasparenza u jitnaqqsu r-riskji tal-irregolaritajiet	Tal-UE	Tipi awtomatizzati addizzjonali ta' każijiet introdotti fis-sistema awtomatika tat-teħid ta' deċiżjonijiet amministrattiva (AKD)		Għadd	0	3	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	Tliet tipi ta' każijiet ġodda b'funzjonalitajiet kompletament operazzjonali għandhom jiġu introdotti fis-sistema awtomatika tat-teħid ta' deċiżjonijiet (AKD) li tippermetti l-ipproċessar kompletament awtomatizzat tagħhom (mingħajr interazzjoni umana) biex jitnaqqas ir-riskju ta' korruzzjoni. Dawn it-tipi ta' każijiet għandhom jikkonċernaw l-oqsma li ġejjin: — l-amministrazzjoni tal-vettura; — il-benefiċċji tat-trasport u tal-parkeġġ għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa; u għal — verifika tal-prova tal-eliġibbiltà għall-benefiċċji u l-intitolamenti tal-istat]. L-istadju importanti għandu jitqies li ntlaħaq ladarba, wara prova, il-moduli għat-tliet tipi ta' każijiet fl-AKD ikunu kompletament funzjonali u operazzjonali u jiġu attivati (jiġifieri, il-pubbliku jkun beda jużahom).
244	C9.R30 Tisħiħ tas-sistema nazzjonali ta' ġestjoni tat-tagħmir tal-IT biex tiżdied l-effiċjenza	Stadju importanti	It-twaqqif ta' sistema ċentrali għall-ġestjoni tat-tagħmir tal-IT u tal-liċenzjar tas-	Il-ġestjoni tat-tagħmir tal-IT u r-reġistru u s-sistema tal-liċenzjar tas-				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandha tiġi stabbilita sistema ċentrali ta' ġestjoni tat-tagħmir tal-IT u ta' liċenzjar tas-software biex tipprovdi reġistru komprensiv u monitoraġġ taċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir tal-IT u servizz ċentrali flessibbli u faċli għall-klijenti biex jiġu żgurati l-provvista, it-titjib, it-tiswija, il-bidla, l-iskrapjar, l-installazzjoni u

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tas-servizzi pubbliċi		software	software huma kompletament funzjonali u operazzjonali						s-servizzi relatati għat-tagħmir tal-IT għal mill-inqas 3 000 korp pubbliku fil-qasam tas-saħħa, l-edukazzjoni pubblika u l-kura soċjali (bħal skejjet preprimarji, skejjet primarji, skejjet sekondarji, djar soċjali u faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal). L-istadju importanti għandu jittqies li ntlaħaq meta, wara prova (bl-involvement tal-utenti finali u ta' dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet kummerċjali), is-sistema l-għdida tkun kompletament funzjonali u operazzjonali f'konformità mad-disinn tas-sistema adottata u l-funzjonijiet tagħha jiġu attivati (jiġifieri l-utenti aħħarin ikunu bdew jużawha)
245	C9.R31 Introduzzjoni tar-rekwiżiti minimi tas-sustanza għall-finijiet tat-taxxa korporattiva	Stadju importanti	Rieżami tal-esperti internazzjonali indipendenti tar-regoli domestiċi kontra l-evitar tat-taxxa	Pubblikazzjoni tar-rieżami				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	Rieżami tal-esperti internazzjonali indipendenti tar-regoli domestiċi kontra l-evitar tat-taxxa għandu jitwettaq minn fornitur indipendenti ta' għarfien espert rikonnoxxut b'mod wiesa' dwar is-suġġett tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa. L-istudju għandu janalizza s-sitwazzjoni attwali tar-regoli domestiċi kontra l-evitar tat-taxxa u jipprovdi proposti u rakkomandazzjonijiet konkreti biex tittejjeb l-effettività tar-regoli tat-taxxa fir-rigward tal-entitajiet fittizji, b'enfasi fuq ir-rekwiżiti minimi ta' sustanza għal finijiet ta' taxxa korporattiva u l-konsegwenzi tat-taxxa f'każ ta' nuqqas li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti minimi tas-sustanza. Ir-rieżami, inklużi r-rakkomandazzjonijiet, għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Finanzi.
246	C9.R31 Introduzzjoni tar-rekwiżiti minimi tas-sustanza għall-finijiet tat-taxxa korporattiva	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sustanza għal finijiet ta' taxxa korporattiva fuq l-introjt	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Għandha tidħol fis-seħħ leġiżlazzjoni li tistabbilixxi rekwiżiti minimi ta' sustanza għall-finijiet tat-taxxa korporattiva. Il-leġiżlazzjoni għandha titħejja abbażi tas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rieżami tal-esperti indipendenti msemmi fl-istadju importanti 245 u għandha timmitiga r-riskji identifikati fl-imsemmi rieżami. Qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni mill-gvern, il-kunċett ta' rekwiżiti minimi ta' sustanza għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Finanzi u l-Ministeru għall-Finanzi għandu jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi (inkluż mal-partijiet ikkonċernati bħall-prattikanti tat-taxxa u l-kmamar tan-negozju) dwar l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ġodda ta' sustanza minima.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Il-leġislazzjoni adottata għandha tinkludi mill-anqas l-elementi li ġejjin: i) l-identifikazzjoni tal-ambitu tal-kumpaniji bi skopertura kbira ta' introjtu passiv transfruntier (kriterji primarji); ii) l-identifikazzjoni ta' rekwiżiti minimi ta' sustanza (inkluż — iżda mhux limitati għal — kont bankarju u post); u għal iii) l-istabbiliment ta' konsegwenzi fiskali f'każ li ma jintlaħqux ir-rekwiżiti minimi ta' sustanza.
247	C9.R32 It-tisħiħ tar-regolamenti dwar l-ipprezzar ta' trasferiment	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġislattivi biex jissaħħu r-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġislattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Għandhom jidħlu fis-seħħ emendi leġislattivi li jintroduċu obbligi ġodda ta' rapportar tal-ipprezzar ta' trasferiment. L-emendi leġislattivi għandhom iqisu s-sejbiet tal-konsultazzjonijiet pubbliċi organizzati mill-Ministeru għall-Finanzi. Il-leġislazzjoni adottata għandha tinkludi rekwiżiti dettaljati għar-rapportar tad-data l-għdida dwar l-ipprezzar tat-trasferiment (bħall-kamp ta' applikazzjoni, id-data rapportabbli, il-metodu). Il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet leġislattivi għandu jkopri tranżazzjonijiet bejn impriżi assoċjati li jilħqu mill-inqas HUF 100 miljun.
248	C9.R33 Tisħiħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar in-nondeduċibbiltà għall-pagamenti ħerġin	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġislattivi biex jitwessgħu r-regoli ta' nondeduċibbiltà għall-pagamenti 'l barra	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġislattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Għandhom jidħlu fis-seħħ emendi leġislattivi li jwessgħu r-regoli ta' nondeduċibbiltà għal pagamenti 'l barra. Il-leġislazzjoni adottata għandha testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli ta' nondeduċibbiltà sabiex tkopri t-tranżazzjonijiet kollha tar-royalties u tal-pagamenti tal-imgħax ħerġin f'għuridizzjonijiet li jew huma elenkati fil-lista tal-UE ta' għuridizzjonijiet li ma jikkoooperawx jew li huma kkunsidrati bħala għuridizzjonijiet b'rata żero jew baxxa ta' taxxa (li jinkludu kwalunkwe għuridizzjoni b'rata tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu statutorja taħt ir-rata tat-taxxa korporattiva fuq l-introjtu statutorja tal-Ungerija). Il-leġislazzjoni għandha tidentifika kriterji dwar meta tiġi applikata konsegwenza tat-taxxa, filwaqt li jitqiesu r-raġunijiet tan-negozju wara t-tranżazzjoni u t-trattament tat-taxxa tat-tranżazzjoni sabiex jiġu koperti każijiet ta' nontassazzjoni doppja; Din għandha tidentifika wkoll il-konsegwenzi tat-taxxa xierqa biex jittaffa r-riskju fil-mira.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni mill-gvern, il-Ministeru għall-Finanzi għandu jorganizza konsultazzjonijiet pubbliċi (inkluż mal-partijiet ikkonċernati bħall-prattikanti tat-taxxa u l-kmamar tan-negożju).
249	C9.R33 Tisħiħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar in-nondeduċibbiltà għall-pagamenti ħerġin	Stadju importanti	Evalwazzjoni indipendenti tal-effettività tas-sett ġenerali ta' regoli domestiċi relatati mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa	Pubblikazzjoni tal-evalwazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Għandha titwettaq evalwazzjoni indipendenti rigward l-effettività tas-sett ġenerali ta' regoli domestiċi li jindirizzaw il-kumpaniji fittizji u l-pagamenti tal-imgħax u tar-royalties 'l barra bejn kumpaniji stabbiliti fl-Ungerija u kumpaniji stabbiliti f'ġuriżdizzjonijiet li jiffurmaw parti mil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx jew li jitqiesu bħala ġuriżdizzjonijiet b'rata żero jew baxxa ta' taxxa. L-evalwazzjoni għandha titwettaq minn fornitur indipendenti ta' għarfien espert rikonoxxut b'mod wiesa' dwar is-suġġett tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa. L-evalwazzjoni għandha tivvaluta l-qafas tat-taxxa tal-Ungerija b'mod olistiku, inklużi l-miżuri kollha adottati sa dak iż-żmien. L-evalwazzjoni għandha tressaq rakkomandazzjonijiet għal azzjoni politika li għandha tittieħed mill-Ungerija, inkluż fil-forma ta' bidliet leġiżlattivi biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati, b'mod partikolari fil-qasam tal-pagamenti 'l barra ta' royalties, mgħax u dividendi. L-evalwazzjoni, inklużi r-rakkomandazzjonijiet, għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Finanzi.
250	C9.R33 Tisħiħ tal-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli dwar in-nondeduċibbiltà għall-pagamenti ħerġin	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex tittejjeb l-effettività ta' miżuri relatati mal-ippjanar aggressiv tat-taxxa	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġiżlattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandhom jidħlu fis-seħħ emendi leġiżlattivi biex tittejjeb l-effettività tal-miżuri biex jiġi indirizzat l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Il-leġiżlazzjoni għandha tiġi introdotta biex tindirizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni indipendenti msemmija fl-istadju importanti 249.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
251	C9.R34 Trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mat-taxxa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għall-introduzzjoni tas-soluzzjoni ePayroll	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	Is-soluzzjoni l-ġdida ePayroll (il-Pjattaforma tal-Provvista tad-Data dwar l-Impjeggi) għandha tiġi żviluppata u għandhom jidhru fis-seħħ il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa għall-introduzzjoni tagħha. Il-leġiżlazzjoni għandha timmodifika l-proċeduri tal-formoli tal-forniment tad-data dwar l-impjeggi biex tippermetti l-użu tas-servizzi l-ġodda mill-kontribwenti (l-impjegaturi).  Qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni, l-awtoritajiet għandhom: 1) japprova l-proposta ta' żvilupp inizjali dwar l-ePayroll permezz ta' deċiżjoni tal-gvern; 2) tistabbilixxi struttura ta' ġestjoni ta' konsorzju interministerjali u taħtar kummissarju tal-gvern dedikat responsabbli għall-implimentazzjoni b'suċċess tar-riforma; u għal 3) twestaq konsultazzjoni pubblika dwar il-verżjoni proposta tas-soluzzjoni qabel ma tibda l-fażi tal-iżvilupp tal-IT.
252	C9.R34 Trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mat-taxxa	Stadju importanti	Introduzzjoni multifażi tas-sistema ePayroll	Tlestija tal-fażi pilota tas-sistema l-ġdida				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Għandha titlesta l-fażi pilota tal-implimentazzjoni tas-soluzzjoni ePayroll, bl-involviment volontarju ta' minimu ta' 50 kumpanija (inklużi impjegaturi ta' kull kategorija ta' daqs). Il-funzjonalitajiet ewlenin tas-sistema l-ġdida għandhom jiġu ttestjati, filwaqt li jiġi identifikat b'mod kosteffiċjenti kwalunkwe difett potenzjali fi żmien debitu.
253	C9.R34 Trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mat-taxxa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni għall-introduzzjoni tas-sistema eReceipt	Dispożizzjoni fil-leġiżlazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Għandha tiġi żviluppata s-soluzzjoni l-ġdida eReceipt u għandhom jidhru fis-seħħ il-bidliet leġiżlattivi meħtieġa għall-introduzzjoni tagħha. Il-leġiżlazzjoni għandha timmodifika l-proċeduri tad-dokumentazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet B2C biex tippermetti l-użu tas-servizzi l-ġodda mill-kontribwenti.  Qabel l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni, l-awtoritajiet għandhom: 1) japprova l-proposta ta' żvilupp inizjali għall-Irċevuta elettronika permezz ta' deċiżjoni tal-gvern; u għal 2) twestaq konsultazzjoni pubblika dwar is-soluzzjoni proposta.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
254	C9.R34 Trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mat-taxxa	Stadju importanti	Introduzzjoni multifażi tas-sistema eReceipt	Tnedija tas-sistema l-ġdida tal-Irċevuta elettronika				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Is-soluzzjoni eReceipt għandha tiġi implimentata u għandha tiġi offruta bħala servizz lill-klijenti interessati. Il-Cash Registers Online li diġà jiffunzjonaw għandhom jitħallew joperaw b'mod parallel sal-iskadenza ta' klawżola ta' estinzjoni. Is-soluzzjoni eReceipt għandha tilħaq penetrazzjoni ugwali għal 40 % tal-valur totali tat-tranżazzjoni B2C sal-31 ta' Marzu 2026.
255	C9.R34 Trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mat-taxxa	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' konformità mal-VAT permezz tal-introduzzjoni tas-sistema eVAT	Dispożizzjoni fil-leġislazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tagħha				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Għandha tiġi żviluppata s-soluzzjoni eVAT il-ġdida u għandhom jidhru fis-seħħ il-bidliet leġislattivi meħtieġa għall-introduzzjoni tagħha. Il-leġislazzjoni għandha tissimplifika l-proċeduri ta' konformità tal-VAT billi timmodifika l-proċeduri tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT biex tippermetti l-użu tas-servizzi l-ġodda mill-kontribwenti.  Qabel l-adozzjoni tal-leġislazzjoni, l-awtoritajiet għandhom: 1) japprova l-proposta ta' żvilupp inizjali għall-VAT elettronika permezz ta' deċizzjoni tal-gvern; u għal 2) twettaq konsultazzjoni pubblika dwar is-soluzzjoni proposta.
256	C9.R34 Trasformazzjoni diġitali tal-proċeduri ta' konformità mat-taxxa	Stadju importanti	Introduzzjoni multifażi tas-sistema eVAT	Tnedija tas-sistema l-ġdida tal-eVAT				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Is-soluzzjoni eVAT il-ġdida għandha tiġi implimentata u għandha tiġi offruta bħala servizz lill-klijenti interessati. Is-sistema eVAT il-ġdida għandha tilħaq penetrazzjoni ta' mill-inqas 40 % tal-kontribwenti kollha tal-VAT bl-użu ta' mill-inqas servizz wieħed offrut mis-sistema sal-31 ta' Marzu 2026.
257	C9.R35 Is-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-għadd ta' taxxi	Stadju importanti	Eliminazzjoni gradwali tal-miżuri tat-taxxa temporanji	Dispożizzjonijiet fil-leġislazzjoni li jindikaw l-iskadenza tal-miżuri tat-taxxa temporanji				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Il-miżuri tat-taxxa temporanji introdotti fil-kuntest tat-tfikkil ekonomiku kkawżat mill-COVID-19 u mill-kriżi tal-enerġija għandhom jitneħħew gradwalment, f'konformità mal-klawżola ta' estinzjoni eżistenti tagħhom. Dawk il-miżuri tat-taxxa temporanji jinkludu: (1) it-taxxa żejda fuq is-settur bankarju (il-Paragrafu 1 tad-Digriet tal-Gvern 197/2022) (2) it-taxxa speċjali fuq is-settur tal-assigurazzjoni (il-Paragrafu 16 tad-Digriet tal-Gvern 197/2022) (3) it-taxxi speċjali fuq is-settur tal-enerġija (il-Paragrafi 2, 3 u 8 tad-Digriet tal-Gvern 197/2022)

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										(4) is-soprataxxa fuq is-settur tal-bejgħ bl-imnut (il-Paragrafi 20–21 tad-Digriet tal-Gvern 197/2022) (5) is-soprataxxa fuq is-settur tat-telekomunikazzjoni (il-Paragrafu 14 tad-Digriet tal-Gvern 197/2022) (6) is-soprataxxa fuq is-settur farmaċewtiku (il-Paragrafu 7 tad-Digriet tal-Gvern 197/2022).
258	C9.R35 Is-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-għadd ta' taxxi	Stadju importanti	Rapport mill-grupp ta' ħidma dwar it-tnaqqis tal-għadd ta' taxxi	Pubblikazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Għandu jitwaqqaf grupp ta' ħidma biex jevalwa l-possibiltajiet li jitnaqqas l-għadd ta' taxxi. Il-grupp ta' ħidma għandu jinkludi rappreżentanti tal-Ministeru għall-Finanzi, l-awtorità tat-taxxa, il-kmamar kummerċjali (il-Kamra Ungeriża tal-Kummerċ u l-Industrija, il-Kamra Ġermaniża Ungeriża tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Kamra Amerikana tal-Kummerċ fl-Ungerija), rappreżentanti tal-konsulenti tat-taxxa u esperti akkademiċi. Il-grupp ta' ħidma għandu jħejji rapport li jirrakkomanda għażliet għal tnaqqis fl-għadd ta' taxxi. Il-grupp ta' ħidma għandu jevalwa mill-inqas is-suġġetti li ġejjin: <ul style="list-style-type: none"> <li>• konsolidazzjoni tat-tassazzjoni lokali fuq il-proprjetà (taxxa fuq il-bini, taxxa fuq ir-roqgħa art, taxxa komunali);</li> <li>• konsolidazzjoni tat-tassazzjoni tal-vetturi (taxxa fuq il-vetturi, taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji, dazju tar-reġistrazzjoni, dazji fuq it-trasferiment tal-proprjetà);</li> <li>• amalgamazzjoni tal-kontribuzzjoni ta' riabilitazzjoni (ammont fiss) fit-taxxa tal-impjegaturi;</li> <li>• amalgamazzjoni tat-tassazzjoni tad-donazzjonijiet/tal-wirt fit-taxxa fuq l-introjt personali;</li> <li>• tneħħija ta' taxxi minuri b'kapaċità minima ta' ġbir ta' dħul (ħlief għal dawk meħtieġa mil-liġi tal-UE u dawk li jservu għanijiet ambjentali); u għal</li> <li>• tneħħija/konsolidazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-benefiċċju tal-mard.</li> </ul> Ir-rapport tal-grupp ta' ħidma għandu jirrakkomanda tnaqqis ta' 10 % tal-għadd ta' taxxi meta mqabbel mal-għadd fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023. It-tnaqqis għandu jinkiseb bit-tneħħija ta' taxxi eżistenti jew il-konsolidazzjoni ta' tnejn jew aktar minnhom

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										f'waħda. Il-miżuri tat-taxxa temporanji li se jiskadu sal-31 ta' Diċembru 2023 u li jissemmew fl-istadju importanti 257, kif ukoll it-taxxa fuq il-pipelines ta' utilità msemija fl-istadju importanti 262, la għandhom jingħaddu bħala parti mit-taxxi li jkunu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023 u lanqas ma għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis propost fl-għadd ta' taxxi. Ir-rapport tal-grupp ta' ħidma għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.
259	C9.R35 Is-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-għadd ta' taxxi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex jitnaqqas l-għadd ta' taxxi	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġiżlattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi biex jitnaqqas l-għadd ta' taxxi, abbażi tar-rapport tal-grupp ta' ħidma ddedikat imsemmi fl-istadju importanti 258. Il-leġiżlazzjoni adottata għandha tikseb tnaqqis ta' 10 % tal-għadd ta' taxxi meta mqabbel mal-għadd fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023. It-tnaqqis għandu jinkiseb bit-tneħġija ta' taxxi eżistenti jew il-konsolidazzjoni ta' tnejn jew aktar minnhom f'waħda. Il-miżuri tat-taxxa temporanji li se jiskadu sal-31 ta' Diċembru 2023 u li jissemmew fl-istadju importanti 257, kif ukoll it-taxxa fuq il-pipelines ta' utilità msemija fl-istadju importanti 262, la għandhom jingħaddu bħala parti mit-taxxi li jkunu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023 u lanqas ma għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis fl-għadd ta' taxxi.
260	C9.R35 Is-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-għadd ta' taxxi	Stadju importanti	Rapport mill-grupp ta' ħidma għall-possibbiltajiet ta' simplifikazzjoni u konsolidazzjoni ta' sett alternattiv ta' regoli dwar it-tassazzjoni fuq l-introjtu personali	Pubblikazzjoni tar-rapport				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2023	Grupp ta' ħidma għandu jingħata l-kompitu li jħejji rapport dwar kif ir-regoli dwar it-tassazzjoni fuq l-introjtu personali tista' tiġi ssimplifikata u kkonsolidata, bil-ħsieb li jiġi eliminat l-infiq ineffiċjenti tat-taxxa, li l-għażliet tar-regoli tat-taxxa jsiru aktar faċli għall-kontribwenti u li jitnaqqsu l-inċentivi distorti jew mhux ġustifikati biex b'hekk is-sistema tat-taxxa ssir aktar ġusta. Il-grupp ta' ħidma għandu jinkludi rappreżentanti tal-Ministeru għall-Finanzi, l-awtorità tat-taxxa, il-kmamar kummerċjali (il-Kamra Ungeriża tal-Kummerċ u l-Industrija, il-Kamra Ġermaniża Ungeriża tal-Industrija u l-Kummerċ, il-Kamra Amerikana tal-Kummerċ fl-Ungerija), rappreżentanti tal-konsulenti tat-taxxa u esperti akkademiċi.  Il-grupp ta' ħidma għandu jippreżenta r-rapport tiegħu dwar il-proposti ta' riforma lill-Gvern. Ir-rapport għandu jsir pubbliku.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
261	C9.R35 Is-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa billi jitnaqqas l-għadd ta' taxxi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għas-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tat-tassazzjoni fuq l-introjtu personali	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġiżlattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2023	Dħul fis-seħħ ta' emendi leġiżlattivi għas-simplifikazzjoni u l-konsolidazzjoni tat-tassazzjoni fuq l-introjtu personali, abbażi tar-rapport tal-grupp ta' ħidma ddedikat imsemmi fl-istadju importanti 260.
262	C9.R36 Riforma tat-taxxa fuq il-pipelines ta' utilità pubblika	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att li jħassar jew jemenda l-Att Nru CLXVIII tal-2012 dwar it-taxxa fuq il-pipelines tal-utilitajiet	Dispożizzjonijiet fl-emendi leġiżlattivi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tagħhom				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Għandu jidħol fis-seħħ Att dwar is-simplifikazzjoni tat-tassazzjoni tal-utilitajiet pubbliċi biex i) iħassar l-Att Nru CLXVIII tal-2012 dwar it-taxxa fuq il-pipelines tal-utilitajiet, jew ii) jemenda l-Att CLXVIII tal-2012 dwar it-taxxa fuq il-pipelines tal-utilitajiet biex jintroduċi regola tat-taxxa li tippermetti li s-sidien tal-utilitajiet jirrilaxxaw jew jikkreditaw it-taxxa dettaljata pagabbli fuq il-linji tagħhom (l-ilma u d-drenaġġ, il-linji tal-elettriku, il-pajpijiet tal-gass naturali u l-kejbils tat-telekomunikazzjoni) li jinsabu f'żoni pubbliċi għall-ammont li jinvestu fil-manutenzjoni jew it-titjib ta' dawk il-linji.
263	C9.R37 Integrazzjoni tal-użu ta' kampanji ta' komunikazzjoni u għarfien dwar l-impjgħ mill-amministrazzjoni tat-taxxa	Stadju importanti	Titjib tal-prattiki ta' komunikazzjoni tal-korpi tal-amministrazzjoni pubblika lejn il-klijenti tagħhom	Ir-rapport jiġi ppreżentat lill-Gvern u titnieda gwida ġdida "pass pass"				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	L-awtorità Nazzjonali għall-Ġbir tat-Taxxa (NTCA) għandha tnejjri rapport dwar il-komponenti u r-riżultati tal- "programm ta' komunikazzjoni sempliċi" tagħha. Ir-rapport għandu jippromwovi l-integrazzjoni ta' approċċi ta' komunikazzjoni orjentati lejn il-klijent u faċli biex jinftiehem f'organizzazzjonijiet oħra tal-amministrazzjoni pubblika li jħarsu lejn il-klijenti permezz tal-NTCA li tiġbor esperjenzi reali u tkun pijuniera ta' metodi. Ir-rapport għandu jiġi ppreżentat lill-gvern u jsir disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-rapport, gwida ġdida "pass pass" dwar suġġetti speċifiċi, inkluża l-assistenza fl-għażla tal-impreduri privati fost reġimi tat-taxxa fakultattivi, l-applikazzjonijiet għall-ħelsien mill-pagamenti, it-tassazzjoni u t-taxxi tal-boll tat-tranżazzjonijiet tal-proprietà immobbli għandhom jiġu ppubblikati fuq il-pjattaformi diġitali tal-NTCA.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
264	C9.R37 Integrazzjoni tal-użu ta' kampanji ta' komunikazzjoni u għarfien dwar l-imġiba mill-amministrazzjoni tat-taxxa	Stadju importanti	Applikazzjonijiet ta' għarfien dwar l-imġiba fil-proċeduri NTCA	Rapport dwar l-applikazzjonijiet ta' għarfien dwar l-imġiba fil-proċeduri NTCA u pubblikazzjoni tar-riżultati tal-proġetti pilota tal-BI				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	<p>Il-NTCA għandha tfejji rapport u tippreżenta lill-Gvern dwar kif l-approċċi tal-għarfien dwar l-imġiba (BI) jistgħu jtejjbu t-tweqqif tal-funzjonijiet tal-amministrazzjoni pubblika, abbażi tal-evidenza miġbura fil-proġetti pilota tal-BI tal-NTCA u l-esperjenza miksuba permezz tal-integrazzjoni tagħhom fi proċeduri regolari.</p> <p>Għandhom jitwettqu mill-inqas tliet proġetti pilota ġodda tal-BI bbażati fuq l-RCT f'kooperazzjoni bejn l-NTCA u l-Ministeru għall-Finanzi. Is-suġġetti għandhom jinkludu mill-inqas l-irfinar tal-messaġġi, il-forniment ta' għodod għall-konformità volontarja, it-titjib tas-servizzi ta' mentoraġġ, is-sejbien ta' bilanċ tajjeb bejn l-interventi fl-imġiba u l-infurzar fil-għieda kontra l-evazzjoni tat-taxxa. Ir-riżultati ta' dawn il-proġetti għandhom jiġu evalwati u ppubblikati.</p>
265	C9.R37 Integrazzjoni tal-użu ta' kampanji ta' komunikazzjoni u għarfien dwar l-imġiba mill-amministrazzjoni tat-taxxa	Stadju importanti	Dokument kunċettwali dwar ir-reviżjoni ġenerali tal-pjattaformi tal-IT tal-NTCA u l-integrazzjoni tagħhom f'servizz b'kanal wieħed	Pubblikazzjoni tad-dokument kunċettwali				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	<p>Dokument kunċettwali mħejji mill-NTCA għandu jipprovdi pjan dettaljat ta' kif id-diversi pjattaformi tal-IT tal-amministrazzjoni tat-taxxa għandhom jiġu kkonsolidati fi pjattaforma b'kanal wieħed. Il-konsolidazzjoni għandha tagħmel mezz kompletament diġitali disponibbli għall-kontribwenti għall-użu fl-interazzjonijiet tagħhom mal-awtorità tat-taxxa. Id-dokument kunċettwali għandu jinkludi skeda ta' żmien proposta tal-proġetti ta' żvilupp meħtieġa, inkluża stima dwar id-daqs u d-distribuzzjoni temporali tar-riżorsi meħtieġa. Dan għandu jipprovdi wkoll pjan għall-integrazzjoni tal-iżviluppi tal-IT kollha li għaddejjin jew li huma pplanati tal-NTCA fuq il-pjattaforma, li jibni fuq l-innovazzjonijiet tal-komunikazzjoni u l-approċċi tal-BI meta jiffasslu s-servizzi u d-disinn tal-Interfaċċa tal-Utenti/tal-Esperjenza tal-Utenti (UI/UX). Dan id-dokument kunċettwali għandu jservi bħala bażi għall-ippjanar tal-iżvilupp tal-IT għall-NTCA.</p> <p>Id-dokument kunċettwali għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-NTCA.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
266	C9.R37 Integrazzjoni tal-użu ta' kampanji ta' komunikazzjoni u għarfien dwar l-imġiba mill-amministrazzjoni tat-taxxa	Stadju importanti	Disponibbiltà ta' funzjonalitajiet ġodda fuq il-pjattaformi integrati tal-NTCA	Funzjonalitajiet ġodda huma operazzjonali u disponibbli fuq il-pjattaformi integrati u l-applikazzjoni mobbli				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2025	Wara l-konsolidazzjoni ta' pjattaformi separati (bħal ePIT, sit ta' Applikazzjoni tal-Formoli Online) u l-forniment ta' servizzi li għadhom mhumiex disponibbli permezz ta' kanali diġitali (bħal konnessjoni ePayroll, taxa tal-boll, taxxi relatati mal-vetturi), mill-inqas tliet funzjonalitajiet ġodda (mhux ipprovduti qabel it-30 ta' Settembru 2022) għandhom isiru operazzjonali u disponibbli għall-utenti fuq il-pjattaforma integrata u l-applikazzjoni mobbli.
267	C9.R38 Titjib tal-effiċjenza tan-nefqa pubblika permezz tat-tweqqif ta' rieżamijiet tal-infiq	Stadju importanti	Stabbiliment tal-qafas legali u istituzzjonali għat-tweqqif tar-rieżamijiet tal-infiq annwali	Dħul fis-seħħ ta' emenda tar-regoli organizzattivi u operazzjonali tal-Ministeru għall-Finanzi, u dħul fis-seħħ ta' deċiżjoni tal-gvern dwar il-metodoloġija u l-pan ta' ħidma fuq terminu medju għar-rieżamijiet tal-infiq				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	L-awtoritajiet għandhom jiddeżinjaw il-Ministeru għall-Finanzi bħala l-istituzzjoni responsabbli għall-koordinazzjoni u t-tweqqif ta' rieżamijiet tal-infiq. Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jstabbilixxi unità inkarigata mill-koordinazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq ("unità tal-koordinazzjoni"). L-unità tal-koordinazzjoni għandha tkun appoġġata fil-ħidma tagħha minn task force li għandha tinkludi esperti esterni (bħal speċjalisti magħrufa fl-oqsma li qed jiġu rieżaminati, akkademiċi, ħassieba) u rappreżentanti tal-ministeri kompetenti rilevanti. L-unità tal-koordinazzjoni għandha twestaq konsultazzjonijiet regolari u taħdem mill-qrib mal-membri tat-task force fl-abbozzar tar-regoli legali u istituzzjonali għat-tweqqif tar-rieżamijiet tal-infiq u sussegwentement fit-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu tar-rieżamijiet tal-infiq. Il-Gvern għandu jorġo deċiżjoni dwar it-tneċċja ta' proċess ta' rieżami regolari tal-infiq, li għandu jiġi ppubblikat fil-Gazzetta Uffiċjali Ungeriża. Id-Deċiżjoni (u/jew id-dokumenti t'akkompanjament) għandha tispeċifika, b'mod partikolari, dan li ġej: i) l-għanijiet u l-miri dettaljati; ii) il-metodoloġija għar-rieżami; iii) pan ta' ħidma għat-terminu medju, inklużi oqsma ta' nfiq li għandhom ikunu soġġetti għal rieżamijiet u l-iskadenzi għat-tweqqif tar-rieżamijiet; iv) l-entitajiet pubbliċi kkonċernati (jekk daww l-entitajiet ikunu parti mill-gvern ċentrali); u għal v) il-perjodi ta' żmien li għandhom jiġu koperti mill-analiżi.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>Id-Deċiżjoni għandha tispeċifika wkoll ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi involuti, inklużi mill-inqas l-elementi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Il-ministeri kompetenti għandhom jipprovdu aċċess sħiħ għad-data u l-informazzjoni lill-unità tal-koordinazzjoni fil-Ministeru għall-Finanzi.</li> <li>• Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jikkoordina u jwettaq ir-rieżamijiet tal-infiq u, wara li jkun ikkonsulta t-task force, jistabbilixxi rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet ta' segwitu possibbli.</li> <li>• Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jippreżenta rapporti regolari (kull tliet xhur) lill-gvern dwar il-progress tar-rieżamijiet tal-infiq.</li> <li>• F'konformità mal-prinċipju ta' "ikkonforma jew spjega", il-gvern għandu jippreżenta s-sejbiet kollha tar-rieżamijiet lill-Parlament u, f'każ li ma jkunx jixtieq isegwi xi wħud mir-rakkomandazzjonijiet korrispondenti, jispjega għaliex. Ir-riżultati tar-rieżamijiet tal-infiq għandhom ikunu lesti sal-iskadenzi definiti minn qabel biex jikkontribwixxu għat-tnejn tal-baġits annwali u l-ippjanar baġitarju tat-terminu medju..</li> <li>• Sabiex jinkiseb segwitu effettiv, il-Ministeru għall-Finanzi, il-ministeri kompetenti u istituzzjonijiet pubbliċi oħra li ngħataw rakkomandazzjonijiet għandhom jingħataw skadenza biex iwieġbu għal dawn ir-rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-prinċipju ta' "ikkonforma jew spjega".</li> <li>• L-unità tal-koordinazzjoni fil-Ministeru għall-Finanzi għandha tingħata l-kompitu li tagħmel monitoraġġ tas-segwitu u tnejn rapport annwali dwar ir-rispons għar-rakkomandazzjonijiet.</li> </ul> <p>Il-metodoloġija tar-rieżamijiet għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-OECD u prattiki simili fl-Istati Membri tal-UE. L-oġettiv tar-rieżamijiet tal-infiq għandu jkun li tiġi</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>eżaminata fid-dettall l-adeqgatezza tan-nefqa pubblika fl-oqsma rieżaminati, b' mod partikolari fir-rigward tal-impatt soċjali pożittiv tagħha, il-kontribut tagħha għat-tkabbir ekonomiku u l-impatt tagħha fuq il-bilanċ baġitarju u s-sostenibbiltà fuq terminu medju tan-nefqa pubblika. Il-metodoloġija għandha tiddefinixxi miri konkreti ta' ffrankar u effiċjenza għal oqsma speċifiċi ta' nefqa b'livell adegwat ta' ambizzjoni.</p> <p>L-oqsma għar-rieżami għandhom jintgħażlu abbażi ta' kriterji bħall-infiq prijoritarju baxx u għoli ħafna u l-effiċjenza. Meta jintgħażlu l-oqsma għar-rieżami, għandha tingħata prijorità lill-partiti ta' nfiq kbar u li qed jiżdedu b' mod rapidu. Ir-rieżamijiet tal-2023 u l-2024 għandhom ikopru mill-inqas 10 % tan-nefqa tal-gvern estiż kull sena.</p> <p>L-oqsma ta' nfiq għar-rieżami għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>i) Kura tas-saħħa;</li> <li>ii) L-educazzjoni;</li> <li>iii) L-investiment pubbliku; u għal</li> <li>iv) Appoġġ relatat mal-familja u mal-akkomodazzjoni (inklużi vantaġġi fiskali relatati).</li> </ul>
268	C9.R38 Titjib tal-effiċjenza tan-nefqa pubblika permezz tat-twertiq ta' rieżamijiet tal-infiq	Stadju importanti	Rapporti dwar l-eżiti tal-ewwel u t-tieni analiżi tal-infiq	Pubblikazzjoni ta' żewġ rapporti dwar l-eżiti tal-ewwel żewġ rieżamijiet tal-infiq fuq is-sit web tal-Gvern				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	<p>Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jikkoordina u jwettaq rieżamijiet tal-infiq tan-nefqa ta' mill-inqas żewġ oqsma indikati fil-pjan ta' ħidma fuq terminu medju, li minnhom mill-inqas żewġ oqsma mil-lista speċifikata fl-istadju importanti 267, f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet professjonali rilevanti indipendenti mill-gvern. L-unità tal-koordinazzjoni għandha taħdem mill-qrib mal-membri tat-task force msemmija fl-istadju importanti 267 dwar it-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu tar-rieżamijiet tal-infiq.</p> <p>Ir-rieżamijiet tal-infiq għandhom jidentifikaw miżuri u għażliet ta' politika biex jinkiseb iffrankar potenzjali (espress f' termini ta' persentaġġ tal-kamp ta' applikazzjoni tan-nefqa rieżaminata) u titjib fl-effiċjenza fl-oqsma ta' nefqa rilevanti. Il-miżuri u l-għażliet</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>proposti għandhom ikunu disponibbli sa mhux aktar tard mir-raba' trimestru tal-4 2023.</p> <p>Żewġ rapporti ddedikati għandhom jippreżentaw ir-riżultati konkreti tar-rieżamijiet f'termini ta' ffrankar potenzjali (espressi f'termini ta' % tal-kamp ta' applikazzjoni tan-nefqa rieżaminata) u titjib fl-effiċjenza, kif rifless b'mod partikolari fl-ippjanar baġitarju (jiġifieri fil-baġits annwali u l-pjanijiet baġitarji fuq terminu medju). Ir-rapporti għandhom jiġu diskussi mill-gvern u għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-gvern.</p>
269	C9.R38 Titjib tal-effiċjenza tan-nefqa pubblika permezz tat-tweqqif ta' rieżamijiet tal-infiq	Stadju importanti	Rapporti dwar l-eżiti tat-tielet u r-raba' rieżami tal-infiq	Pubblikazzjoni ta' żewġ rapporti dwar l-eżiti tal-ewwel żewġ rieżamijiet tal-infiq fuq is-sit web tal-Gvern				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2025	<p>Il-Ministeru għall-Finanzi għandu jikkoordina u jwettaq rieżamijiet tal-infiq tan-nefqa ta' mill-inqas żewġ oqsma indikati fil-pjan ta' ħidma fuq terminu medju, li minnhom mill-inqas żewġ oqsma mil-lista speċifikata fl-istadju importanti 267, f'konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet professjonali rilevanti indipendenti mill-Gvern. L-unità tal-koordinazzjoni għandha taħdem mill-qrib mal-membri tat-task force msemmija fl-istadju importanti 267 dwar it-tfassil, l-implimentazzjoni u s-segwitu tar-rieżamijiet tal-infiq.</p> <p>Ir-rieżamijiet tal-infiq għandhom jidentifikaw miżuri u għażliet ta' politika biex jinkiseb iffrankar potenzjali (espressi f'termini ta' % tal-kamp ta' applikazzjoni tan-nefqa rieżaminata) u titjib fl-effiċjenza fl-oqsma ta' nefqa rilevanti. Il-miżuri u l-għażliet proposti għandhom ikunu disponibbli sa mhux aktar tard mir-raba' trimestru tal-4 2024.</p> <p>Żewġ rapporti ddedikati għandhom jippreżentaw ir-riżultati konkreti tar-rieżamijiet f'termini ta' ffrankar potenzjali (espressi f'termini ta' % tal-kamp ta' applikazzjoni tan-nefqa rieżaminata) u titjib fl-effiċjenza, kif rifless b'mod partikolari fl-ippjanar baġitarju (jiġifieri fil-baġits annwali u l-pjanijiet baġitarji fuq terminu medju). Ir-rapporti għandhom jiġu diskussi mill-gvern u għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-gvern.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
270	C9.R38 Titjib tal-effiċjenza tan-nefqa pubblika permezz tat-twettiq ta' rieżamijiet tal-infiq	Stadju importanti	Rapport ta' konklużjoni dwar l-eżitu tal-eżerċizzju tar-rieżami tal-infiq	Pubblikazzjoni tar-rapport ta' konklużjoni fis-sit web tal-Gvern				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Ir-rapport ta' konklużjoni għandu juri li mill-inqas 20 % tan-nefqa tal-gvern estiż kienet koperta b'suċċess mill-erba' rieżamijiet tal-infiq imwettqa matul l-2023–2025.

## **J. IL-KOMPONENT 10: REPOWEREU**

L-objettiv tal-komponent REPowerEU tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tal-Ungerija huwa li jżid is-sigurtà tal-enerġija u li jappoġġa t-tranżizzjoni tal-enerġija billi jaċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-provvista ta' enerġija nadifa, jissimplifika l-proċeduri għall-ġħoti ta' permessi, u billi jappoġġa r-riċerka ġeotermali u l-produzzjoni sostenibbli tal-idroġenu. Il-komponent huwa li jitnaqqas il-konsum tal-fjuwils fossili billi jiġi promoss it-trasport sostenibbli u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika u jitnaqqas il-faqar enerġetiku billi tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini. Il-komponent huwa wkoll li jtejjeb l-effiċjenza u l-flessibbiltà tas-suq tal-elettriku billi jappoġġa t-titjib u d-diġitalizzazzjoni tan-network tal-elettriku u billi jipromwovi l-istabbiliment u l-konnessjoni tal-komunitajiet tal-enerġija, kif ukoll il-konnessjoni tal-aggregaturi u tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija man-network.

Il-komponent REPowerEU jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi, b'mod partikolari s-CSR 2022 5, is-CSR 2022 6 u s-CSR 2023 4.

Diversi miżuri għandu jkollhom impatt transfruntier inklużi investimenti fl-iżvilupp tan-network tal-elettriku, l-ekoloġizzazzjoni ta' parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika għal skopijiet ta' enerġija, il-bini ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-ekonomija ekoloġika, l-applikazzjonita' teknoloġiji ekoloġiċi għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, l-investimenti tal-idroġenu, l-appoġġ għall-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-enerġija ġeotermali, l-istrument finanzjarju għat-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-kumpaniji, l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku, l-istrument finanzjarju biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali u jiġu indirizzati l-faqar enerġetiku u l-elettrifikazzjoni tas-sezzjonijiet ferrovjarji.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li titqies id-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza f'konformità mal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

## **J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli**

### **C10.R1: It-titjib tat-trasparenza, il-prevedibbiltà u d-disponibbiltà tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li ttejjeb it-trasparenza, il-prevedibbiltà u d-disponibbiltà tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja. Dan jikkonsisti f'żewġ sottomiżuri, waħda ffukata fuq l-awtorizzazzjoni tal-konnessjoni mal-grilja għal impjanti tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp u l-oħra fuq l-armonizzazzjoni tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja tal-elettriku mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni.

L-objettiv tal-ewwel submiżura huwa li żżid C6.R4 (Titjib tat-trasparenza, tal-prevedibbiltà u tad-disponibbiltà tal-konnessjoni mal-grilja — Awtorizzazzjoni tal-konnessjoni mal-grilja għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli; stadju Importanti 111) u żieda fid-disponibbiltà tal-konnessjonijiet mal-grilja għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. L-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni jew l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom joħorġu awtorizzazzjonijiet ta' konnessjoni mal-grilja eżegwibbli mid-data tal-għoti ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli dipendenti fuq it-temp — solari u eoliċi — għal kapaċità totali ta' mill-inqas 12 000 MW. Il-kamp ta' applikazzjoni jinkludi l-kategoriji kollha ta' tali impjanti tal-enerġija (żgħar u kbar), inklużi l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli li huma soġġetti biss għal proċedura ta' reġistrazzjoni u li huma rreġistrati.

Dan l-objettiv tat-tieni submiżura huwa li jiġi stabbilit approċċ standardizzat li għandu jiġi applikat mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni kollha meta jittrattaw l-applikazzjonijiet għall-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja tal-elettriku. Il-proċeduri amministrattivi ta' konnessjoni mal-grilja għandhom jiġu rieżaminati u għandha tiġi żgurata interpretazzjoni konsistenti tar-regoli ġenerali u l-proċeduri armonizzati relatati mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni differenti. L-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-punti ta' konnessjoni tan-network għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli fiż-żona tal-operat tagħhom kull sitt xhur. L-implimentazzjoni ta' din is-sottomiżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.R2: L-iffissar ta' tariffi tan-network**

L-objettiv tal-miżura huwa l-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ ta' metodoloġija ġdida għall-kalkolu tat-tariffi tan-network. Fil-metodoloġija l-ġdida, ir-regolatur għandu jkollu r-responsabbiltà unika li jiddetermina liema spejjeż u dħul jitqiesu fil-metodoloġija. Il-metodoloġija għandha tiżgura li t-tariffi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni jkunu nondiskriminatorji u jirriflettu l-kostijiet.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

### **C10.R3: L-adattament tal-leġislazzjoni dwar l-arloġġi intelliġenti**

Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb l-użu ta' miters intelliġenti biex tiġi sfruttata aħjar it-teknoloġija u b'hekk tkun ta' benefiċċju kemm għat-tħaddim tan-network kif ukoll għall-utenti.

Ir-riforma għandha tinkiseb permezz tal-emenda tal-leġislazzjoni rilevanti dwar l-elettriku, li għandha:

- jiddefinixxu r-rekwiżiti funzjonali bażiċi għall-arloġġi intelliġenti biex jiżguraw l-interoperabbiltà tagħhom, inklużi r-rekwiżiti li dawn għandhom jipprovdu input għas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija.
- jiġu stabbiliti rekwiżiti biex jittejjbu t-trasparenza u l-aċċess għad-data li tirriżulta mill-użu ta' arloġġi intelliġenti.
- issaħħaħ il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-utenti li huma obbligati jinstallaw arloġġi intelliġenti.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

#### **C10.R4: It-tisħiħ tar-rwol tal-aggregaturi**

Il-miżura għandha l-għan li tintroduċi emendi leġiżlattivi, aggregaturi u kodiċijiet tan-netwerk, kif ukoll li tiżviluppa mudelli kuntrattwali, li tneħħi l-ostakli tas-suq u ttejjeb id-dħul fis-suq u l-iżvilupp tas-servizzi ta' atturi ġodda ta' rispons għad-domanda (aggregaturi indipendenti) li joperaw fl-Ungerija fil-qasam tal-ġestjoni u l-aggregazzjoni min-naħa tad-domanda.

L-emendi għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar prattiki internazzjonali, prinċipalment l-aħjar prattiki reġjonali, u għandhom itejbu d-dħul fis-suq u l-iżvilupp tas-servizzi ta' atturi ġodda tar-rispons tad-domanda (aggregaturi indipendenti) li joperaw fl-Ungerija fil-qasam tal-ġestjoni u l-aggregazzjoni min-naħa tad-domanda. Il-bidliet għandhom jiġu introdotti fil-qafas ipprovdut mil-leġiżlazzjoni Ungeriża eżistenti, permezz ta' ambjent legali u ta' politika ta' appoġġ kif ukoll mudelli kuntrattwali, f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/943 dwar l-Elettriku u d-Direttiva (UE) 2019/944 dwar l-Elettriku.

Bħala parti mill-emendi, il-miżura għandha tiżviluppa strumenti li jippermettu lill-benefiċjarji tas-servizz universali jikkonkludu kuntratti ma' fornitur Komunitarju wieħed jew aktar, inkluża l-possibbiltà legali li kuntratt ta' servizz universali jiġi kkonvertit f'kuntratt ta' provvista parzjali jew skedat. Il-bidliet introdotti għandhom ikopru d-definizzjoni tar-regoli tal-ikklerjar bejn l-aggregaturi u n-negozjanti, ir-responsabbiltà finanzjarja għad-diskrepanzi u r-responsabbiltà għal kwalunkwe żbilanċ li jista' jinqala'.

Bħala parti mir-riforma, għandu jiġi żviluppat mudell kuntrattwali għal aggregatur indipendenti bi skeda ta' żmien prevista għall-introduzzjoni tiegħu.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

#### **C10.R5: Użu usa' ta' pprezzar dinamiku fi ftehimiet dwar ix-xiri tal-elettriku**

Ir-riforma għandha l-għan li temenda l-qafas regolatorju biex ittejjeb l-applikazzjoni tal-ipprezzar dinamiku u għandha toffri l-użu tiegħu wkoll lill-konsumaturi residenzjali u lill-mikrointrapriżi koperti minn servizz universali. Il-leġiżlazzjoni emendata għandha tagħti lill-konsumaturi residenzjali u lill-mikrointrapriżi b'miters xierqa l-possibbiltà li jidħlu f'kuntratt volontarju ta' xiri tal-elettriku bi pprezzar dinamiku. Ir-riforma għandha tippermetti lill-utenti jaġġustaw il-konsum tagħhom skont is-sinjali tal-prezzijiet li jirriflettu l-kundizzjonijiet tal-provvista u tad-domanda fis-suq tal-elettriku.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

#### **C10.R6: It-tiġdid tal-istruttura tal-prodott tas-swieq regolatorji ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq għal tipi ġodda ta' flessibbiltajiet**

Din il-miżura għandha l-għan li tistabbilixxi qafas regolatorju komprensiv, li jimmodifika r-regoli u jiżviluppa mudelli ta' kuntratti fil-livelli regolatorji meħtieġa biex is-suq jinfetaħ għal atturi ġodda min-naħa tal-provvista, filwaqt li jitqiesu kwalunkwe restrizzjonijiet li jistgħu jirriżultaw mill-istruttura tas-suq bl-ingrossa.

Barra minn hekk, ir-riforma għandha l-għan li tneħħi l-ostakli u tiffaċilita l-aċċess għas-suq għall-produtturi tradizzjonali, mhux tradizzjonali u tal-enerġija rinnovabbli, u b'hekk iżżid l-effiċjenza tas-suq tal-ibbilanċjar.

Ir-riforma għandha tippermetti l-inklużjoni ta' ġeneraturi li jiddependu mit-temp fis-suq tal-kapaċità tal-ibbilanċjar u għandha tintroduċi prodott ta' flessibilità speċjali għall-konsumaturi b'limitu aktar baxx tal-kapaċità ta' akkreditazzjoni. Għandu jiġi introdott pakkett regolatorju li jipprevjeni lill-produtturi milli jimblukaw parteċipanti ġodda milli jidħlu fis-suq abbażi tal-prezzijiet tagħhom.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

### **C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni (għotjiet)**

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jappoġġa l-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jżid il-kapaċità tan-network tal-elettriku li jintegra aktar l-enerġija rinnovabbli, li jtejjeb il-konnessjonijiet tal-elettriku tal-konsumaturi u tal-produtturi kif ukoll il-kwalità tas-servizz offrut mill-operaturi tas-sistema.

L-investment għandu jappoġġa erba' tipi ta' interventi, li huma parzjalment iffinanzjati minn appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, u parzjalment minn self kif deskritt hawn taħt fit-taqsim J.3. taħt il-miżura ta' investment C10.I1 (self). Id-deskrizzjoni ta' hawn taħt tirreferi għall-partijiet tal-investimenti, li huma ffinanzjati minn appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli. Il-miri li għandhom jintlaħqu taħt l-investimenti ffinanzjati minn appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli huma addizzjonali għal dawk iffinanzjati taħt is-self:

- L-iżviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema;
- It-titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp;
- L-iżvilupp klassiku u ta' grilji intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni;
- It-tixrid ta' metraġġ intelliġenti.

Is-sejħa għal proposti, is-sejħiet għal proġett (i) ta' prijorità u l-ftehimiet ta' għotja relatati mas-submiżuri taħt dan l-investment jistgħu jkunu separati jew aggregati għall-partijiet iffinanzjati minn appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u mis-self.

### **C10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (għotjiet)**

Is-sottomiżura “żviluppi diġitali fl-operatur tas-sistema” għandha l-għan li tappoġġa l-użu ta' teknoloġiji diġitali fl-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku bil-ħsieb li twieġeb b'mod effiċjenti għall-isfidi li jirriżultaw mid-dipendenza fuq sorsi differenti tal-enerġija, inkluża l-integrazzjoni fuq skala kbira ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-grilja. Is-sottomiżura għandha wkoll l-għan li tappoġġa l-istabbiltà tal-grilja u li ttejjeb il-ġestjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà. Is-sottomiżura ffinanzjata kemm taħt is-self kif ukoll taħt l-appoġġ mhux ripagabbli għandha tikkontribwixxi għal dawn l-oġġettivi.

Bħala parti mis-sottomiżura, il-finanzjament li jiġi pprovdut permezz ta' sejħa għal proposti għandu jinkludi l-iżvilupp u t-tħaddim tal-iżvilupp tal-infrastruttura diġitali, bħal: sistemi ta' servizzi għall-klijenti, infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, sistemi tal-IT li

jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u/jew sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur. B'kollox, 17 żviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u/jew mat-tħaddim tan-network tal-elettriku fl-operatur tas-sistema għandhom jiġu ffinanzjati mill-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li huma addizzjonali għal dawk iffinanzjati taħt il-parti tas-self.

L-implimentazzjoni ta' din is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I1b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (għotjiet)**

Is-submiżura “titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp” għandha l-għan li ttejjeb il-preċiżjoni tal-istima tal-produzzjoni tal-enerġija tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp billi jiġu installati 37 stazzjon meteoroloġiku minbarra dawk iffinanzjati taħt il-parti tas-self. Id-data u l-previżjonijiet iġġenerati b'riżultat tal-investment għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku kemm għall-atturi tas-suq tal-enerġija kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.

L-implimentazzjoni ta' din is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I1c: Miżura fuq skala akbar: Żvilupp klassiku u ta' grilji intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni (għotjiet)**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li jżied l-investment C6.I1 “Żvilupp klassiku u intelliġenti tal-grilja għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni”. Il-parti mkabbra tal-miżura għandha tirriżulta f'kapaċità li tiġi integrata kapaċità addizzjonali ta' impjant tal-enerġija bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta' 1 197 MW fil-grilja sat-30 ta' Ġunju 2026, flimkien ma' dawk iffinanzjati mis-self u bħala parti mill-investment C6.I1.

L-implimentazzjoni ta' din is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I1d: Miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (għotjiet)**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li jżied l-investment C6.I5 “Tixrid tal-metraġġ intelliġenti”. Il-parti mkabbra tal-miżura għandha tappoġġa x-xiri u l-installazzjoni ta' 387 791 miter intelliġenti sat-30 ta' Ġunju 2026, minbarra dawk iffinanzjati mis-self u bħala parti mill-investment C6.I5.

L-implimentazzjoni ta' din is-sottomiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

## J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
271	C10.R1: It-titjib tat-trasparenza, il-prevedibbiltà u d-disponibbiltà tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja  Miżura fuq skala akbar:  Awtorizzazzjoni ta' konnessjoni mal-grilja għal impjanti tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp	Tal-UE	Awtorizzazzjoni ta' konnessjoni mal-grilja għal impjanti tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp		MW	10 000	12 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-awtorizzazzjonijiet tal-konnessjoni mal-grilja eżegwibbli mid-data tal-għoti għandhom jinħarġu mid-DSO jew mit-TSO lill-impjanti tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp — solari u mir-riħ — għal kapaċità totali ta' mill-inqas 12 000 MW. Il-mira tkopri l-kategoriji kollha ta' tali impjanti tal-enerġija (impjanti żgħar u fuq skala kbira), inklużi l-impjanti tal-enerġija rinnovabbli li huma koperti biss minn proċedura ta' reġistrazzjoni u li huma rreġistrati.
272	C10.R1: It-titjib tat-trasparenza, il-prevedibbiltà u d-disponibbiltà tal-proċedura ta' konnessjoni mal-grilja  Armonizzazzjoni tal-proċedura ta' konnessjoni_mal-	Stadju importanti	Armonizzazzjoni tal-proċedura ta' konnessjoni_mal-grilja tal-elettriku mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni	Dispożizzjoni fir-regoli li jindikaw id-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti minimi għall-proċedura armonizzata ta' konnessjoni mal-grilja tal-elettriku				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	L-awtorità Regulatorja Ungeriża tal-Enerġija u l-Utilitajiet (MEKH) għandha tidentifika d-differenzi u tiddefinixxi r-rekwiżiti minimi għall-armonizzazzjoni tal-proċeduri ta' konnessjoni mal-grilja tal-elettriku applikati mid-DSOs kollha, pereżempju fir-rigward tal-iskadenzi ġenerali u d-dokumenti li għandhom jiġu sottomessi.  Id-DSOs għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-punti ta' konnessjoni tan-

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	grilja tal-elettriku mill-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni									network għall-impjanti tal-enerġija rinnovabbli fiż-żona tal-operat tagħhom kull sitt xhur.
273	C10.R2: L-iffissar ta' tariffi tan-netwerk	Stadju importanti	Metodoloġija ġdida għall-kalkolu tat-tariffi tan-netwerk	Dispożizzjoni fil-att ta' implimentazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-metodoloġija				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' metodoloġija ġdida għall-kalkolu tat-tariffi tan-netwerk adottata mill-awtorità regolatorja indipendenti. Hija għandha tiżgura li t-tariffi ta' trażmissjoni u distribuzzjoni jirriflettu l-kost u ma jkunux diskriminatorji skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2019/943. Ir-regolatur għandu jkollu r-responsabbiltà unika li jiddetermina liema spejjeż u dħul jitqiesu fil-metodoloġija.
274	C10.R3: L-adattament tal-leġiżlazzjoni dwar l-arloġġi intelliġenti	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni emendata dwar l-arloġġi intelliġenti	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni emendata li ttejjeb l-użu tal-arloġġi intelliġenti. L-emendi leġiżlattivi għandhom jinkludu: <ul style="list-style-type: none"> <li>• rekwiżiti funzjonali bażiċi għall-arloġġi intelliġenti biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà tagħhom, inklużi r-rekwiżiti li dawn għandhom jipprovdu input għas-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija;</li> <li>• rekwiżiti biex jittejjbu t-trasparenza u l-aċċess għad-data li tirriżulta mill-użu ta' arloġġi</li> </ul>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>intelliġenti għall-utenti u għall-atturi tas-suq;</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>dispożizzjonijiet biex jissaħħaħ il-kamp ta' applikazzjoni tal-utenti obbligati mil-leġiżlazzjoni nazzjonali biex jinstallaw arloġġi intelliġenti.</li> </ul>
275	C10.R4: It-tisħiħ tar-rwol tal-aggregaturi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni dwar l-aggregaturi u l-kodiċijiet tan-network inklużi l-kuntratti mudell	Dispożizzjoni fl-att ta' implimentazzjoni li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni dwar l-aggregaturi u l-kodiċijiet tan-network, inklużi l-kuntratti mudell modifikati				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	<p>Id-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni dwar l-aggregaturi u l-kodiċijiet tan-network biex jittejbu d-dħul fis-suq u l-iżvilupp tas-servizzi ta' atturi ġodda tar-rispons tad-domanda (aggregaturi indipendenti) li joperaw fl-Ungerija fil-qasam tal-ġestjoni u l-aggregazzjoni mil-lat tad-domanda.</p> <p>Il-bidliet jiżviluppaw strumenti li jinkoraġġixxu lill-benefiċjarji tas-servizz universali biex jikkonkludu kuntratti ma' fornitur Komunitarju wieħed jew aktar, inklużi l-possibbiltà legali li kuntratt ta' servizz universali jiġi kkonvertit f'kuntratt ta' forniment parzjali jew skedat.</p> <p>L-emendi għandhom ikopru d-definizzjoni tar-regoli tal-ikklerjar bejn l-aggregaturi u n-negozjanti, ir-responsabbiltà finanzjarja għad-diskrepanzi u r-responsabbiltà għal kwalunkwe żbilanċ li jista' jinqala'.</p> <p>Taħt il-miżura, għandu jiġi inkluż u koll l-iżvilupp ta' mudelli ta' kuntratt.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
276	C10.R5: Użu usa' ta' pprezzar dinamiku fi ftehimiet dwar ix-xiri tal-elettriku	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni emendata biex tiffaċilita l-applikazzjoni tal-ipprezzar dinamiku fis-segment tal-konsumaturi residenzjali u l-mikrointrapriżi	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi leġiżlattivi biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tal-ipprezzar dinamiku fis-segment tal-konsumaturi residenzjali u tal-mikrointrapriżi. Il-leġiżlazzjoni (jiet) emendata (i) għandha tagħti lill-konsumaturi residenzjali u lill-mikrointrapriżi b'miters xierqa l-possibbiltà li jidħlu f'kuntratt volontarju ta' xiri tal-elettriku bi pprezzar dinamiku, anke flimkien ma' kuntratt ta' servizz universali. Il-leġiżlazzjoni/i emendata/i għandha/għandhom tiżgura/jiżguraw li, permezz ta' kuntratti ta' pprezzar dinamiku, il-konsumaturi għandhom ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-funzjonijiet ta' arloġġi intelliġenti u mill-aggregazzjoni, u għandhom jippermettulhom jaġixxu bħala prosumaturi.
277	C10.R6: It-tiġdid tal-istruttura tal-prodott tas-swieq regolatorji ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat id-dħul fis-suq għal tipi ġodda ta' flessibbiltajiet	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju komprensiv u modifiki tar-regoli u tal-kuntratt mudell fil-livelli regolatorji meħtieġa	Pubblikazzjoni ta' kuntratti mudell u l-qafas regolatorju fuq is-siti web tal-awtoritajiet rilevanti				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju l-ġdid għandu jftaħ is-suq għal atturi ġodda min-naħa tal-provvista, ineħħi l-ostakli u jiffaċilita l-aċċess għas-suq għall-produtturi tradizzjonali, mhux tradizzjonali u tal-enerġija rinnovabbli.  Fi ħdan il-qafas regolatorju, għandu jiġi introdott pakkett li jimpedixxi lill-produtturi milli jidħlu fis-suq. Il-qafas regolatorju għandu jinkludi l-użu ta' ġeneraturi li jiddependu mit-temp fis-suq tal-kapaċità tal-ibbilanċjar u jiżviluppa prodott ta'

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										flessibbiltà speċjali għall-konsumaturi b'limitu aktar baxx tal-kapaċità ta' akkreditazzjoni.
278	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (għotjiet)	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal proposti rigward l-iżviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti fuq is-sit web uffiċjali tal-Gvern għas-sejħiet				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Għandha titnieda sejħa għal proposti għall-iżviluppi diġitali għall-istabbiliment u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema.  Is-sejħa għandha tiddekrivi l-elementi u l-attivitajiet ewlenin tal-iżvilupp li jistgħu jirċievu appoġġ sabiex tiġi żviluppata infrastruttura diġitali, bħal: is-sistema diġitali tas-servizzi tal-klijenti, l-infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, is-sistemi tal-IT li jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u s-sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur.
279	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (għotjiet)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja għall-iżviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u mat-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati mal-operaturi tas-sistema — inklużi l-kumpaniji tal-IT tagħhom — għandhom jidħlu fis-seħħ għall-proġetti kollha magħżula taħt is-sejħa msemmija fl-istadju importanti 278

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
280	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (għotjiet)	Tal-UE	Żviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema		Għadd	0	2	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-għadd ta' żviluppi diġitali mwettqa fl-operaturi tas-sistema u/jew fil-kumpaniji tal-IT tagħhom. Żvilupp diġitali għandu jkun fih l-iżvilupp u l-installazzjoni ta' infrastruttura diġitali bħal: sistema diġitali tas-servizzi tal-klijenti, infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, sistemi tal-IT li jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur.
281	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (għotjiet)	Tal-UE	Żviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema		Għadd	2	17	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' żviluppi diġitali mwettqa fl-operaturi tas-sistema u/jew fil-kumpaniji tal-IT tagħhom. Żvilupp diġitali għandu jkun fih l-iżvilupp u l-installazzjoni ta' infrastruttura diġitali waħda, diversi bħal: sistema diġitali tas-servizzi tal-klijenti, infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, sistemi tal-IT li jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur.
282	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (għotjiet)	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal proġett (i) prijoritarju (i) biex jiġu installati stazzjonijiet meteoroloġiċi biex tittejjeb il-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proġett (i) prijoritarju (i) fuq is-sit web uffiċjali tal-Gvern għas-sejħiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Għandha tinjeda sejħa għal proġett (i) ta' prijorità dwar id-disinn, ix-xiri u l-installazzjoni ta' għodda mtejjba għat-tbassir tat-temp. Is-sejħa għandha tirrikjedi li l-għodda għat-tbassir tat-temp tintuża biex tittejjeb il-preċiżjoni tal-istimi tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp (bħax-xemx u r-riħ). Is-sejħa għandha tiddekrivi r-rekwiżiti ewlenin għall-istazzjonijiet meteoroloġiċi li

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										għandhom jiġu installati. Dan għandu jirrikjedi wkoll li d-data u t-tbassir iġġenerati mill-istazzjonijiet meteoroloġiċi għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.
283	C10.11: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.11b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (għotjiet)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehim (iet) ta' għotja dwar l-appoġġ għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet meteoroloġiċi biex tittejjeb il-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp	Dħul fis-seħħ tal-ftehim (iet) ta' għotja				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Il-Ftehim (iet) ta' għotja għandhom jiġu ffirmati u jidħlu fis-seħħ għall-proġett (i) magħżul (a) taħt is-sejħa msemmija fl-istadju importanti 282.
284	C10.11: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.11b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (għotjiet)	Tal-UE	Stazzjonijiet meteoroloġiċi li qed joperaw		Għadd	0	7	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-istazzjonijiet meteoroloġiċi jitħaddmu biex itejbu l-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp. Id-data u t-tbassir iġġenerati mill-istazzjonijiet meteoroloġiċi għandhom jintużaw għall-istimi tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (solari u eolika) dipendenti mit-temp.
285	C10.11: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.11b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp	Tal-UE	Stazzjonijiet meteoroloġiċi li qed joperaw		Għadd	7	37	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	L-istazzjonijiet meteoroloġiċi jitħaddmu biex itejbu l-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp. Id-data u t-tbassir iġġenerati mill-istazzjonijiet meteoroloġiċi għandhom jintużaw għall-istimi tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (solari u eolika) dipendenti mit-temp.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
286	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1c: Miżura fuq skala akbar: Żvilupp ta' grilji klassiċi u intelliġenti għal operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet kollha ta' għotja li fihom il-kundizzjonijiet tal-implimentazzjoni u l-appoġġ għall-iżvilupp ta' grilji ta' trażmissjoni u distribuzzjoni	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet kollha ta' għotja dwar l-implimentazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' appoġġ tal-investiment bejn l-organizzazzjonijiet involuti fl-investiment (l-operatur awtorizzat tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni) u l-Awtorità ta' Ġestjoni. Dawn il-ftehimiet ta' għotja għandhom iwasslu għall-ħolqien tal-kapaċità ta' integrazzjoni ta' kapaċità inkrementali ta' 1 197 MW ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli fin-network tal-elettriku permezz ta' dan l-investiment, li huwa addizzjonali għal dawk iffinanzjati mis-self u bħala parti mill-investiment C6.11. Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiddeskrivu l-investimenti ppjanati, li għandhom jinkludu l-elementi ta' żvilupp, bħall-kostruzzjoni u l-aġġornamenti tan-network b'vultaġġ għoli/medju/baxx; installazzjonijiet ġodda tas-substazzjonijiet; sostituzzjonijiet u espansjonijiet tat-trasformatur tas-substazzjoni; kostruzzjonijiet u sostituzzjoni tal-kontrolli; u l-iżviluppi fid-diġitalizzazzjoni.
287	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1c:	Tal-UE	Żieda fil-kapaċità tal-impjanti tal-enerġija li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jistgħu jiġu integrati mal-grilja		MW	0	295	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Kapaċità akbar tal-grilja tal-enerġija li tintegra kapaċità addizzjonali tal-impjanti tal-enerġija ta' 295 MW bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' azzjonijiet taħt dan l-investiment, li huwa addizzjonali

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Miżura fuq skala akbar: Żvilupp ta' grilji klassiċi u intelliġenti għal operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni		tal-enerġija b'riżultat tat-titjib fil-grilja (kumulata, MW)							għal dawk iffinanzjati mis-self u bħala parti mill-investiment C6.11. L-awtorità Regulatorja tal-Enerġija u l-Utilità Pubblika tal-Ungerija għandha tivverifikaha u tipprovdi rapport ta' validazzjoni bl-użu ta' metodoloġija li telabora l-azzjonijiet meħtieġa fuq il-grilja, iffinanzjati skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sabiex tintegra l-enerġija prodotta mill-kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
288	C10.11: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni  C10.11c: Miżura fuq skala akbar: Żvilupp ta' grilji klassiċi u intelliġenti għal operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni	Tal-UE	Żieda fil-kapaċità tal-impjanti tal-enerġija li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jistgħu jiġu integrati mal-grilja tal-enerġija b'riżultat tat-titjib fil-grilja (kumulata, MW)		MW	295	1197	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Kapaċità akbar tal-grilja tal-enerġija li tintegra kapaċità addizzjonali tal-impjant tal-enerġija ta' total ta' 1 197 MW bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' azzjonijiet taħt dan l-investiment, li huwa addizzjonali għal dawk iffinanzjati mis-self u bħala parti mill-investiment C6.11. L-awtorità Regulatorja tal-Enerġija u l-Utilità Pubblika tal-Ungerija għandha tivverifikaha u tipprovdi rapport ta' validazzjoni bl-użu ta' metodoloġija li telabora l-azzjonijiet meħtieġa fuq il-grilja, iffinanzjati skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sabiex tintegra l-enerġija prodotta mill-kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
289	C10.11: L-iżvilupp tan-network tal-	Stadju	Tnedija ta' sejħa għal proġetti prijoritarji	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal				IT-TIENI TRIMESTRU	2024	Għandha tiniedi sejħa (addizzjonali għall-investiment C6.15) għal proġetti prijoritarji

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1d miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (għotjiet)	importanti	indirizzati lid-DSOs għax-xiri u l-installazzjoni tal-arloġġi intelliġenti	proġetti prijoritarji fuq is-sit web uffiċjali tal-Gvern għas-sejthiet				TRU TAL-1		indirizzati lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għax-xiri u l-installazzjoni ta' arloġġi intelliġenti, l-implimentazzjoni u l-appoġġ. Is-sejħa għandha tiddeskrivi r-rekwiżiti tekniċi għall-installazzjoni tal-arloġġi intelliġenti.  L-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni għandhom jirċievu s-sussidju fi proporzjon mal-għadd ta' siti fiżiċi meħtieġa biex jiġu installati arloġġi intelliġenti fiż-żoni ġeografiċi fejn joperaw.
290	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1d miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (għotjiet)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja kollha dwar ix-xiri u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati u jidħlu fis-seħħ għall-proġetti kollha magħżula taħt is-sejħa msemmija fl-istadju importanti 289.
291	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1d miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta'	Tal-UE	Arloġġi intelliġenti li għadhom kif ġew installati		Għadd	0	147 480	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Installazzjoni ġdida ta' arloġġi tal-elettriku monofażi jew trifażi b'unità ta' konnessjoni diretta u komunikazzjoni, minbarra dawk iffinanzjati mis-self u bħala parti mill-investiment C6.I5.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	metraġġ intelliġenti (għotjiet)									
292	C10.11: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.11d. Miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (għotjiet)	Tal-UE	Arloġġi intelliġenti li għadhom kif ġew installati		Għadd	147 480	387 791	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Installazzjoni ġdida ta' total ta' 387 791 arloġġ tal-elettriku monofażi jew trifażi b'unità ta' konnessjoni diretta u komunikazzjoni, minbarra dawk iffinanzjati mis-self u bħala parti mill-investment C6.15.

### **J.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self**

#### **C10.R7: Espansjoni tal-komunitajiet tal-enerġija**

Din il-miżura għandha l-għan li tespandi l-applikazzjoni tal- “komunitajiet tal-enerġija” li jinvolvu s-settur residenzjali u intraprenditorjali b’mod attiv fl-użu tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll is-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ iffukati fuq l-iżvilupp tal-enerġija bbażata fil-komunità. Ir-riforma tkopri kemm il-Komunitajiet tal-Enerġija taċ-Ċittadini (definiti fid-Direttiva dwar is-Suq tal-Elettriku) kif ukoll il-Komunitajiet tal-Enerġija Rinnovabbli (definiti fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli).

Ir-riforma tikkonsisti fir-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv attwali, li tipprevedi regoli aktar dettaljati u flessibbli filwaqt li tintroduċi inċentivi għall-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija kif ukoll tteġġeg l-involviment tagħhom f’attivitajiet bħall-produzzjoni u l-konsum kollettivi fi ħdan il-qafas tal-komunità tal-enerġija. Ir-riforma tmur lil hinn mit-traspożizzjoni tal-acquis tal-UE. Ir-riforma għandha tinkiseb permezz tal-azzjonijiet li ġejjin:

- Adozzjoni ta’ qafas leġislativ:
  - l-għan huwa s-simplifikazzjoni tal-proċess ta’ reġistrazzjoni u l-operat tal-komunitajiet tal-enerġija bħala entitajiet legali
  - dwar il-kondiviżjoni, it-trażmissjoni, l-aċċess għad-data tal-konsumatur, l-elettriku, il-kejl u l-kontabbiltà fil-grilja pubblika
  - għall-parteċipazzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija fis-settur tat-tiżhin u t-tkessiħ.
- L-adozzjoni ta’ skema ta’ finanzjament wara r-reviżjoni tal-qafas leġiżlattiv;
- Is-sensibilizzazzjoni u l-edukazzjoni ffukati fuq l-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija;
- L-istabbiliment ta’ punti uniċi ta’ servizz biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-finanzjament u l-informazzjoni inklużi linji gwida u dokumenti previsti għall-istabbiliment legali tal-komunitajiet tal-enerġija.

Ir-regoli emendati għandhom jimplimentaw il-prinċipju ta’ parteċipazzjoni miftuħa, ma għandhomx jirrestrinġu bla bżonn l-awtokonsum kollettiv u l-produzzjoni u lanqas ma għandhom jintroduċu xi tip ta’ restrizzjoni bbażata fuq id-daqs jew il-ġeografija.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2024.

#### **C10.R8: Inċentivi legali għall-użu tal-ħżin tal-enerġija**

Din il-miżura għandha l-għan li tistabbilixxi qafas regolatorju komprensiv għall-ħżin tal-enerġija wara l-pubblikazzjoni ta’ analiżi dwar l-ostakli regolatorji eżistenti għall-użu ta’ soluzzjonijiet għall-ħżin tal-enerġija. Il-miżura għandha tissimplifika l-proċess u r-rekwiżiti għall-konnessjoni mal-grilja u t-tħaddim tal-assi tal-ħżin tal-enerġija. Ir-riforma għandha tistabbilixxi l-lista tas-servizzi tas-suq u tal-kundizzjonijiet tagħhom li jistgħu jiġu pprovduti mill-operaturi tal-ħżin tal-enerġija u għandha tinkludi l-adozzjoni ta’ pjan nazzjonali dwar il-ħżin tal-enerġija u l-flessibbiltà mhux fossili.

Il-qafas regolatorju adottat għandu jkopri mill-inqas:

- a) l-aċċess għall-grilja għall-faċilitajiet tal-ħżin, inklużi l-proċeduri tal-permessi u tal-ippjanar;
- b) il-metodoloġija u l-kundizzjonijiet għall-aċċess u l-konnessjoni man-netwerks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku;
- c) il-parteċipazzjoni tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija fil-forniment ta’ servizzi anċillari;

- d) Id-drittijiet u l-obbligi tal-operaturi tal-assi tal-ħżin tal-enerġija, inklużi l-konsumaturi attivi, u l-esklużjoni ta' imposti doppji;
  - e) Il-forniment ta' kuntratti dwar l-operat tal-assi tal-ħżin tal-enerġija.
- L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

#### **C10.R9: L-iżgurar ta' qafas legali għall-idroġenu rinnovabbli**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa l-aġġustament tal-qafas legali domestiku biex jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' ekosistema tal-idroġenu rinnovabbli fl-Ungerija f'konformità mal-istrateġija tal-UE għall-idroġenu, b'enfasi partikolari fuq il-produzzjoni domestika tal-idroġenu rinnovabbli, bis-setturi tal-industrija u tat-trasport heavy-duty bħala l-flussi ewlenin.

Ir-riforma għandha l-għan li tinċentiva l-użu tal-idroġenu rinnovabbli fis-settur industrijali u għandha tkun allinjata mal-idroġenu rinnovabbli fil-miri tal-industrija tal-Att dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Il-miżuri għandhom joħolqu kundizzjonijiet abilitanti għall-adozzjoni tal-idroġenu fis-settur tat-trasport, b'mod partikolari biex tiżdied il-varar tal-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli. Il-kundizzjonijiet għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli għandhom ikunu allinjati mal-Att Delegat (UE) 2023/1184 dwar metodoloġija għall-fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika u l-Att Delegat (UE) 2023/1185 dwar limitu minimu għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' fjuwils tal-karbonju riċiklat.

Bħala parti mir-riforma, għandhom jiġu identifikati lakuni leġiżlattivi u ostakli amministrattivi kbar lejn ekosistema tal-idroġenu rinnovabbli flimkien mal-partijiet ikkonċernati u jiġu indirizzati permezz tal-adozzjoni ta' pakkett leġiżlattiv dwar l-idroġenu rinnovabbli u pakkett mhux leġiżlattiv li jakkumpanjah.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Settembru 2024.

#### **C10.R10: Żvilupp ta' strateġija u pjan ta' azzjoni għall-bijogass u l-bijometan**

Ir-riforma għandha l-għan li tiżviluppa strateġija u pjan ta' azzjoni biex tippromwovi l-użu ta' produzzjoni sostenibbli tal-bijogass u tal-bijometan. L-istrateġija għandha tkun konformi mal-pjan ta' azzjoni dwar il-bijometan REPowerEU u mad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli II (RED II). Għandha tkopri l-elementi li ġejjin:

- il-potenzjal sostenibbli tal-materja prima għad-diġestjoni u l-gassifikazzjoni anaerobika għall-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan, inkluż il-modifika retroattiva tal-impjanti eżistenti tas-CHP tal-bijogass b'unitajiet (provvista) ta' titjib tal-bijometan b'użu potenzjali;
- il-valutazzjoni tal-kwantitajiet u l-użi possibbli tad-diġestat u tas-CO<sub>2</sub> bijoġeniku mill-potenzjal sostenibbli tal-bijogass u tal-bijometan;
- l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli li bħalissa jillimitaw l-injezzjoni ta' bijometan sostenibbli fil-grilja tal-gass, id-diġestat jintuża bħala sors lokali ta' nutrijenti u CO<sub>2</sub> bijoġeniku;
- it-titjib tal-mudell kummerċjali għall-produzzjoni sostenibbli tal-bijometan billi jiġu vvalorizzati d-diġestat u s-CO<sub>2</sub> bijoġeniku bl-għan li jiġi prodott il-bijometan bl-aktar kost kompetittiv u li jinkiseb benefiċċju mill-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur mhux tal-ETS (agrikoltura);
- l-identifikazzjoni tal-miżuri (ta' appoġġ) leġiżlattivi u finanzjarji (eż. il-liċenzjar) meħtieġa biex jiġi promoss l-użu tal-produzzjoni sostenibbli tal-bijogass u tal-bijometan, flimkien mad-diġestat u s-CO<sub>2</sub> bijoġeniku;

- l-istabbiliment ta' pjan ta' azzjoni għall-miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi meħtieġa.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2024.

### **C10.R11: It-titjib tal-qafas regolatorju tal-enerġija ġeotermali**

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-qafas regolatorju għall-esplorazzjoni u l-użu tal-enerġija ġeotermali u li tottimizza l-attivitàjiet ta' esplorazzjoni u sfruttament ġeotermali fl-Ungerija. Ir-riforma għandha l-għan li thegġegħ l-esplorazzjoni ġeotermali fl-oqsma tat-tisħin industrijali, urban u distrettwali, fid-dawl tar-riskju ġeoloġiku aktar baxx relatat magħhom.

Ir-riforma għandha tikkonsisti f'żewġ fażijiet. Taħt il-Fażi 1, l-Ungerija għandha tippubblika dokument ta' strateġija komprensiv li jiddeskrivi l-passi ta' politika previsti biex jittejjeb il-qafas regolatorju għall-esplorazzjoni u l-użu tal-enerġija ġeotermali. Dan id-dokument għandu jkun ibbażat fuq evalwazzjoni tar-reġim ta' liċenzjar għall-esplorazzjoni ġeotermali introdott fl-2023. Taħt il-Fażi 2, l-Ungerija għandha timmonitorja t-twettiq tal-passi ta' politika deskritti fid-dokument ta' strateġija ppubblikat taħt il-Fażi 1. Dan għandu jinkludi, iżda ma jkunx limitat għal, l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni biex jiġu ottimizzati l-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-enerġija ġeotermali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

### **C10.R12: Appoġġ għall-applikazzjonijiet tal-benefiċjarji potenzjali għal skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika residenzjali ffinanzjati mill-UE**

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li jiġi żgurat li l-benefiċjarji potenzjali tal-iskemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika ffinanzjati mill-fondi kollha tal-UE, u b'mod partikolari l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-unitajiet domestiċi li jgħixu fil-faqar enerġetiku, ikunu jistgħu jagħmlu użu minn assistenza teknika għat-tħejjija tal-applikazzjonijiet tagħhom. Bħala tali, għandha l-għan li toħloq kundizzjonijiet ekwi bejn l-unitajiet domestiċi kollha li jixtiequ japplikaw għal skemi bħal dawn.

Bħala riżultat ta' din ir-riforma, l-unitajiet domestiċi li jixtiequ japplikaw għal appoġġ finanzjarju taħt skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika residenzjali ffinanzjati mill-UE għandu jkollhom aċċess għall-assistenza minn wieħed mill-atturi li ġejjin:

- organizzazzjoni taħt l-iskema tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika (EEOS) jew intrapriża tal-ESCO;
- punt uniku ta' servizz stabbilit minn organizzazzjoni mhux governattiva jew kwalunkwe entità oħra li tipprovdi servizzi preparatorji għall-installazzjoni ta' sistemi ta' rinnovazzjoni profonda u/jew ta' tisħin rinnovabbli. Tali organizzazzjonijiet għandu jkollhom esperjenza professjonali rilevanti fil-qasam tar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u/jew tal-faqar enerġetiku;
- esperti tal-enerġija rreġistrati mal-Kamra tal-Inġiniera Ungeriża jew mal-Kamra Ungeriża tal-Periti li huma intitolati joħroġu ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs) għall-bini.

It-tħejjija tal-applikazzjonijiet tal-unitajiet domestiċi għandha tikkonċerna kemm l-aspetti finanzjarji kif ukoll dawk tekniċi. Din għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal, l-elementi li ġejjin:

- li jiċċertifika li l-benefiċjarji potenzjali huma eliġibbli biex jirċievu appoġġ;

- l-appoġġ lill-benefiċjarji potenzjali biex jipprovdu evidenza ta' konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE;
- il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni b'suċċess tal-proġett ta' investiment permezz tal-EPCs.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

### **C10.R13: Strateġija nazzjonali għall-iżvilupp ta' ħilet ekoloġiċi**

Ir-riforma għandha l-għan li tħejji strateġija u azzjonijiet konkreti dwar l-iżvilupp ta' ħilet ekoloġiċi għall-forza tax-xogħol attwali u futura kif ukoll li tqajjem kuxjenza pubblika dwar it-tranżizzjoni ekoloġika.

Bħala parti mir-riforma, għandha tidħol fis-seħħ deċiżjoni tal-Gvern dwar l-istrateġija nazzjonali dwar il-ħilet għat-tranżizzjoni ekoloġika bħala parti mill-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Ungerija u Pjan ta' Azzjoni għall-2025–2027 għall-implimentazzjoni tal-istrateġija. L-istrateġija għandha tipprovdi qafas strateġiku għall-politika tal-iżvilupp tal-ħilet ekoloġiċi, li jiddefinixxi l-oġġettivi, il-miżuri u l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija.

Għandha titwettaq konsultazzjoni pubblika li tinvolvi l-partijiet interessati ewlenin kollha u l-imsieħba soċjali dwar l-abbozz tal-istrateġija nazzjonali u l-pjan ta' azzjoni. Għandu jiġi ppubblikat ukoll rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali u tal-pjan ta' azzjoni relatat. Ir-rapport għandu jivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi ta' politika u l-indikaturi definiti fl-istrateġija.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni (self)**

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jappoġġa l-użu tal-enerġija rinnovabbli billi jżid il-kapaċità tan-network tal-elettriku li jintegra aktar l-enerġija rinnovabbli, li jtejjeb il-konnessjonijiet tal-elettriku tal-konsumaturi u tal-produtturi kif ukoll il-kwalità tas-servizz offrut mill-operaturi tas-sistema.

L-investiment għandu jappoġġa erba' tipi ta' interventi, li huma parzjalment iffinanzjati minn appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli kif deskritt hawn fuq taħt il-miżura ta' investiment C10.I1 (għotjiet) fit-Taqsima J.1. u parzjalment minn self. Id-deskrizzjoni ta' hawn taħt tirreferi għall-partijiet tal-investimenti, li huma ffinanzjati minn self:

- L-iżviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema;
- It-titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp;
- L-iżvilupp klassiku u ta' grilji intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni;
- It-tixrid ta' metraġġ intelliġenti.

Is-sejħa għal proposti, is-sejħiet għal proġett (i) ta' prijorità u l-ftehimiet ta' għotja relatati mas-submiżuri taħt dan l-investiment jistgħu jkunu separati jew aggregati għall-partijiet iffinanzjati minn appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli u mis-self.

#### **C10.I1a. Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (self)**

Is-sottomiżura “żviluppi diġitali fl-operatur tas-sistema” għandha l-għan li tappoġġa l-użu ta' teknoloġiji diġitali fl-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku bil-ħsieb

li twieġeb b'mod effiċjenti għall-isfidi li jirriżultaw mid-dipendenza fuq sorsi differenti tal-enerġija, inkluża l-integrazzjoni fuq skala kbira ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fil-grilja. Is-sottomiżura għandha wkoll l-għan li tappoġġa l-istabbiltà tal-grilja u li ttejjeb il-ġestjoni tad-data u ċ-ċibersigurtà. Is-sottomiżura ffinanzjata kemm taħt is-self kif ukoll taħt l-appoġġ mhux ripagabbli għandha tikkontribwixxi għal dawn l-oġjettivi.

Bħala parti mis-sottomiżura, il-finanzjament li jiġi pprovdut permezz ta' sejħa għal proposti għandu jinkludi l-iżvilupp u t-tħaddim tal-iżvilupp tal-infrastruttura, bħal sistemi ta' servizzi diġitali għall-klijenti, infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, sistemi tal-IT li jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u/jew sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur. B'kollox sitt żviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u/jew mat-tħaddim tan-network tal-elettriku fl-operatur tas-sistema għandhom jiġu ffinanzjati mis-self, li huma addizzjonali għal dawk iffinanzjati taħt il-parti tal-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

L-implimentazzjoni tas-submiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I1b. Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (self)**

Is-submiżura "titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp" għandha l-għan li ttejjeb il-preċiżjoni tal-istima tal-produzzjoni tal-enerġija tal-impjanti tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp billi jiġu installati 13 stazzjon meteoroloġiku minbarra dawk iffinanzjati taħt il-parti tas-self. Id-data u l-previżjonijiet iġġenerati b'riżultat tal-investment għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku kemm għall-atturi tas-suq tal-enerġija kif ukoll għall-pubbliku ġenerali.

L-implimentazzjoni tas-submiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I1c. Miżura fuq skala akbar: Żvilupp klassiku u ta' grilji intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni (self)**

L-oġjettiv ta' din il-miżura huwa li jiżdied l-investment C6.I1 "Żvilupp klassiku u intelliġenti tal-grilja għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni". Il-parti mkabbra tal-miżura għandha tirriżulta f'kapaċità li tiġi integrata kapaċità addizzjonali ta' impjant tal-enerġija bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli ta' 426 MW fil-grilja sat-30 ta' Ġunju 2026, flimkien ma' dawk iffinanzjati mill-appoġġ mhux ripagabbli taħt C10.I1c (għotjiet) fit-Taqsima J.1. u bħala parti mill-investment C6.I1.

L-implimentazzjoni tas-submiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I1d. Miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (self)**

L-oġjettiv ta' din il-miżura huwa li jiżdied l-investment C6.I5 "Tixrid tal-metraġġ intelliġenti". Il-parti mkabbra tal-miżura għandha tappoġġa x-xiri u l-installazzjoni ta' 138 098 miter intelliġenti sat-30 ta' Ġunju 2026, minbarra dawk iffinanzjati mill-appoġġ mhux ripagabbli taħt C10.I1d (għotjiet) fit-Taqsima J.1. u bħala parti mill-investment C6.I5.

L-implimentazzjoni tas-submiżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I2: Ekoloġizzazzjoni tal-parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika għal skopijiet ta' enerġija**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa d-dekarbonizzazzjoni tal-attivitajiet tal-parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika. L-ekoloġizzazzjoni għandha tinkiseb permezz tal-użu ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli, il-ħolqien ta' kapaċità ta' ħżin għall-enerġija rinnovabbli u s-sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija, l-iżvilupp tan-network tal-mikrogrilja, u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini u d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali. Il-miżuri ta' akkumpanjament għall-adattament għat-tibdil fil-klima tal-bini u tas-siti bħall-użu tal-ilma tax-xita u tal-ilma griż għandhom ikunu eliġibbli taħt din il-miżura.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà fis-sejthiet li jmiss għandhom jeskludu attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex ferm aktar baxxi, iżda xorta aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-attivitajiet ġeotermali ma għandhomx jinkludu l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni taż-żejt jew tal-gass. Ma għandu jkun hemm l-ebda tagħmir mixtri jew użat għal skopijiet bħal dawn. Għandu jiġi żgurat li r-rilaxxi tal-metan jiġu minimizzati u jibqgħu ferm taħt il-limitu ta' 20 000 tunnellata ta' CO<sub>2</sub>eq/sena. L-attivitajiet tal-bijoenerġija għandhom ikunu bbażati biss fuq bijometan sostenibbli u derivattivi f'konformità mar-RED II.

L-attivitajiet li ġejjin ma għandhomx jiġu appoġġati taħt il-miżura: l-użu ta' pompi tas-sħana ibridi u tal-gass, bojlers tal-gass.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I3: Il-bini ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-ekonomija ekoloġika**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tappoġġa l-produzzjoni upstream ta' oġġetti u t-titjib tas-servizzi li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Il-miżura għandha żżid u tibda l-manifattura tal-oġġetti u l-provvista ta' servizzi mill-intrapriżi marbuta direttament mat-tranżizzjoni tal-enerġija lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Dawn l-interventi għandhom isiru permezz tal-iżvilupp ta' faċilitajiet tal-manifattura ġodda effiċjenti ħafna u dekarbonizzati jew b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, R &I, attivitajiet ta' taħriġ mill-ġdid u titjib tal-ħiliet, u/jew l-estensjoni, il-konverżjoni u l-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet eżistenti.

L-attivitajiet eliġibbli għall-appoġġ skont din il-miżura jinkludu attivitajiet li jżidu jew jibdeu il-manifattura ta' oġġetti u l-provvista ta' servizzi għat-tranżizzjoni tal-enerġija bħal sistemi tal-enerġija rinnovabbli, soluzzjonijiet tat-tiżhin, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku, il-mobbiltà ekoloġika, il-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli, il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika, il-miżuri min-naħa tad-domanda, kif ukoll il-ħiliet u l-applikazzjonijiet tal-IT. L-interventi konkreti magħżula għandhom b'mod predominanti jkunu jistgħu jintużaw biss għal attivitajiet downstream li jagħtu kontribut sostanzjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Is-sejħa għal proposti għall-bini ta' kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-ekonomija ekoloġika għandu jkun fiha kriterji tal-għażla biex tiġi żgurata l-konformità mal-Gwida Teknika "la

tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01). Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta’ eliġibbiltà li jinsabu f’termini ta’ referenza għal sejħiet li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta’ attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta’ gassijiet serra previsti li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>9</sup>; (II) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream, barra mis-Sistemi għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS)<sup>10</sup>. Barra minn hekk, il-kriterji tal-għażla għandhom jirrikjedu li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

#### **C10.I4: Applikazzjoni ta’ teknoloġiji ekoloġiċi għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija**

L-objettiv ta’ din il-miżura huwa li tipprovi appoġġ għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija intensivi fil-karbonju. Permezz ta’ sejħa għal proposti, l-investment għandu jappoġġa proġetti li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali, b’appoġġ fakultattiv ukoll għal infrastruttura abilitanti marbuta ma’ faċilitajiet appoġġati (b’mod partikolari sistemi ta’ appoġġ diġitali u linji ta’ produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli). L-attivitajiet eliġibbli skont din il-miżura jinkludu l-qbid u l-ħżin tal-karbonju, il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u l-użu għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, l-użu tas-sħana residwa, il-miżuri ta’ bjoenerġija sostenibbli, l-elettrifikazzjoni, is-sostituzzjoni biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-installazzjonijiet u l-użu relatat tal-applikazzjonijiet tal-IT.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), il-kriterji ta’ eliġibbiltà fis-sejħiet li jmiss għandhom jeskludu attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta’ gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività tikseb emissjonijiet ta’ gassijiet serra previsti li mhumiex ferm aktar baxxi, iżda xorta aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-attivitajiet tal-bjoenerġija għandhom ikunu bbażati biss fuq bijometan sostenibbli u derivattivi f’konformità mar-RED II. Attivitajiet ġeotermali fil-fond ma għandhomx jiġu appoġġati bħala parti minn din il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

---

<sup>9</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta’ gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta’ applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta’ Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>10</sup> Ħlief għal (a) proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01); u (b) l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (i) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f’waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

### **C10.I5: Id-diġitalizzazzjoni tal-kumpaniji tal-enerġija**

L-investment għandu l-għan li jikkontribwixxi għal effiċjenza operazzjonali ogħla tas-sistema tal-elettriku u li jtejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku billi jimplementa soluzzjonijiet diġitali fil-kumpaniji tal-enerġija. L-attivitajiet eliġibbli skont din il-miżura jinkludu titjib diġitali li jappoġġa s-sigurtà tas-servizzi tal-enerġija, l-assi tal-IT, it-titjib fiċ-ċibersigurtà, il-proċessi operazzjonali, tal-ġestjoni u tan-negozju, inkluż il-ġestjoni tal-impjanti tal-enerġija u t-titjib fit-teknoloġija tal-kontroll tal-produtturi tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni tas-servizz għall-klijenti.

Għandu jitħejja pjan fil-forma ta' dijagramma u/jew deskrizzjoni testwali biex jippreżenta kif l-investimenti fid-diġitalizzazzjoni fil-qasam tal-enerġija ffinanzjati taħt din il-miżura u taħt il-Politika ta' Koeżjoni jibnu fuq xulxin. Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà fis-sejthiet li jmiss għandhom jeskludu attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex ferm aktar baxxi, iżda xorta aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I6: Investimenti fl-idroġenu**

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li tappoġġa proġetti tul il-katina tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli f'żewġ subpartijiet: il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u l-użu tal-idroġenu għall-mobbiltà.

L-ewwel subparti tal-investment għandha tappoġġa l-produzzjoni tal-kapaċità tal-elettrolizzatur permezz ta' sejħa. Il-produzzjoni korrispondenti ta' enerġija rinnovabbli addizzjonali mill-enerġija mir-riħ u/jew mix-xemx għandha tkun eliġibbli wkoll taħt din il-miżura. L-operaturi għandhom jipprovdur ġustifikazzjoni li turi li l-elettriku kkunsmat għall-produzzjoni tal-idroġenu huwa ġġenerat minn sorsi ta' enerġija ħielsa mill-fjuwils fossili.

It-tieni subparti tal-investment għandha tappoġġa x-xiri ta' karozzi tal-linja biċ-ċellola tal-idroġenu (kategorija M3) u vetturi tqal biċ-ċellola tal-idroġenu (kategoriji N2/N3) u vetturi ħfief li jaħdmu bl-idroġenu (kategorija N1), kif ukoll il-varar ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu permezz ta' sejħa għal propositi. L-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu għandhom ikunu jinsabu f'postijiet bi provvista dimostrarblli u suffiċjenti ta' idroġenu rinnovabbli u mingħajr fjuwils fossili.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà fis-sejthiet li jmiss għandhom jeskludu attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex ferm aktar baxxi, iżda xorta aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-

Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I7: It-tishih tar-riżorsi umani fl-ekonomija ekoloġika**

L-objettiv tal-investment huwa li jappoġġa t-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-forza tax-xogħol biex jinkisbu ħiliet ekoloġiċi, kif ukoll li jżid is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku dwar l-enerġija, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih u kwistjonijiet ambjentali.

Bħala parti mill-investment, għandu jiġi żviluppat kontenut ġdid ta' taqlim dwar il-ħiliet ekoloġiċi, inkluż il-kontenut li għandu jintuża għat-taħriġ prattiku tal-istudenti, għal mill-inqas 40 kors differenti li għandhom jiġu integrati fi programmi formali (akkreditati) ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali u ta' edukazzjoni għolja.

Għandha titwettaq analiżi tal-provvista u d-domanda tas-suq tax-xogħol biex tingħata prijorità lill-oqsma tal-ħiliet ekoloġiċi li għalihom għandhom jiġu żviluppati korsijiet u materjali ta' apprendiment ġodda kif ukoll programmi ta' taħriġ tal-mikrokredenzjali. L-analiżi għandha titwettaq u tiġi ppubblikata qabel l-iżvilupp ta' korsijiet ġodda, u materjali ta' apprendiment kif ukoll programmi ta' taħriġ tal-mikrokredenzjali.

Barra minn hekk, taħt dan l-investment, mill-inqas 50 000 professjonist li għandhom, l-aktar, it-tlestija tal-edukazzjoni sekondarja għolja u li jkunu pparteċipaw f'korsijiet ta' taħriġ għall-adulti għall-ħiliet ekoloġiċi għandhom jiksbu ċertifikati tal-mikrokredenzjali fl-oqsma tal-ħiliet ekoloġiċi. Il-persuni qiegħda, il-forza tax-xogħol inattiva u l-ħaddiema minn intrapriżi mikro u żgħar għandhom jingħataw prijorità bħala parteċipanti fit-taħriġ.

Il-mikrokredenzjali mogħtija għandhom ikunu konformi bis-sħiħ mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà (2022/C 243/02). L-iżvilupp tal-mikrokredenzjali għandu jibni fuq il-proġett tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku li għandu l-għan li joħloq sistema unika ta' mikrokredenzjali fl-Ungerija u fuq analiżi tal-provvista u d-domanda tas-suq tax-xogħol.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I8: Investimenti fl-effiċjenza enerġetika fil-bini pubbliku**

Dan l-investment għandu l-għan li jtejjeb ir-rendiment tal-bini pubbliku fl-użu tal-enerġija permezz tal-modernizzazzjoni tal-istokk tal-bini eżistenti. Huma biss il-proġetti li jiksbu tnaqqis ta' mill-inqas 30 % fil-konsum tal-enerġija primarja għal kull bini, meta mqabbel mas-sitwazzjoni bażi qabel it-titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija, li għandhom ikunu eliġibbli taħt dan l-investment.

L-investment għandu jwassal għal tnaqqis ġenerali fl-użu tal-enerġija primarja permezz ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika f' bini pubbliku b'erja totali tal-art ta' 1 442 000 metru kwadru, b'enfasi speċifika fuq ir-reġjun ta' Budapest. Dan għandu jinkiseb billi jsiru investimenti fil-ġestjoni tal-enerġija tal-bini bħat-titjib tal-iżolament tal-bini, il-prestazzjoni termali tal-bini, it-tnaqqis tat-telf tas-sħana, il-modernizzazzjoni tat-tisħin, l-implimentazzjoni ta' sistemi diġitali ta' ġestjoni tal-enerġija biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u/jew il-modifika retroattiva effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' sistemi tat-tidwil ta' ġewwa eżistenti; permezz taż-żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli għall-bini pubbliku u l-attivitajiet li jappoġġaw l-adattament tal-bini pubbliku għat-tibdil fil-klima. L-appoġġ għas-sistemi tat-tisħin ibbażat fuq il-gass ma għandux jammonta għal aktar minn massimu ta' 20 % tal-pakkett globali għal din il-miżura.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I9: Elettrifikazzjoni tas-sezzjonijiet ferrovjarji**

L-objettiv tal-investment huwa li titlesta l-elettrifikazzjoni ta' sezzjoni ferrovjarja, u b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili fis-sistema tat-trasport lokali. B'mod speċifiku, l-investment għandu jirriżulta fit-tlestija tal-elettrifikazzjoni tas-sezzjoni ferrovjarja bejn Szeged u l-fruntiera tal-Ungerija mas-Serbja fid-direzzjoni ta' Röske u fil-bini ta' binarju delta elettrifikat ġdid bejn il-linji ferrovjarji 136 u 140. L-investment għandu jtejjeb ukoll il-kapaċità tan-netwerk tal-elettriku tal-ferroviji billi jibni jew jibni mill-ġdid seba' substazzjonijiet (Tatabánya, Kimle, Szabadegyháza, Füzesabony, Nyékládháza, Œrmezg, Kisvárd), inkluż l-aġġornament sħiħ tat-transformers u s-switchgear.

Peress li għall-proġett tas-sezzjoni tal-fruntiera Szeged-Rendezg — Röske — Fruntiera tal-pajjiż, il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01) għall-objettiv tal-ekonomija ċirkolari ma setgħetx tiġi stabbilita ex ante, l-Ungerija għandha turi mat-tlestija ta' dan il-proġett li l-operaturi li jwettqu l-kostruzzjoni żguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u tad-demolizzjoni mill-kostruzzjoni (eskluż materjal li jseħħ b'mod naturali definit fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea ta' Skart stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/532/KE) iġġenerat fuq is-sit tal-kostruzzjoni jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' mili b'lura bl-użu ta' skart u skart ieħor f'konformità mal-ġerarkija tal-UE u l-iskart. Għal dan il-proġett partikolari, għandu jintwera wkoll li l-operaturi llimitaw il-ġenerazzjoni tal-iskart matul il-kostruzzjoni, f'konformità mal-Protokoll tal-UE dwar l-Immaniġġjar tal-iskart mill-Kostruzzjoni u mid-Demolizzjoni u filwaqt li jitqiesu l-aħjar tekniki disponibbli u l-użu mill-ġdid iffaċilitat u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja permezz tat-tneħħija selettiva ta' materjali, bl-użu ta' sistemi ta' separazzjoni disponibbli għall-iskart tal-kostruzzjoni.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I10: Tingħata spinta lill-adozzjoni tal-kumpaniji ta' vetturi elettriċi bil-batterija (BEVs)**

Din il-miżura għandha l-għan li żżid l-użu mill-kumpaniji ta' vetturi elettriċi bil-batterija billi tipprovdi appoġġ finanzjarju fil-forma ta' għotjiet. Dan għandu jirriżulta f'mill-inqas 12 500 vettura elektrika ġdida bil-batterija mixtrija u mqiegħda fis-servizz mill-kumpaniji li rċevew appoġġ ta' għotja.

L-investment għandu jkun immirat lejn kumpaniji li mhumiex fornituri tal-flotta. B'mod partikolari, il-kumpaniji fil-mira għandhom ikunu l-operaturi tal-ċar sharing u l-kumpaniji tat-trasport tal-passiġġieri. Il-vetturi eliġibbli li għandhom jinxtrow mir-riċevituri għandhom jinkludu karożżi elettriċi bil-batterija, vetturi kummerċjali ħfief u minibuses.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

### **C10.I11: Appoġġ għall-esplorazzjoni tal-enerġija ġeotermali**

Dan l-investment għandu l-għan li jipprovdi appoġġ finanzjarju lil impriżi attivi f'attivitajiet ta' esplorazzjoni ġeotermali biex jgħinjom itemmu dawn l-attivitajiet. Il-miżura għandha tikkonsisti f'sejħa għall-applikazzjonijiet miftuħa għal entitajiet b'permess għall-esplorazzjoni

ġeotermali li għandhom jibdew attivitajiet ta' esplorazzjoni fl-2024. Dan għandu jirriżulta fl-għoti ta' mill-inqas 20 għotja u l-finalizzazzjoni ta' mill-inqas 13 attivitajiet ta' esplorazzjoni.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà fis-sejthiet li jmiss għandhom jeskludu attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex ferm aktar baxxi, iżda xorta aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tiġi pprovduta spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

L-attivitajiet ġeotermali ma għandhomx jinkludu l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni taż-żejt jew tal-gass u lanqas tat-tagħmir użat għal dawn l-għanijiet. Għandu jiġi żgurat li r-rilaxxi tal-metan jiġu minimizzati u jibqgħu ferm taħt il-limitu ta' 20 000 tunnellata ta' CO<sub>2</sub>eq/sena.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

#### **C10.I12: It-twaqqif ta' strument finanzjarju biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-kumpaniji**

Din il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, sabiex tinċentiva l-investiment privat u ttejjeb l-aċċess għall-finanzi fis-settur tal-effiċjenza enerġetika tal-Ungerija għall-kumpaniji. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovi self permezz ta' intermedjarji lis-settur privat, kif ukoll lil entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovi mill-inqas EUR 405 703 312 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp (*Magyar Fejlesztési Bank Zrt. — MFB*) bħala s-Sieħeb tal-Implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linja ta' prodotti li ġejja:

- Appoġġ fil-forma ta' self biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-enerġija tas-settur korporattiv. Mill-inqas 60 % tal-appoġġ għandu jkun riżervat għall-intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju. Jekk ma jkunx hemm domanda biżżejjed minn intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju biex tintlaħaq il-mira ta' 60 % sat-30 ta' Settembru 2025, is-sehem li jifdal mill-fondi għandu jiġi riallokati lil intrapriżi kbar. Il-benefiċjarji finali li jirċievu appoġġ taħt din il-miżura għandhom ikunu meħtieġa jiksbu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %, kif iċċertifikat mill-awditi tal-enerġija. Huma biss l-attivitajiet marbuta direttament mar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini u d-dekarbonizzazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-proċessi industrijali li għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ taħt din il-miżura. L-installazzjoni u l-konnessjoni tal-kapaċitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jitqiesu bħala attività b'tali rabta diretta jekk jikkontribwixxu għal attività ta' ffrankar tal-enerġija.

Sabiex jimplementaw l-investiment fil-Faċilità, l-Ungerija u l-MFB għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġejj:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni dwar l-investment inizjali tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Ungeriż. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew mill-korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Il-MFB u l-intermedjarji finanzjarji li għandhom jintgħażlu biex jassistu fl-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandhom jieħdu deċiżjonijiet ta' investment b'mod trasparenti, indipendenti u konformi mas-suq.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investment assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-politika ta' investment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (I) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>11</sup>, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>12</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>13</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>14</sup>.
    - i. Barra minn hekk, l-appoġġ għas-sistemi tat-tiħin ibbażati fuq il-gass ma għandux jammonta għal aktar minn massimu ta' 20 % tal-pakkett globali għal din il-miżura.
    - ii. L-attivitajiet tal-bijoenerġija għandhom ikunu bbażati biss fuq bijometan sostenibbli u derivattivi f'konformità mar-RED II.

<sup>11</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

<sup>12</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>13</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>14</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

- iii. Għas-setturi tal-industrija li jużaw il-fwar u s-sħana b'temperatura baxxa sa 400 °C, l-elettrifikazzjoni tal-proċessi industrijali fuq l-użu ta' gassijiet b'livell baxx tal-karbonju għandha tingħata prijorità. L-investimenti fil-qbid tal-karbonju mhux fossili (bijoCCS) għandhom ikunu eliġibbli biss dment li jikkonformaw mal-kriterji rilevanti tad-DNSH, b'mod partikolari għall-attivitajiet tal-bijoenerġija. Il-qbid tal-karbonju fossili għandu jkun eliġibbli biss jekk is-CO<sub>2</sub> jirriżulta minn emissjonijiet inevitabbli. Proġetti li jinkludu l-katina tal-valur kollha tas-CCS (qbid, trasport u ħżin ġeoloġiku permanenti taħt l-art) u proġetti li jkkompletaw il-ktajjen tal-valur eżistenti (eż. ħżin ġdid marbut b'mod ċar ma' installazzjonijiet eżistenti tal-qbid) għandhom jingħataw prijorità fuq proposti oħra ta' proġetti tas-CCS.
  - iv. Għall-użu tal-idroġenu fl-industrija, jekk jintuża l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, dan għandu jissodisfa limitu ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' 73.4 % b'ċertifikati korrispondenti. L-idroġenu rinnovabbli u l-idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju biss għandhom ikunu eliġibbli għall-appoġġ. Barra minn hekk, il-proċess għandu jkun 100 % kompatibbli mal-idroġenu u l-użu tal-idroġenu għandu jiżdied sa 100 % fil-futur qrib.
  - v. L-attivitajiet ġeotermali ma għandhomx jinkludu l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni taż-żejt jew tal-gass. Ma għandu jkun hemm l-ebda tagħmir mixtri jew użat għal skopijiet bħal dawn. Għandu jiġi żgurat li r-rilaxxi tal-metan jiġu minimizzati u jibqgħu ferm taħt il-limitu ta' 20 000 tonnellata ta' CO<sub>2</sub>eq/sena.
- d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u l-intermedjarji finanzjarji, u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborż skont il-politika ta' investment tal-Faċilità sakemm dawn ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti ta' self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
- 1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-Sieħeb tal-Implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investment mobilizzat.
  - 2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni li tiżgura l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
  - 3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
  - 4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar tal-MFB. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, mar-rekwiżiti tal-miri

klimatiċi; u iii) li jiġi rrispettat ir-reqwizit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċevew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati.

5. Reqwiziti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-Sieħeb ta' Implimentazzjoni: Mill-inqas EUR 461 026 491 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandu jikkontribwixxi għall-oġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.<sup>15</sup>
6. Reqwiziti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: Il-MFB għandu jagħżel intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitt ta' interessi fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
7. Reqwizit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: Il-MFB għandu jiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-reqwiziti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala anness tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni. Ir-reqwiziti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-reqwiziti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
  1. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-reqwiziti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
  2. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jistabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-reqwiziti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

### **C10.I13: L-istabbiliment ta' strument finanzjarju biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali u jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku**

Il-miżura għandha tikkonsisti f'investment pubbliku f'Faċilità, sabiex jiġi inċentivat l-investment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tal-effiċjenza enerġetika tal-Ungerija għall-bini residenzjali. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovdi self u għoti ta' appoġġ kombinat permezz ta' intermedjarji lis-settur privat, speċifikament lill-unitajiet domestiċi. Abbażi tal-investment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovdi mill-inqas EUR 518 559 440 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp (*Magyar Fejlesztési Bank Zrt.* — MFB) bħala s-Sieħeb tal-Implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linji ta' prodotti li ġejjin:

- Appoġġ kombinat ta' self u għotjiet biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika ta' bini residenzjali. Dan l-investment għandu wkoll l-għan li jindirizza l-faqar enerġetiku u mill-inqas 10 % tal-appoġġ għandu jkun riżervat għal unitajiet domestiċi f'faqar

<sup>15</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Is-sieħeb tal-Implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

enerġetiku. Jekk ma jkunx hemm domanda suffiċjenti minn unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku biex tintlaħaq il-mira ta' 10 % sat-30 ta' Settembru 2025, is-sehem li jifdal mill-fondi għandu jiġi riallokati lil unitajiet domestiċi oħra. Is-sehem ta' għotjiet u self għal kull benefiċjarju finali għandu jiġi stabbilit skont żewġ kriterji: I) il-livell ta' introjtu tal-benefiċjarji finali u ii) l-iffrankar potenzjali tal-enerġija primarja li għandu jinkiseb mill-benefiċjarju finali. Jiġifieri, aktar ma jkun baxx il-livell tal-introjtu tal-benefiċjarju finali u oġġla jkun l-iffrankar potenzjali tal-enerġija, aktar għandu jkun għoli s-sehem tal-appoġġ b'għotja fuq l-appoġġ totali għal kull benefiċjarju finali. Fil-każ ta' unitajiet domestiċi li jgħixu f'faqar enerġetiku, is-sehem tal-appoġġ fil-forma ta' self fuq l-appoġġ totali għal kull benefiċjarju finali ma għandux jaqbeż il-10 %. L-unitajiet domestiċi li jirċievu appoġġ skont din il-miżura għandhom ikunu meħtieġa jiksibu ffrankar tal-enerġija primarja ta' mill-inqas 30 %, kif iċċertifikat b'ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs).

Sabiex jimplimentaw l-investment fil-Faċilità, l-Ungerija u l-MFB għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni dwar l-investment inizjali tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Ungeriż. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew mill-korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Il-MFB u l-intermedjarji finanzjarji li għandhom jintgħażlu biex jassistu fl-implimentazzjoni ta' din il-miżura għandhom jieħdu deċiżjonijiet ta' investment b'mod trasparenti, indipendenti u konformi mas-suq.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investment assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-politika ta' investment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>16</sup>, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>17</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati

<sup>16</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šhana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

<sup>17</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>18</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>19</sup>. Barra minn hekk, l-appoġġ għas-sistemi tat-tiżhin ibbażati fuq il-gass ma għandux jammonta għal aktar mill-massimu ta' 20 % tal-pakkett globali għal din il-miżura.

- d. Ir-rekwiżiti li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u l-intermedjarji finanzjarji, u r-rekwiżiti li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborż skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm dawn ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti ta' self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
  1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-Sieħeb tal-Implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
  2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni li tiżgura l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
  3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
  4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar tal-MFB. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitt ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, mar-rekwiżiti tal-miri klimatiċi; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżiti li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċievew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni u tal-Ftehimiet ta' Finanzjament applikabbli qed jiġu rrispettati.

---

<sup>18</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>19</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

5. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-Sieħeb ta' Implimentazzjoni: Mill-inqas EUR 589 272 091 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandu jikkontribwixxi għall-objettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.<sup>20</sup>
6. Rekwiżiti għall-għażla tal-intermedjarji finanzjarji: Il-MFB għandu jagħżel intermedjarji finanzjarji b'mod miftuħ, trasparenti u mhux diskriminatorju. Il-kontrolli għan-nuqqas ta' kunflitt ta' interessi fuq l-intermedjarji finanzjarji għandhom isiru u jitwettqu ex ante għall-atturi finanzjarji kollha involuti.
7. Rekwiżit għall-iffirmar tal-Ftehimiet ta' Finanzjament: Il-MFB għandu jiffirma Ftehimiet ta' Finanzjament mal-intermedjarji finanzjarji f'konformità mar-rekwiżiti ewlenin li għandhom jiġu pprovduti bħala anness tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-Ftehim ta' Finanzjament għandhom jinkludu r-rekwiżiti kollha li taħthom topera l-Faċilità, inklużi:
  1. L-obbligu tal-intermedjarju finanzjarju li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu f'konformità *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-politika tal-investment speċifikati hawn fuq, inkluż relatati mar-rispett tal-prinċipju DNSH.
  2. Id-deskrizzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u awditjar u kontroll li l-intermedjarju finanzjarju għandu jstabbilixxi, li *mutatis mutandis* għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll speċifikati hawn fuq.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

#### **C10.I14: L-istabbiliment ta' strument finanzjarju biex tiżdied l-introduzzjoni tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-vetturi elettriċi (EVs)**

Il-miżura għandha tikkonsisti f'investment pubbliku f'Faċilità, sabiex jiġi inċentivat l-investment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tal-elettromobbiltà tal-Ungerija billi tiġi żviluppata l-infrastruttura tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovdni appoġġ kombinat ta' self u għotjiet direttament lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovdni mill-inqas EUR 73 640 597 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp (*Magyar Fejlesztési Bank Zrt.* — MFB) bħala s-Sieħeb tal-Implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linja ta' prodotti li ġejja:

---

<sup>20</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdnu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Is-sieħeb tal-Implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdni lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

- Self ikkombinat u appoġġ b'għotja għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar. Is-sehem ta' għotjiet u self għandu jiġi deċiż abbażi tal-kriterji li ġejjin:
  - il-mappa tal-ġhajnuna reġjonali mill-Istat, kif inkluża fl-Artikolu 36a tar-Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa (GBER);
  - id-daqs tal-kumpanija li tapplika għall-Faċilità. Jiġifieri, l-iżgħar tkun il-kumpanija, aktar għandu jkun għoli s-sehem tal-appoġġ b'għotja;
  - il-proporzjon tal-punti tal-iċċarġjar tal-vetturi tqal (HDV) għal kull stazzjon li għandu jiġi installat mill-benefiċjarji finali. B'mod partikolari, aktar ma jkun għoli l-proporzjon tal-HDV, l-ogħla għandu jkun is-sehem tal-appoġġ b'għotja.

Sabiex jimplimentaw l-investment fil-Faċilità, l-Ungerija u l-MFB għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

1. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni dwar l-investment inizjali tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Ungeriż. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investment proposta mill-kumitat tal-investment jew mill-korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Il-MFB għandu jieħu deċiżjonijiet ta' investment b'mod trasparenti, indipendenti u konformi mas-suq.
2. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investment assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-politika ta' investment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>21</sup>, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>22</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>23</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>24</sup>.

<sup>21</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

<sup>22</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokkazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>23</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda

- d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
3. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborż skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm dawn ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti ta' self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
4. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-Sieħeb tal-Implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
  2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni li tiżgura l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
  3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
  4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar tal-MFB. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, mar-rekwiżiti tal-miri klimatiċi; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċievew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni applikabbli qed jiġu rrispettati.
5. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-Sieħeb ta' Implimentazzjoni: Mill-inqas EUR 79 183 437 tal-investiment tal-RRF fil-Faċilità għandu jikkontribwixxi għall-objettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.<sup>25</sup>

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

### **C10.I15: L-istabbiliment ta' strument finanzjarju biex jappoġġa x-xiri ta' vetturi elettriċi bil-batterija (BEVs) mill-fornituri tal-flotta**

---

fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>24</sup>Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>25</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdur ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Is-sieħeb tal-Implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdur lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

Il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tal-elettromobbiltà tal-Ungerija billi tingħata spinta lill-adozzjoni ta' vetturi elettriċi bil-batterija fis-settur privat. Il-Faċilità għandha topera billi ttiprovdi self direttament lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment ttiprovdi mill-inqas EUR 48 930 629 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp (*Magyar Fejlesztési Bank Zrt. — MFB*) bħala s-Sieħeb tal-Implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linja ta' prodotti li ġejja:

- Appoġġ fil-forma ta' self lill-fornituri tal-flotta għax-xiri ta' vetturi elettriċi bil-batterija.

Sabiex jimplimentaw l-investiment fil-Faċilità, l-Ungerija u l-MFB għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

2. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni dwar l-investiment inizjali tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Ungeriż. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew mill-korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Il-MFB għandu jieħu deċiżjonijiet ta' investiment b'mod trasparenti, indipendenti u konformi mas-suq.
3. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>26</sup>, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>27</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati

---

<sup>26</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-šhana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

<sup>27</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumiex aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhumiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>28</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>29</sup>.

- d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
4. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborż skont il-politika ta' investment tal-Faċilità sakemm dawn ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti ta' self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
  5. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
    1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-Sieħeb tal-Implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investment mobilizzat.
    2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni li tiżgura l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
    3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
    4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar tal-MFB. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, mar-rekwiżiti tal-miri klimatiċi; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċievew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni applikabbli qed jiġu rrispettati.
  5. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-Sieħeb ta' Implimentazzjoni: Mill-inqas EUR 52 613 580 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandu jikkontribwixxi għall-oġġettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.<sup>30</sup>

---

<sup>28</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>29</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>30</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdur għustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Is-sieħeb tal-Implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdur lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

### **C10.I16: L-istabbiliment ta' strument finanzjarju biex jappoġġa l-esplorazzjoni u l-isfruttament tal-enerġija ġeotermali**

Il-miżura għandha tikkonsisti f'investiment pubbliku f'Faċilità, sabiex jiġi inċentivat l-investiment privat u jittejjeb l-aċċess għall-finanzjament fis-settur tal-enerġija ġeotermali tal-Ungerija. Il-Faċilità għandha topera billi tipprovi self direttament lis-settur privat, kif ukoll lill-entitajiet tas-settur pubbliku involuti f'attivitajiet simili. Abbażi tal-investiment tal-RRF, il-Faċilità għandha l-għan li inizjalment tipprovi mill-inqas EUR 326 709 810 ta' finanzjament.

Il-Faċilità għandha tiġi ġestita mill-Bank Ungeriż għall-Iżvilupp (*Magyar Fejlesztési Bank Zrt. — MFB*) bħala s-Sieħeb tal-Implimentazzjoni. Il-Faċilità għandha tinkludi l-linja ta' prodotti li ġejja:

- Appoġġ ta' self biex jittejjeb l-isfruttament tal-enerġija ġeotermali. Il-benefiċjarji finali tal-Faċilità għandhom jikkonsistu f'entitajiet b'permess validu ta' estrazzjoni ġeotermali. Il-benefiċjarji finali li ma jkunux irċevew appoġġ ta' għotja taħt l-investiment C10.I11 għandhom jieħdu inqas minn 20 % tal-appoġġ fil-forma ta' self taħt dan l-investiment.

Sabiex jimplimentaw l-investiment fil-Faċilità, l-Ungerija u l-MFB għandhom jiffirmaw Ftehim ta' Implimentazzjoni li għandu jinkludi l-kontenut li ġej:

6. Deskrizzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Faċilità: Id-Deċiżjoni dwar l-investiment inizjali tal-Faċilità għandha tittieħed minn kumitat tal-investiment jew korp governattiv ekwivalenti rilevanti ieħor u approvata b'maġġoranza ta' voti minn membri li huma indipendenti mill-Gvern Ungeriż. Id-Deċiżjoni finali dwar l-investiment tal-Faċilità għandha tkun limitata għall-approvazzjoni (mingħajr modifiki) jew għall-eżerċizzju ta' dritt ta' veto fuq deċiżjoni ta' investiment proposta mill-kumitat tal-investiment jew mill-korp governattiv ekwivalenti rilevanti. Il-MFB għandu jieħu deċiżjonijiet ta' investiment b'mod trasparenti, indipendenti u konformi mas-suq.
7. Ir-rekwiżiti ewlenin tal-politika ta' investiment assoċjata, li għandhom jinkludu:
  - a. Id-deskrizzjoni tal-prodott finanzjarju u l-benefiċjarji finali eliġibbli.
  - b. Ir-rekwiżit li l-investimenti kollha appoġġati jkunu ekonomikament vijabbli.
  - c. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (DNSH) kif stabbilit fil-Gwida Teknika dwar id-DNSH (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-politika ta' investiment għandha teskludi l-lista li ġejja ta' attivitajiet u assi mill-eliġibbiltà: (i) attivitajiet u assi relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream<sup>31</sup>, (ii) attivitajiet u assi taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra projettati li

<sup>31</sup> Ħlief għal (a) assi u attivitajiet fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll l-infrastruttura relatata tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni, bl-użu tal-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika “la tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) u (b), l-attivitajiet u l-assi skont il-punt (ii) li għalihom l-użu tal-fjuwils fossili huwa temporanju u teknikament inevitabbli għat-tranżizzjoni f'waqtha lejn operazzjoni ħielsa mill-fjuwils fossili.

mhumieq inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti<sup>32</sup>, (iii) attivitajiet u assi relatati ma' landfills tal-iskart, inċineraturi<sup>33</sup> u impjanti tat-trattament mekkaniku bijoloġiku<sup>34</sup>. L-attivitajiet ġeotermali ma għandhomx jinkludu l-esplorazzjoni jew l-estrazzjoni taż-żejt jew tal-gass u lanqas tat-tagħmir użat għal dawn l-għanijiet. Għandu jiġi żgurat li r-rilaxxi tal-metan jiġu minimizzati u jibqgħu ferm taħt il-limitu ta' 20 000 tunnellata ta' CO<sub>2</sub>eq/sena.

- d. Ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma għandhomx jirċievu appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess kost.
8. L-ammont kopert mill-Ftehim ta' Implimentazzjoni, l-istruttura tat-tariffi għas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni u r-rekwiżit li jiġi investit mill-ġdid kwalunkwe rimborż skont il-politika ta' investiment tal-Faċilità sakemm dawn ma jintużawx biex jiġu servuti r-ripagamenti ta' self tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
  9. Rekwiżiti ta' monitoraġġ, awditjar u kontroll, inklużi:
    1. Id-deskrizzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tas-Sieħeb tal-Implimentazzjoni biex jirrapporta dwar l-investiment mobilizzat.
    2. Id-deskrizzjoni tal-proċeduri tas-Sieħeb ta' Implimentazzjoni li tiżgura l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni, u l-kunflitti ta' interess.
    3. L-obbligu li tiġi vverifikata l-eliġibbiltà ta' kull operazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti fil-Ftehim ta' Implimentazzjoni qabel ma jsir impenn għall-finanzjament ta' operazzjoni.
    4. L-obbligu li jitwettqu awditi ex post ibbażati fuq ir-riskju skont pjan tal-awditjar tal-MFB. Dawn l-awditi għandhom jivverifikaw i) li s-sistemi ta' kontroll ikunu effettivi, inkluża l-identifikazzjoni ta' frodi, korruzzjoni, u kunflitti ta' interess; II) il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", mar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat, mar-rekwiżiti tal-miri klimatiki; u iii) li jiġi rrispettat ir-rekwiżit li l-benefiċjarji finali tal-Faċilità ma jkunux irċievew appoġġ minn strumenti oħra tal-Unjoni biex ikopru l-istess

<sup>32</sup> Meta l-attività appoġġata tikseb l-emissjonijiet ta' gassijiet serra previsti li mhumieq aktar baxxi b'mod sinifikanti mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiew possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

<sup>33</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

<sup>34</sup> Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

kost. L-awditi għandhom jivverifikaw ukoll il-legalità tat-tranżazzjonijiet u li l-kundizzjonijiet tal-Ftehim ta' Implimentazzjoni applikabbli qed jiġu rispettati.

5. Rekwiżiti għall-investimenti klimatiċi mwettqa mis-Sieħeb ta' Implimentazzjoni: Mill-inqas EUR 351 300 871 tal-investment tal-RRF fil-Faċilità għandu jikkontribwixxi għall-objettivi tat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament RRF.<sup>35</sup>

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

---

<sup>35</sup> Il-benefiċjarji finali assoċjati ma' proġetti speċifiċi għandhom ikunu meħtieġa jipprovdu ġustifikazzjoni tal-qasam ta' intervent magħżul għal kull proġett appoġġat, flimkien ma' deskrizzjoni tal-proġett, għall-fini tal-komputazzjoni tal-kontribuzzjoni għall-klima. Is-sieħeb tal-Implimentazzjoni għandu jkun meħtieġ ukoll jipprovdi lill-Istat Membru rapport semiannwali dwar l-implimentazzjoni ta' kull proġett/attività.

#### J.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
293	C10.R7: Espansjoni tal-komunitajiet tal-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni emendata dwar il-komunitajiet tal-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	<p>Leġislazzjoni riveduta li tistabbilixxi qafas regolatorju dettaljat u flessibbli għaċ-ċittadini u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli għandha tidħol fis-seħħ abbażi tal-esperjenza ta' proġetti pilota preċedenti ffinanzjati minn sorsi tal-ETS.</p> <p>Għandhom jiġu adottati dispożizzjonijiet legali dwar il-kondiviżjoni, it-trażmissjoni, l-aċċess għad-data tal-konsumatur, il-kejl u l-kontabbiltà fil-grilja pubblika għall-komunitajiet tal-enerġija.</p> <p>Ir-riforma għandha tintroduċi inċentivi għall-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija, tinkoraġġixxi l-produzzjoni u l-konsum kollettivi fi ħdan il-qafas tal-komunità tal-enerġija u tissimplifika l-proċess ta' reġistrazzjoni u operazzjoni tal-komunitajiet tal-enerġija.</p> <p>Ir-riforma għandha timplimenta l-prinċipju ta' parteċipazzjoni miftuħa, ma għandhiex tirrestrinġi bla bżonn l-awtokonsum kollettiv u l-produzzjoni u lanqas ma għandha tintroduċi xi tip ta' restrizzjoni mhux ġustifikata bbażata fuq id-daqs jew il-ġeografija. Il-Komunitajiet tal-Enerġija għandhom jitħallew joperaw ukoll fis-settur tat-tisħin u tkessiħ.</p> <p>Il-Komunitajiet tal-enerġija għandu jkollhom id-dritt li jirċievu data dwar il-kejl dwar il-provvisti tal-elettriku, data dwar il-kejl b'kont meħud tal-elettriku kondiviż fil-komunità tal-enerġija u data evalwata.</p> <p>Wara r-reviżjoni tal-qafas leġislattiv, għandhom jinħolqu skemi ta' finanzjament dedikati biex jipprovdu inċentiv ulterjuri għall-istabbiliment tal-</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Komunitajiet tal-Enerġija.
294	C10.R7: Espansjoni tal-komunitajiet tal-enerġija	Stadju importanti	Punt uniku ta' servizz u linji gwida dwar il-komunitajiet tal-enerġija	L-istabbiliment ta' punt uniku ta' servizz u l-pubblikazzjoni tal-bażi tad-data tad-dokumenti legali mudell għall-istabbiliment tal-komunitajiet tal-enerġija				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Għandu jiġi stabbilit punt uniku ta' servizz għall-komunitajiet tal-enerġija li għandu jinkludi informazzjoni dwar il-finanzjament u l-linji gwida u d-dokumenti previsti għall-istabbiliment legali tal-komunitajiet tal-enerġija (inklużi studji tekniċi u ekonomiċi tal-fattibbiltà, kuntratti u dokumenti legali relatati mal-istabbiliment tal-komunitajiet tal-enerġija, ir-relazzjonijiet kuntrattwali tal-komunitajiet tal-enerġija u l-membri tagħhom), għandu jiġi ppubblikat biex jiggwida lill-pubbliku u jiffaċilita l-ħolqien ta' komunitajiet tal-enerġija.  Il-materjali tas-sensibilizzazzjoni u tal-edukazzjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija għandhom jappoġġaw it-tixrid ta' informazzjoni dwar il-komunitajiet tal-enerġija
295	C10.R8: Inċentivi legali għall-użu tal-ħżin tal-enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li tistabbilixxi qafas regolatorju dwar il-ħżin tal-enerġija	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li tistabbilixxi qafas regolatorju dwar il-ħżin tal-enerġija għall-klijenti attivi u għall-parteċipanti tar-rispons tad-domanda industrijali għas-suq tal-enerġija.  Il-leġislazzjoni emendata għandha tinkludi: <ul style="list-style-type: none"><li>- Permess simplifikat biex jiġihaddem il-ħżin tal-enerġija;</li><li>- Definizzjoni tad-drittijiet u l-obbligi tal-operatur tal-assi tal-ħżin tal-enerġija fir-rigward ta' parteċipanti oħra fis-suq (id-dritt li jikkonnettja l-ħżin tal-enerġija mal-grilja, id-dritt li jbigħ lill-grilja u jixtri l-elettriku mill-grilja, id-dritt li jipprovdi servizzi ta' bilanċjar);</li><li>- il-metodoloġija u l-kundizzjonijiet għall-</li></ul>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>aċċess u l-konnessjoni man-netwerks tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-elettriku;</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- Id-dritt u r-regoli għal konsumatur attiv li jopera assi tal-ħżin</li> <li>- Dispożizzjonijiet ta' kuntratti dwar it-tħaddim tal-assi tal-ħżin tal-enerġija;</li> <li>- L-esklużjoni ta' ċċarġjar doppju (li jikkonċerna l-elettriku mill-grilja, imbagħad ikkonsenjat lura lill-grilja u kkunsmat mill-klijent finali);</li> <li>- Ir-rekwiżit li d-DSOs jinkludu fil-pjanijiet tagħhom għall-iżvilupp tan-network informazzjoni dwar is-servizzi ta' flessibbiltà, ir-rispons potenzjali tad-domanda, l-effiċjenza enerġetika, ir-riżorsi tal-faċilitajiet tal-ħżin tal-enerġija li d-DSO jkun beħsiebu juża jew jinvesti fihom bħala alternattiva għall-espansjoni tas-sistema.</li> </ul>
296	C10.R8: Inċentivi legali għall-użu tal-ħżin tal-enerġija	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Pjan Nazzjonali dwar il-ħżin tal-Enerġija u l-flessibbiltà mhux fossili	Adozzjoni tal-istrategġija mill-gvern				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	<p>Il-pjan Nazzjonali dwar il-ħżin tal-Enerġija u l-flessibbiltà mhux fossili għandu jiġi adottat mill-Ministeru. Hija għandha tiddefinixxi l-prijoritajiet tal-iżvilupp tal-flessibbiltà mhux fossili u tiddefinixxi mira għall-flessibbiltà mhux fossili, inkluż il-ħżin tal-enerġija sal-2035.</p> <p>L-istrategġija Nazzjonali għandha tipprovdi trajettorja ta' investiment biex jintlaħaq il-potenzjal identifikat u għandha tidentifika sorsi ta' finanzjament pubbliċi u privati xierqa għall-appoġġ ta' teknoloġiji ta' flessibbiltà u ħżin inklużi skedi ta' żmien għall-iżvilupp u l-appoġġ tagħhom.</p>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
297	C10.R9: L-iżgurar ta' qafas legali għall-idroġenu rinnovabbli	Stadju importanti	Tlestija ta' rieżami tal-qafas legali dwar l-idroġenu rinnovabbli	Pubblikazzjoni tal-valutazzjoni regolatorja inkluża lista li tidentifika miżuri leġiżlattivi, normi tekniċi u metodoloġiji fuq is-sit web uffiċjali tal-Ministeru tal-Enerġija				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	<p>Il-Ministeru tal-Enerġija għandu jħejji valutazzjoni tal-lakuni regolatorji u tal-inkonsistenzi fi ħdan il-qafas legali u regolatorju għall-produzzjoni tal-idroġenu u l-użu tal-idroġenu fl-industrija u t-trasport heavy-duty.</p> <p>Abbażi ta' din il-valutazzjoni, il-Ministeru għandu jippreżenta lista ta' miżuri, li għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web uffiċjali. Il-lista għandha tistabbilixxi l-leġiżlazzjoni primarja, il-leġiżlazzjoni sekondarja, in-normi tekniċi, u l-metodoloġiji li l-adozzjoni jew l-emenda tagħhom hija meħtieġa biex jiġi żgurat l-allinjament mal-qafas legali tal-UE relatat mal-idroġenu rinnovabbli, speċjalment id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (2018/2001/UE), kif ukoll biex jiġu pprovduti kundizzjonijiet abilitanti għall-iżvilupp tal-ekosistema tal-idroġenu rinnovabbli Ungeriża. Il-miżuri għandhom joħolqu wkoll kundizzjonijiet abilitanti għall-adozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli kemm fis-settur tat-trasport industrijali kif ukoll f'dak heavy-duty.</p> <p>Il-miżuri fuq il-lista għandhom jiġu identifikati flimkien mal-partijiet ikkonċernati.</p> <p>Il-partijiet ikkonċernati rilevanti bħar-rappreżentanti tal-industrija u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi għandhom jiġu kkonsultati dwar l-abbozz tal-lista ta' miżuri qabel il-pubblikazzjoni tagħha.</p>
298	C10.R9: L-iżgurar ta' qafas legali għall-idroġenu rinnovabbli	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-pakkett leġiżlattiv dwar l-idroġenu	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' pakkett leġiżlattiv dwar l-idroġenu rinnovabbli u l-pubblikazzjoni ta' pakkett mhux leġiżlattiv ta' akkumpanjament. Iż-żewġ pakketti għandhom jistabbilixxu mill-inqas dan li ġej:

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			rinnovabbli u l-pubblikazzjoni ta' pakkett mhux leġiżlattiv ta' akkumpanjament	u l-pubblikazzjoni tal-pakkett mhux leġiżlattiv						<ul style="list-style-type: none"> <li>- ġew iċċarati l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' sikurezza u kwalità għall-użu tal-elettriku prodott bl-użu tal-idroġenu rinnovabbli;</li> <li>- il-kunċett ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu ġie ankrat fil-liġi;</li> <li>- ikunu ġew stabbiliti regoli dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza għall-installazzjoni ta' apparat ta' pressjoni;</li> <li>- ir-regoli għall-awtorizzazzjoni tal-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu ġew iċċarati u ssimplifikati;</li> <li>- garanziji tal-oriġini għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' skema ta' ċertifikazzjoni nazjonali;</li> <li>- il-pjanijiet għall-varar tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi ġew aġġornati f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1804.</li> </ul> <p>Għal-lista ta' miżuri msemmija fl-istadju importanti preċedenti numru 298, l-Ungerija għandha tippubblika rapport dwar il-progress tal-implimentazzjoni għal kull waħda mill-miżuri.</p>
299	C10.R10: Żvilupp ta' strateġija u pjan ta' azzjoni għall-bijogass u l-bijometan	Stadju importanti	Żvilupp ta' strateġija u pjan ta' azzjoni għall-bijogass u l-bijometan	Adozzjoni mill-Gvern ta' strateġija u pjan ta' azzjoni dwar il-bijogass u l-bijometan				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Il-Gvern għandu jadotta strateġija dwar il-bijogass u l-bijometan u pjan ta' azzjoni li għandu jipprovdi qafas strateġiku għall-politika dwar il-bijometan u l-bijogass, jiddefinixxi l-oġettivi u l-miżuri biex dawn jinkisbu, u jindirizza l-elementi kollha inklużi fid-deskrizzjoni tar-riforma.
300	C10.R11: It-titjib tal-qafas regolatorju	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ				IT-TIENI TRIMES	2024	Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni għat-titjib tal-proċeduri regolatorji għall-esplorazzjoni u l-

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mi ra	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-enerġija ġeotermali		għat-titjib tal-qafas regolatorju għall-esplorazzjoni u l-użu tal-enerġija ġeotermali	tal-leġiżlazzjoni				TRU TAL-4		<p>esplotazzjoni tal-enerġija ġeotermali.</p> <p>Qabel id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni, il-Ministeru tal-Enerġija għandu jkollu:</p> <p>I) ippubblikat dokument ta' strateġija li jiddeskrivi l-passi ta' politika previsti biex jittejjeb il-qafas regolatorju għall-esplorazzjoni u l-użu tal-enerġija ġeotermali. Dan id-dokument għandu jkun ibbażat fuq evalwazzjoni tar-reġim ta' liċenzjar għall-esplorazzjoni ġeotermali introdott fl-2023;</p> <p>II) ippubblikat dokument ta' monitoraġġ dwar it-tweqqif tal-passi ta' politika deskritti fid-dokument ta' strateġija msemmi hawn fuq. Il-passi ta' politika li għandhom jinkisbu għandhom jinkludu, iżda ma jkunux limitati għal, il-leġiżlazzjoni għat-titjib tal-qafas regolatorju għall-esplorazzjoni u l-użu tal-enerġija ġeotermali.</p>
301	C10.R12: Appoġġ għall-applikazzjonijiet tal-benefiċjarji potenzjali għal skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika residenzjali ffinanzjati mill-UE	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi qafas għall-assistenza ta' applikazzjonijiet tal-benefiċjarji potenzjali għal appoġġ taħt skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika residenzjali ffinanzjati mill-UE	Dispożizzjonijiet fil-liġi li jindikaw id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	<p>Id-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi qafas għall-appoġġ tal-applikazzjonijiet tal-benefiċjarji potenzjali taħt skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika ffinanzjati mill-UE. Il-leġiżlazzjoni għandha tispeċifika l-elementi li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- liema organizzazzjonijiet jew entitajiet għandhom ikunu eliġibbli biex jipprovdu l-assistenza lill-benefiċjarji potenzjali ta' skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika ffinanzjati mill-UE, f'konformità mad-deskrizzjoni tal-miżura;</li> <li>- il-passi konkreti li għandhom jitwettqu mill-organizzazzjonijiet jew l-entitajiet meta jħejju l-applikazzjonijiet tal-benefiċjarji potenzjali, f'konformità mad-</li> </ul>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										<p>deskrizzjoni tal-miżura.</p> <p>L-unitajiet domestiċi li jixtiequ japplikaw għal appoġġ finanzjarju taħt skemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika residenzjali ffinanzjati mill-UE għandu jkollhom aċċess għall-assistenza minn wieħed mill-atturi msemmija fid-deskrizzjoni tal-miżura mill-1 ta' Jannar 2025.</p> <p>Il-leġiżlazzjoni għandha tispeċifika li ċ-ċertifikati tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (EPCs) għandhom jinħarġu wara li l-benefiċjarji tal-iskemi ta' appoġġ għall-effiċjenza enerġetika ffinanzjati mill-UE jlestu l-investment tagħhom, biex jiċċertifikaw l-ammont ta' frankar tal-enerġija miksub.</p> <p>Qabel id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni, id-definizzjoni tal-faqar enerġetiku għandha tiġi ppubblikata fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Enerġija.</p> <p>L-Ungerija għandha tuża dik id-definizzjoni meta tistabbilixxi l-istrateġija biex timmira lejn unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku skont l-investimenti rilevanti fl-enerġija, inkluż l-investment C10.I13.</p>
302	C10.R13: Strateġija nazzjonali għall-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi	Stadju importanti	Deċiżjoni tal-gvern dwar l-istrateġija nazzjonali dwar il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-pjan ta' azzjoni ta' implimentazzjoni tagħha	Dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Gvern dwar l-istrateġija nazzjonali dwar il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Id-dħul fis-seħħ tad-deċiżjoni tal-Gvern dwar l-istrateġija nazzjonali dwar il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika bħala parti mill-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima tal-Ungerija u pjan ta' azzjoni għall-2025–2027 għall-implimentazzjoni tal-istrateġija. L-istrateġija għandha tipprovdi qafas strateġiku għall-politika tal-iżvilupp tal-ħiliet ekoloġiċi, li jiddefinixxi l-oġettivi, il-miżuri u l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress fl-implimentazzjoni tal-istrateġija. Għandha titwettaq konsultazzjoni pubblika li tinvolvi l-partijiet interessati ewlenin kollha u l-imsieħba soċjali dwar l-abbozz tal-istrateġija nazzjonali u l-pjan ta' azzjoni.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Id-Deċiżjoni tal-Gvern għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
303	C10.R13: Strateġija nazzjonali għall-iżvilupp ta' ħiliet ekoloġiċi	Stadju importanti	Rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali dwar il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-pjan ta' azzjoni relatat	Pubblikazzjoni tar-rapport fuq is-sit web tal-Ministeru responsabbli għall-ħiliet ekoloġiċi				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Għandu jiġi ppubblikat rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija nazzjonali dwar il-ħiliet għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-pjan ta' azzjoni relatat. Ir-rapport għandu jivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-oġġettivi ta' politika u l-indikaturi definiti fl-istrateġija.
304	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (self)	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal proposti rigward l-iżviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proposti fuq is-sit web uffiċjali tal-Gvern għas-sejħa				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Għandha titnieda sejħa għal proposti għall-iżviluppi diġitali għall-istabbiliment u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema.  Is-sejħa għandha tiddeskrivi l-elementi u l-attivitajiet ewlenin tal-iżvilupp li jistgħu jirċievu appoġġ sabiex tiġi żviluppata infrastruttura diġitali, bħas-sistema diġitali tas-servizzi tal-klijenti, l-infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, is-sistemi tal-IT li jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u s-sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur.
305	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja kollha għall-iżviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati mal-operaturi tas-sistema — inklużi l-kumpaniji tal-IT tagħhom — u għandhom jidhru fis-seħħ għall-proġetti kollha magħżula taħt is-sejħa msemmija fl-istadju importanti 304.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (self)		tan-network u mat-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema							
306	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (self)	Tal-UE	Żviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema		Għadd	0	1	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	L-għadd ta' żviluppi diġitali mwettqa fl-operaturi tas-sistema u/jew fil-kumpaniji tal-IT tagħhom. Żvilupp diġitali għandu jkun fih l-iżvilupp u l-installazzjoni ta' infrastruttura diġitali bħal: sistema diġitali tas-servizzi tal-klijenti, infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, sistemi tal-IT li jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur.
307	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C.10.I1a: Żviluppi diġitali fil-livell tal-operatur tas-sistema (self)	Tal-UE	Żviluppi diġitali relatati mal-infrastruttura tan-network u t-tħaddim tan-network tal-elettriku fil-livell tal-operatur tas-sistema		Għadd	1	6	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	L-għadd ta' żviluppi diġitali mwettqa fl-operaturi tas-sistema u/jew fil-kumpaniji tal-IT tagħhom. Żvilupp diġitali għandu jkun fih l-iżvilupp u l-installazzjoni ta' infrastruttura diġitali bħal: sistema diġitali tas-servizzi tal-klijenti, infrastruttura fundamentali tal-IT tal-enerġija, sistemi tal-IT li jappoġġaw is-servizzi tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni min-naħa tal-konsumatur.
308	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħa għal proġett (i) prijoritarju (i) biex jiġu installati	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proġett (i) prijoritarju (i) fuq is-sit web				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Għandha titnieda sejħa għal proġett (i) ta' prijorità dwar id-disinn, ix-xiri u l-installazzjoni ta' għodda mtejba għat-tbassir tat-temp. Is-sejħa għandha tirrikjedi li l-għodda għat-tbassir tat-temp tintuża biex tittejjeb il-preċiżjoni tal-istimi tal-produzzjoni

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	C10.I1b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (self)		stazzjonijiet meteoroloġiċi biex tittejjeb il-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp	uffiċjali tal-Gvern għas-sejthiet						tal-enerġija rinnovabbli dipendenti mit-temp (bħax-xemx u r-riħ). Is-sejħa għandha tid-deskrivi r-rekwiżiti ewlenin għall-istazzjonijiet meteoroloġiċi li għandhom jiġu installati. Dan għandu jirrikjedi wkoll li d-data u t-tbassir iġġenerati mill-istazzjonijiet meteoroloġiċi għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.
309	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (self)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet kollha ta' għotja dwar l-appoġġ għall-installazzjoni ta' stazzjonijiet meteoroloġiċi biex tittejjeb il-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2024	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati u jidħlu fis-seħħ għall-proġetti kollha magħżula taħt is-sejħa msemmija fl-istadju importanti 308.
310	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1b: Titjib tal-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (self)	Tal-UE	Stazzjonijiet meteoroloġiċi li qed joperaw		Għadd	0	2	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-istazzjonijiet meteoroloġiċi jitħaddmu biex itejbu l-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp. Id-data u t-tbassir iġġenerati mill-istazzjonijiet meteoroloġiċi għandhom jintużaw għall-istimi tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (solari u eolika) dipendenti mit-temp.
311	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1b: Titjib tal-	Tal-UE	Stazzjonijiet meteoroloġiċi li qed joperaw		Għadd	2	13	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	L-istazzjonijiet meteoroloġiċi jitħaddmu biex itejbu l-preċiżjoni tat-tbassir tat-temp. Id-data u t-tbassir iġġenerati mill-istazzjonijiet meteoroloġiċi għandhom jintużaw għall-istimi tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (solari u eolika) dipendenti mit-temp.

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	preċiżjoni tat-tbassir tat-temp (self)									
312	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni  C10.I1c: Miżura fuq skala akbar: Żvilupp klassiku u ta' grilji intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni (self)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet kollha ta' għotja dwar l-implimentazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' grilji ta' trażmissjoni u distribuzzjoni	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-ftehimiet kollha ta' għotja dwar l-implimentazzjoni u l-kundizzjonijiet ta' appoġġ tal-investment bejn l-organizzazzjonijiet involuti fl-investment (l-operatur awtorizzat tas-sistema ta' trażmissjoni u l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni) u l-Awtorità ta' Ġestjoni. Dawn il-ftehimiet ta' għotja għandhom iwasslu għall-ħolqien tal-kapaċità ta' integrazzjoni ta' kapaċità inkrementali ta' 426 MW ta' elettriku ġġenerat minn sorsi rinnovabbli fin-network tal-elettriku permezz ta' dan l-investment, li huwa addizzjonali għal daww i ffianzjati mill-appoġġ mhux ripagabbli taħt C10.I1c (għotjiet) fit-Taqsima J.1. u bħala parti mill-investment C6.I1. Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiddeskrivu l-investimenti ppjanati, li għandhom jinkludu l-elementi ta' żvilupp, bħall-kostruzzjoni u l-aġġornamenti tan-network b'vultaġġ għoli/medju/baxx; installazzjonijiet ġodda tas-substazzjonijiet; sostituzzjonijiet u espansjonijiet tat-trasformatur tas-substazzjoni; kostruzzjonijiet u sostituzzjoni tal-kontrolli; u l-iżviluppi fid-diġitalizzazzjoni.
313	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni  C10.I1c: Miżura fuq skala akbar: Żvilupp klassiku u ta' grilji	Tal-UE	Żieda fil-kapaċità tal-impjanti tal-enerġija li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jistgħu jiġu		MW	0	105	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Kapaċità akbar tal-grilja tal-enerġija li tintegra kapaċità addizzjonali tal-impjant tal-enerġija ta' 105 MW bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' azzjonijiet taħt dan l-investment, li huwa addizzjonali għal daww i ffianzjati mill-appoġġ mhux ripagabbli taħt C10.I1c (għotjiet) fit-Taqsima J.1. u bħala parti mill-investment C6.I1. L-awtorità

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mi ra	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni (self)		integrati mal-grilja tal-enerġija b'riżultat tat-titjib fil-grilja (kumulata, MW)							Regolatorja Ungeriża dwar l-Enerġija u l-Utilità Pubblika għandha tivverifikaha u tipprovdi rapport ta' validazzjoni bl-użu ta' metodoloġija li telabora l-azzjonijiet meħtieġa fuq il-grilja, iffinanzjati skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sabiex tiġi integrata l-enerġija prodotta minn kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli
314	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni  C10.I1c: Miżura fuq skala akbar: Żvilupp klassiku u ta' grilji intelliġenti għall-operatur tas-sistema ta' trażmissjoni u għall-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni (self)	Tal-UE	Żieda fil-kapaċità tal-impjanti tal-enerġija li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli li jistgħu jiġu integrati mal-grilja tal-enerġija b'riżultat tat-titjib fil-grilja (kumulata, MW)		MW	105	426	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Kapaċità akbar tal-grilja tal-enerġija li tintegra kapaċità addizzjonali tal-impjant tal-enerġija ta' total ta' 426 MW bl-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' azzjonijiet taħt dan l-investment, li huwa addizzjonali għal dawk iffinanzjati mill-appoġġ mhux ripagabbli taħt C10.I1c (għotjiet) fit-Taqsima J.1. u bħala parti mill-investment C6.I1. L-awtorità Regolatorja tal-Enerġija u l-Utilità Pubblika tal-Ungerija għandha tivverifikaha u tipprovdi rapport ta' validazzjoni bl-użu ta' metodoloġija li telabora l-azzjonijiet meħtieġa fuq il-grilja, iffinanzjati skont il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, sabiex tintegra l-enerġija prodotta mill-kapaċità addizzjonali tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
315	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni  C10.I1d miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (self)	Stadju importanti	Tnedija ta' sejħa għal proġetti prijoritarji indirizzati lid-DSOs għax-xiri u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti	Pubblikazzjoni tas-sejħa għal proġetti prijoritarji fuq is-sit web uffiċjali tal-Gvern għas-sejħa				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2024	Għandha titnieda sejħa (addizzjonali għall-investment C6.I5) għal proġetti prijoritarji indirizzati lill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni għax-xiri u l-installazzjoni ta' arloġġi intelliġenti, l-implimentazzjoni u l-appoġġ. Is-sejħa għandha tiddekrivi r-rekwiżiti tekniċi għall-installazzjoni tal-arloġġi intelliġenti.  L-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni għandhom jirċievu s-sussidju fi proporzjon mal-għadd ta' siti fiżiċi meħtieġa biex jiġu installati arloġġi intelliġenti

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju Importanti/Mi ra	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										fiż-żoni ġeografiċi fejn joperaw.
316	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1d miżura_fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (self)	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja kollha dwar ix-xiri u l-installazzjoni ta' miters intelliġenti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2024	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu ffirmati u jidħlu fis-seħħ għall-proġetti kollha magħżula taħt is-sejħa msemmija fl-istadju importanti 315.
317	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1d miżura_fuq skala akbar: Disseminazzjoni ta' metraġġ intelliġenti (self)	Tal-UE	Arloġġi intelliġenti li għadhom kif ġew installati		Għadd	0	52 520	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Installazzjoni ġdida ta' arloġġi tal-elettriku monofażi jew trifażi b'unità ta' konnessjoni diretta u komunikazzjoni, minbarra dawk iffinanzjati mill-appoġġ mhux ripagabbli taħt C10.I1d (għotjiet) fit-Taqsima J.1 u bħala parti mill-investment C6.I5.
318	C10.I1: L-iżvilupp tan-network tal-elettriku u d-diġitalizzazzjoni C10.I1d miżura fuq skala akbar: Disseminazzjoni tal-kejl intelliġenti	Tal-UE	Arloġġi intelliġenti li għadhom kif ġew installati		Għadd	52 520	138 098	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Installazzjoni ġdida ta' total ta' 138 098 miter tal-elettriku monofażi jew trifażi b'unità ta' konnessjoni diretta u komunikazzjoni, minbarra dawk iffinanzjati mill-appoġġ mhux ripagabbli taħt C10.I1d (għotjiet) fit-Taqsima J.1 u bħala parti mill-investment C6.I5.
319	C10.I2:	Stadju	Tnedija tas-sejħa	Pubblikazzjoni				IT-TIENI	2024	Sejħa għal proposti għall-ekoloġizzazzjoni tal-parks

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Ekoloġizzazzjoni tal-parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika għal skopijiet ta' enerġija	importanti	għal proposti għall-ekoloġizzazzjoni tal-parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika	tas-sejħa għal proposti fuq is-sit web uffiċjali għall-Fondi tal-UE tal-Gvern				TRIMES TRU TAL-1		<p>industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika għandha tiġi ppubblikata mill-Ministeru għall-Iżvilupp Reġjonali fuq is-sit web uffiċjali għall-Fondi tal-UE. It-termini ta' referenza tas-sejħa għandhom jippermettu lill-intrapriżi, lill-muniċipalitajiet, lill-assoċjazzjonijiet tan-negozju u/jew lil konsorzju ta' dawn l-entitajiet li għandhom jew li joperaw f'parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika jissottomettu applikazzjonijiet għal waħda jew aktar mill-attivitajiet appoġġati li ġejjin:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- L-iżvilupp tan-networks tal-mikrogrilja li jgħaqqdu l-unitajiet kollha tal-ġenerazzjoni, tal-ħżin u tal-utenti tal-enerġija ta' sit partikolari, jew flimkien mal-użu ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (appoġġati wkoll) jew biex il-faċilitajiet preeżistenti tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli jiġu konnessi mal-utenti;</li> <li>- L-użu ta' faċilitajiet tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli fejn diġà jeżistu n-networks tal-mikrogrilja;</li> <li>- L-iżvilupp ta' networks tat-tiżnin iffukat fuq il-pompi tas-sħana, abbażi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż ukoll l-użu tas-sħana residwa;</li> <li>- L-iżvilupp tal-ħżin tal-elettriku u tas-sħana għall-ħżin tal-enerġija rinnovabbli biss;</li> <li>- Attivitajiet biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika tal-bini u biex jiġu dekarbonizzati l-proċessi industrijali flimkien mal-attivitajiet ta' hawn fuq;</li> <li>- L-installazzjoni ta' sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, ta' invertituri, u/jew ta' ċentri ta' kontroll flimkien mal-attivitajiet ta' hawn</li> </ul>

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Miira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										fuq. Il-kriterji ta' eliġibbiltà fis-sejħa għandhom jirrikjedu li l-proġetti jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati u jeskludu ċerti attivitajiet f'konformità mal-kundizzjonijiet fid-deskrizzjoni tal-miżura. Is-sejħa għandha tirrifletti li sa 10 % biss tal-pakkett totali tal-miżura għandu jintuża għall-effiċjenza enerġetika tal-bini u għad-dekarbonizzazzjoni tal-attivitajiet tal-industrija kkombinati.
320	C10.I2: Ekoloġizzazzjoni tal-parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika għal skopijiet ta' enerġija	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja	Dħul fis-seħħ tal-ftehimiet ta' għotja				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Il-ftehimiet ta' għotja għandhom jiġu konklużi u jidħlu fis-seħħ abbażi ta' evalwazzjonijiet tekniċi tal-Kunsill tal-Parks tax-Xjenza u l-Innovazzjoni, it-Teknoloġija, l-Industrija u l-Loġistika, li jikkonmettu mill-inqas 95 % tal-pakkett totali għal din il-miżura (EUR 502 670 000).
321	C10.I2: Ekoloġizzazzjoni tal-parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika għal skopijiet ta' enerġija	Tal-UE	Kapaċità installata tas-sistemi ta' enerġija rinnovabbli		MW	0	197	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Bħala parti mill-proġetti li għalihom ġew konklużi ftehimiet ta' għotja taħt l-istadju importanti 320 hawn fuq, għandha tiġi installata 197 MW ta' kapaċità tas-sistema tal-enerġija rinnovabbli. L-iżvilupp tal-ħżin tal-elettriku u tas-sħana għall-ħżin tal-enerġija rinnovabbli b'total ta' 100 MW għandu jitlesta u jiġi konness man-networks tal-mikrogrilja.
322	C10.I2: Ekoloġizzazzjoni tal-parks industrijali, tax-xjenza u tat-teknoloġija u tal-loġistika għal skopijiet ta' enerġija	Tal-UE	Għadd ta' networks tal-mikrogrilja konnessi operazzjonalment		Għadd	0	50	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Bħala parti mill-proġetti li għalihom ġew konklużi ftehimiet ta' għotja taħt l-istadju importanti 320 hawn fuq, għandhom jiġu installati 50 network ta' mikrogrilja, kull wieħed jikkonnettja operazzjonalment il-faċilitajiet kollha tal-ġenerazzjoni tal-enerġija (inkluż mill-inqas 80 % tal-kapaċità installata tal-enerġija rinnovabbli), il-ħżin, u

Numru ta' Għadd	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju Importanti/Mi- ra	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	L-għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										I-unitajiet tal-utenti ta' park partikolari mal-utenti.
